

2020-124 REV. 2

Adottat mill-Bord tat-Tmexxija fit-30 ta' Ġunju 2020
Verżjoni lingwistika editjata

eu-LISA Rapport Annwali Konsolidat tal- Attività 2019

Werrej

Lista ta' figuri u tabelli	4
Abbrevjazzjonijiet u akronimi	5
Valutazzjoni mill-Bord tat-Tmexxija	7
Daħla	11
Sommarju eżekuttiv	13
Introduzzjoni	18
1 Il-kisbiet tas-sena	20
1.1 Għan Strateġiku 1	20
1.1.1 Ġestjoni operattiva tas-sistemi	20
1.1.2 Evoluzzjoni tas-sistemi	29
1.1.3 L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda	34
1.1.4 Interoperabbiltà	38
1.1.5 Infrastruttura u networks	40
1.1.6 Sigurtà	42
1.1.7 Protezzjoni tad-data	44
1.1.8 Rapportar u statistika	45
1.1.9 Taħriġ għall-Istati Membri	46
1.1.10 Monitoraġġ tar-riċerka u t-teknoloġija	47
1.2 Għan strateġiku 2	48
1.2.1 Ġestjoni tal-Proġetti tal-Intrapriża	48
1.2.2 Manutenzjoni u żvilupp tal-qafas tal-ITSM	50
1.2.3 Ġestjoni tal-bejjiegħa u tal-kuntratti	50
1.2.4 L-arkitettura tal-intrapriża	51
1.3 Għan strateġiku 3	51
1.3.1 Sħubiji mal-Istati Membri u mal-istituzzjonijiet tal-UE	51
1.3.2 Sħubiji ma' Aġenziji oħra tal-UE	53
1.3.3 Sħubija mal-industrija	55
1.4 Għan strateġiku 4	55
1.4.1 Programm ta' trasformazzjoni organizzattiva: eu-LISA 2.0	55
1.4.2 L-ippjanar u r-rapportar strateġiku u operazzjonali	56
1.4.3 Qafas ta' governanza	57
1.4.4 Finanzi u akkwist	58
1.4.5 Riżorsi umani	58
1.4.6 Servizzi u faċilitajiet korporattivi	59
1.4.7 Komunikazzjoni	60
1.4.8 Awditjar intern	61
2 Ġestjoni 64	
2.1 Bord tat-Tmexxija	64
2.2 Żviluppi ewlenin	64
2.2.1 eu-LISA 2.0	64
2.2.2 Leġiżlazzjoni ġdida	66
2.2.3 L-impatt tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea	66
2.3 Ġestjoni baġitarja u finanzjarja	67
2.3.1 Ġestjoni finanzjarja	67
2.3.2 Implimentazzjoni baġitarja	67
2.3.3 Proċeduri ta' akkwist	72

2.4	Ġestjoni tar-Riżorsi Umani	72
2.4.1	Ir-reklutaġġ	72
2.4.2	Tagħlim u żvilupp	73
2.4.3	Pjan ta' stabbiliment u għadd ta' ħaddiema	74
2.5	Valutazzjoni tar-riżultati tal-awditjar u tal-evalwazzjoni <i>ex post</i>	78
2.5.1	Servizz tal-Awditjar Intern (IAS)	78
2.5.2	Kapaċità tal-Awditjar Intern (IAC)	79
2.5.3	Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA)	80
2.6	Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet u l-pjanijiet ta' azzjoni għall-awditi	80
2.7	Segwitu tal-osservazzjonijiet mill-awtorità tal-kwittanza	82
2.8	Valutazzjoni mill-maniġment	88
2.9	Evalwazzjonijiet esterni	88
3	Valutazzjoni tal-effettività tal-qafas ta' kontroll intern (QKI).....	90
3.1	L-effettività tal-QKI	90
3.1.1	Il-metodoloġija użata biex tiġi vvalutata l-effettività tal-QKI	90
3.1.2	Ir-riżultati tal-valutazzjoni tal-effettività tal-QKI	90
3.1.3	Riskji korporattivi kbar matul il-perjodu ta' rapportar	94
3.1.4	Rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Istrateġija Kontra l-Frodi	96
3.2	Konklużjonijiet tal-valutazzjoni tal-effettività tal-QKI	97
3.3	Dikjarazzjoni mill-Maniġer responsabbli għall-Ġestjoni tar-Riskju u l-Kontroll Intern	97
4	Assigurazzjoni tal-maniġment	98
4.1	Rieżami tal-elementi li jappoġġaw l-assigurazzjoni	98
4.2	Riżervi	99
5	Dikjarazzjoni ta' assicurazzjoni.....	100
Anness I	Indikaturi korporattivi ewlenin tal-prestazzjoni	101
Anness II	Statistika dwar il-ġestjoni finanzjarja	104
Anness III	Organigrama	107
Anness IV	Pjan ta' Stabbiliment	108
Anness V	Riżorsi umani u finanzjarji skont l-attività	111
Anness VI	Lista ta' sessjonijiet ta' taħriġ mogħtija lill-Istati Membri.....	116
Anness VII	Kontijiet finanzjarji	117
Anness VIII	Attivitajiet u indikaturi annwali.....	119
Anness IX	Rapport dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti.....	131

Lista ta' figuri u tabelli

Lista ta' figuri

Figura 1: Numru medju ta' tfittxijiet u hits fis-SIS II kuljum (2014-2019)	21
Figura 2: Statistika ewlenija tal-2019 għas-SIS II.....	22
Figura 3: Numru ta' tfittxijiet fis-SIS II fis-sena (f'biljuni, 2014-2019).....	22
Figura 4: Numru ta' operazzjonijiet tal-VIS fis-sena (2012-2019).....	23
Figura 5: Numru ta' applikazzjonijiet għal viża fis-sena (2012-2019).....	23
Figura 6: Statistika ewlenija tal-2019 għall-VIS/BMS	23
Figura 7: <i>Data</i> tal-Eurodac trażmessa kull sena (2012-2019)	24
Figura 8: L-istatistika ewlenija tal-2019 għall-Eurodac.....	25
Figura 9: Tqassim skont il-kategorija tas-settijiet tad- <i>data</i> mibgħuta lis-sistema ċentrali tal-Eurodac fl-2019	25
Figura 10: Is-Soluzzjoni Unika ta' Monitoraġġ Integrat li ġiet użata fi Strasburgu	27
Grafika 11: eu-LISA 2.0 - L-iskeda ta' żmien tal-istadji importanti	65
Figura 12: Konsum ta' approprjazzjonijiet ta' impenn C1.....	69
Figura 13: Xejriet fil-konsum tal-fondi impenjati u bbaġitjati	69
Figura 14: Approprjazzjonijiet ta' impenn eżegwiti tat- <i>Titolu 3</i> (miljuni ta' EUR).....	69
Figura 15: Konsum tal-approprjazzjonijiet ta' pagament C1	71
Figura 16: Xejriet fil-konsum tal-fondi mħallsa u bbaġitjati	71
Figura 17: Approprjazzjonijiet ta' pagament eżegwiti tat- <i>Titolu 3</i> (miljuni ta' EUR)	71
Figura 18: Pagamenti fi ħdan limitu ta' żmien ta' 30 jum	72
Figura 19: Pagamenti fi ħdan limitu ta' żmien ta' 60 jum.....	72
Figura 20: Distribuzzjoni tal-persunal bejn is-siti (għadd u sehem tal-persunal totali)	75
Figura 21: L-għadd ta'jiem ta' ħin flessibbli, xogħol stand-by u kumpens tas-sahra fl-2019, għal kull sit	76

Lista ta' tabelli

Tabella 1: Numru ta' inċidenti u talbiet għal servizz ittrattati fl-2019.....	26
Tabella 2 Tqassim tal-inċidenti skont il-prijorità u s-sistema	26
Tabella 3: Status ta' implimentazzjoni tal-eżerċizzji dwar is-sigurtà - rakkomandazzjonijiet	43
Tabella 4: Indikaturi tal-prestazzjoni tal-IAC għall-2019.....	62
Tabella 5: Approprjazzjonijiet ta' impenn (ammonti f'miljuni ta' EUR)	67
Tabella 6: Approprjazzjonijiet ta' impenn għal kompiti ġodds (f'miljuni ta' EUR)	67
Tabella 7: Tqassim tal-baġit emendatorju tal-2019 (f'miljuni ta' EUR)	68
Tabella 8: Tqassim tar-riport tal-2019 (f'miljuni ta' EUR).....	68
Tabella 9: Diżimpenji tal-impenji baġitarji fl-2019 skont is-sena tal-oriġini (f'miljuni ta' EUR).....	70
Tabella 10: Diżimpenji ta' impenji globali għall-2019 (L1) (ammonti f'miljuni ta' EUR).....	70
Tabella 11: Volum ta' kuntratti (2014-2019)	72
Tabella 12: Distribuzzjoni tal-persunal skont is-siti u t-tipi ta' kuntratti	75
Tabella 13: Tqassim tal-liv kumpensatorju skont it-tip ta' liv u l-grad tal-persunal	78
Tabella 14: Status tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar	81
Tabella 15: Il-bilanċ bejn il-ġeneri tal-persunal tal-Aġenzija	84
Tabella 16: Status ta' implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet mill-evalwazzjoni tal-Aġenzija	89
Tabella 17: Riskji korporattivi kbar	94

Abbrevjazzjonijiet u akronimi

AFIS	Sistema Awtomatizzata għall-Identifikazzjoni tal-Marki tas-Swaba'
AG	Grupp Konsultattiv
ARES	Sistema Avanzata ta' Rekords
BCU	Unità Ċentrali ta' Backup (ċentru ta' backup f'St Johann im Pongau)
BĠP	Bord ta' Ġestjoni tal-Programm
BMS	Sistema ta' Tqabbil Bijometriku
CA	Aġent Kuntrattwali
CAAR	Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività
CEPOL	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi
CIR	Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità
CRRS	Repożitorju Ċentrali għar-Rapportar u għall-Istatistika
CSI	Infrastruttura Kondiviża Komuni
CS-SIS	Sistema Ċentrali tas-SIS II
DAPIX	Grupp ta' Ħidma dwar il-Protezzjoni tad-Data
DĠ DIGIT	Direttorat Ġenerali għall-Informatika
DĠ HOME	Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni
DĠ JUST	Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi
DubliNet	Network ta' Komunikazzjoni għall-Eurodac
EASO	Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil
ECRIS-TCN	Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali — Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi
ED	Direttur Eżekuttiv tal-eu-LISA
EDPS	Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data
EES	Sistema ta' Dħul/Ħruġ
EMPACT	Pjattaforma Multidixiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali
ENISA	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà
EPMO	Uffiċċju għall-Ġestjoni tal-Proġetti ta' Intrapriża
ESP	Portal Ewropew tat-Tfittxija
ETIAS	Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-lvvgagġar
eu-LISA	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja
Eurodac	Sistema Ewropea għat-Tqabbil ta' data Dattiloskopika ta' Persuni li Jfittxu l-Ażil
Eurojust	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali
Europol	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi
FG	Grupp ta' Funzjonijiet
FLS	Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz
Frontex	Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta
FTE	Ekwivalenti għall-Full Time
ĠAI	Ġustizzja u Affarijiet Interni
ĠU	Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea
HR	Riżorsi Umani
IA	Valutazzjoni tal-Impatt
IAC	Kapaċità tal-Awditjar Intern

IAS	Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea
ICAO	Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali
ICD	Dokument ta' Kontroll tal-Interface
ICT	Teknoloġija tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni
IO	Interoperabbiltà
IT	Teknoloġija tal-Infommazzjoni
ITIL	Librerija tal-Infrastruttura tal-IT
ITSM	Ġestjoni tas-Servizzi tal-IT
KPI	Indikatur Ewlieni tal-Prestazzjoni
MB	Bord tat-Tmexxija
MID	Detettur ta' Identitajiet Multipli
MRMIC	Maniġer responsabbli għall-Ġestjoni tar-Riskju u l-Kontroll Intern
MWO	Manteniment f'Kundizzjoni Funzjonali
NUI	Interfaċċa Nazjonali Uniformi
PD (SPD ukoll)	Dokument ta' Programmazzjoni (ukoll Dokument ta' Programmazzjoni Uniku)
QEA	Qorti Ewropea tal-Awdituri
QFP	Qafas finanzjarju pluriennali
QKI	Qafas ta' Kontroll Intern
sBMS	Servizz Kondiviż ta' Tqabbil Bijometriku
SiMs	Soluzzjoni Unika ta' Monitoraġġ Integrata
SIRENE	Talba għal Informazzjoni Supplementari fil-Punti ta' Dħul Nazjonali
SIS	Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen
SIS II	Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni
SM	Stati Membri
SNE	Espert Nazjonali Sekondat
SPoC	Punt Uniku ta' Kuntatt
TA	Aġent Temporanju
TAP	Punt ta' Aċċess għat-Turnkey
TEF	Qafas tal-Inġinerija Trasversali
TESTA-ng	Servizzi Trans-Ewropej tat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet — ġenerazzjoni ġdida
TTS	Speċifikazzjonijiet Tekniċi tal-Offerti
UE	Unjoni Ewropea
UPD	Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data
VIS	Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża
WAN	Network fuq Żona Wiesgħa
WP	Pakkett tax-Xogħol

Valutazzjoni mill-Bord tat-Tmexxija

Il-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja analizza u vvaluta r-Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività tal-Aġenzija dwar il-kisbiet u r-riżultati għall-2019. Il-Bord jirrikonoxxi l-prestazzjoni tal-Aġenzija u jinnota l-osservazzjonijiet li ġejjin.

Osservazzjonijiet ġenerali

Il-Bord tat-Tmexxija:

- iqis li fl-2019 l-eu-LISA laħqet l-oġġettivi tagħha kif stabbiliti fir-regolament ta' stabbiliment tal-Aġenzija, imxiet 'il quddiem lejn l-għanijiet u l-oġġettivi stabbiliti fl-istrateġija fit-tul tal-Aġenzija għall-perjodu 2018-2022 u kisbet ir-riżultati definiti fil-programm ta' ħidma annwali tal-2019 inklużi fid-Dokument ta' Programmazzjoni tal-Aġenzija għall-perjodu 2019-2021, kemm f'termini ta' eżiti kif ukoll ta' prestazzjoni;
- jirrikonoxxi l-kontribut qawwi tal-eu-LISA għall-funzjonament taż-żona Schengen, għal-libertà tal-moviment u għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja;
- jenfasizza l-isfidi ffaċċjati mill-Aġenzija fl-2019, bl-implimentazzjoni tar-regolament ġdid ta' stabbiliment tagħha, it-trasformazzjoni organizzattiva tagħha u, b'mod parallel, l-iżvilupp tal-EES, l-ETIAS, l-ECRIS-TCN u tal-komponenti tal-interoperabbiltà; Il-Bord jinnota b'sodisfazzjon li l-Aġenzija xorta waħda żammet il-livell ta' servizz meħtieġ fir-rigward tal-Istati Membri fil-ġestjoni operattiva tas-SIS, il-VIS/BMS u l-Eurodac u fl-istess ħin għamlet progress sostanzjali fl-implimentazzjoni tal-inizjattivi l-ġodda fdati lilha;
- jirrikonoxxi li fl-2019 l-Aġenzija kibret b'mod sinifikanti f'termini tal-għadd ta' persunal, il-baġit u l-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet, jilqa' l-introduzzjoni b'suċċess tal-programm ta' trasformazzjoni tal-eu-LISA 2.0 u jinnota li l-Aġenzija qed timmaniġġja l-bidla b'aġilità, livell għoli ta' kontroll u impenn mill-maniġers u l-persunal;
- jirrikonoxxi li, minbarra li rnexxielha twettaq l-attivitajiet tagħha b'suċċess fl-2019, l-Aġenzija wriet aġilità u flessibilità matul is-sena, u affaċċjat sfidi konsiderevoli bin-numru ta' inizjattivi ġodda ewlenin li qed jiġu implimentati b'mod parallel (EES, ETIAS, Interoperabbiltà, Riformulazzjoni tas-SIS, ECRIS-TCN) u t-trasformazzjoni organizzattiva li għaddejjja bħalissa, fir-rigward tal-aħjar użu tar-riżorsi umani u finanzjarji disponibbli;
- jirrikonoxxi r-rata baxxa tad-dawran tal-impjegati tal-Aġenzija u jenfasizza l-ħtieġa biex l-eu-LISA tkompli bl-isforzi ta' min ifaħħarhom tagħha sabiex tiżgura ż-żamma tal-persunal u l-iżvilupp professjonali fl-Aġenzija;
- jenfasizza l-ħtieġa li l-Aġenzija tkabbar il-kapaċità tal-faċilitajiet tagħha fi Strasburgu biex takkomoda r-riżorsi umani u tekniċi addizzjonali meħtieġa fis-snin li ġejjin;
- fid-dawl tan-negozjati tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) ġdid għall-perjodu 2021-2027, jesprimi t-tħassib tiegħu dwar ir-riskju li l-Aġenzija forsi ma tkunx kapaċi tiggarrantixxi d-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni tas-sistemi taħt il-ġestjoni tagħha u l-implimentazzjoni f'waqtha tal-kompiti l-ġodda fdati lilha, jekk ir-riżorsi finanzjarji allokatu ma jkunux biżżejjed;
- jirrikonoxxi l-progress tal-Aġenzija fl-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Kontroll Intern il-ġdid tagħha u fit-tkabbar tal-kapaċitajiet tagħha għall-ġestjoni tar-riskju, il-ġestjoni tal-kwalità, il-ġestjoni tal-kuntratti u tal-bejjiegħa u l-ġestjoni tal-programm u tal-portafoll;



Zsolt Szolnoki, President tal-Bord tat-Tmexxija

Kreditur: Zsolt Szolnoki

- jirrikonoxxi l-isforzi tal-Aġenzija fil-monitoraġġ sistematiku u regolari u s s-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar, u l-progress li sar fl-implimentazzjoni tagħhom;
- jinnota b'sodisfazzjon ir-rilaxx mogħti mill-Parlament Ewropew għas-sena baġitarja 2018.

Osservazzjonijiet dwar il-kisbiet operattivi tal-Aġenzija

Il-Bord tat-Tmexxija:

- jirrikonoxxi li l-Aġenzija żgurat b'suċċess id-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni tas-SIS, tal-VIS/BMS u tal-Eurodac;
- iqis li l-azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija għall-ġestjoni tas-SIS, tal-VIS/BMS u tal-Eurodac huma adegwati għall-mandat tagħha u kkontribwew b'suċċess għat-twettiq tal-kompiti stabbiliti fl-istrumenti legali tas-sistemi;
- jifraħ lill-Aġenzija dwar il-kapaċità tagħha li ttejjeb b'mod kontinwu l-operazzjonijiet tagħha, kif muri mir-riżultati pożittivi tal-istħarriġ dwar is-sodisfazzjon tal-partijiet ikkonċernati;
- jinnota b'sodisfazzjon il-progress f'waqtu li sar mill-eu-LISA fl-implimentazzjoni tar-Regolament ta' Riformulazzjoni tas-SIS;
- jenfasizza l-importanza tas-Sistema Awtomatizzata għall-Identifikazzjoni tal-Marki tas-Swaba' (AFIS) għas-SIS, u jinnota l-progress li għamlet l-Aġenzija fl-implimentazzjoni tat-tieni fażi tal-proġett;
- jilqa' b'sodisfazzjon l-użu b'suċċess tal-aħħar skjeramenti tas-sistemi, b'mod partikolari għas-SIS, li jipprovdi lill-Europol, lill-Eurojust u lill-Frontex b'aċċess għall-allerti tas-SIS, u ż-żieda fil-kapaċità tal-bażi tad-*data* tal-VIS għal 100 miljun rekord;
- jinnota b'dispaċir id-dewmien sostanzjali fl-adozzjoni tar-Regolament ta' Riformulazzjoni tal-Eurodac li waqqaf lill-Aġenzija milli timplimenta l-evoluzzjonijiet sostanzjali tas-sistema meħtieġa biex tiżded l-effiċjenza tagħha, u wassal għat-telf sħiħ tal-allokazzjoni għall-implimentazzjoni tal-Baġit riformulat;
- jirrikonoxxi li l-eu-LISA ssodisfat bis-sħiħ l-aspettattivi tal-partijiet ikkonċernati tagħha li tipprovdi tmexxija b'saħħitha u konsistenti fl-implimentazzjoni tal-EES u tal-ETIAS;
- jenfasizza l-importanza kbira tal-EES u l-ETIAS għat-tisħiħ tal-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà interna fl-UE, jesprimi s-sodisfazzjon kbir tiegħu għall-progress sostanzjali fl-2019 bl-implimentazzjoni tagħhom u jħeġġeġ lill-Aġenzija tkompli bl-isforzi tagħha lejn l-implimentazzjoni sħiħa tas-sistemi, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-korpi ta' governanza tal-EES u tal-ETIAS, l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE;
- jenfasizza l-importanza kbira tal-implimentazzjoni f'waqtha tar-regolamenti dwar l-Interoperabbiltà u tar-regolament ECRIS-TCN u jirrikonoxxi l-progress sostanzjali li sar mill-Aġenzija fl-iżvilupp tas-sistemi u l-komponenti meħtieġa, b'mod partikolari bl-istabbiliment tal-korpi ta' governanza meħtieġa;
- jilqa' l-iżvilupp ulterjuri tal-kapaċitajiet interni tal-Aġenzija fir-rigward tal-ippjanar tal-baġit u tal-ġestjoni proattiva tal-eżekuzzjoni baġitarja biex tiġi żgurata ġestjoni tajba tar-riżorsi finanzjarji tal-Aġenzija u jirrikonoxxi li l-livelli ta' eżekuzzjoni ġenerali tal-impenji u l-pagamenti kienu ta' 99.7 % u 99.3 %, rispettivament, meta mqabbla ma' mira ta' 95 %;
- jinnota b'sodisfazzjon l-approċċ strutturat meħud mill-Aġenzija għall-implimentazzjoni tal-programm ta' trasformazzjoni intern tagħha u l-importanza tal-implimentazzjoni b'suċċess tiegħu għas-suċċess fit-tul tal-Aġenzija;
- jesprimi sodisfazzjon għall-funzjonament effiċjenti tas-sistema ta' kontroll intern tal-Aġenzija, kif rikonoxxut fl-awditi esterni u interni regolari.

Valutazzjoni tal-ġestjoni tal-Aġenzija

Il-Bord tat-Tmexxija, filwaqt li jirrikonoxxi r-riżultati li kisbet l-Aġenzija fl-2019 u fid-dawl tal-eżiti pożittivi tal-awditi interni u esterni mwettqa matul is-sena, jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu għall-kwalità tal-ġestjoni tal-Aġenzija fl-2019.

Varjazzjonijiet fl-użu tar-riżorsi umani u finanzjarji meta mqabbla mal-pjan ta' ħidma annwali

Il-Bord tat-Tmexxija:

- iqis li dan ir-rapport jipprovi assigurazzjoni suffiċjenti li r-riżorsi (persunal u baġit) jintużaw mill-Aġenzija f'konformità mal-iskop maħsub tagħhom kif stabbilit fil-Programm ta' Ħidma Annwali tal-2019 inkluż fid-Dokument ta' Programmazzjoni 2019-2021;
- iqis li l-varjazzjonijiet fl-użu tar-riżorsi mhumiex sinifikanti u huma ġġustifikati, fid-dawl tar-riżultati li kisbet l-Aġenzija u l-eżiti tal-awditi li twettqu matul is-sena;
- jenfasizza l-importanza li jinkiseb bilanċ tajjeb bejn ir-riżorsi umani u finanzjarji allokatil lill-Aġenzija fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss 2021-2027 u l-kompiti assenjati lilha.

Indikaturi tal-prestazzjoni

Il-Bord tat-Tmexxija jirrikonoxxi l-livelli tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni tal-Aġenzija għall-2019.

Ambjent ta' riskju u kontroll

Il-Bord tat-Tmexxija:

- jirrikonoxxi li l-kontrolli interni tal-Aġenzija kienu effettivi, meta wieħed iqis ir-riżultati li kisbet l-Aġenzija u r-riżultati tal-awditi interni u esterni;
- jilqa' l-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Kontroll Intern il-ġdid, jieħu nota tal-ewwel rapport dwar l-implimentazzjoni tiegħu u jistieden lill-Aġenzija biex tkompli bl-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-QKI;
- jilqa' l-ħatra tal-Maniġer inkarigat mill-ġestjoni tar-riskju u l-kontroll intern;
- jirrikonoxxi li r-riskji ewlenin għall-organizzazzjoni, li setgħu pperikolaw it-twettiq tal-kompiti stabbiliti fid-Dokument ta' Programmazzjoni 2019-2021, ġew identifikati u vvalutati u ġew implimentati pjanijiet ta' rispons adegwati;
- iqis li l-Aġenzija ħadet miżuri xierqa biex timmaniġġja dawn ir-riskji u twaqqafhom milli jinbidlu fi kwistjonijiet li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv l-attivitajiet tagħha.

Rakkomandazzjonijiet

Fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta f'dan ir-rapport, il-Bord tat-Tmexxija jhegġegħ lill-Aġenzija sabiex, fl-2020:

- twettaq l-obbligi kollha li jirriżultaw mill-mandat tagħha, b'effiċjenza u effettività sostnuti;
- tkompli l-implimentazzjoni tal-EES, l-ETIAS u ta' komponenti tal-interoperabbiltà mingħajr dewmien, u tistabbilixxi sinerġiji fl-użu ta' riżorsi umani u finanzjarji allokatil, fejn possibbli;
- tipproċedi bil-proġett ta' estensjoni tas-sit tekniku tal-Aġenzija fi Strasburgu, kemm f'termini ta' spazju tal-uffiċċji kif ukoll f'ċentru tad-data;
- tipproċedi bl-implimentazzjoni tar-Regolamenti ta' Riformulazzjoni tas-SIS;

- tipproċedi bl-implimentazzjoni tal-ECRIS-TCN;
- tkompli l-kollaborazzjoni mill-qrib tagħha mal-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea u l-Aġenziji rilevanti tal-UE biex tiżgura l-implimentazzjoni f'waqtha tas-sistemi l-ġodda u l-komponenti tal-interoperabbiltà;
- tiffinalizza r-reklutaġġ għall-karigi kollha pprovduti fil-pjan ta' stabbiliment tal-Aġenzija mingħajr dewmien;
- tkompli tevolvi u ssaħħaħ il-qafas ta' governanza korporattiva, b'attenzjoni partikolari fuq il-ġestjoni tal-portafoll u tal-programm, il-ġestjoni tal-kuntratti u tal-bejjiegħa u l-ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività;
- tiffinalizza mingħajr dewmien l-iżvilupp tal-istrateġija dwar il-forniment tal-Aġenzija;
- timplimenta s-sett aġġornat ta' KPI korporattiv biex jirrifletti l-evoluzzjoni tal-organizzazzjoni tal-eu-LISA.

Valutazzjoni tal-assigurazzjonijiet u r-riżervi maħruġa mill-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni

Il-Bord tat-Tmexxija jqis li hemm fis-seħħ miżuri xierqa u adatti biex jiġu indirizzati l-punti dgħajfa identifikati fil-ġestjoni u fil-kontroll.

Konklużjoni

Il-Bord tat-Tmexxija huwa sodisfatt ħafna bil-prestazzjoni ġenerali tal-eu-LISA fl-2019 u bil-kisbiet tal-Aġenzija matul is-sena. Dawn huma konformi mal-għanijiet u l-oġġettivi stabbiliti fil-Programm ta' Ħidma Annwali tal-2019 tagħha. Il-Bord tat-Tmexxija huwa sodisfatt ukoll bil-livell u l-adegwatezza tal-użu tar-riżorsi umani u finanzjarji disponibbli. Il-Bord jenfasizza li l-persjoni konsiderevoli tax-xogħol għadha sors ta' tħassib, speċjalment fil-funzjonijiet orizzontali u ta' bejn l-organizzazzjonijiet.

Il-Bord tat-Tmexxija jistieden lill-Aġenzija biex tkompli l-isforzi tagħha ta' min ifaħħarhom fl-implimentazzjoni tal-inizjattivi l-ġodda fdati lilha, jiġifieri l-EES, l-ETIAS, l-Interoperabbiltà u l-ECRIS-TCN, kif ukoll ir-riformulazzjonijiet tal-istrumenti legali li jirregolaw is-sistemi eżistenti. Fl-istess ħin, il-Bord jirrikonoxxi l-interdipendenzi bejn il-ħidma tal-Aġenzija fil-livell ċentrali u dik tal-Istati Membri fil-livell nazzjonali, u jistieden lill-eu-LISA biex tkompli l-kooperazzjoni mill-qrib u effiċjenti tagħha magħhom u lill-Kummissjoni Ewropea biex tiżgura s-suċċess finali tal-implimentazzjoni tas-sistemi l-ġodda.

Il-Bord tat-Tmexxija jirrikonoxxi l-importanza strateġika tat-tieni estensjoni tas-sit tekniku tal-Aġenzija fi Strasburgu sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati għall-persunal tal-Aġenzija u għall-kuntratturi fuq il-post. Jeħtieġ ukoll li jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed kapacià fiċ-ċentru tad-*data* biex jintużaw u jiġu ġestiti s-sistemi l-ġodda u eżistenti b'mod effiċjenti u sostenibbli, filwaqt li jkomplu jiġu ggarantiti d-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni u l-evoluzzjoni f'waqtha tas-sistemi eżistenti. Il-Bord jistieden lill-Aġenzija biex tkompli b'dan il-proġett mingħajr dewmien.

Il-Bord tat-Tmexxija jesprimi l-apprezzament tiegħu lid-Direttur Eżekuttiv u lill-maniġment u l-persunal tal-Aġenzija għall-impenn u l-kisbiet tagħhom matul is-sena, u jixtieq jirringrazzjahom għall-kollaborazzjoni professjonali u ġeneruża tagħhom.

Zsolt Szolnoki, President tal-Bord tat-Tmexxija

Daħla

Kreditur: Aigarr Luešti



Krum Garkov, Direttur Eżekuttiv tal-eu-LISA

Il-moviment liberu tal-persuni huwa wieħed mis-simboli tanġibbli tal-integrazzjoni Ewropea. Madankollu, qed jiġi ttestjat meta nkiteb dan ir-rapport f'April 2020. L-UE, bħall-bqija tad-dinja, kważi waqfet wara l-pandemija tal-COVID-19. Ġew introdotti restrizzjonijiet temporanji u miżuri protettivi u dawn irrestrinġew il-moviment liberu tal-persuni fiż-żona Schengen u madwar il-fruntieri esterni tal-UE. Din il-kriżi kellha impatt fuq iċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet kollha fl-UE, inkluż l-eu-LISA. Madankollu, billi tirrikonoxxi bis-sħiħ l-importanza tas-servizzi tagħha għaż-żona Schengen, l-Aġenzija, uriet il-livelli għolja ta' aġilità u reżiljenza tagħha biex tkun tista' ssostni l-operazzjonijiet tagħha. L-eu-LISA saret parti integrali mill-arkitettura ta' Schengen u dan huwa prinċipalment dovut għat-tim b'saħħtu u impenjat tal-eu-LISA. Fi żmien ta' kriżi, is-servizzi tal-Aġenzija huma essenzjali biex l-UE tiffunzjona b'mod normali u tkompli tipprovdi l-livelli meħtieġa ta' protezzjoni u sigurtà liċ-ċittadini tagħha.

Iżda l-kisbiet reali jitkejlu fit-tul. It-tagħlim mill-progress li sar fil-passat biex jinkisbu l-għanijiet stabbiliti għall-futur jgħin lill-organizzazzjonijiet biex iżommu l-attenzjoni u d-direzzjoni tagħhom, b'mod partikolari fi żminijiet ta' inċertezza. Huwa f'dan il-kuntest li l-Aġenzija tippreżenta l-kisbiet tagħha għall-2019, u l-progress tagħha lejn it-twettiq tal-attivitajiet annwali u l-għanijiet tagħha fit-tul.

L-2019 kienet sena importanti u ta' suċċess għall-eu-LISA. L-ewwel nett, kienet l-ewwel sena sħiħa ta' implimentazzjoni tal-mandat il-ġdid tal-Aġenzija, u ta' responsabbiltajiet ġodda u riżorsi addizzjonali. L-attivitajiet annwali tal-eu-LISA nbnew madwar tliet prijoritajiet:

- 1) Li tibqa' ffukata fuq l-operazzjonijiet ewlenin tagħha, filwaqt li tqis l-importanza tas-sistemi fdati lill-Aġenzija għas-sigurtà interna, il-ġestjoni tal-fruntieri u tal-migrazzjoni fl-UE;
- 2) Li tkompli bl-implimentazzjoni tal-kompiti l-ġodda fdati lill-Aġenzija (jiġifieri l-iżvilupp tal-EES, l-ETIAS, l-interoperabbiltà u l-ECRIS-TCN).
- 3) Li tkompli bit-trasformazzjoni organizzattiva li hija l-katalizzatur għas-suċċess tal-Aġenzija fit-tul.

L-evoluzzjoni tal-prijoritajiet politiċi fil-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni matul is-sena, flimkien man-numru kbir ta' attivitajiet li qed jitwettqu b'mod parallel u l-aspettattivi għoljin tal-partijiet ikkonċernati tal-Aġenzija, ħolqu ambjent operattiv kumpless ħafna u ta' sfida għall-eu-LISA. Madankollu, ninsab fiduċjuż li dan ir-rapport jipprovdi evidenza soda li l-eu-LISA kienet ta' suċċess fl-indirizzar ta' dawn l-isfidi. Uħud mis-suċċessi kienu jinkludu dawn li ġejjin, fost l-oħrajn:

- L-Aġenzija żgurat id-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni lill-Istati Membri u lill-Aġenziji rilevanti tal-UE tas-sistemi fdati lilha.
- Sar progress sostanzjali fil-kompiti l-ġodda fdati lill-Aġenzija. L-iżvilupp tal-EES beda f'Mejju u sar progress konsiderevoli fil-ħidma preparatorja għall-implimentazzjoni tal-ETIAS, l-interoperabbiltà u l-ECRIS-TCN.
- L-Aġenzija kisbet l-istadji ewlenin ippjanati għall-2019 fil-programm ta' trasformazzjoni tagħha.
- L-eu-LISA wriet ruħha bħala s-sieħeb fdat u l-konsulent għall-istituzzjonijiet tal-UE, u kienet involuta f'ħafna laqgħat f'livelli differenti.
- Il-kooperazzjoni mal-Aġenziji l-oħra tal-ĠAI ġiet żviluppata aktar fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-EES u l-ETIAS.

Dawn il-kisbiet jipprovdu assigurazzjoni lill-partijiet ikkonċernati tal-Aġenzija dwar il-kapaċità tagħha li tilħaq l-għanijiet tagħha, u jservu bħala bażi soda għas-suċċess tagħha fil-ġejjieni. Madankollu, dan kollu ma nkisibx f'iżolament. Għalhekk nixtieq nieħu din l-opportunità biex niringrazzja lill-Istati Membri, u b'mod partikolari l-gvernijiet tal-pajjiżi li

qed jospitaw is-siti tal-Aġenzija, il-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-Aġenziji tal-UE sħab tagħna għall-appoġġ kontinwu u l-kooperazzjoni kostruttiva tagħhom matul is-sena. Nixtieq niringrazzja wkoll lill-membri kollha tat-tim eu-LISA għad-dedikazzjoni u l-ħidma intensiva tagħhom fl-2019 fit-twettiq tal-oġettivi tal-Aġenzija u fl-ilħuq tal-aspettattivi tal-partijiet ikkonċernati tagħha.

Is-sena d-dieħla (2020) u dawk ta' warajha mhux se jkunu inqas impenjattivi mill-2019. L-Aġenzija se tkompli topera f'ambjent ferm impenjattiv u dinamiku. Madankollu, jista' jiġi assigurat li, irrispettivament mill-isfidi u ċ-ċirkostanzi, l-eu-LISA se żżomm l-għan tagħha quddiem għajnejha: li tikkontribwixxi għall-isforzi tal-Istati Membri permezz tas-servizzi tagħha biex l-Ewropa ssir aktar sikura u aktar b'saħħitha. Biex tinexxi f'dan l-isforz, l-Aġenzija se żżomm lill-partijiet ikkonċernati tagħna u l-ħtiġijiet tagħhom fil-qalba ta' dak kollu li tagħmel, billi tiżgura li twassal is-servizzi tagħha lill-partijiet ikkonċernati b'mod effiċjenti, b'passjoni għall-eċċellenza, b'aġilità, bi flessibilità u b'impenn.

Krum Garkov, Direttur Eżekuttiv

Sommarju eżekuttiv

Ir-Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività (CAAR) 2019 jagħti ħarsa ġenerali strutturata lejn l-attivitajiet imwettqa u l-oġġettivi miksuba fl-2019 mill-eu-LISA. Skont ir-regolament ta' stabbiliment tal-eu-LISA, il-CAAR jiġi vvalutat mill-Bord tat-Tmexxija wara konsultazzjoni mal-Gruppi Konsultattivi, b'mod partikolari billi jitqabblu r-riżultati miksuba mal-oġġettivi stabbiliti fil-Programm ta' Ħidma Annwali tal-2019 inklużi fid-Dokument ta' Programmazzjoni għall-2019-2021. Il-CAAR għandu jiġi adottat mill-Bord tat-Tmexxija, mibgħut sal-1 ta' Lulju ta' kull sena lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u jiġi ppubblikat.

Il-kisbiet tal-2019 tal-eu-LISA reġgħu wrew li l-Aġenzija hija sieħba b'saħħitha u affidabbli fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarjiet Interni, bi struttura u operazzjonijiet sodi u persunal bi kwalifiki għoljin. Matul is-sena, l-eu-LISA wriet li hija element indispensabbli tal-arkitektura ta' Schengen u l-faċilitatur ta' wieħed mid-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-UE – il-libertà ta' moviment. Matul is-sena, l-Aġenzija marret tajjeb u, minkejja l-isfidi li kellha quddiemha, irnexxielha tilħaq l-oġġettivi tagħha.

F'ambjent li qed jinbidel malajr, is-sitwazzjoni volatili barra mill-fruntieri tal-UE, it-terroriżmu internazzjonali u l-kriminalità transkonfinali qed ikomplu joħolqu sfidi sinifikanti għas-sigurtà interna, l-infurzar tal-liġi u l-ġestjoni tal-fruntieri fl-UE. L-eu-LISA tinsab għas-servizz taċ-ċittadini Ewropej u bil-ħidma tagħha fl-2019 wriet li hija fundamentali għal dawn l-isfidi fir-rispons tal-UE.

L-evoluzzjoni tal-qafas legali

Is-sena 2019 gābet bidliet sinifikanti fl-ambjent legali li fih topera l-eu-LISA.

Fl-11 ta' Diċembru 2018, daħal fis-seħħ ir-regolament ta' stabbiliment¹ ġdid tal-eu-LISA. Bit-tiħiħ tal-mandat tagħha, l-Aġenzija issa għandha responsabbiltajiet akbar relatati mat-tfassil, l-iżvilupp, l-interoperabbiltà u l-ġestjoni operattiva ta' sistemi eżistenti u ġodda fil-qasam tas-sigurtà, il-ġestjoni tal-fruntieri, il-migrazzjoni u l-ażil. Il-mandat il-ġdid iwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tax-xogħol tal-Aġenzija, billi jipprovdiha bi rwol akbar fil-qasam tar-riċerka, l-assigurazzjoni tal-kwalità tad-*data* fis-sistemi, kif ukoll proġetti pilota, provi tal-kunċett u attivitajiet ta' ttestjar relatati direttament mal-mandat tagħha.

Tliet regolamenti ġodda li għandhom l-għan li jsaħħu aktar is-SIS daħlu fis-seħħ fl-28 ta' Diċembru 2018. Il-qafas legali rivedut huwa mmirat ukoll lejn l-iżgurar tal-interoperabbiltà sħiħa tas-SIS ma' sistemi oħra tal-UE għall-migrazzjoni, il-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà.

Fl-11 ta' Ġunju 2019, daħal fis-seħħ ir-Regolament tal-ECRIS-TCN. L-eu-LISA hija responsabbli għall-iżvilupp u l-ġestjoni operattiva tal-ECRIS-TCN, l-ewwel sistema fuq skala kbira tal-IT imfassla u żviluppata mill-eu-LISA primarjament għal finijiet ta' ġustizzja.

Fl-istess jum, daħlu fis-seħħ żewġ Regolamenti li jstabbilixxu qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE fl-oqsma ta' (1) kooperazzjoni mill-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni, u (2) fruntieri u l-viża. L-iżvilupp ta' komponenti tekniċi tal-interoperabbiltà, jiġifieri r-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-identità (CIR), il-Portal Ewropew tat-Tfittxija (ESP), is-Servizz kondiviż ta' Tqabbil Bijometriku (sBMS), id-Dettur ta' Identitajiet Multipli (MID) u r-Repożitorju Ċentrali għar-Rapportar u għall-Istatistika (CRRS), huwa proċess iterattiv, li l-ewwel jirrikjedi l-implimentazzjoni tal-EES u l-ETIAS.

Ġestjoni operattiva tas-sistemi eżistenti

L-eu-LISA żammet l-operazzjoni mingħajr interruzzjoni tas-SIS, tal-VIS/BMS u tal-Eurodac matul is-sena kollha, fi ħdan ir-rekwiżiti legali u l-livelli tas-servizz maqbula. Id-disponibbiltà tas-SIS kienet ta' 99.95 %, dik tal-VIS kienet ta' 99.65 %

¹ Ir-Regolament (UE) 2018/1726, ĠU L 295, 21.11.2018, pp. 99–137.

u dik tal-Eurodac kienet ta' 99.55 %. L-istħarriġ annwali dwar is-sodisfazzjon tal-partijiet ikkonċernati tal-eu-LISA għall-2019 wera li aktar minn 93.4 % tal-Istati Membri kienu sodisfatti jew sodisfatti ħafna bis-servizzi tal-eu-LISA.

F'konformità mal-istrumenti legali l-ġodda, ir-Rilaxx 9.3.0 tas-SIS II ġie skjerat b'suċċess f'Jannar 2020. Dan ir-rilaxx inkluda karatteristiċi ġodda ta' kontroll tal-aċċess li jippermettu lill-Europol, lill-Eurojust u lill-Frontex li jfittxu t-tipi rilevanti kollha ta' twissijiet fis-sistema flimkien mat-tqabbil tal-marki tas-swaba'. Ġiet immedija l-fażi 2 tal-SIS AFIS. L-oġġettiv tagħha huwa li timplimenta rekwiżiti bijometriċi addizzjonali li jirriżultaw mir-riformulazzjoni tas-SIS. Biex twieġeb għall-ħtiġijiet tal-Istati Membri u ż-żieda kontinwa fin-numru ta' tfittxijiet, l-Aġenzija bdiet proġett biex iżżid il-kapaċità tat-tfittxijiet. Evoluzzjoni kbira tas-sistema bl-implimentazzjoni tar-regoli ta' traslitterazzjoni l-ġodda tal-ICAO tlestiet f'Ottubru 2019. L-Aġenzija appoġġat l-integrazzjoni ta' utenti ġodda (Ċipru, l-Irlanda u l-Frontex).

L-evoluzzjonijiet tal-VIS/BMS fl-2019 kellhom l-għan li jiżguraw li kellhom kapaċità suffiċjenti biex jissodisfaw il-ħtiġijiet dejjem akbar tal-Istati Membri li rriżultaw mill-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tal-UE dwar il-Viżi. Il-kapaċità tal-VIS żdiedet b'suċċess għal 100 miljun applikazzjoni, u b'hekk ġiet żgurata kapaċità suffiċjenti għall-Istati Membri. L-ambjent tal-ittestjar tal-VIS/BMS tjejb bit-tlestija ta' diversi proġetti. L-Aġenzija ħadmet ukoll fuq l-integrazzjoni ta' utenti ġodda (Europol, aċċess passiv għall-Bulgarija u għar-Rumanija). L-evoluzzjonijiet tal-VIS/BMS ġew influwenzati ħafna mill-interkonnessjoni futura bejn il-VIS u l-EES.

L-evoluzzjonijiet funzjonali tal-Eurodac ġew sospiżi sakemm ġie adottat ir-Regolament il-ġdid tal-Eurodac. Ġie skjerat rilaxx ġdid, li jinkludi bidliet adattivi u korrettivi.

Fl-2019, l-Aġenzija implimentat soluzzjoni ġdida ta' monitoraġġ għall-ġestjoni tas-sistemi. Din iġġenerat kisbiet fl-effiċjenza fil-kompiti ta' kuljum tal-persunal tal-Aġenzija u tejbet l-ambjent tax-xogħol tagħhom.

Implimentazzjoni ta' sistemi ġodda

Fl-2019, l-eu-LISA kompliet il-ħidma tagħha dwar l-implimentazzjoni tas-sistemi l-ġodda fdati lilha (l-EES, l-ETIAS, l-interoperabbiltà u l-ECRIS-TCN). B'kunsiderazzjoni tal-iskala ta' dawn l-inizjattivi, dawn ġew organizzati bħala programmi interni biex jiżguraw is-sinerġiji u l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi umani u finanzjarji disponibbli.

Fis-17 ta' Mejju 2019, l-eu-LISA nediet l-eżekuzzjoni tal-kuntratt qafas għall-iżvilupp tas-sistema tal-EES. Fi tmiem l-2019, il-fażi tal-istabbiliment tal-programm kienet qrib it-tlestija. Il-fażi tar-rekwiżiti u l-ispeċifikazzjonijiet, li fiha jiġu żviluppati r-rekwiżiti tekniċi dettaljati għas-sistema u l-arkitettura tagħha, imxiet 'il quddiem b'veloċità sħiħa. Il-fażi ta' żvilupp bdiet bl-iffirmar fit-23 ta' Diċembru 2019 ta' żewġ kuntratti speċifiċi, li jkopru t-twassil u l-installazzjoni ta' NUI fil-livell ċentrali u nazzjonali, u l-akkwist tal-liċenzji meħtieġa għall-awtomatizzazzjoni tal-iskjerament tar-rilaxx. Il-fażi 2 tal-offerta tal-BMS għall-EES (inkluż is-SBMS) tnediet fil-15 ta' Awwissu 2019 u ntemmet fl-20 ta' Diċembru 2019.² F'konformità mal-ippjanar indikattiv, l-eu-LISA bdiet taħdem ukoll fuq l-interoperabbiltà VIS-EES. Ittieħdet deċiżjoni li d-data bijometrika għall-VIS se tuża s-SBMS direttament, mingħajr migrazzjoni għall-EES f'sistema intermedjarja, li tirriżulta fi ffrankar globali ta' madwar EUR 30 miljun.

L-Aġenzija stabbiliet il-korpi ta' governanza meħtieġa tal-ETIAS, il-Bord ta' Ġestjoni tal-Programm tal-ETIAS, u l-Grupp Konsultattiv kombinat tal-EES-ETIAS. Il-fażi ta' tħejjija tal-programm tal-ETIAS għamlet progress kif ippjanat, bir-reklutaġġ tat-tim, kontribut għat-tħejjija tal-atti delegati u ta' implimentazzjoni, u t-tħejjija tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-offerta. Ġie ppreparat approċċ ġdid ta' akkwist, il-Qafas tal-Inġinerija Trasversali (TEF), immirat lejn l-istabbiliment ta' qafas kuntrattwali għat-tfassil, l-iżvilupp, l-ittestjar u l-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda, li jibda mill-ETIAS.³

Wara d-dħul fis-seħħ tar-regolamenti dwar l-interoperabbiltà, l-Aġenzija daħħlet fis-seħħ l-arranġamenti interni meħtieġa mingħajr dewmien u bdiet il-ħidma preparatorja għall-implimentazzjoni tagħhom. Dan ġie organizzat fi tliet flussi ta' xogħol: ir-reklutaġġ ta' persunal ġdid, it-tħejjija tal-proċedura ta' akkwist u l-appoġġ lill-Kummissjoni Ewropea

² L-evalwazzjoni tal-offerti bdiet f'Jannar 2020, u f'April 2020 ġie ffirmat kuntratt qafas.

³ It-TEF tnediet fit-29 ta' Jannar 2020.

u lill-Istati Membri għat-tnejn tal-atti delegati u ta' implimentazzjoni meħtieġa. L-Aġenzija antiċipat l-iżvilupp tal-komponenti tal-interoperabbiltà fi f'dan żviluppi ġodda oħrajn. B'mod partikolari, l-sBMS u s-CRRS se jiġu żviluppati bħala parti mill-programm tal-EES, l-ESP u s-CIR se jiġu żviluppati bħala parti mill-programm tal-ETIAS u l-MID se jiġi żviluppat separatament.

Bl-istess mod, wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-**ECRIS-TCN**, l-Aġenzija kompliet bir-reklutaġġ tal-persunal il-ġdid allokat għall-iżvilupp, bdiet it-tnejn għall-proċedura ta' akkwist u bdiet kollaborazzjoni mill-qrib mad-DĠ JUST biex tassisti fit-tnejn ta' atti ta' implimentazzjoni u delegati.

L-evoluzzjoni tal-infrastruttura u n-networks

Matul il-perjodu ta' rapportar, l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tas-SIS u l-VIS bl-użu tal-kuntratt qafas tas-servizzi TESTA-ng li sar bi qbil mar-rekwiżiti legali u operattivi. It-tieni saff ta' kriptaġġ tas-SIS II żgura s-sigurtà tad-*data* kummerċjali tas-SIS II u tas-SireneMail u laħaq disponibbiltà ta' 100 % matul il-perjodu ta' rapportar.

L-aġġornament tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni tal-VIS mexa 'l quddiem u huwa ppjanat li jitlesta f'Lulju 2020. Ladarba tiġi aġġornata, l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tal-VIS se jkollha kapacià kważi seba' darbiet ogħla minn qabel, u se tkun lesta tappoġġa d-dħul fis-seħħ tal-EES u l-ETIAS. Matul il-perjodu ta' rapportar, twettaq it-tieni proġett pilota ta' saff ta' kriptaġġ fuq l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tal-VIS. Madankollu, introduzzjoni sħiħa tat-tieni saff ta' kriptaġġ tal-VIS lill-Istati Membri kollha ġiet sospiża sakemm jiġi ddisinjat it-tieni saff ta' kriptaġġ tal-EES, peress li t-tnejn li huma għandhom bżonn jużaw l-istess infrastruttura ta' komunikazzjoni.

L-aġġornament tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni tas-SIS TESTA-ng beda fl-2018 u kompli matul il-perjodu ta' rapportar. Minn Novembru 2019, ġew skjerati aġġornamenti fi tliet siti kull xahar. Meta l-aġġornament jitlesta, l-Istati Membri kollha se jżidu l-wisa' tal-banda tagħhom minn 10 Mbps għal 50 Mbps, b'għażla li jaġġornaw għal 100 Mbps.

Matul il-perjodu ta' rapportar, l-Aġenzija żgurat il-ġestjoni operattiva u l-operat ta' kuljum tal-infrastruttura tagħha, kemm fis-sit tekniku ewlieni fi Strasburgu kif ukoll fis-sit ta' backup f'St Johann im Pongau, l-Awstrija.

Kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati

L-eu-LISA żammet l-impenn tagħha għal kollaborazzjoni mill-qrib ħafna, b'mod trasparenti u kostruttiv mal-Bord tat-Tmexxija (MB) tagħha u mal-Gruppi Konsultattivi (is-SIS, il-VIS, il-Eurodac, l-EES-ETIAS, l-IO u l-ECRIS-TCN). Wara d-dħul fis-seħħ tar-regolamenti tal-ETIAS, l-Aġenzija nediet il-BĠP tal-ETIAS u estendiet il-missjoni tal-AG tal-EES biex tkopri l-ETIAS (AG konġunt tal-EES-ETIAS). L-ewwel laqgħat tagħhom saru fl-1 ta' Frar 2019 (BĠP tal-ETIAS) u fit-13 ta' Marzu 2019 (AG bejn l-EES u l-ETIAS). Tliet Gruppi ta' Ħidma (WG) ħadmu taħt l-umbrella tal-AG bejn l-EES u l-ETIAS: il-WG għal Soluzzjonijiet tal-ICT għall-SM bi frontieri esterni tal-art u tal-baħar, il-WG tat-Trasportaturi (organizzat b'mod konġunt mal-Kummissjoni Ewropea) u l-WG dwar il-Bijometrija. Bl-istess mod, wara d-dħul fis-seħħ tar-regolamenti dwar l-interoperabbiltà (IO) u tal-ECRIS-TCN, ix-xogħol preparatorju tlesta mal-organizzazzjoni tal-ewwel laqgħat tal-AG u tal-BĠP tagħhom, rispettivament: l-ewwel BĠP dwar l-IO sar fit-30 ta' Ottubru 2019, u l-ewwel laqgħat tal-AG dwar l-IO saret fil-21 ta' Jannar 2020, l-ewwel laqgħat tal-AG u l-BĠP dwar l-ECRIS-TCN AG saru fl-24 u fit-30 ta' Jannar 2020, rispettivament.

L-eu-LISA kompliet l-involvement tagħha fil-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen billi għenet fil-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen. Fl-2019, l-Aġenzija appoġġat għaxar missjonijiet ta' evalwazzjoni ta' Schengen u erba' evalwazzjonijiet tal-politika komuni dwar il-viżi wara talbiet mill-Kummissjoni Ewropea.

Il-Konferenza Annwali – "L-Arkitettura l-Ġdida tal-Infommazzjoni bħala Xprunatur tal-Efficijenza u l-Effettività fis-Sigurtà Interna" – ġiet organizzata f'Ottubru 2019 taħt l-awspiċċi tal-Presidenza Finlandiża tal-Kunsill tal-UE u laqgħet kważi 200 delegat li jirrappreżentaw lill-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Aġenziji l-oħra, kif ukoll il-prattikanti mill-industrija u l-akkademja. Żewġ diskussjonijiet madwar il-mejda tal-industrija, b'total ta' aktar minn 190 parteċipant,

ipprovdedw fora siewja għal diskussjonijiet iffukati dwar il-prattiċitajiet u s-soluzzjonijiet għad-disinn arkitettoniku u l-iżvilupp tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira tal-ġejjieni fdati lill-Aġenzija.

Trasformazzjoni organizzattiva

Fl-2019, l-Aġenzija nediet programm ta' trasformazzjoni korporattiva bil-għan li jallinja l-organizzazzjoni tal-Aġenzija mal-mandat u r-responsabbiltajiet il-ġodda tagħha. Il-programm, imsejjaħ "eu-LISA 2.0", kellu l-għan li jiżgura li l-proċess ta' riorganizzazzjoni twassal b'mod miftuħ u trasparenti, u involva b'mod attiv lill-persunal tal-Aġenzija. Element ewlieni tal-programm kien l-istruttura organizzattiva l-ġdida tal-Aġenzija. Din ġiet introdotta fit-1 ta' Settembru 2019. Ġiet imfassla u implimentata struttura ta' matriċi organizzattiva kompletament ġdida għad-Dipartiment tal-Operazzjonijiet. L-organizzazzjoni tal-funzjonijiet korporattivi ġiet imfassla mill-ġdid ukoll.

Siti

L-Aġenzija bdiet proġett biex testendi l-faċilitajiet tekniċi tas-sit tagħha fi Strasburgu. Wara verifika *ex ante* mal-Kummissjoni Ewropea u mar-rappreżentant Franċiż tal-Bord tat-Tmexxija, ġie maqbul li l-Ministeru Franċiż tal-Intern se jappoġġa lill-Aġenzija għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġett. Fi tmiem l-2019, l-Aġenzija ffirmat kuntratt għal servizz tal-programmaturi biex tipprepara d-disinn preliminari u l-kundizzjonijiet tekniċi għal servizz ta' disinn tekniku li għandu jibda fl-aħħar tal-2020.

Implimentazzjoni tal-baġit

Fl-2019, l-eu-LISA mmaniġġjat baġit ta' EUR 288.4 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 138.1 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament riċevuti mill-baġit ġenerali tal-UE. L-Aġenzija żammet rata għolja ta' implimentazzjoni tal-baġit, b'mod partikolari:

- 99.7 % għall-approprjazzjonijiet ta' impenn, b'kont meħud tar-riport mhux awtomatiku ta' approprjazzjonijiet ta' impenn awtorizzati mill-Bord tat-Tmexxija fi Frar 2020;
- 99.3 % għall-approprjazzjonijiet ta' pagament, inkluż ir-riport tan-nefqa amministrattiva għall-2020.

Ir-riskji u l-kwistjonijiet ewlenin irrapportati lill-Bord tat-Tmexxija.

Ir-riskji u l-kwistjonijiet ewlenin irrapportati lill-Bord tat-Tmexxija matul is-sena kienu relatati mal-implimentazzjoni tal-kompiti l-ġodda fdati lill-Aġenzija, l-implimentazzjoni tal-baġit u l-ippjanar tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss għall-2021-2027.

L-Aġenzija pprovdiet rapporti regolari ta' kull xahar lill-Bord tat-Tmexxija dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-EES u l-ETIAS. Dawn inkludew status dettaljat tax-xogħol u identifikaw ir-riskji u l-kwistjonijiet. Ġew ipprovduti wkoll rapporti regolari mill-proċedimenti tal-AG tal-EES/ETIAS.

Dawn ir-rapporti ntużaw mill-Bord tat-Tmexxija biex jiformula 15-il deċiżjoni u rakkomandazzjoni relatati mal-implimentazzjoni tal-EES u l-ETIAS fil-livell ċentrali u nazzjonali. Il-Bord ġie infurmat ukoll b'mod regolari dwar il-progress tal-proċeduri ewlenin ta' akkwist immedija mill-Aġenzija.

L-Aġenzija pprovdiet informazzjoni regolari dwar il-ħtiġijiet tagħha għall-perjodu l-ġdid tal-QFP għall-2021-2027 u r-riskji assoċjati. F'Ġunju 2019, il-Bord tat-Tmexxija esprima t-ħassib tiegħu dwar id-differenza bejn ir-riżorsi finanzjarji mitluba u allokati lill-Aġenzija u enfasizza l-effetti negattivi u r-riskji jekk din id-differenza ma tiġix riżolta.

Il-MB ġie wkoll infurmat regolarment u, flimkien mal-Aġenzija, segwa mill-qrib il-proġett għat-tieni estensjoni tas-sit tekniku ta' Strasburgu u r-riskju assoċjat man-nuqqas ta' faċilitajiet li jospitaw sistemi ġodda, persunal u kuntratturi fuq

il-post.⁴ Sabiex jittaffa r-riskju b'mod kosteffiċjenti, l-Aġenzija investigat il-kiri ta' spazju ta' uffiċċji temporanju u l-istabbiliment ta' infrastruttura temporanja fuq il-post għall-estensjoni taċ-ċentru tad-*data* primarja.

Il-MB ġie aġġornat regolarment dwar l-istatus tal-implimentazzjoni tal-programm ta' trasformazzjoni tal-Aġenzija (eu-LISA 2.0), li huwa marbut mill-qrib ma' riskju korporattiv li ġie identifikat (instabbiltà organizzattiva).

Valutazzjoni tal-kontrolli interni mill-Maniġment

Il-maniġment tal-Aġenzija għandu assigurazzjoni raġonevoli li hemm fis-seħħ kontrolli interni xierqa u li dawn qegħdin jiffunzjonaw kif maħsub. Matul is-sena, ir-riskji ewlenin ġew identifikati u ġestiti b'mod xieraq. Din l-assigurazzjoni hi kkonfermata ulterjorment mir-riżultati tal-awditi interni u esterni.

Riżultati tal-awditi

Ma saret l-ebda rakkomandazzjoni kritika lill-Aġenzija matul l-awditi li twettqu fl-2019 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, minn awdituri esterni indipendenti, mis-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni jew mill-Kapaċità tal-Awditjar Intern tal-Aġenzija. Ir-rakkomandazzjonijiet l-oħra kollha ġew indirizzati fi pjanijiet ta' azzjoni relatati u fl-2019 l-Aġenzija għamlet aktar progress fl-implimentazzjoni tagħhom.

Riskji

Fl-2019, ġew identifikati tmien riskji korporattivi ewlenin. Ġie stabbilit pjan ta' rispons għar-riskji korporattivi sabiex dawn jiġu indirizzati. L-ebda wieħed mir-riskji identifikati ma mmaterjalizza matul is-sena.

⁴ Informazzjoni preliminari dwar il-proġett ġiet ippreżentata lill-awtoritajiet baġitarji fit-2 ta' April 2019.

Introduzzjoni

L-għan tar-Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja hu li jagħti farsa ġenerali strutturata lejn l-attivitajiet li twettqu u l-oġettivi li nkisbu fl-2019.

Informazzjoni ta' sfond

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja ġiet stabbilita fl-2011 bir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 u bdiet topera fl-1 ta' Diċembru 2012. L-Aġenzija ġiet stabbilita sabiex tipprovdi soluzzjoni fit-tul fil-livell tal-UE għall-ġestjoni operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira attwali u futuri fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Fil-11 ta' Diċembru 2018, ir-Regolament (UE) 2018/1726 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA)⁵ daħal fis-seħħ u ssostitwixxa u fassar ir-regolament ta' stabbiliment preċedenti tal-eu-LISA. Ir-Regolament (UE) 2018/1726 espanda l-mandat tal-Aġenzija. Dan il-mandat il-ġdid isaħħaħ il-kapaċità tal-Aġenzija li ttejjeb u tiżviluppa sistemi ta' informazzjoni għas-sigurtà, il-ġestjoni tal-fruntieri u l-migrazzjoni Ewropej, u jwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-ħidma tal-Aġenzija dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni.

Attwalment, l-eu-LISA qiegħda tmexxi s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS),⁶ is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS)⁷ u s-Sistema Ewropea għat-Tqabbil ta' Data Dattiloskopika ta' Persuni li Jfittxu l-Ażil (Eurodac).⁸ Dawn is-sistemi huma essenzjali għall-funzjonament bla xkiel taż-żona Schengen. Fil-fruntieri esterni tagħha, dawn is-sistemi tal-IT huma essenzjali għall-effiċjenza tal-ġestjoni tal-fruntieri u jiżguraw l-implimentazzjoni tal-politiki komuni tal-UE dwar l-ażil u l-viżi. Fiż-żona Schengen, id-disponibbiltà ta' dawn is-sistemi hija kruċjali sabiex tiġi ggarantita l-libertà ta' moviment taċ-ċittadini tal-UE.

Fl-istess ħin, l-Aġenzija qed tiżviluppa s-Sistema ta' Dħul/ħruġ (EES),⁹ is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-lvvaġġar (ETIAS),¹⁰ is-sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni tal-Istati Membri li għandhom informazzjoni dwar il-kundanna ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi (ECRIS-TCN),¹¹ u l-komponenti l-ġodda li se jkawru l-qafas għall-interoperabbiltà tas-sistemi fdati lill-Aġenzija, skont ir-regolamenti tal-interoperabbiltà.¹²

Il-missjoni, il-viżjoni u l-valuri ewlenin tagħna

Il-missjoni tal-Aġenzija hija bbażata fuq il-mandat legali tagħha previst fir-Regolament (UE) 2018/1726 u tiffoka fuq li żżid **kontinwament il-valur lill-Istati Membri, billi tappoġġa, permezz tat-teknoloġija, l-isforzi tagħhom għal Ewropa aktar sikura.**

Din il-missjoni titwettaq permezz tal-viżjoni tal-Aġenzija, li hija li **tipprovdi servizzi u soluzzjonijiet ta' kwalità għolja u effiċjenti lill-partijiet ikkonċernati, li tikseb il-fiduċja tagħhom billi tallinja kontinwament il-kapaċitajiet tat-teknoloġija mal-ħtiġijiet li jevolvu tal-Istati Membri u li tkabbar l-Aġenzija bħala ċentru ta' eċċellenza** fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (ĠAI).

Il-missjoni u viżjoni tal-Aġenzija jissarrfu f'attivitajiet operattivi permezz tal-valuri ewlenin tal-eu-LISA. Dawn jixprunaw u jirfdu l-attivitajiet operattivi kollha u l-iżvilupp strateġiku tal-Aġenzija. Dawn il-valuri huma:

5 Ir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jfassar ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011, ĠU L 295, 21.11.2018, p. 99-137.

6 Ir-Regolament (UE) 2018/1860, ir-Regolament (UE) 2018/1861 u r-Regolament (UE) 2018/1862, ĠU L 312, 7.12.2018, pp. 1-106; ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 u r-Regolament (KE) Nru 1987/2006, ĠU L 381, 28.12.2006, pp. 1-23; id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI, ĠU L 205, 7.8.2007, pp. 63-84.

7 Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008, ĠU L 218, 13.8.2008, pp. 60-81.

8 Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013, ĠU L 180, 29.6.2013, pp. 31-59.

9 Ir-Regolament (UE) 2017/2226, ĠU L 327, 9.12.2017, pp. 20-82.

10 Ir-Regolament (UE) 2018/1240, ĠU L 236, 19.9.2018, pp. 1-71 u r-Regolament (UE) 2018/1241, ĠU L 236, 19.9.2018, pp. 1-73.

11 Ir-Regolament (UE) 2019/816, ĠU L 135, 22.5.2019, pp. 1-26.

12 Ir-Regolament (UE) 2019/817 u r-Regolament (UE) 2019/818, ĠU L 135, 22.5.2019, pp. 27-135.

- **Responsabilità:** l-iskjerament ta' qafas ta' governanza tajba, ġestjoni finanzjarja tajba u operazzjonijiet kosteffiċjenti.
- **Trasparenza:** komunikazzjoni regolari u miftuħa mal-partijiet ikkonċernati ewlenin tal-Aġenzija u l-involviment tagħhom fi djalogu kontinwu sabiex tiġi ddefinita l-istrateġija fit-tul għall-iżvilupp tal-Aġenzija.
- **Eċċellenza:** billi jkun hemm fis-seħħ l-istruttura organizzazzjonali xierqa, il-persuni xierqa u l-proċessi xierqa sabiex tiġi żgurata l-kontinwità fis-servizz lill-Istati Membri.
- **Kontinwità:** l-iżgurar li l-Aġenzija tagħmel l-aħjar użu mill-għarfien espert, l-għarfien u l-investimenti magħmula mill-Istati Membri u li tkompli tiżviluppa l-għarfien espert u l-għarfien.
- **Ħidma f'tim:** li tfittex li tagħti setgħa lil kull membru individwali fit-tim sabiex ikun jista' jagħmel l-aħjar użu mill-għarfien u l-esperjenza tiegħu, sabiex b'hekk jikkontribwixxi għas-suċċess tal-Aġenzija.
- **Attenzjoni lejn il-klijent:** l-iżgurar li l-Aġenzija tkun allinjata dejjem mal-ħtiġijiet u d-domanda tal-partijiet ikkonċernati tagħha.

Fejn ninsabu

Is-sede tal-Aġenzija tinsab f'Tallinn, l-Estonja, filwaqt li l-ġestjoni operattiva tas-sistemi fdati lill-Aġenzija ssir fi Strasburgu, Franza. L-eu-LISA għandha wkoll sit ta' backup tekniku f'St. Johann im Pongau, l-Awstrija, u uffiċċju ta' kollegament fi Brussell, il-Belġju.

Sfond legali

L-Artikolu 24(3)(g) tar-Regolament (UE) 2018/1726 jirrikjedi li d-Direttur Eżekuttiv iħejji u jippreżenta l-abbozz tar-Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività tal-Aġenzija lill-Bord tat-Tmexxija għall-valutazzjoni u l-adozzjoni, wara konsultazzjoni minn qabel mal-Gruppi Konsultattivi. L-Artikolu 19(1)(t) tal-istess Regolament jirrikjedi li l-Bord tat-Tmexxija jivvaluta u jadotta r-Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività tal-Aġenzija għas-sena ta' qabel, b'mod partikolari, billi jqabbel ir-riżultati miksuba mal-oġġettivi tal-Programm ta' Ħidma Annwali. Il-Bord tat-Tmexxija huwa meħtieġ jibgħat kemm ir-rapport kif ukoll il-valutazzjoni tiegħu sal-1 ta' Lulju ta' kull sena lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri u jżgura li r-Rapport Annwali tal-Attività jiġi ppubblikat.

1 Il-kisbiet tas-sena

L-Għanijiet Strateġiċi tal-Aġenzija ġew definiti mal-Istati Membri u mal-Kummissjoni Ewropea fl-istrategġija fit-tul tal-eu-LISA 2018-2022.¹³ L-Għanijiet Strateġiċi jirriflettu l-mandat tal-Aġenzija u jipprovdu l-istruttura li fuqha l-Aġenzija tistabbilixxi l-oġġettivi strateġiċi pluriennali tagħha. L-attivitajiet imwettqa mill-Aġenzija jikkontribwixxu għall-kisba tal-erba' Għanijiet Strateġiċi tagħha:

Għan Strateġiku 1: tkompli tikber bħala kontributor għal, u siebha fl-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti fl-UE.

Għan Strateġiku 2: iżżomm u testendi r-rwol tal-Aġenzija bħala ċentru ta' eċċellenza u fornitur ta' servizz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) tal-UE.

Għan Strateġiku 3: tkompli tikber bħala ċ-ċentru tat-teknoloġija tal-ICT prinċipali tal-UE.

Għan Strateġiku 4: tkompli tiżviluppa organizzazzjoni effiċjenti u aġili f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE.

1.1 Għan Strateġiku 1

TKOMPLI TIKBER BĦALA KONTRIBUTOR GĦAL, U SIEBHA FL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKI RILEVANTI FL-UE

1.1.1 Ġestjoni operattiva tas-sistemi

L-operazzjonijiet ewlenin tal-Aġenzija fl-2019 kienu mmirati biex iżommu operazzjonijiet kontinwi 24 siegħa kuljum tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira taħt il-mandat tagħha: is-SIS II/AFIS, il-VIS/BMS u l-Eurodac. Għalhekk kien suċċess ewlieni għall-eu-LISA li tikseb dan l-oġġettiv fi f'ħdan ir-rekwiżiti legali u l-livelli ta' servizz maqbula, u b'livell għoli ta' sodisfazzjon min-naħa tal-konsumatur.

Il-prestazzjoni ġenerali tas-sistemi fl-2019 kienet tajba u komparabbli ma' dik tal-2018. B'mod aktar speċifiku:

- Id-disponibbiltà tas-sistema ċentrali tas-SIS II kienet ta' 99.95 % (KPI 6) u l-ħin ta' rispons tas-sistema ċentrali tas-SIS II kien ta' 99.84 % (KPI 7).
- Id-disponibbiltà tas-sistema ċentrali tal-VIS kienet ta' 99.65 % (KPI 8) u l-ħin ta' rispons tas-sistema ċentrali tal-VIS kien ta' 97.79 % (KPI 9).
- Id-disponibbiltà tas-sistema ċentrali tal-Eurodac kienet ta' 99.55 % (KPI 3) u l-ħin ta' rispons tas-sistema ċentrali tal-Eurodac kien ta' 99.91 % (KPI 4).

Ir-risultati tal-Istħarriġ dwar is-Sodisfazzjon tal-Partijiet Ikkonċernati tal-eu-LISA fl-2019 kienu wkoll pożittivi ħafna, b'risultat konsolidat ta' 93.4 % tal-utenti sodisfatti jew sodisfatti ħafna (KPI 20). Barra minn hekk, il-prestazzjoni tal-helpdesk tas-sistemi tal-Istati Membri (KPI 22) laħqet 90 %, u b'hekk qabżet il-mira (80 %). L-Istħarriġ dwar is-Sodisfazzjon tal-Partijiet Ikkonċernati tal-eu-LISA huwa mekkaniżmu regolari ta' feedback żviluppat biex jinkiseb feedback mingħand l-utenti mill-SM dwar l-appoġġ iprovdut mill-Aġenzija. Il-kejl tas-sodisfazzjon tal-partijiet ikkonċernati jgħin lill-Aġenzija tidentifika jekk il-prestazzjoni tagħha tissodisfax il-ħtiġijiet u l-aspettattivi tal-Istati Membri. Dan il-feedback jinġabar għas-SIS, għall-VIS u għall-Eurodac permezz tal-proċedura annwali ta' stħarriġ dwar is-sodisfazzjon. L-Istħarriġ ikopri l-prestazzjoni globali tal-uffiċċju ta' servizz tal-eu-LISA, il-ġestjoni tal-inċidenti u tal-problemi, il-komunikazzjoni operazzjonali, l-assistenza teknika għal attivitajiet nazzjonali u l-ġestjoni tar-rilaxx. It-tweġibiet jinġabru mill-Istati Membri, u jiġu kkonsolidati u riveduti minn kull wieħed mis-sidien tal-proċess.

SIS

Operazzjonijiet

Matul il-perijodu ta' rapportar, il-prestazzjoni ġenerali tas-sistema ċentrali tas-SIS kienet fi f'ħdan il-ftehim dwar il-livell ta' servizz (FLS) maqbul. Il-proċess ta' tranżizzjoni tal-manteniment f'kundizzjoni funzjonali (MWO) ġie

¹³ <https://www.eulisa.europa.eu/Publications/Corporate/eu-LISA%20Strategy%202018-2022.pdf>.

ffinalizzat. L-appoġġ għall-Istati Membri ġie pprovdut fuq bażi kontinwa fi ħdan il-qafas tal-ġestjoni tas-servizzi tal-IT (ITSM) tal-Aġenzija. Ir-rapporti ta' kull xahar ġew ippreżentati fil-ħin u ġew aċċettati. Id-disponibbiltà tas-sistema ċentrali tas-SIS II kienet ta' 99.95 % (KPI 6, ftit inqas mill-mira ħadra ta' 99.99 %, mira oranġjo ta' 99.5 % mil-ħuqa¹⁴) u l-ħin tar-rispons tas-sistema ċentrali tas-SIS II kien ta' 99.84 % (KPI 7, mira ħadra ta' 99.5 % mil-ħuqa). L-avvenimenti li jimpedixxu lis-sistema milli tagħixxi kif xieraq ġew ġestiti b'mod f'waqtu sabiex il-prestazzjoni tibqa' fi ħdan il-FLS mal-utenti finali. L-Aġenzija wettqet kompiti ta' manutenzjoni korrettivi, adattivi, perfettivi u preventivi biex tilħaq dan l-oġġettiv, u skjerat total ta' żewġ rilaxxi.

Lejn l-aħħar ta' Lulju, wara bidla għall-BCU, l-Istati Membri u l-eu-LISA skoprew degradazzjoni sinifikanti fir-rindiment tal-mistoqsijiet li wasslet għal ħafna ċaħdiet ta' mistoqsijiet ċentrali. L-Aġenzija ħadet id-deċiżjoni immedjata li taqleb lura għas-CU, li daħlet fis-seħħ u bdiet topera fl-istess ġurnata. Għadd kbir ħafna ta' mistoqsijiet ċentrali minħabba l-perjodu tal-vaganzi ġie identifikat bħala l-kawża ewlenija. Flimkien mal-kuntrattur tal-MWO, l-eu-LISA ddeċidiet li żżid il-memorja fuq is-servers tal-BCU. Il-bidliet li saru fi Q3 u Q4 tal-2019 ikkonfermaw li l-BCU hija lesta biex tindirizza żieda ta' mistoqsijiet ċentrali. Dan l-avveniment enfasizza wkoll il-ħtieġa għal żieda fil-kapaċità tas-SIS.

Il-kapaċitajiet ta' tfittxijiet bijometriċi tas-SIS, is-SIS-AFIS, kienu wkoll użati ħafna fl-2019, u dan juri l-valur tagħhom għall-komunità Ewropea tal-infurzar tal-liġi. Ladarba l-informazzjoni bijometrika dwar il-marki tas-swaba' tiżdied ma' Mandat ta' Arrest Ewropew, l-AFIS tas-SIS tippermetti li persuna mfittxija tiġi identifikata ħafna aktar malajr. L-AFIS tas-SIS kienet ukoll imħaddma u miżmuma b'suċċess, mingħajr inċidenti kbar. L-AFIS issa qed tintuża minn 19-il Stat Membru.

L-eu-LISA kompliet iżżid il-valur bl-appoġġ tagħha kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-aġenziji tal-ĠAI b'aċċess għas-SIS (Europol, Eurojust u Frontex). Tim ta' appoġġ dedikat mill-eu-LISA appoġġa lil dawn il-35 parti ikkonċernata fit-twettiq ta' testijiet ta' konformità fuq sistemi nazzjonali ġodda, sistemi tal-fluss tax-xogħol Sirene u fil-kwalifika ta' midwer ġdid orjentat lejn il-messaġġi.

L-istatistika

Data statistika mill-2019 tikkonferma li s-SIS II għadha l-akbar sistema ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni għas-sigurtà u l-ġestjoni tal-fruntieri fl-Istati Membri, u l-użu tagħha qed ikompli jiżdied b'mod kostanti (Figura 1)




Figura 1: Numru medju ta' tfittxijiet u hits fis-SIS II kuljum (2014-2019)

14 L-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni huma miġbura fil-qosor fl-Anness ol

Xejra progressiva 'l fuq fis-sistema ilha tiġi osservata mill-2014, meta l-istatistika annwali ġiet ippubblikata għall-ewwel darba. Lura għall-2014, is-SIS II ġiet imfittxija bħala medja kważi 6 miljun darba kuljum, filwaqt li fl-2019, l-awtoritajiet kompetenti madwar l-Ewropa kollha fittxew is-SIS II 18-il miljun darba kuljum bħala medja. Fatturi importanti li żiedu l-użu huma utenti ġodda, fosthom ir-Renju Unit mill-2015 u l-Kroazja mill-2017, flimkien ma' każijiet ġodda ta' użu (eż. kontrolli sistematiċi).

Fl-2019, is-SIS II ġiet aċċessata aktar minn 6.6 biljun darba mill-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati, 8 % aktar milli fl-2018 (Figura 3).




Figura 3: Numru ta' tfittxijiet fis-SIS II fis-sena (f'biljuni, 2014–2019)




Figura 2: Statistika ewlenija tal-2019 għas-SIS II

Fil-31 ta' Diċembru 2019, is-SIS II kien fiha aktar minn 91 miljun allert (Figura 2), żieda ta' 11 % meta mqabbla mal-2018.

L-akbar kategorija ta' allert kienet "Dokument ma'ruġ", li kienet tifforma 75.5 % tal-allerti totali. L-Uffiċċju SIRENE pproċessa 283 713 hit, żieda ta' 6 % meta mqabbla mal-2018. Total ta' 983 124 allert dwar persuni jirrappreżentaw aktar minn 1 % tan-numru totali ta' allerti, filwaqt li jiskattaw aktar minn tliet kwarti tat-total ta' hits irregjistrati.

VIS/BMS

Operazzjonijiet

L-Aġenzija operat il-VIS u l-BMS permezz ta' manutenzjoni regolari u komprensiva matul il-perjodu ta' rapportar. Ġew ipprovduti rapporti lill-Istati Membri, bid-dettalji dwar il-ħinijiet tar-riżoluzzjoni tal-inċidenti. B'mod ġenerali, is-sistema tal-VIS kellha prestazzjoni tajba, f'konformità mal-FLS. Kien hemm xi kwistjonijiet bil-BMS iżda l-prestazzjoni tas-sistemi baqgħet f'livell sodisfaċenti. Id-disponibbiltà tas-sistema ċentrali tal-VIS kienet ta' 99.65 % (KPI 8, mira oranġjo ta' 99.5 % mil'huqa¹⁵) u r-rispons tas-sistema ċentrali tal-VIS kien ta' 97.79 % (KPI 9, mira oranġjo ta' 90 % mil'huqa). L-il'huq tal-mira ħadra ta' disponibbiltà għolja (99.99 %) se jirrikjedi jew tiġdid tas-sistema, li għandha ssir matul ir-riformulazzjoni tal-VIS, jew struttura attiva-attiva, peress li l-arkitettura attwali bi struttura tas-sit attiva-passiva tipprevjeni l-kisba sħiħa tal-mira ta' disponibbiltà għolja.

Il-virtwalizzazzjoni tal-BMS ġiet skjerata bir-rilaxx 3 tal-2018 u ġiet implimentata bis-sħiħ fil-produzzjoni, kemm fuq is-CU kif ukoll fuq il-BCU, f'April 2019. L-objettiv ta' dan ir-rilaxx kien li l-BMS tiġi allinjata mal-ambjent il-ġdid tal-ittestjar. Dan ir-rilaxx, madankollu, wassal għal inċident li seħħ fuq il-BMS f'Ġunju meta bdiet isseħħ degradazzjoni tal-prestazzjoni u għadd kbir ta' tranżazzjonijiet mhux sinkroniċi, u b'hekk ġew ġenerati messaġġi ta' żball. Il-kwistjoni dehret li tvarja skont iż-żmien u l-intensità tat-traffiku. Ġiet immedija investigazzjoni bir-reqqa. L-Aġenzija u l-kuntrattur tal-MWO impjegaw riżorsi sinifikanti għall-investigazzjoni

¹⁵ L-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni huma miġbura fil-qosor fl-Anness I.

u r-riżoluzzjoni ta' din il-kwistjoni sabiex isibu u jeqirdu l-kawża ewlenija. Din l-imġiba qatt ma ġiet osservata matul it-testijiet tat-tagħbija, tal-immersjoni u tal-istress u għalhekk ir-replikazzjoni tagħha fl-ambjenti tal-ittestjar kienet ta' sfida. Matul il-perjodu, l-Istati Membri kienu jiġu infurmati regolarment dwar kif is-sitwazzjoni kienet qed tevolvi. It-teħid ta' azzjoni ta' rimedju taffiet is-sitwazzjoni ġenerali qabel ma setgħet tinstab soluzzjoni. Il-kwistjoni ġiet solvuta b'suċċess mal-kuntrattur. Fil-bidu ntuża metodu biex tiġi solvuta l-kwistjoni. F'Settembru ġiet użata patch għall-komponenti tal-midwer. Is-soluzzjoni għal perjodu ta' żmien medju għall-kwistjoni se tinvolvi r-rikonfigurazzjoni tal-bażi tad-*data* u l-applikazzjoni tal-midwer, li se jiġu implimentati permezz tar-rilaxxi 1 u 2 tal-2020.

Minħabba din il-kwistjoni bil-BMS, l-ebda rilaxx ieħor ma ġie implimentat fl-2019. L-istadju 2 ta' virtwalizzazzjoni tal-BMS ippjanat, inizjalment ippjanat għall-Q4 tal-2019, ġie pospost għall-Q1 tal-2020.¹⁶

L-istatistika

Fl-2019, ġew ipproċessati aktar minn 294 miljun operazzjoni tal-VIS u 17-il miljun applikazzjoni għal viża, żieda ta' 7.3 % u 6.6 %, rispettivament, mill-2018 (Figura 4 u Figura 5).




Figura 4: Numru ta' operazzjonijiet tal-VIS fis-sena (2012-2019)




Figura 5: Numru ta' applikazzjonijiet għal viża fis-sena (2012-2019)

F'Ġunju 2019, intlaħaq l-ogħla punt ta' kull żmien b'139 000 operazzjoni fis-siegħa. Għall-VIS, it-throughput massimu mingħajr deterjorament fil-prestazzjoni bħalissa huwa ta' 450 000 messaġġ fis-siegħa.

Fl-1 ta' Jannar 2020, kien hemm 77.07 miljun applikazzjoni għal viża, 77.04 miljun immaġni tal-wiċċ u 68.74 miljun sett ta' marki tas-swaba' fil-bażi tad-*data* tal-VIS (Figura 6). F'paragun, kien hemm 11.6 miljun applikazzjoni għal viża u 9 miljun sett ta' marki tas-swaba' fil-bażi tad-*data* tal-VIS fl-2014. L-akbar ħames utenti tal-VIS kienu Franza, il-Ġermanja, l-Italja, Spanja u l-Greċja. L-aktar ħames reġjuni attivi għall-VIS kienu l-Federazzjoni Russa, l-Asja tal-Lvant, l-Afrika ta' Fuq, l-Indja u l-Pakistan u r-reġjun tal-Golf. Iż-żmien medju bejn l-applikazzjoni u l-ħruġ tal-viża kien ta' 8.9 ijiem.




Figura 6: Statistika ewlenija tal-2019 għall-VIS/BMS

Eurodac

Operazzjonijiet

¹⁶ Minn Marzu 2020, ir-rilaxx jiġi implimentat fil-produttjoni fil-BCU, iżda l-installazzjoni fis-CU ġiet posposta ulterjorment minħabba r-restrizzjonijiet imposti mill-pandemija tal-COVID-19.

Matul il-perjodu ta' rapportar, il-prestazzjoni tas-sistema tal-Eurodac kienet konformi mal-FLS maqbul. B'mod ġenerali, g'iet żgurata disponibbiltà kontinwa, flimkien mas-servizzi kollha meħtieġa biex jiġi żgurat il-funzjonament normali tas-sistema. Id-disponibbiltà tas-sistema ċentrali tal-Eurodac kienet ta' 99.55 % (KPI 3, mira oranġjo ta' 99.5 % milfuqa¹⁷) u l-livell ta' rispons tas-sistema ċentrali tal-Eurodac kien ta' 99.91 % (KPI 4, mira ħadra ta' 99.45 % milfuqa).

F'Marzu, seħħ inċident wara l-installazzjoni ta' ċertifikat ġdid, u s-sistema ċentrali tal-Eurodac baqgħet mhux disponibbli matul il-lejl. Sabiex jiġi rranġat l-inċident, saret operazzjoni ta' retroattività, segwita minn installazzjoni ġdida ta' ċertifikat.

Bejn Mejju u Lulju, il-Eurodac esperjenzat xi qtugħ ta' żmien qasir minħabba l-ħsara ta' komponent wieħed. Wara analiżi bir-reqqa kemm mill-eu-LISA kif ukoll mill-kuntrattur tal-MWO, instabet soluzzjoni teknika u g'iet implimentata sa nofs Lulju.

Bħala parti mill-integrazzjoni tal-qafas tal-ITSM, l-Istati Membri kollha (bl-eċċezzjoni tar-Renju Unit) emigraw għall-"Punt Uniku ta' Kuntatt" (SPoC) il-ġdid, u l-maġġoranza tal-Istati Membri bdew jużaw l-għodda tal-Maniġer tas-Servizzi g (SMg), filwaqt li rrazzjonalizzaw u armonizzaw l-interazzjonijiet mal-SM kollha fis-sistemi.

L-aġġornament tal-manwal tal-operatur tal-Eurodac (verżjoni 1.35), li jagħti dettalji dwar il-proċeduri operattivi kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-eu-LISA, tqassam fl-SPoC sa nofs Diċembru, wara l-preżentazzjoni tal-bidliet fil-Eurodac AG.

F'Novembru, twettaq eżerċizzju tas-sigurtà tal-Eurodac. L-għan ewlieni kien li jiġu ttestjati s-sigurtà, il-kontinwità tan-negozju u l-kapaċitajiet ta' rkupru minn diżastri tal-Eurodac. Kienu involuti sitt pajjiżi: il-Finlandja, l-Italja, il-Latvja, in-Netherlands, il-Portugall u l-Liżvizzera. L-ENISA u l-Kummissjoni appoġġaw it-tnejn u l-eżekuzzjoni.¹⁸ Dan l-eżerċizzju ta tagħrif siewi dwar kif jistgħu jiġu ottimizati aktar il-proċessi u l-politiki interni u esterni għall-operat kontinwu tas-sistema.

Mit-2 sal-4 ta' Diċembru, l-EDPS i-verifika s-sistema tal-Eurodac. F'konformità mal-istrumenti legali, l-EDPS iwettaq awditu tal-protezzjoni tad-*data* dwar is-sistema ċentrali tal-Eurodac kull tliet snin. Matul l-awditu, l-eu-LISA wiegħbet il-mistoqsijiet kollha mill-awdituri, ipprovdiet l-evidenza mitluba u ppreżentat eżempji diretti matul is-sessjonijiet prattiċi.

L-istatistika




Figura 7: *Data* tal-Eurodac trażmessa kull sena (2012-2019)

¹⁷ L-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni huma miġbura fil-qosor fl-Anness o.

¹⁸ Ir-rapport finali ġie adottat mill-AG tal-Eurodac fi Frar 2020.

Fl-2019, l-Istati Membri rnexxielhom jittrażmettu 916 536 sett ta' marki tas-swaba' lis-sistema ċentrali tal-Eurodac (Figura 7). Meta mqabbla mal-2018, in-numru totali ta' tranżazzjonijiet lill-Eurodac fl-2019 żdied b'erba' fil-mija. L-aħħar quċċata ntlaħqet fl-2015 bit-traffiku rekord ta' kważi żewġ miljun tranżazzjoni. Fi tmiem Diċembru 2019, is-sistema ċentrali tal-Eurodac kienet qed taħżen 5.69 miljun sett ta' marki tas-swaba' (żieda ta' 6 % meta mqabbla mal-2018).

B'mod aktar speċifiku, is-sistema ċentrali tal-Eurodac ipproċessat 592 691 sett ta' marki tas-swaba' ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali (Figura 8) li kellhom 14-il sena jew aktar (kategorija 1) u 111 761 sett ta' marki tas-swaba' ta' persuni li kellhom 14-il sena jew aktar li nqabdu meta kienu qed jaqsmu b'mod irregolari l-fruntiera esterna ta' Stat Membru (kategorija 2). Intbagħtu 211 635 sett ieħor ta' marki tas-swaba' ta' persuni li kellhom 14-il sena jew aktar preżenti illegalment fit-territorju ta' Stat Membru taħt kategorija 3. L-awtoritajiet maħtura tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri bagħtu 449 sett ta' marki tas-swaba' għall-finijiet ta' prevenzjoni, detezzjoni jew investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew ta' reati kriminali serji oħra (kategorija 4). Il-Europol ma bagħtet l-ebda sett fl-2019 (kategorija 5). L-għadd tas-settijiet tad-*data* skont il-kategorija huma murija fil-Figura 9.




Figura 8: L-istatistika ewlenija tal-2019 għall-Eurodac




Figura 9: Tqassim skont il-kategorija tas-settijiet tad-*data* mibgħuta lis-sistema ċentrali tal-Eurodac fl-2019

L-operazzjonijiet tad-DubliNet

Matul il-perjodu ta' rapportar, DubliNet inżammet billi għe żgurati li n-network u s-servizzi taċ-ċertifikati kienu kontinwament disponibbli għall-Istati Membri.

F'Ġunju, Ċipru kien qed jiffaċċja kwistjonijiet ta' konnessjoni ma' Stati Membri oħra, li min-naħa tagħhom affettwaw l-iskambju ta' e-mails tad-DubliNet. L-instabbiltà tal-konnessjoni damet għal erba' ġimgħat qabel ma nstabtet soluzzjoni u għet implimentata lokalment mit-tim Ċiprijott.

Bejn it-28 ta' Settembru u l-5 ta' Ottubru, l-operatur tat-TESTA-ng għamel eżerċizzju ta' kommutazzjoni fuq is-servizz tal-mail relay tagħhom. It-traffiku tal-posta elettronika kollu li kien ittrattat mill-mail relay TESTA-ng primarja għe mgħoddi lill-mail relay sekondarja. B'riżultat ta' dan, ftit Stati Membri (kemm għall-Eurodac kif ukoll għad-DubliNet) ma setgħux jibagħtu jew jirċievu ebda e-mail. Il-kawża ewlenija għet identifikata bħala konfigurazzjoni mhux korretta fl-Istati Membri affettwati. Wara li TESTA-ng reġa' mar lura għall-konfigurazzjoni inizjali, it-traffiku tal-Istati Membri kollha reġa' lura għan-normal.

Ġestjoni tas-servizzi tal-IT

Appoġġ operattiv tas-sistemi

Sabiex tiġi żgurata d-disponibbiltà kontinwa tas-sistemi tagħha, l-eu-LISA topera appoġġ ta' sistemi ta' 24/7/365, b'persunal minn forza tax-xogħol li jopera f'xiftijiet. Il-prestazzjoni tal-uffiċċju tas-servizzi tas-sistemi fl-2019 kienet tajba ħafna u laħqet 90 %, u b'hekk qabżet il-mira (80 %). Din tiġi mkejla mill-KPI 22 korporattiv "Prestazzjoni tal-uffiċċju tas-servizzi tas-sistemi tal-SM". Dan l-indikatur ikejjel il-kapaċità tal-Aġenzija li tipprovdi lill-utenti finali appoġġ għat-talbiet għall-għajnuna u r-risoluzzjoni tal-inċidenti. L-indikatur ikejjel id-disponibbiltà tal-appoġġ (ħin għar-rispons) u l-prestazzjoni tal-appoġġ (ħin għar-risoluzzjoni). B'risultat ta' dan, l-indikatur juri l-perċentwal ta' talbiet li saru fi f'ndan il-kriterji stabbiliti fil-ftehim dwar il-livell ta' servizz (FLS) bejn l-eu-LISA u l-Istati Membri. Fl-2019, l-Aġenzija ttrattat aktar minn 5 100 biljett: 3 854 inċident u 1 329 talba għal servizz (Tabella 1). Aktar minn 1 168 biljett ġew sottomessi mill-Istati Membri, u 4 015 ġew sottomessi internament, jew mill-avvenimenti ta' monitoraġġ jew mill-kuntratturi tal-MWO.

Tabella 1: Numru ta' inċidenti u talbiet għal servizz ittrattati fl-2019

	SIS	VIS	Eurodac	Total
Inċidenti	869	1 719	481	3 069
Miftuħa mill-MS	384	258	190	832
Miftuħa internament	485	1 461	291	2 237
Talbiet għal servizz	789	270	270	1 329
Miftuħa mill-MS	241	85	57	383
Miftuħa internament	548	185	213	946

Minn 3 069 inċident li ġew ittrattati fl-2019, 40 kienu ta' prijorità kritika: 14 għas-SIS II, 8 għall-VIS u 18 għall-Eurodac (Tabella 2).

Tabella 2 Tqassim tal-inċidenti skont il-prijorità u s-sistema

Prijorità	SIS	VIS	Eurodac	Total
Baxx	122	455	86	663
Moderat	386	676	147	1 209
Għoli	347	580	230	1 157
Kritiku	14	8	18	40
Total	869	1 719	481	3 069

Użu tas-Soluzzjoni Unika ta' Monitoraġġ Integrat

Fl-2019, l-Aġenzija ħadmet b'mod intensiv fuq it-tfassil u l-implimentazzjoni tas-soluzzjoni tal-ġenerazzjoni li jmiss użata mill-funzjonijiet tagħha ta' appoġġ tal-ewwel u tat-tieni livell għall-monitoraġġ tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira. Din is-soluzzjoni, imsejħa s-Soluzzjoni Unika ta' Monitoraġġ Integrat (SiMS) ġiet użata f'kamra ta' monitoraġġ ġdida ta' 24/7/365 fil-bini taċ-ċentru tad-data rinnovat tas-sit tekniku tal-Aġenzija fi Strasburgu (Figura 10). L-installazzjoni tippermetti l-monitoraġġ tas-sistemi attwali u dawk li ġejjin tal-IT fuq skala kbira bl-istess mod, u twassal għal kisbiet sinifikanti fl-effiċjenza u l-effettività. Is-soluzzjoni tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-funzjonalità tas-sistemi kollha u tiffaċilita l-identifikazzjoni bikrija u l-investigazzjoni tal-irregolaritajiet.

Is-SIMS tinkludi ħames uffiċċji ta' monitoraġġ mgħammra bis-sħiħ li joperaw 24 siegħa kuljum, b'ħajjt tal-vidjo ta' 5 m li fih tmien skrins ta' 46 pulzier, li jistgħu jkunu interkonnessi jew miġbura flimkien fi "stampa kbira" (Figura 10). Id-ġo stazzjon tax-xogħol kollha mit-tliet ambjenti differenti tas-sistemi huma kkombinati f'għodda ċentrali waħda mingħajr ma huma konnessi ma' xulxin, u b'hekk l-uffiċjal tal-ewwel jew tat-tieni livell ikun jista' jagħżel faċilment is-sors (l-ambjent) li jeħtieġ biex jaħdmu fuqu mill-istazzjonijiet tax-xogħol tagħhom. Kull stazzjon tax-xogħol huwa mgħammar biss b'monitors, maws u tastiera; il-hardware l-ieħor kollu huwa armat b'mod sikur u sigur fuq l-ixkafef fiċ-ċentru tad-data. F'termini ta' ergonomija, il-kamra hija mgħammra b'soluzzjoni maħsuba sew għal użu ta' 24 siegħa kuljum. Dan jinkludi l-ġestjoni awtomatizzata tad-dawl ta' billejl/matul il-jum tal-iskrins kollha u għamara li tista' tiġi aġġustata personalment. It-touchpads jippermettu selezzjoni malajr u faċli tal-ambjent meħtieġ u jistgħu jittieħdu f'uffiċċji oħra, jew anki fil-kamra tal-laqgħat interkonnessa.



Kreditu: Dominik Schubert, eu-LISA

Figura 10: Is-Soluzzjoni Unika ta' Monitoraġġ Integrat li ġiet użata fi Strasburgu

Fit-tieni fażi, is-SIMS se tintuża fis-sit tekniku ta' backup, iżda fuq skala iżgħar. Il-fażi tal-ippjanar diġà bdiet, u l-installazzjoni u l-implimentazzjoni huma ppjanati għall-2020.

Ġestjoni tat-tibdil

Il-proċess tal-Ġestjoni tat-Tibdil għal sistemi tal-IT fuq skala kbira ġestiti mill-eu-LISA tnieda wara l-approvazzjoni tal-Gruppi Konsultattivi u l-approvazzjoni tal-Bord tat-Tmexxija fl-2013. Wara kważi seba' snin, il-proċess tal-Ġestjoni tat-Tibdil laħaq livell ta' maturità rikonnoxxut mill-partijiet ikkonċernati kollha. Is-sistemi fdati lill-eu-LISA laħqu wkoll livell għoli ta' stabbiltà. Konsegwentement, l-Istati Membri jew il-Kummissjoni ppreżentaw inqas talbiet għat-tibdil. Madankollu, il-kumplessità tat-talbiet għat-tibdil ippreżentati żdiedet, u dan jirrikjedi sforz sinifikanti biex jiġu vvalutati. F'dan il-proċess, il-Grupp ta' Ġestjoni tat-Tibdil huwa responsabbli għall-identifikazzjoni u l-qbil dwar il-mod ta' kif jiġu implimentati t-tibdiliet mitluba. Il-bidliet imbagħad iridu jiġu approvati mill-Gruppi Konsultattivi rispettivi u mill-Kumitat rilevanti. Kull meta kien possibbli, il-bidliet ġew implimentati fi ħdan rilaxx ippjanat. Meta dawn il-bidliet kienu jeħtieġu attivitajiet ta' ttestjar aktar kumplessi, jew kellhom dipendenzi ma' bidliet oħra, dawn kienu ppjanati għall-implimentazzjoni fi ħdan ir-riformulazzjonijiet li ġejjin ta' kull applikazzjoni. Dan l-approċċ itaffi l-impatt tal-implimentazzjoni, l-ittestjar u l-validazzjoni ta' dawn il-bidliet kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-Aġenzija.

Għas-SIS, tmien talbiet ġodda għat-tibdil ġew ġestiti għal titjib u aġġornamenti tal-funzjonalitajiet eżistenti. Tliet talbiet ġew ikklassifikati bħala maġġuri u ħamsa bħala minuri. L-enfasi ewlenija kienet fuq is-soluzzjoni tal-kwistjoni relatata mal-implimentazzjoni tar-regoli ta' traslitterazzjoni tal-ICAO 2015. Ġiet stabbilita task force biex tidentifika soluzzjoni, biex taqbel dwar il-mod kif tiġi implimentata din il-bidla u fl-aħħar biex tikkoordina u tallinja l-attività mal-SM biex timla l-vojt li ġie skopert fl-applikazzjoni. Il-bidla ġiet implimentata bl-ewwel rilaxx tas-SIS tal-2019. Huma ppjanati erba' bidliet għall-implimentazzjoni fl-2020, u tlieta huma ppjanati għar-riformulazzjoni tas-SIS.

Għall-VIS, il-ħidma tal-Grupp tal-Ġestjoni tat-Tibdil iffukat fuq il-valutazzjoni tal-impatt tal-interkonnessjoni tal-VIS-EES. Dan kien kompitu sinifikanti ħafna, li kien jeħtieġ l-involvement ewleni tal-Aġenzija u tal-Istati Membri. Ġiet stabbilita task force; saru tliet laqgħat dedikati u erba' laqgħat mill-bogħod biex titwettag valutazzjoni bir-reqqa tal-bidliet fil-VIS li rriżultaw mir-Regolament tal-EES u biex jiġi identifikat il-mod ta' kif

iridu jiġu implimentati. Ġew elenkati aktar minn 30 bidla u se jkollhom jiġu implimentati fl-ICD tal-VIS biex tiġi żgurata l-interkonnessjoni mal-EES. Barra minn hekk, ġew ġestiti tliet talbiet ġodda għat-tibdil, kollha kklassifikati bħala maġġuri. Waħda kienet bidla ta' emerġenza, u tnejn huma pplanati għar-Riformulazzjoni tal-VIS.

Għall-Eurodac, ġew ġestiti sitt talbiet ġodda għat-tibdil. It-talbiet kollha għat-tibdil kienu titjib fl-użu, ikklassifikati bħala minuri iżda ta' importanza konsiderevoli għall-Istati Membri. It-talba għat-tibdil ewlenija kienet marbuta maż-żieda fil-kapaċità tal-pjattaforma, li kienet meħtieġa biex tittratta l-ammont ta' xogħol addizzjonali minħabba ż-żieda fin-numru ta' persuni li jfittxu ažił. Titjib ieħor relatat mal-ħtiġijiet operattivi u tal-użu tal-SM.

Grazzi għall-ħidma u l-kooperazzjoni kontinwa mal-esperti tal-Istati Membri, il-maġġoranza tat-talbiet għat-tibdil ġew implimentati malajr. Sal-lum, il-bidliet kollha implimentati jew daww ipplanati għall-implimentazzjoni ġew appoġġati mill-Istati Membri kollha. Din hija kisba kbira tal-proċess tal-Ġestjoni tat-Tibdil, li turi l-kapaċità tagħha li tgħaqqad l-esperti tal-SM għall-valutazzjoni u l-abbozzar tat-titjib propost.

Il-ġestjoni tal-ittestjar, tar-rilaxx u tal-użu

Qabel l-użu tar-rilaxxi, tawtaq ittestjar estensiv. L-eu-LISA għamlet progress lejn l-implimentazzjoni ta' pjattaforma ta' ttestjar minn tarf sa tarf għas-sistemi tal-IT fuq skala kbira. Wara l-għażla tas-soluzzjoni, ġew konklużi l-fażijiet tal-implimentazzjoni u tat-taħriġ. Is-soluzzjoni bħalissa hija lesta biex tintuża għall-iżvilupp tal-EES, u se tiġi estiża gradwalment għas-sistemi l-oħra kollha, wara analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji.

L-użu tar-rilaxxi tas-SIS II, tal-VIS u tal-Eurodac huwa definit fil-Politika tal-Ġestjoni tar-Rilaxx u tal-Użu. L-attivitajiet ta' użu u rilaxx huma pplanati u mwettqa b'tali mod li jiġi minimizzat l-impatt fuq l-attivitajiet operattivi tas-sistemi, b'attenzjoni speċjali li tingħata għall-prestazzjoni u d-disponibbiltà tagħhom. Fl-2019, ġew użati r-rilaxxi li ġejjin.

SIS II: ġie implimentat rilaxx wieħed fl-ambjent tal-produzzjoni. Minbarra l-elementi adattivi u korrettivi, dan ir-rilaxx kien fih l-implimentazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tal-ICAO 2015, li kienet bidla fin-negozju, li kellha impatt fuq id-*data* tal-Istati Membri. It-tieni rilaxx tlesta fit-8 ta' Jannar 2020, u prinċipalment kien fih bidliet li jippermettu l-integrazzjoni tal-Frontex bħala utent ġdid tas-SIS u l-estensjoni tal-aċċess għall-Europol u l-Eurojust.

VIS: ġew implimentati tliet rilaxxi fl-ambjent tal-produzzjoni. L-ewwel rilaxx tal-2019, pospost mill-2018, kien jinkludi l-virtwalizzazzjoni tal-BMS. It-tieni rilaxx kien jinkludi elementi adattivi u korrettivi kif ukoll il-kapaċità tal-espansjoni tal-VIS sa 100 miljun rekord. Fl-aħħar nett, l-aħħar rilaxx tal-2019 kien jinkludi l-integrazzjoni tal-Europol bħala utent ġdid.

Eurodac: ġie implimentat rilaxx wieħed fl-ambjent għall-produzzjoni. Dan ir-rilaxx kien jiffoka fuq l-implimentazzjoni ta' bidliet tekniċi korrettivi u adattivi. Id-dħul fis-seħħ tat-tieni rilaxx tekniċi pplanat ġie pospost għall-2020.¹⁹

L-Aġenzija nediet approċċ olistiku għall-“Ġestjoni taċ-Ċiklu tal-Ħajja tal-Applikazzjoni” (ALM) biex twassal il-komponenti u l-applikazzjonijiet tal-IT b'mod aktar mgħaġġel u aġili. L-użu mill-ġdid ta' komponenti komuni u l-interkonnnettività u l-interoperabbiltà ta' sistemi ġodda jġibu magħhom kumplessità addizzjonali fiċ-ċikli tal-ħajja tal-applikazzjoni. L-approċċ tal-ALM jippermetti l-awtomatizzazzjoni tal-proċess tal-ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja u jiżgura traċċabbiltà aħjar matul ir-rapportar, l-analiżi, l-iżvilupp, l-ittestjar, l-użu u l-assigurazzjoni tal-kwalità billi jippermetti governanza koerenti u komprensiva taċ-ċiklu tal-ħajja tal-applikazzjoni. Bħala l-ewwel pass, tnieda studju f'Diċembru 2019 biex jidentifika l-kapaċitajiet u d-diskrepanzi eżistenti u jiddefinixxi pjan

¹⁹ Dan ġie skjerat fi Frar 2020.

direzzjonali għall-implimentazzjoni tal-governanza taċ-ċiklu tal-ħajja tal-applikazzjoni. Huwa pplanat li l-istudju jitwettaq matul l-ewwel nofs tal-2020.

1.1.2 Evoluzzjoni tas-sistemi

SIS

Fl-2019, l-isforzi ewlenin tal-eu-LISA rigward is-SIS kienu ffukati fuq l-implimentazzjoni f'waqtha tar-Regolament ta' Riformulazzjoni tas-SIS, b'mod parallel mat-tkomplija tal-iżvilupp tal-AFIS tas-SIS. Biex twieġeb għall-ħtiġijiet tal-Istati Membri u ż-żieda kontinwa fin-numru ta' tfittxijiet, l-Aġenzija bdiet proġett biex iżżid il-kapaċità tal-mistoqsijiet. Ir-regoli ta' traslitterazzjoni tal-ICAO tal-2015 ġew implimentati u l-Aġenzija appoġġat l-integrazzjoni ta' utenti ġodda (Ċipru, l-Irlanda, u l-Frontex).

Riformulazzjoni tas-SIS

Wara d-dħul fis-seħħ tar-regolamenti ta' riformulazzjoni tas-SIS fit-28 ta' Diċembru 2018, bdew għadd ta' attivitajiet. Is-sottogrupp tas-SIS tal-Grupp ta' Esperti dwar is-sistemi ta' informazzjoni għall-fruntieri u s-sigurtà (Grupp ta' Esperti tas-SIS) beda jiltaqa' fid-29-30 ta' Jannar taħt il-qafas legali l-ġdid tas-SIS. Dan beda l-ewwel sensiela ta' diskussjonijiet dwar id-deskrizzjoni ta' funzjonalitajiet u rekwiżiti tekniċi ġodda għas-sistema ċentrali, l-għażliet possibbli u preferuti għall-implimentazzjoni u l-implikazzjonijiet tekniċi u operattivi tagħhom. Matul l-2019, il-Grupp ta' Esperti tas-SIS kien jiltaqa' fuq bażi regolari biex jindirizza suġġetti bħal rekwiżiti ġodda li jikkonċernaw allerti dwar oġġetti, rekwiżiti statistiċi ġodda u l-użu tas-SIS għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiż terz b'soġġorn illegali. Bħala parti mir-riformulazzjoni tas-SIS, saru diversi ċikli ta' rieżami tad-dokument ta' kontroll tal-interface (ICD) u tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati (DTS) sal-aħħar tal-2019.

F'Jannar 2020, ġie skjerat b'suċċess ir-Rilaxx 9.3.0 tas-SIS II. F'konformità mal-bażi ġuridika l-ġdida, dan ir-rilaxx inkluda karatteristiċi ġodda ta' kontroll fuq l-aċċess li ppermettew lill-Europol, lill-Eurojust, u lill-Frontex ifittxu t-tipi rilevanti kollha ta' allerti fis-sistema u jwettqu domandi għat-tfittxijiet bil-marki tas-swaba' u dawk estiżi. Barra minn hekk, il-funzjonalità tal-AFIS ġiet arrikkita bi tfittxija dwar il-marki tas-swaba' b'erba' swaba'. L-użu tal-karatteristiċi għall-Eurojust u l-Frontex se jkun kompletament awtorizzat ladarba jsiru l-validazzjoni u l-konnessjoni tas-sistemi tagħhom.

Il-fażi 2 tal-AFIS

Diversi SM (il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, Spanja, l-Iżlanda u l-Litwanja) għamlu progress fil-validazzjoni u l-konnessjoni għall-fażi 1 tal-AFIS.

Il-fażi 2 tal-AFIS 2 tnediet uffiċjalment mill-Aġenzija fi Strasburgu fis-16 ta' April. Waqt PMF tal-AFIS tas-SIS, l-eu-LISA pproponiet li tgħaqqad il-fażi 2 tal-AFIS mar-rekwiżiti bijometriċi addizzjonali li jirriżultaw mir-riformulazzjoni tas-SIS, filwaqt li tqis l-iskeda ristretta għall-fażi tat-tfassil tal-fażi 2 tal-AFIS. L-objettiv tal-proġett tal-fażi 2 tal-AFIS huwa li jiġu identifikati r-rekwiżiti u d-disinn korrispondenti għat-titjib tal-prestazzjoni tas-sistema u għall-estensjoni tal-kapaċitajiet ta' tiftix bijometriku b'*data* dattiloskopika fuq il-pali tal-idejn u marki tas-swaba' latenti. Din l-estensjoni tas-sistema bijometrika se tkun disponibbli għall-verifiki fuq il-fruntiera (tal-ewwel linja) u fl-għases tal-pulizija (tat-tieni linja). Din il-karatteristika l-ġdida se tintuża wkoll bħala parti mill-investigazzjonijiet tal-pulizija. Wara l-fażi tad-disinjar tal-fażi 2 tal-AFIS (Settembru-Diċembru), id-dokument tar-rekwiżit tal-utent ġie approvat mill-partijiet ikkonċernati differenti.²⁰

Regoli ta' traslitterazzjoni tal-ICAO

²⁰ Il-fażi ta' implimentazzjoni bdiet f'Jannar 2020.

Fid-9 ta' Ottubru 2019, wara 6 xhur ta' żvilupp, l-Aġenzija lestiet l-użu għas-SIS II tar-regoli ta' translitterazzjoni tal-ICAO tal-2015. Dan kien stadju importanti għas-SIS II, u kien l-aktar titjib diffiċli u kumpless tas-sistema mid-dħul fis-seħħ tagħha f'Mejju 2013.

It-translitterazzjoni tal-karattri nazzjonali speċjali hija funzjonalità bażika tas-SIS II, u tiffaċilita l-ħolqien ta' allerti u l-irkupru tagħhom meta s-sistema tiġi mistoqsija. Fl-2018, minħabba inċident irrappurtat minn xi Stati Membri, l-Aġenzija skopriet li s-SIS II ma kienx fiha valuri li huma fl-aħħar Speċifikazzjonijiet tal-ICAO. L-ICAO aġġornat l-ispeċifikazzjonijiet għal Dokumenti tal-Ivvaġġar li Jinqraw minn Magna fl-2015, b'tabelli ta' translitterazzjoni ġodda. Din l-evoluzzjoni b'suċċess tas-SIS II turi l-kollaborazzjoni eċċellenti tal-Aġenzija mal-esperti tal-Istati Membri, li kkontribwew għall-valutazzjoni tal-kwistjoni u d-definizzjoni tas-soluzzjoni.

Żieda fil-kapaċità tal-mistoqsijiet

Fl-1 ta' April, tnieda l-proġett għaż-żieda fil-kapaċità tal-mistoqsijiet tas-SIS. Iż-żieda fil-kapaċità tal-mistoqsijiet hija evoluzzjoni kbira tas-sistema ċentrali tas-SIS, u hija meħtieġa biex tqabbel l-użu li qiegħed dejjem jiżdied mill-Istati Membri u t-tkabbir esponenzjali tan-numru ta' allerti. Il-kapaċità ta' allert eventwalment se tilħaq il-130 miljun. Il-proġett kien maqsum fi tliet stadji ewlenin: l-ewwel rilaxx ġie skjerat u kien jinkludi aġġornament tas-software tal-applikazzjoni WebLogic.²¹ It-tieni rilaxx se jindirizza l-magna tat-tiftix. Fl-aħħar nett, it-tielet rilaxx se jagħmel użu minn aġġornament tal-bażi ta' data.

Integrazzjoni tal-utenti l-ġodda

L-eu-LISA kompliet tappoġġa dik il-parti tal-komunità tas-SIS li għadha mhix konnessa mas-sistema ta' produzzjoni. Fil-Q3 tal-2019, beda l-proġett biex jgħaqqad lir-Repubblika ta' Ċipru. L-eu-LISA ħadmet flimkien mar-rappreżentanti tal-Ministeru tal-Intern u l-forza tal-pulizija tiegħu għall-bidu tal-proġett u sessjoni ta' taħriġ. Sar progress sinifikanti lejn l-integrazzjoni tar-Repubblika tal-Irlanda: f'Diċembru 2019 ġie adottat ir-Rapport finali ta' Sinteżi tat-Test, li wassal għal tnejn teknika għall-integrazzjoni fis-SIS fl-2020. Fil-Q4 tal-2019 ġiet stabbilita l-konnessjoni tal-Frontex mas-SIS, bħala aspett ewlieni li rriżulta mir-riformulazzjoni tas-SIS.

VIS/BMS

L-evoluzzjonijiet tas-sistema fl-2019 kellhom l-għan li jiżguraw li għandha kapaċità suffiċjenti biex tissodisfa l-ħtiġijiet dejjem jikbru tal-Istati Membri, li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tal-UE dwar il-Viżi. Dawn l-evoluzzjonijiet inkludew il-VIS u l-BMS kif ukoll l-ambjenti tal-ittestjar li saru disponibbli għall-Istati Membri. L-Aġenzija ħadmet ukoll fuq l-integrazzjoni ta' utenti ġodda (il-Europol, aċċess passiv għall-Bulgarija u għar-Rumanija). L-evoluzzjonijiet tal-VIS/BMS ġew influwenzati ħafna mill-interkonnessjoni futura tal-VIS-EES.

Żieda fil-kapaċità

Il-projezzjonijiet jiġu kkalkulati regolarment mill-eu-LISA bħala parti mill-ġestjoni tal-kapaċità sabiex jiġu antiċipati l-azzjonijiet xierqa għall-prevenzjoni ta' kwalunkwe nuqqas u impatt kritiku fuq l-operazzjonijiet. L-ewwel verżjoni tal-VIS, li daħlet fis-seħħ fl-2011, kienet ippjanata li tiġġestixxi sa 100 miljun applikazzjoni. Analiżi fil-fond fl-2015 uriet li d-daqs medju ta' applikazzjoni għal viża kien sinifikament ogħla milli kien mistenni, u dan irriżulta f'kapaċità ta' ħżin aktar baxxa min-numru fil-mira ta' applikazzjonijiet. Minn dak il-punt, ittiegħu azzjonijiet sabiex l-infrastruttura tal-ħżin tinġieb sal-livell meħtieġ. B'riżultat ta' dan, f'Ġunju 2019, ġie użat rilaxx ġdid li żied il-kapaċità ta' ħżin tal-VIS għal 100 miljun rekord. Dan il-livell ta' kapaċità huwa mistenni li jkopri l-ħtiġijiet tan-negozju fit-tul, b'xi margjini biex ilaħħaq ma' deċiżjonijiet jew avvenimenti futuri potenzjali li jwasslu għal użu dejjem akbar tal-VIS u għal ħtieġa għal kapaċità addizzjonali.

²¹ L-ewwel rilaxx ġie skjerat fil-Q1 tal-2020.

Iż-żieda fil-kapaċità tal-bażi tad-*data* tal-BMS imxiet ukoll fid-disinn dettaljat tas-soluzzjoni teknika, il-konfigurazzjoni tal-ambjenti u l-eżekuzzjoni tal-kampanja tat-test tal-proġett. Il-proġett kien teknikament wasal biex jitlesta u r-rilaxx kien lest għall-użu fil-Q4 tal-2019. Madankollu, wara l-inċident li seħħ fil-Q2, is-sistema ta' produzzjoni tal-BMS kienet teħtieġ testijiet addizzjonali matul it-tieni nofs tal-2019. Sadanittant, ġie osservat tnaqqis fin-numru ta' applikazzjonijiet ġodda għal viża, li naqqas il-prijorità fuq perjodu ta' żmien qasir ta' din iż-żieda fil-kapaċità. Imbagħad ġie ddeterminat li l-posponiment tal-użu ta' dan ir-rilaxx kien fattibbli mill-perspettiva tan-negozju. L-iskjerament għall-produzzjoni tar-rilaxx għalhekk ġie pospost għall-ewwel nofs tal-2020.

Ambjent tal-ittejtjar

Wara l-evoluzzjonijiet tas-sistemi VIS/BMS u ż-żieda fil-kapaċità tagħhom, ġew żviluppati b'suċċess bażijiet tad- *data* ta' sfond ġodda għall-finijiet tal-ittejtjar. Dawn il-bażijiet tad- *data* ta' sfond ġodda kienu jeħtieġu li jkunu akbar, biex jaqblu mal-kapaċità l-ġdida tal-VIS u l-BMS. Kien jeħtieġ li jkunu wkoll aktar rappreżentattivi, biex tiżdied il-kwalità tat-testijiet, u marbuta flimkien, biex ikun jista' jsir ittejtjar minn tarf sa tarf. Il-proġett komplut kien jinkludi wkoll gwadann rapidu ta' xi testijiet, pereżempju l-awtomatizzazzjoni ta' xi fażijiet tat-test jew id-dokumentazzjoni ta' għodod użati għat-testijiet tal-prestazzjoni.

L-implimentazzjoni tal-pjattaforma tal-ittejtjar minn tarf sa tarf tal-VIS/BMS ġiet konkluża fil-Q1 tal-2019. L-objettiv ta' dan il-proġett kien il-ħolqien ta' soluzzjoni tal-ittejtjar nonproprietarja minn tarf sa tarf, bl-ingranaġġ ta' għodod standard tal-industrija (li jkopru aspetti funzjonali u mhux funzjonali) għall-VIS u l-BMS. Bħala parti mill-proġett, twettqet ukoll prova tal-kunċett ta' għodda ta' monitoraġġ tal-eżekuzzjoni ta' test. Il-pjattaforma l-ġdida għall-ġestjoni tat-testijiet issa hija stabbilita u qed topera.

L-espansjoni tal-ambjent tal-ittejtjar għal 100 % tal-kapaċità ta' qabel il-produzzjoni kienet ippjanata sabiex il-kundizzjonijiet tat-test jiġu allinjati ma' dawk tal-produzzjoni, u dan jirriżulta f'testijiet tal-prestazzjoni u tar-reżistenza aktar preċiżi. Madankollu, sadanittant, il-baġit u r-riżorsi allokatu kellhom jingħataw prijorità mill-ġdid sabiex jitnieda l-proġett ta' interkonnessjoni tal-VIS-EES, li huwa ta' prijorità oġġla u huwa soġġett għal restrizzjonijiet ta' ppjanar aktar stretti.

Wara inċident kritiku fl-2019 fuq il-pjattaformi kollha ta' ttejtjar fuq perjodu ta' ġimagħtejn, l-Istati Membri esprimew il-ħtieġa li jintroduċu FLS dedikat u ambjenti tal-ittejtjar li huma inqas suxxettibbli għall-falliment. Għalhekk tnieda proġett dedikat sabiex l-infrastruttura tat-test tal-VIS aktar reżiljenti, b'monitoraġġ u reattività mtejba f'każ ta' falliment.²²

Ottimizzazzjoni tar-riżorsi tal-VIS/BMS

Sabiex tuża r-riżorsi tal-informatika tal-VIS/BMS b'mod effiċjenti, l-Aġenzija ppjanat li ttejjeb il-konfigurazzjoni front-end tal-VIS/BMS biex tallinja d-distribuzzjoni tat-tranżazzjonijiet mal-użu attwali tal-Istati Membri. Fl-2019, ir-rapport tal-analiżi dwar l-irfinar tat-throughput tranżazzjonali tal-VIS/BMS ġie ppreżentat u aċċettat. Madankollu, sadanittant ġie vvalutat li l-introduzzjoni tal-interkonnessjoni tal-VIS-EES se jkollha impatt sinifikanti fuq l-użu u d-distribuzzjoni tat-tranżazzjonijiet tal-VIS/BMS. B'riżultat ta' dan, ma setgħet tiġi ppjanata l-ebda implimentazzjoni għall-irfinar tat-throughput tranżazzjonali. Hekk kif jinħareġ it-tbassir dwar l-użu finali tal-EES, l-analiżi se terġa' ssir għal darb'oħra, abbażi tal-istess mudell, u se tinbeda l-implimentazzjoni. Min-naħa l-oħra, il-virtwalizzazzjoni tal-BMS, li kienet prerekwiżit tekniku għall-irfinar tat-throughput tranżazzjonali, ġiet implimentata u rilaxxata fl-ambjenti tal-produzzjoni u f'dawk mhux tal-produzzjoni.

Dan ir-ristrutturar tal-VIS għall-proġett ta' rfinar tat-tranżazzjonijiet flessibbli, mibdi fl-2017, kien immirat lejn it-twettiq ta' prova tal-kunċett sabiex tittejjeb il-flessibbiltà tal-kapaċità u l-prestazzjoni tal-VIS permezz ta'

22 Il-proġett jinsab fil-proċess ta' rieżami u huwa ppjanat li jiġi implimentat sa Q2 tal-2020.

mudell dinamiku bbażat fuq is-servizz. Madankollu, il-proġett ta' interkonnessjoni tal-VIS-EES introduċa rekwiżiti ġodda u limitazzjonijiet tekniċi mhux allinjati ma' dan il-proġett. Barra minn hekk, ir-rekwiżit kritiku ta' "l-ebda perjodu ta' qtugħ" ma ntlaħaqx. B'riżultat ta' dan, tqies li l-eżitu ta' din il-prova tal-kunċett ma setax jintuża għal aktar evoluzzjonijiet tal-VIS.

Integrazzjoni tal-utenti l-ġodda

F'Awwissu 2019 ġie ffirmat kuntratt speċjali biex iħejji għal aċċess passiv għas-sistema għall-Bulgarija u għar-Rumanija, kif ukoll potenzjalment għall-Kroazja, jekk tittieħed deċiżjoni fil-Kunsill Ewropew. Dan l-aċċess passiv (id-dritt li l-VIS tiġi mistoqsija) huwa prerekwiżit għall-Istati Membri biex ikunu jistgħu jimplementaw u jużaw l-EES. Għal dawk l-Istati Membri kollha, l-eu-LISA kompliet tipprovdni appoġġ fl-ittestjar u t-taħriġ. L-implimentazzjoni mxiet bi ftit dewmien minħabba ttestjar addizzjonali meħtieġ għall-validazzjoni sħiħa tal-funzjonalità. Ir-rilaxx relatat tal-VIS huwa ppjanat li jiġi skjerat f'Ġunju 2020.

Fl-istess ħin li attendiet il-laqqgħa tal-adeżjoni tas-SIS f'Ċipru, id-delegazzjoni tal-eu-LISA żaret ukoll lill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin Ċiprijott biex tiddiskuti pjanijiet direzzjonali tat-taħriġ għall-operazzjonijiet ċentrali tagħhom.

Il-proġett għall-integrazzjoni tal-Europol kompli: il-kuntratt ta' talba għat-tibdil ġie ffirmat u l-kampanja ta' test ta' konformità bdiet fl-aħħar ta' Ġunju. Il-funzjonalità ġiet implimentata fil-produzzjoni f'Ottubru 2019. Madankollu, peress li l-interfaċċa nazzjonali għadha mhix lesta għalkollox, il-Europol jista' ma jużax l-aċċess tiegħu qabel il-Q1 tal-2020.

Eurodac

Fl-2019, il-proġetti kollha ppjanati għall-Eurodac kienu relatati ma' evoluzzjonijiet tekniċi partikolari. Sfortunatament, ir-riformulazzjoni tar-Regolament tal-Eurodac kienet għadha ma ġietx adottata mill-koleġiżlaturi u l-evoluzzjonijiet funzjonali kollha tas-sistema ġew sospiżi.

Mudell ta' komunikazzjoni

L-Aġenzija kienet ippjanat li tibdel il-mudell ta' komunikazzjoni tal-Eurodac għas-servizzi web fl-2019. L-għan u l-kamp ta' applikazzjoni tal-proġett ġew ippreżentati lill-AG tal-Eurodac, li ta opinjoni negattiva dwar l-implimentazzjoni ta' dan l-iżvilupp qabel ir-riformulazzjoni tal-Eurodac. Skont l-AG tal-Eurodac, bidla għalja għall-Punt ta' Aċċess Nazzjonali (NAP) ma ġgħib l-ebda valur miżjud mill-perspettiva tan-negozju. Is-servizzi web ikunu meħtieġa wara l-implimentazzjoni riformulata, meta ammont akbar ta' *data* jiġi skambjat bejn l-Istati Membri u s-sistema ċentrali tal-Eurodac. Barra minn hekk, id-disinn tal-infrastruttura tal-Eurodac ma għadux l-aktar tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniċu, u ma jissodisfax ir-rekwiżiti identifikati fir-Regolamenti tal-Interoperabbiltà. Għalhekk, huwa ppjanat li l-Eurodac terġa' tinbena kompletament, inkluż il-mudell ta' komunikazzjoni tagħha bbażat fuq is-servizzi web, meta jiġu implimentati funzjonalitajiet ġodda li ġejjin mill-istrumenti legali l-ġodda tal-Eurodac.

L-ewwel laqqgħa tal-Grupp ta' Esperti tal-Eurodac dwar il-UMF (format universali ta' messaġġ) saret f'Marzu. Dan il-grupp inbeda mill-Aġenzija minħabba l-bidliet fil-mudell ta' komunikazzjoni għas-servizzi web, kif ukoll il-format tal-futur tal-iskambju ta' *data* skont l-Interoperabbiltà. L-għan ta' dan il-grupp huwa li jixpruna, taħt il-koordinazzjoni tal-eu-LISA, il-ħidma preparatorja għall-estensjoni tal-UMF/Ażil u li jipprovdni r-rabta bejn l-AG tal-Eurodac u l-governanza stabbilita tal-proġett tal-UMF. Il-grupp se jipprovdni wkoll input għall-evoluzzjonijiet tal-futur tad-DubliNet, bħall-bidla minn formoli PDF (Format ta' Dokument Portabbli) għal formoli tal-web konformi mal-UMF. Partijiet ikkonċernati oħra, bħall-EASO, kienu involuti wkoll fil-proċess. F'Settembru, saret it-tieni laqqgħa tal-grupp ta' esperti. Il-każijiet kollha ta' użu tal-Eurodac (ibbażati fuq il-proposta inizjali ta' Riformulazzjoni tal-Eurodac) ġew estratti u analizzati.

Integrazzjoni mal-infrastruttura ta' backup kondiviża

L-integrazzjoni tal-Eurodac mal-infrastruttura ta' backup kondiviża komplet matul il-perjodu ta' rapportar bil-ħsieb li jsir titjib fl-effiċjenza. L-ewwel fażi, il-migrazzjoni għall-ħżin fiżiku tad-*data* ta' backup fi ħdan l-infrastruttura tas-CSI, inkisbet f'Ġunju. It-tieni fażi, l-aġġornament tal-mekkaniżmu ta' backup tal-applikazzjoni, ġiet ikkanċellata minħabba l-limitazzjonijiet tekniċi tal-infrastruttura attwali tal-Eurodac. Għal din ir-raġuni, ittiegħdet deċiżjoni biex minflok issir migrazzjoni għal Backup-bħala-Servizz tas-CSI, li se jkun disponibbli fl-2020.

Studju tal-immaġni multispettrali

F'April u Mejju, l-eu-LISA wettqet studju biex tivvaluta jekk l-użu ta' apparat ta' immaġni multispettrali (MSI) għall-iskennjar tal-marki tas-swaba' jaffettwax il-prestazzjoni tas-sistema ċentrali tal-Eurodac. Dan l-istudju sar bl-appoġġ tal-Iżvezja u n-Norveġja, taħt il-mandat tal-AG tal-Eurodac. L-istudju kkonkluda li l-użu tal-MSI ma jiddegradax il-prestazzjoni tal-Eurodac. Barra minn hekk, il-Eurodac hija kapaċi tipproċessa l-immaġnijiet tal-marki tas-swaba' miksuba bl-iskeners tal-MSI aktar malajr meta mqabbla mal-iskeners ottiċi diretti. Dan ifisser li f'volumi kbar ta' tranżazzjonijiet, l-użu tal-MSI jista' jnaqqas il-ħinijiet ta' stennija fuq it-tweġibiet għall-hit. Barra minn hekk, l-użu ta' teknoloġiji tal-MSI ma jnaqqasx il-livell ta' preċiżjoni attwali tas-sistema ċentrali tal-Eurodac. Abbażi tar-riżultati tal-istudju, l-eu-LISA kkonkludiet li l-użu tat-teknoloġiji tal-iskennjar tal-MSI jista' jiġi implimentat b'mod parallel ma' teknoloġiji oħra, skont il-ħtieġa u l-baġit ta' kull Stat Membru. Ġie ppubblikat rapport li jiġbor fil-qosor is-sejbiet ta' dan l-istudju fuq is-sit web tal-eu-LISA.²³

Disponibbiltà għolja ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira

Is-sistemi fdati lill-Aġenzija huma ta' importanza kritika għall-kontrolli fuq il-fruntiera, is-sigurtà interna u l-ġestjoni tal-migrazzjoni fl-UE. Għalhekk, l-Aġenzija għandha tiżgura d-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni tagħhom lill-Istati Membri u lill-Aġenziji rilevanti tal-UE. Madankollu, is-SIS, il-VIS u l-Eurodac ġew żviluppati fi żminijiet differenti u huma bbażati fuq arkitetturi differenti li ma jiżgurawx għalkollox id-disponibbiltà għolja tagħhom.

L-Artikolu 10 tar-regolament ta' stabbiliment tal-Aġenzija jipprevedi li "fejn l-atti legali tal-Unjoni li jirregolaw is-sistemi jeħtieġu li l-Aġenzija żżomm dawk is-sistemi jaħdmu 24 siegħa kuljum, 7 ijiem fil-ġimgħa u mingħajr preġudizzju għall-atti legali tal-Unjoni, l-Aġenzija għandha timplimenta soluzzjonijiet tekniċi biex tissodisfa dawk ir-rekwiżiti. Fejn dawk is-soluzzjonijiet tekniċi jeħtieġu duplikazzjoni ta' sistema jew duplikazzjoni ta' komponenti ta' sistema, dawn għandhom jiġu implimentati biss meta jkun twettqu valutazzjoni tal-impatt u analiżi kostibenefiċċji indipendenti li għandhom jiġu kkummissjonati mill-Aġenzija u wara l-konsultazzjoni mal-Kummissjoni u d-deċiżjoni pożittiva tal-Bord tat-Tmexxija."

Barra minn hekk, l-Artikolu 4(4) tar-Regolament il-ġdid tas-SIS adottat f'Novembru 2018 jipprevedi "l-eu-LISA għandha timplimenta soluzzjonijiet tekniċi biex issaħħaħ id-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni tas-SIS jew permezz tat-tħaddim simultanju tas-CS-SIS u l-backup tas-CS-SIS, dment li l-backup tas-CS-SIS jibqa' kapaċi jiżgura t-tħaddim tas-SIS f'każ ta' ħsara tas-CS-SIS, jew permezz ta' duplikazzjoni tas-sistema jew tal-komponenti tagħha. Minkejja r-rekwiżiti proċedurali stabbiliti fl-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2018/1726 l-eu-LISA għandha, mhux aktar tard mit-28 ta' Diċembru 2019, tfejji studju dwar l-għażliet għal soluzzjonijiet tekniċi, li jkun jinkludi valutazzjoni indipendenti tal-impatt u analiżi indipendenti tal-ispejjeż u l-benefiċċji."

L-eu-LISA bdiet il-ħidma fuq il-valutazzjoni tal-impatt (IA) fl-2019. Madankollu, biex tiġi żgurata l-konsistenza tar-riżultati tagħha fis-sistemi kollha u biex jiġu massimizzati l-benefiċċji operattivi, l-IAS tfassal f'żewġ fażijiet. L-ewwel fażi kellha l-għan li twassal valutazzjoni tal-impatt indipendenti globali u analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji tal-għażliet differenti orjentati lejn il-kapaċità għad-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni tas-sistemi kollha fdati lill-Aġenzija. Din kienet ikkonċentrata fuq il-prestazzjoni u d-disponibbiltà għolja tas-sistemi, liteżamina fid-dettall il-ħtiġijiet eżistenti u tal-futur li s-soluzzjonijiet tekniċi joħolqu f'termini ta' kapaċità ospitanti fis-siti tekniċi u r-riskji relatati mal-istruttura

²³ <https://www.eulisa.europa.eu/Publications/Reports/Eurodac%20MSI-Optical%20Test%20Study.pdf>.

operattiva attwali, u li tivvaluta u tqabbel għażliet ta' livell għoli biex jiġu estiżi l-kapaċità u r-ridondanza tas-sit. L-ewwel fażi tal-IA ġiet iffinalizzata f'Marzu 2020.

Sabiex tissodisfa r-rekwiżit legali għall-valutazzjoni tal-impatt indipendenti u għall-analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji għall-għażliet tekniċi biex issaħħaħ id-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni, l-Aġenzija se tkompli bit-tieni fażi tal-IA fl-2020. Din għandha l-għan li tagħti dettalji dwar is-soluzzjonijiet tekniċi u tal-arkitettura għad-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni tas-sistemi fdati lill-Aġenzija, li tinkludi analiżi teknika aktar raffinata u analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji. L-eżitu tat-tieni fażi tal-IA se jipprovi lill-Aġenzija bi tqabbil komprensiv tas-soluzzjonijiet tekniċi identifikati li se jiffaċilitaw l-identifikazzjoni tal-aħjar mod kif wieħed jista' jimxi 'l quddiem, b'kont meħud u bl-ingranaġġ fuq l-arkitettura tas-sistemi l-ġodda (l-EES, l-ETIAS, il-komponenti tal-interoperabbiltà), li fil-fatt huwa mfassal biex isostni d-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni (modalità attiv/attiv). Ir-riżultati finali tal-IA se jiġu ppreżentati lill-Bord tat-Tmexxija f'Novembru 2020.

Madankollu, l-implimentazzjoni Prattika tal-arkitettura l-ġdida ta' disponibbiltà għolja għal dawn is-sistemi tista' tibda biss fl-2022 u tiddependi mid-disponibbiltà tal-baġits meħtieġa taħt il-QFP il-ġdid għall-2021-2027.

1.1.3 L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda

EES

Fl-2019, l-Aġenzija kompliet il-ħidma tagħha dwar l-implimentazzjoni tal-EES f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea. Minħabba l-kumplessità tal-attivitajiet ta' implimentazzjoni, ix-xogħol ġie organizzat bħala programm li jinkludi l-proġetti li ġejjin:

- Is-sistema ċentrali tal-EES.
- L-EES, il-BMS u l-sBMS.
- Servizz web tal-EES.
- L-interfaċċa tal-EES mar-Repożitorju Komuni għar-Rapportar u għall-Istatistika.
- L-interoperabbiltà tal-VIS-EES.
- Network (inkluża l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tal-VIS).

Fl-aħħar tal-2019, il-progress fl-implimentazzjoni kien qed jimxi skont l-iskeda, b'devjazzjonijiet żgħir li ma affettwawx l-iskeda ta' żmien ġenerali u l-istadji importanti. Informazzjoni dettaljata dwar l-istatus tal-proġetti individwali hija pprovduta hawn taħt.

Is-sistema ċentrali tal-EES

Fis-17 ta' Mejju 2019, l-eu-LISA ppubblikat is-sejfa għall-offerti għall-kuntratt qafas għall-iżvilupp tas-sistema tal-EES. Il-kuntratt ntrebaħ minn konsorzju ta' tliet kumpaniji: IBM Belgium, Atos Belgium, u Leonardo. Il-limitu massimu globali tal-kuntratt qafas tal-EES huwa ftit aktar minn EUR 142 miljun għal perjodu massimu ta' sitt snin. L-ewwel kuntratti speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-WP 1 u 2 ġew iffirmati fit-3 ta' Ġunju 2019.

Sa mill-aħħar ta' Diċembru 2019, tlestiet il-fażi ta' stabbiliment tal-programm (WP 1). Ir-riżultati kollha ġew sottomessi u riveduti mill-Aġenzija skont l-iskeda. Il-fażi tar-rekwiżiti u l-ispeċifikazzjonijiet (WP 2) fiha diversi riżultati kumplessi relatati mar-rekwiżiti dettaljati għas-sistema u l-arkitettura tagħha. Dawn jinkludu l-ispeċifikazzjonijiet funzjonali tas-sistema, id-disinn tekniku dettaljat tagħha u l-interfaċċa bejn is-sistema ċentrali u l-Istati Membri u s-sistemi tal-Europol kif ukoll mal-VIS. Sa mill-aħħar ta' Diċembru 2019, ix-xogħol miexi b'pass mgħaġġel, għalkemm ġie osservat xi dewmien. Madankollu, ma hemm l-ebda impatt fuq id-disponibbiltà ppjanata tas-sistema ċentrali biex tibda l-ittestjar mal-Istati Membri fl-aħħar tal-2020 jew fuq id-data ppjanata għad-dħul fis-seħħ fi Frar 2022. Il-fażi ta' iżvilupp (WP3) bdiet ukoll bl-iffirmar ta' żewġ kuntratti speċifiċi fit-23 ta' Diċembru li jkopru l-kunsinna u l-installazzjoni ta' NUI u biex jiġu akkwistati liċenzji għall-awtomatizzazzjoni tal-użu tar-rilaxx.

II-BMS u I-sBMS tal-EES

Il-Fażi 1 tas-sejħa għall-offerti ristretta tal-BMS għall-EES tnediet fit-20 ta' Ġunju 2018. Id-data tas-sottomissjoni għall-offerti kienet l-1 ta' Ottubru 2018, u ġiet segwita mill-evalwazzjoni, li sussegwentement ġiet iffinalizzata. L-Aġenzija kienet lesta bl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-offerta sa nofs Frar 2019. Meta wieħed iqis il-progress sostanzjali miksub bir-regolamenti tal-interoperabbiltà sa dak iż-żmien (li eventwalment daħlu fis-seħħ fil-11 ta' Ġunju 2019), l-eu-LISA u l-Kummissjoni qiesu li huwa ta' benefiċċju li jiddiskutu l-għażliet disponibbli biex jirriflettu dak il-progress fl-offerta tal-BMS għall-EES. Wara diversi fażijiet ta' diskussjonijiet bilaterali, l-eu-LISA u l-Kummissjoni kkonkludew f'nota konġunta li l-kamp ta' applikazzjoni tal-offerta għandu jittwessa' biex ikopri l-migrazzjoni għas-sBMS tal-VIS, is-SIS II, il-Eurodac u l-ECRIS-TCN. Din l-għażla kienet teħtieġ il-kanċellazzjoni tal-proċedura tal-BMS tal-EES ta' LISA/2018/RP/02, li seħħet fit-8 ta' April 2019. B'dan l-approċċ, filwaqt li testendi l-iskeda ta' żmien għall-proċedura ta' akkwist għall-BMS/sBMS tal-EES, l-Aġenzija stmat li se jiġu ffrankati minn 9 sa 12-il xahar għall-implimentazzjoni tar-regolamenti dwar l-interoperabbiltà. F'konformità mal-kamp ta' applikazzjoni estiż tal-offerta, ittieħdet deċiżjoni li d-data bijometrika għall-VIS se tuża wkoll immedjatament is-SBMS mingħajr mad-data bijometrika tagħha tkun emigrat għall-EES fuq sistema intermedjarja, li tirriżulta fi ffrankar stmat ta' EUR 30 miljun. Is-sejħa l-ġdida għall-offerti tnediet (Fażi 1) fis-7 ta' Mejju 2019, b'data ta' sottomissjoni tas-26 ta' Ġunju 2019. Il-Fażi 2 tas-sejħa għall-offerti tnediet fil-15 ta' Awwissu 2019 u ntemmet fl-20 ta' Diċembru 2019.²⁴

Il-Kitt tas-Software tal-Utent (USK) tal-EES, għodda meħtieġa biex tiġi żgurata l-kwalità tad-data bijometrika, huwa wkoll parti mill-kamp ta' applikazzjoni tas-sejħa għall-offerti tal-sBMS. Tlesta eżerċizzju ta' konsolidazzjoni tar-rekwiżiti interni għall-USK bl-involvement tat-timijiet tal-EES, il-VIS, is-SIS u l-Eurodac.

Is-servizz web tal-EES għat-trasportaturi u ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi (jista' jerġa' jintuża fil-kuntest tal-ETIAS)

Flimkien mal-Frontex, l-eu-LISA kkontribwiet għat-tnejjija mill-Kummissjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni dwar it-trasportaturi, li jkopri l-obbligi għat-trasportaturi permezz tal-użu tal-interfaċċa tat-trasportaturi (servizz web tal-EES u portal tat-trasportaturi tal-ETIAS), kif ukoll it-tnejjija tal-Att ta' Implimentazzjoni għas-sit web pubbliku u l-applikazzjoni għas-siti web mobbli.

L-ewwel laqgħa informali tal-Grupp ta' Ħidma għat-Trasportaturi, organizzata b'mod konġunt mill-eu-LISA u l-Kummissjoni, saret fl-4 ta' Ġunju 2019 fi Brussell. Il-Grupp ta' Ħidma għat-Trasportaturi għandu l-għan li jqajjem sensibilizzazzjoni tal-assoċjazzjonijiet tat-trasportaturi dwar l-obbligi tagħhom li jirriżultaw mir-Regolamenti tal-EES u l-ETIAS kif ukoll mill-Konvenzjoni ta' Schengen. Dan jissorvelja u jiddiskuti wkoll l-istatus tat-tnejjija tat-trasportaturi għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni msemmija hawn fuq, inkluż kwalunkwe kunsiderazzjoni operattiva/teknika rilevanti. Erbgħin parteċipant minn 17-il rappreżentant tat-trasportaturi attendew l-ewwel laqgħa u ġew mistiedna jwieġbu u jipprovdur l-feedback inizjali tagħhom. It-tieni laqgħa tal-grupp ta' ħidma saret fl-20 ta' Settembru u t-tielet laqgħa saret fid-19 ta' Diċembru. Il-grupp tekniċu tat-trasportaturi *ad hoc* ġie fformat bħala spin-off tal-WG tat-trasportaturi, u kellu l-ewwel laqgħa tiegħu fis-6 ta' Novembru, b'enfasi fuq l-elementi tekniċi meħtieġa għall-implimentazzjoni tas-servizzi web tal-EES u tal-ETIAS.

Fl-istess ħin, l-eu-LISA qed twettaq diversi attivitajiet meħtieġa għall-iżvilupp tal-pakkett sħiħ tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li jkopru l-evoluzzjoni mbassra tas-servizzi web tal-EES/ETIAS, sabiex tnedi l-pakkett ta' ħidma rilevanti skont il-kuntratt qafas eżistenti dwar l-implimentazzjoni tal-EES.

Dawn l-attivitajiet kollha se jiġġeneraw input li se jintuża għall-iffinalizzar tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tas-servizzi web tal-EES/ETIAS.

²⁴ L-evalwazzjoni tal-offerti bdiet f'Janjar 2020, ittieħdet deċiżjoni ta' aġġudikazzjoni f'Marzu u ġie ffirmat kuntratt qafas f'April 2020.

Interfaċċa mar-Repożitorju Komuni għar-Rapportar u għall-Istatistika

L-EES għandha tipproduċi rapporti u statistika għall-Istati Membri skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 63 tar-regolament tal-EES. B'mod parallel, għadha għaddejja inizjattiva usa' orjentata lejn l-interoperabbiltà għall-ħolqien ta' repożitorju komuni għar-rapportar u għall-istatistika tas-sistemi kollha tal-eu-LISA u għie ppreżentat studju tekniku f'Diċembru 2019 (ara t-taqsimha dwar l-interoperabbiltà, paġna 38). L-istudju jiddefinixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u jipproponi baġit u skeda għall-interfaċċa tas-sistemi ta' informazzjoni tal-eu-LISA mar-repożitorju komuni, inkluża l-EES. Abbażi tal-ispeċifikazzjonijiet, se jitnieda proġett bħala parti mill-kuntratt qafas tal-EES fil-Q2 tal-2020 biex joħloq l-interfaċċa tal-EES mar-repożitorju.

L-interoperabbiltà tal-VIS-EES

F'konformità mal-ippjanar indikattiv, l-eu-LISA bdiet taħdem fuq l-interoperabbiltà tal-VIS-EES. L-Aġenzija, f'kooperazzjoni mal-kuntrattur tal-VIS, ivvalutat l-impatt tar-regolament tal-EES fuq il-VIS. Id-definizzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet funzjonali tnediet f'April 2019 u l-Istati Membri ntalbu jipparteċipaw fir-reviżjoni tal-ICD. Sabiex jiġi żgurat progress f'waqtu, ġew organizzati tliet laqgħat tal-Grupp ta' Ġestjoni tat-Tibdil, f'April, Mejju u Ġunju 2019. Id-dokument għie approvat formalment mill-komponent tal-VIS tal-Kumitat tas-SIS/tal-VIS f'Settembru 2019 u ntbagħat lill-Istati Membri sa tmiem l-istess xahar. Sabiex ma jkunx hemm impatt fuq il-proċedura tal-offerti tal-sBMS, il-bidliet relatati mal-BMS għandhom jiġu indirizzati hekk kif il-kuntratt tal-sBMS jiġi fis-seħħ.

Network (inkluża l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tal-VIS)

Il-proġett tan-network jitwettaq fi tliet fażijiet: l-ewwel fażi tinvolvi studju ta' fattibbiltà biex tiġi ddeterminata l-fattibbiltà teknika u finanzjarja tal-aġġornament u t-tieni fażi tinvolvi l-ittestjar tal-elementi tekniċi żviluppati reċentament f'ambjent ta' esperimentazzjoni u mal-Istati Membri pilota. It-tielet fażi tikkonsisti fit-tnedija tal-bidliet meħtieġa għall-infrastruttura ta' komunikazzjoni eżistenti tal-VIS biex takkomoda l-EES.

L-ewwel fażi tal-proġett tlestiet b'suċċess. It-tieni u t-tielet fażi għadhom għaddejjin u mexjin fit-triq it-tajba. L-aġġornament tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni tal-VIS huwa kopert f'aktar dettall fit-taqsimha tal-Infrastruttura u n-Networks (ara l-paġna 41).

L-ETIAS

Bid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-ETIAS, l-eu-LISA pproċediet bl-implimentazzjoni tiegħu, billi bdiet bl-istrutturi ta' governanza meħtieġa u l-organizzazzjoni tax-xogħol fuq l-iżvilupp tas-sistema.

Matul l-ewwel nofs tal-2019, l-Aġenzija stabbiliet il-korpi ta' governanza meħtieġa tal-ETIAS. Fl-1 ta' Frar 2019, il-Bord ta' Ġestjoni tal-Programm (BĠP) tal-ETIAS iltaqa' fi Strasburgu għall-ewwel waħda mil-laqgħat tiegħu ta' kull xahar. Skont ir-regolament tal-ETIAS, il-mandat tal-Grupp Konsultattiv tal-EES għie estiż biex ikopri l-ETIAS, u l-ewwel laqgħa tal-AG tal-EES-ETIAS kombinat saret fit-13-14 ta' Marzu fil-kwartieri ġenerali tal-Aġenzija f'Tallinn. B'mod parallel, ġew organizzati laqgħat tekniċi trilaterali dedikati bejn l-eu-LISA, il-Frontex u l-Europol biex jiġu żgurati kooperazzjoni u koordinazzjoni tekniċi effettivi bejn it-tliet Aġenziji.

Il-ħidma fuq l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-ETIAS għiet strukturata fi programm bi tliet fażijiet distinti:

- i. Il-fażi ta' tħejjija bdiet fl-2018 u hija skedata li ddum sa tmiem il-Q2 tal-2020, bil-validazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-offerti (TTS) li bħalissa qed jiġu abbozzati mill-Aġenzija.
- ii. Il-fażi tal-akkwist bdiet fil-Q3 tal-2019 bl-istabbiliment tal-proċedura ta' akkwist tal-qafas transversali tal-inġinerija, u se tintemm bl-iffirmar tal-kuntratti u l-bidu tad-disinn u l-iżvilupp tal-ETIAS fil-Q3 tal-2020.
- iii. Il-fażi ta' implimentazzjoni se tinkludi tliet binarji ewlenin: l-ewwel, l-analiżi dettaljata tar-rekwiżiti u d-disinn tal-ETIAS; it-tieni, l-iżvilupp tagħha; u t-tielet, l-ittestjar tas-sistema u d-dħul fis-seħħ.

Il-fażi ta' tnejn għaddejjja bħalissa u tinkludi erba' flussi ta' xogħol paralleli: ir-reklutaġġ, l-akkwist legali, tekniku u trasversali.

Il-fluss tax-xogħol ta' reklutaġġ

Bħala parti mill-isforz tar-reklutaġġ tal-persunal tagħha, l-Aġenzija identifikat profili xierqa għat-tnejn, l-implimentazzjoni u l-operat tal-ETIAS fuq il-bażi ta' valutazzjoni tad-diskrepanza fil-kapaċità. Il-profilu identifikati nġabru fi grupp sabiex jitħaffef il-proċess ta' reklutaġġ u huma allinjati mal-istruttura organizzattiva l-ġdida tal-Aġenzija. Sa mill-aħħar tal-2019, ġew mimlija 10 pożizzjonijiet minn 19.

Il-fluss tax-xogħol legali

L-Aġenzija ilha tappoġġa lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri fil-qafas tal-laqqgħat tal-Kumitat għall-Fruntieri Intelliġenti u tal-Grupp ta' Esperti bit-tnejn tal-atti legali rilevanti meħtieġa għall-abbozzar tat-TTS tal-ETIAS. Flimkien mal-emendi konsegwenzjali tal-ETIAS, huma meħtieġa verżjonijiet stabbli tal-atti legali għall-finalizzazzjoni tat-TTS. Sitt atti ta' implimentazzjoni u sitt atti delegati huma kkunsidrati stabbli. B'mod parallel, kien hemm progress limitat dwar l-Att ta' Implimentazzjoni għall-kriptaġġ tal-lista ta' sorveljanza tal-ETIAS. Erba' Atti ta' Implimentazzjoni u Atti Delegati li jirriżultaw mir-Regolamenti tal-Interoperabbiltà ġew identifikati bħala li għandhom impatt fuq l-ETIAS. Bħala konsegwenza, il-ħidma fuq dawn l-atti ngħatat prijorità bħala parti mill-Kumitat għall-Fruntieri Intelliġenti (Format tal-interoperabbiltà) u l-iskeda ta' żmien għall-istabbilizzazzjoni tagħhom ġiet allinjata (stmata għall-Q1 tal-2020). Il-valutazzjoni tal-impatt tal-emendi konsegwenzjali tal-ETIAS bdiet fl-aħħar ta' Ottubru. Mill-aħħar tal-2019, l-adozzjoni tal-emendi konsegwenzjali għadha pendenti. Minkejja dan, l-Aġenzija antiċipat u diġà qieset ir-rekwiżiti indikati fid-dokumentazzjoni, kemm għall-EES kif ukoll għall-ETIAS. Barra minn hekk, l-eu-LISA qed tappoġġa lill-Kummissjoni b'mod attiv bl-abbozzar tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tat-Trasportaturi bħala parti mill-iżvilupp tal-ETIAS.

Il-fluss ta' xogħol tekniku

Fil-fluss ta' xogħol tekniku, l-Aġenzija kompliet tipprepara t-TTS. Ġie ddefinit pjan ta' rimedju sabiex tiżied il-kwalità u l-kompletezza tat-TTS wara li tqajmu għadd ta' punti ta' tħassib. Ġie użat għarfien espert addizzjonali biex ikopri l-lakuni identifikati u l-attivitajiet preparatorji tat-TTS tal-ETIAS li jifdal sal-aħħar tal-Q2 tal-2020. Il-Bord ta' Ġestjoni tal-Programm tal-ETIAS ingħata s-setgħa li jirrevedi t-TTS tal-ETIAS u jivvalida r-rabta bejn l-Artikoli fir-regolament tal-ETIAS u l-kopertura fit-taqsimiet rilevanti tad-dokumentazzjoni tat-TTS tal-ETIAS. L-Aġenzija ħejjiet u ppreżentat il-ħarsa ġenerali tal-arkitettura tal-ETIAS bħala parti mid-dokumentazzjoni tat-TTS.

L-Aġenzija ħejjiet l-istrategġija ta' ttestjar għall-ETIAS u indirizzatha fil-livell tal-AG. L-għan huwa doppju: minn perspettiva ta' pjanar, li jiġu rfinati l-attivitajiet kollha assoċjati, speċjalment dawk li jinvolvu lill-SM u lill-Aġenziji; minn perspettiva ta' kopertura, li jiġi żgurat li t-tnejn tal-OIE jkunu koperti kif xieraq. Dan tal-aħħar ikopri wkoll l-ittestjar minn tarf sa tarf tan-negozju fejn l-Aġenzija qasmet diversi xenarji ta' ttestjar mal-membri tal-AG. Huwa mistenni li l-SM, il-Frontex u l-Europol jipprovdu feedback f'waqtu biex jippermettu t-tlestija tal-attività sal-aħħar tal-2020. Din l-attività se tgħin ukoll lill-SM ifasslu mill-ġdid il-proċessi tan-negozju tagħhom skont il-qasam tan-negozju (il-viża, l-immigrazzjoni, l-infurzar tal-liġi u l-fruntieri) u se ttestja dawn il-proċessi flimkien mas-soluzzjonijiet nazzjonali l-ġodda tal-ICT qabel l-EiO tal-ETIAS. Dan se jgħin ukoll biex jibnu l-kapaċità u jħarrġu lill-utenti finali tagħhom kif xieraq, qabel l-EiO tal-ETIAS.

L-akkwist trasversali

L-akkwist trasversali, ir-raba' fluss ta' ħidma, ġie introdott fil-fażi ta' tnejn u jikkomplimenta l-ewwel kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet ta' preparazzjoni tal-ETIAS biex jiġu indirizzati l-isfidi minn sfond tas-sistema interoperabbli li qed jikber, u biex jiġi adattat għall-organizzazzjoni trasversali l-ġdida tal-eu-LISA. L-għan tiegħu huwa li jstabbilixxi qafas kuntrattwali għat-tfassil, l-iżvilupp, l-ittestjar u l-implimentazzjoni ta' sistemi

għodda, li jibda mill-ETIAS. Wara din id-deċiżjoni, it-tnejn tal-ispeċifikazzjonijiet u s-sejħa għall-offerti għall-qafas trasversali tal-inġinerija (TEF) tnediet f'Janjar 2020.²⁵ Huwa mistenni li jitlesta sal-bidu ta' Lulju 2020, bl-għoti tal-kuntratti għal kull wieħed mill-lottijiet ta' TEF: id-disinn, il-koordinazzjoni, l-assigurazzjoni tal-kwalità u l-appoġġ għall-integrazzjoni (lott 1); l-iżvilupp (lott 2); l-infrastruttura - hardware, software, is-servizzi relatati (lott 3); l-ittestjar u l-kwalifika (lott 4).

ECRIS-TCN

Fil-11 ta' Ġunju 2019, ir-Regolament li jstabbilixxi sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni ta' Stati Membri fil-pussess ta' informazzjoni dwar kundanni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi (ECRIS-TCN) daħal fis-seħħ. Skont dan ir-regolament, l-eu-LISA hija responsabbli għall-iżvilupp u l-ġestjoni operattiva tal-ECRIS-TCN, li hija l-ewwel sistema tal-IT fuq skala kbira li għandha tiġi mfassla u żviluppata mill-eu-LISA li primarjament taqdi skopijiet ġudizzjarji. F'dan ir-rigward, dan il-proġett huwa l-ewwel ingaġġ formali tal-Aġenzija mal-komunità tal-ġustizzja tal-UE u mal-partijiet ikkonċernati għodda għall-Aġenzija, b'had-DĠ JUST u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew. B'mod simili għal dak li sar fil-kuntest tal-iżvilupp ta' sistemi għodda oħra, l-eu-LISA bdiet il-ħidma għall-ECRIS-TCN fi tliet flussi ta' xogħol: it-tnejn tal-akkwist, ir-reklutaġġ ta' persunal ġdid, u l-appoġġ għat-tnejn ta' atti ta' implimentazzjoni u l-att delegat. F'termini ta' reklutaġġ, ingħaqad aġent kuntrattwali wieħed mat-tim tal-ECRIS-TCN fl-2019 u erba' aġenti kuntrattwali addizzjonali se jiġu reklutati fl-2020. B'hal parti mill-fluss ta' xogħol legali, l-eu-LISA ħadmet f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni (DĠ JUST) u l-Istati Membri dwar it-tnejn tal-IAs u d-DAs meħtieġa. Barra minn hekk, l-Aġenzija pprovdiet l-appoġġ tagħha għal-laqqgħat tal-Kumitat tal-ECRIS-TCN u tal-Grupp ta' Esperti. L-Aġenzija bdiet tnejn wkoll għat-trasferiment tal-Implimentazzjoni ta' Referenza (RI) tal-ECRIS mid-DĠ JUST. Ladarba dan jiġi ffinalizzat, l-eu-LISA tkun responsabbli mill-manutenzjoni tal-RI tal-ECRIS u mill-iżvilupp ulterjuri tiegħu. F'Janjar 2020, kienu qed isiru preparazzjonijiet biex jiġu organizzati l-ewwel laqqgħat tal-AG u l-BĠP tal-ECRIS-TCN.

1.1.4 Interoperabbiltà

Ir-Regolament (UE) 2019/817 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam ta' frontieri u viża u r-Regolament (UE) 2019/818 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni daħlu fis-seħħ fil-11 ta' Ġunju 2019.

Wara d-dħul fis-seħħ tar-regolamenti, l-Aġenzija ħadet l-azzjoni meħtieġa biex timplimenta l-arkitettura tal-interoperabbiltà b'hal programm bi tliet fażijiet distinti.

- i. Il-fażi ta' preparazzjoni bdiet immedjatament wara l-adozzjoni tar-regolamenti dwar l-interoperabbiltà. Din hija skedata li tibqa' sejra sa tmiem il-Q2 tal-2020 bil-validazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-offerta.
- ii. Il-fażi tal-akkwist bdiet b'mod parallel fil-Q3 tal-2019 bl-istabbiliment tal-proċedura ta' akkwist tal-qafas trasversali tal-inġinerija u se tintemm bl-iffirmar tal-kuntratti u bit-tnedija tad-disinn u l-iżvilupp tal-komponenti tal-interoperabbiltà fil-Q3 tal-2020.
- iii. Il-fażi ta' implimentazzjoni se tinkludi tliet binarji ewlenin: (1) l-analiżi dettaljata tar-rekwiżiti u d-disinn tal-komponenti tal-interoperabbiltà, (2) l-iżvilupp tagħhom u (3) l-implimentazzjoni u l-integrazzjoni tagħhom ma' sistemi tal-IT fuq skala kbira.

Fi tmiem l-2019, il-fażi ta' preparazzjoni kienet għadha għaddeja u kienet tikkonsisti f'erba' flussi ta' xogħol paralleli: ir-reklutaġġ, l-akkwist legali, tekniku u trasversali. L-istatus tagħhom fl-aħħar tal-2019 huwa deskritt hawn taħt.

Biex tiffaċilita l-integrazzjoni tas-sistemi eżistenti u għodda tal-IT fuq skala kbira fl-arkitettura l-ġdida tal-interoperabbiltà, l-Aġenzija lestiet l-istudju ta' fattibbiltà fuq "Elaboration of a future architectural framework for interoperable IT systems at eu-LISA: impact assessment and migration and integration plan" (L-elaborazzjoni ta' qafas

²⁵ Il-proċedura tnediet fid-29 ta' Janjar 2020.

arkitettoniku futur għal sistemi tal-IT interoperabbli fl-eu-LISA: valutazzjoni tal-impatt u pjan ta' migrazzjoni u integrazzjoni). Ir-riżultati tiegħu ġew inkorporati fir-rekwiżiti għal komponenti separati tal-interoperabbiltà.

Minbarra l-korpi ta' governanza meħtieġa, l-eu-LISA stabbiliet: il-Bord ta' Ġestjoni tal-Programm tal-Interoperabbiltà (il-BĠP tal-IO) u l-Grupp Konsultattiv dwar l-interoperabbiltà (l-AG tal-IO) biex jissorveljaw u jikkoordinaw l-attivitajiet ta' implimentazzjoni. L-ewwel laqgħa tal-BĠP tal-IO saret fl-aħħar ta' Ottubru 2019. L-ewwel laqgħa tal-AG tal-IO saret f'Jannar 2020.

Il-fluss tax-xogħol ta' reklutaġġ

Sa mill-aħħar tal-2019, 11-il pożizzjoni minn 27 ġew mimlija.

Il-fluss tax-xogħol legali

L-Aġenzija qed tappoġġa lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri bit-tnejn tal-atti legali rilevanti bħala parti mil-laqgħat tal-Kumitat tal-interoperabbiltà u tal-Grupp ta' Esperti. Il-Kummissjoni, flimkien mal-Aġenzija, identifikat l-atti ta' implimentazzjoni u delegati meħtieġa bħala prijoritajiet sabiex tnedi l-attivitajiet ta' akkwist meħtieġa f'konformità mal-iskeda ta' żmien tal-implimentazzjoni. B'riżultat ta' dan, ġie deċiż li jiġu prodotti sitt atti qabel tmiem l-2019, ħamsa oħra fl-ewwel nofs tal-2020 u tnejn fl-ewwel kwart tal-2021. L-atti li jappartjenu għad-dħul fis-seħħ jiġu prodotti ladarba jkun hemm informazzjoni ċara li s-sistema rispettiva tista' tidħol fil-produzzjoni. Żewġ atti li jestendu l-perjodu tranżitorju għall-ESP u l-MID, rispettivament, se jiġu prodotti biss jekk ikun meħtieġ.

Kif ipplanat, sa tmiem l-2019, sitt atti kienu laħqu forma stabbli wara diskussjoni fil-Grupp ta' Esperti dwar l-Interoperabbiltà u l-Kumitat tal-Komitoloġija, fejn intlaħaq kunsens ġenerali. L-atti huma dawn li ġejjin:

- Att delegat li jstabilixxi regoli dettaljati dwar l-operat tas-CRRS.
- Att delegat li jstabilixxi l-proċeduri biex jiġu determinati l-każijiet li fihom id-*data* dwar l-identità tkun tista' titqies li hija l-istess jew simili.
- Att ta' implimentazzjoni dwar il-proċedura għall-ESP biex jistħarreġ is-sistemi ta' informazzjoni u l-format tat-tweġibiet.
- Att ta' implimentazzjoni dwar id-dettalji tekniċi tal-profilu tal-ESP.
- Att ta' implimentazzjoni dwar il-monitoraġġ tal-prestazzjoni tas-servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku u att ta' implimentazzjoni dwar ir-regoli tekniċi għall-kollegament tad-*data* minn sistemi differenti ta' informazzjoni.

Il-fluss ta' xogħol tekniċi

L-għan ta' dan il-fluss ta' xogħol huwa li jiġu ppreparati l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-offerti għall-komponenti tal-interoperabbiltà. Il-progress fuq kull wieħed minn dawn jidher hawn taħt.

Portal Ewropew tat-Tfittxija (ESP)

Fi tmiem l-2019, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-offerta għall-ESP kienu qed jitħejjew. Skont l-ippjanar tal-Aġenzija, dawn se jiġu ffinalizzati sal-aħħar ta' Ġunju 2020. Wara r-rieżami tagħhom mill-Bord tat-Tmexxija, skont l-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) 2019/818, l-iżvilupp huwa mistenni li jibda fit-tieni nofs tal-2020.

Servizz Kondiviż ta' Tqabbil Bijometriku (sBMS)

Fi tmiem l-2019, il-proċedura ta' akkwist għall-iżvilupp tas-sBMS kienet għadha għaddejja.²⁶ L-iżvilupp tal-sBMS se jsir b'mod parallel mal-iżvilupp tal-EES, u b'hekk jiffranka ammont sostanzjali ta' ħin u sforz.

Repożitorju Ċentrali għar-Rapportar u għall-Istatistika (CRRS)

Fi tmiem l-2019, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-offerta għas-CRRS kienu qed jiġu żviluppati. Dawn huma bbażati fuq studju ta' fattibbiltà dwar 'soluzzjoni ta' rapportar unifikata tas-sistemi tan-negożju ewlenin'. Dan

²⁶ Dan ġie ffinalizzat f'April 2020 u t-tweġiq tal-kuntratt mogħti beda f'Mejju.

ingħata fl-aħħar tal-2019 u jiddefinixxi l-arkitettura tas-soluzzjoni teknika li fuqha se jkun ibbażat is-CRRS. Dan se jipprovdi sett ta' għodod komprensiv għar-rapportar u l-analitika tal-istatistika.

Fiż-żmien tat-tnejn ta' dan ir-rapport, kienet għaddejja reviżjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi skont l-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) 2019/818/525. L-iżvilupp tas-CRRS huwa mistenni li jibda fit-tieni nofs tal-2020.

Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità (CIR)

Fi tmiem l-2019, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-offerta għas-CIR kienu qed jitħejjew. Skont l-ippjanar tal-Aġenzija, dawn se jiġu ffinalizzati sal-aħħar ta' Ġunju 2020. Wara r-rieżami tagħhom mill-Bord tat-Tmexxija, f'konformità mal-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) 2019/818, l-iżvilupp tas-CIR huwa mistenni li jibda fit-tieni nofs tal-2020.

Detettur ta' Identitajiet Multipli (MID)

Fi tmiem l-2019, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-offerta għall-MID kienu qed jitħejjew. Skont l-ippjanar tal-Aġenzija, dawn se jiġu ffinalizzati sal-aħħar ta' Ġunju 2020. Wara r-rieżami tagħhom mill-Bord tat-Tmexxija, f'konformità mal-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) 2019/818, l-iżvilupp tal-MID huwa mistenni li jibda fit-tieni nofs tal-2020.

1.1.5 Infrastruttura u networks

Ġestjoni operattiva tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni

Matul il-perjodu ta' rapportar, l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tas-SIS u l-VIS bl-użu tal-kuntratt qafas tas-servizzi TESTA-ng li sar bi qbil mar-rekwiżiti legali u operattivi. Il-prestazzjoni tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni qabżet il-mira ħadra tagħha (KPI 5). L-infrastruttura ta' komunikazzjoni tal-VIS kellha disponibbiltà ġenerali ta' 99.990 % filwaqt li l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tas-SIS kellha disponibbiltà ġenerali ta' 99.995 %.

It-tieni saff ta' kriptaġġ tas-SIS II żgura s-sigurtà tad-data kummerċjali tas-SIS II u tas-SireneMail u laħaq disponibbiltà ta' 100 % matul il-perjodu ta' rapportar.

Sabiex tittejjeb il-ġestjoni operattiva tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni, ġiet implimentata b'suċċess fis-CU sistema li kapaċi tkejjel l-istatistika tan-network (kemm fl-ambjent tal-produzzjoni kif ukoll f'dak ta' qabel il-produzzjoni). Din tippermetti lill-Aġenzija tirrapporta u tanalizza aħjar diversi oqsma tat-traffiku tan-network. Din ittejjeb ukoll il-kapaċitajiet tal-Aġenzija matul attivitajiet ta' individwazzjoni ta' soluzzjoni.

Aspetti kuntrattwali tan-networks tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni

Matul il-perjodu ta' rapportar, tlesta t-trasferiment tal-kompiti relatati mal-implimentazzjoni tal-baġit, l-akkwist u t-tiġdid u l-kwistjonijiet kuntrattwali tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni tas-SIS u l-VIS. It-trasferiment mill-Kummissjoni lill-Aġenzija beda fl-2018 u l-attività tlestiet b'suċċess f'Marzu 2019 bl-aħħar trasferiment baġitarju tal-linja tas-SIS.

Ladarba t-trasferiment kien tlesta, il-kuntratti għall-manutenzjoni u t-tħaddim tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni tas-SIS u tal-VIS ġew eżegwiti, filwaqt li kuntratti ġodda biex tiżdied il-wisa' tal-banda tan-network ġew innegożjati u mibdija. Huwa meħtieġ li jsir titjib tal-wisa' tal-banda biex jakkomoda s-sistemi tal-EES u tal-ETIAS fuq l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tal-VIS. It-titjib tal-wisa' tal-banda fl-infrastruttura ta' komunikazzjoni tas-SIS huwa meħtieġ biex jakkomoda l-karatteristiċi tal-AFIS tas-sistema tas-SIS II.

It-tiġdid tal-kuntratti EuroDomain fis-CU u fil-BCU, għall-applikazzjoni tal-Eurodac, ġie eżegwit b'suċċess.

Fl-aħħar nett, l-Aġenzija għenet fit-tnejn ta' dan il-kuntratt qafas TESTA, immexxi mill-Kummissjoni (DG DIGIT) bħala s-sid tal-kuntratt.

Evoluzzjoni tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni

L-evoluzzjoni tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni ġiet eżegwita f'diversi oqsma matul il-perjodu ta' rapportar.

Titjib tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni tal-VIS

Studju ta' fattibbiltà dwar l-aġġornament tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni tal-VIS biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet addizzjonali tal-wisa' tal-banda għall-EES u l-ETIAS inbeda f'Marzu 2019 u għie ffinalizzat f'Ġunju. F'Lulju bdiet il-fażi tal-bidu tal-aġġornament. L-aġġornament se jinkiseb permezz ta' taħlita ta' aġġornamenti tal-linja u sostituzzjoni tal-punti ta' aċċess għat-turnkey (TAPs) b'mudelli ġodda fis-siti fejn aġġornament tal-linja biss ma jkunx biżżejjed. Sar stħarriġ dwar is-sitwazzjoni fl-SM matul il-Q3 tal-2019, inkluż jekk ikunx meħtieġ tagħmir ġdid għall-aġġornamenti tal-linja. L-implimentazzjoni tal-esperimentazzjoni tat-TAPs il-ġodda bdiet f'Diċembru 2019, wara żewġ implimentazzjonijiet pilota. Sa tmiem l-aġġornament f'Lulju 2020, l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tal-VIS se jkollha kapaċità ta' kważi seba' darbiet ogħla minn qabel u se tkun lesta tappoġġa d-dħul fis-seħħ tal-EES u l-ETIAS.

Aġġornament tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni tal-SIS

L-aġġornament tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni tas-SIS TESTA-ng beda fl-2018 u kompli matul il-perjodu ta' rapportar. Is-siti primarji għall-Iżvizzera, il-Polonja u l-Portugall kienu diġà ġew aġġornati għal 100 Mbps fl-2018. Għas-siti primarji tal-Awstrija, il-Ġermanja u n-Netherlands, l-aġġornamenti saru fl-2019. Wara t-tlestija ta' dan l-ewwel pass, ingħata bidu għall-aġġornament ġenerali tal-SM li fadal biex jakkomodaw ir-rekwiżiti tal-AFIS tas-SIS II. Is-CU ċentrali tas-SIS II u t-TAPs u l-linji tal-BCU ġew aġġornati minn 1 Gbps għal 2 Gbps. L-ittestjar tal-esperimentazzjoni tat-TAP tal-mudell 2, li għandu jintuża fl-SM, tlesta b'suċċess. It-TAP tal-mudell 2 imbagħad għie implimentat f'żewġ SM għal aktar ittestjar, u sussegwentement għie aċċettat għal aktar użu mill-SM kollha. Minn Novembru 2019, ġew implimentati aġġornamenti fi tliet siti kull xahar. Il-Kummissjoni u l-eu-LISA għażlu pass bil-mod għal raġunijiet baġitarji. Il-kuntratt jipprevedi li l-SM kollha jkollhom aġġornament inizjali għal 50 Mbps, bil-possibbiltà ta' estensjoni għal 100 Mbps aktar tard, skont il-ħtiġijiet. Meta jitlesti l-aġġornament, l-SM kollha se jżidu l-wisa' tal-banda tagħhom minn 10 Mbps għal 50 Mbps b'għażla li jaġġornaw għal 100 Mbps.

Aġġornament tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni tal-EuroDomain

L-applikazzjoni tal-Eurodac tuża l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tal-EuroDomain biex tiżgura l-konnettività bejn is-sistema ċentrali tal-Eurodac u s-sistemi nazzjonali. Il-kompiti relatati mal-implimentazzjoni tal-baġit tal-EuroDomain u kwistjonijiet kuntrattwali huma l-kompetenza tal-Kummissjoni (DG DIGIT) iżda l-implimentazzjoni tal-baġit u kwistjonijiet kuntrattwali għat-TAPs tal-EuroDomain fis-CU u fil-BCU huma ġestiti mill-Aġenzija. L-aġġornament tat-TAPs tas-CU u tal-BCU tal-EuroDomain għie pospost sakemm jiġi approvat ir-Regolament riformulat tal-Eurodac. L-aġġornament tal-wisa' tal-banda tal-Eurodac ikun meħtieġ biss jekk ir-Regolament riformulat tal-Eurodac ikun jeħtieġ aġġornament tan-network.

Evoluzzjoni tat-tieni saff ta' kriptaġġ

Filwaqt li l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tas-SIS għandha saff ta' kriptaġġ ieħor biex tiżgura li parti terza ma jkunx jista' jkollha aċċess għal *data* b'test ċar, l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tal-VIS m'għandha l-ebda saff ta' kriptaġġ ieħor. Matul il-perjodu ta' rapportar, twettaq it-tieni saff ta' kriptaġġ pilota fuq l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tal-VIS. Il-proġett pilota twettaq b'suċċess billi għiet implimentata s-soluzzjoni għal tliet SM fuq in-network ta' qabel il-produzzjoni.

Madankollu, introduzzjoni sħiħa tat-tieni saff ta' kriptaġġ tal-VIS lill-SM kollha għiet sospiża. It-tieni saffi ta' kriptaġġ tal-VIS u l-EES jeħtieġ li jeżistu flimkien peress li jużaw l-istess infrastruttura ta' komunikazzjoni, filwaqt li fl-istess ħin jeħtieġ li jikkonformaw mar-rekwiżiti tad-dispożizzjonijiet legali (jiġifieri s-separazzjoni loġika tad-*data*). Għalhekk, hija meħtieġa aktar ċarezza dwar id-disinn tat-tieni saff ta' kriptaġġ tal-EES qabel ma jiġi introdott it-tieni saff ta' kriptaġġ tal-VIS lis-SM kollha, biex jiġi evitat ir-riskju ta' kost addizzjonali u nuqqas ta' disponibbiltà jekk iż-żewġ soluzzjonijiet tat-tieni saff ta' kriptaġġ ma jkunux iddisinjati b'mod parallel.

Evoluzzjonijiet tal-UWAN

Proġett ta' prova tal-kunċett, li beda fl-2017, twettaq biex iħejji r-rekwiżiti għal network unifikat fuq żona wiesgħa (UWAN) għas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fdati lill-Aġenzija. It-tieni fażi tax-xogħol, li saret fl-2018, wasslet għar-rakkomandazzjoni biex jiġu ttestjati soluzzjonijiet ta' SD-WAN (network fuq żona wiesgħa ddefinit minn software). Il-kamp ta' applikazzjoni tal-fażi finali, konkluża f'Mejju 2019, kien li jiġu ttestjati s-soluzzjonijiet identifikati. L-eżitu tal-istudju wera li s-soluzzjonijiet jistgħu jkunu kompatibbli mal-ħtiġijiet tal-Aġenzija. Ir-riżultat tal-istudju se jintuża għall-iżvilupp futur ta', u t-titjib fil-WAN għas-sistemi tal-IT fuq skala kbira.

L-istudju dwar il-perimetru ta' network unifikat fuq żona wiesgħa kien ippjanat li jibda fl-2019. L-obiettiv ta' dan l-istudju hu li jtejjeb il-mod kif is-sistemi tal-IT fuq skala kbira jiġu konnessi mal-infrastruttura ta' komunikazzjoni, b'mod partikolari b'attenzjoni fuq is-sigurtà, l-iskalabbiltà, il-flessibbiltà, id-disponibbiltà u t-throughput. L-istudju ġie pospost sakemm il-linja bażi tal-EES fir-rigward tad-disinn tal-perimetru tkun magħrufa. Din il-linja bażi mbaġħad se tintuża biex ikun hemm allinjament ma' sistemi eżistenti oħrajn.

Infrastruttura kondiviża komuni

Sabiex tittejjeb il-ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-infrastruttura, l-Aġenzija qed tmexxi programm ta' infrastruttura kondiviża komuni (CSI). L-għanijiet tal-programm huma li jiċċentralizza u jissimplifika s-servizzi tekniċi u li jżomm u jżviluppa aktar infrastruttura komuni użata mis-sistemi tal-IT fuq skala kbira fdati lill-Aġenzija, skont id-dispożizzjonijiet tal-istrumenti legali.

Matul il-perjodu ta' rapportar, l-Aġenzija żgurat il-ġestjoni operattiva u l-operat ta' kuljum tal-infrastruttura tas-sistemi permezz tal-ġestjoni tal-inċidenti, it-twettiq tat-talbiet, il-ġestjoni tal-problemi, u l-iskjerament tal-bidla u tar-rilaxx. Il-ġestjoni operattiva u l-operat ta' kuljum tal-infrastruttura twettqu wkoll fis-sit ta' backup f'St Johann im Pongau.

Fl-2019, wieħed mill-aktar artifatti importanti maħluqa fi ħdan il-programm tas-CSI kien il-finalizzazzjoni ta' "standard tat-teknoloġija u katalogu tal-portafoll tat-teknoloġija" armonizzat, li jipprovdi l-bażi ewlenija għall-infrastruttura kondiviża komuni, u b'mod partikolari għall-interoperabbiltà. Abbażi tal-istandard, ġew żviluppanti diversi servizzi tekniċi: filwaqt li tlesta l-"Ħżin bħala Servizz", inbdew il-"Bażi tad-data bħala servizz" u l-"Backup bħala servizz".

Bħala parti mill-programm tas-CSI, il-proġett ta' "Infrastruttura tal-Ittestjar" implimenta parti kbira mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu matul l-2019, inkluż sensiela ta' testijiet li ġiet użata u li ilha disponibbli minn Novembru 2019. Is-sensiela ta' testijiet tinkludi sett sħiħ ta' għodod integrati li jistgħu jappoġġaw il-proċess tat-testijiet tal-eu-LISA minn tarf sa tarf, mill-ġestjoni tar-rekwiżiti sal-ippjanar, id-disinn, l-eżekuzzjoni u r-rapportar tat-testijiet. Il-proġett se jitkompla fil-bidu tal-2020 sabiex ilesti l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu u jimplimenta moduli addizzjonali li se joffru osservabilità kważi f'ħin reali ta' applikazzjoni u l-infrastruttura tagħha matul il-prestazzjoni u l-ittestjar tal-istress.

Proġett ieħor fil-programm tas-CSI kien il-bini ta' pjattaformi ta' infrastruttura kondiviża komuni teknika f'ambjenti differenti li se jintużaw fil-futur biex jemigraw s-sistemi eżistenti. L-applikazzjonijiet il-ġodda se jiġu ospitati f'dan l-ambjent tas-CSI li għadu kif inbena.

1.1.6 Sigurtà

Is-sigurtà hija element ċentrali tal-attivitajiet kollha mwettqa f'organizzazzjoni ffokata fuq l-IT bħall-eu-LISA, mhux biss għal raġunijiet legali, iżda anke minħabba r-rwol tagħha bħala ċentru ta' eċċellenza fil-provvista tas-servizzi tal-IT, inkluż is-sigurtà tas-sistemi u tal-informazzjoni.

Matul l-2019, il-funzjoni ta' sigurtà tal-Aġenzija kompliet iżżomm u ttejjeb miżuri li jikkonċernaw is-sigurtà fiżika u tal-persunal biex toħloq ambjent tax-xogħol sikur u sigur, b'mod partikolari fir-rigward tal-bini tagħha u l-aċċessi tiegħu.

Il-KPI 1 jirrappreżenta l-għadd ta' nuqqasijiet kritiċi identifikati matul it-testijiet tas-sigurtà, b'mira ta' żero. Il-valur tal-2019 tal-KPI 1 huwa ta' wieħed. Matul l-ittestjar tas-sigurtà, l-Aġenzija identifikat kategorija waħda ta' vulnerabbiltajiet li ġew ittrattati skont il-proċess tal-ġestjoni tar-riskju. Il-KPI 2 huwa l-perċentwal ta' riskji ta' sigurtà identifikati ttrattati minn kontrolli assigurati, u l-valur tiegħu fl-2019 kien ta' 90 %. Il-funzjoni tas-sigurtà qed timplimenta aktar azzjonijiet korrettivi biex timmaniġġja l-esponiment effettiv tas-sistemi għall-klassijiet ta' vulnerabbiltajiet ta' 10 % li fadal.

Bħala element ewlieni tal-qafas ta' ġestjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni tagħha, l-Aġenzija stabbiliet, ħaddmet u żviluppat kontinwament is-Sistema ta' Ġestjoni tas-Sigurtà tal-Informazzjoni tagħha f'konformità mal-istandards rilevanti u mal-aħjar prattika internazzjonali. Il-politiki u l-proċeduri tas-sigurtà ġew żviluppati u mtejbja aktar, u jinkorporaw il-politiki rilevanti tal-Kummissjoni Ewropea, b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni ta' informazzjoni sensittiva klassifikata u mhux klassifikata, f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1726. Bħala parti mill-iżvilupp tal-EES, ġiet żviluppata dokumentazzjoni rilevanti dwar l-aspetti tas-sigurtà u tal-kontinwità tan-negozju tas-sistema.

F'konformità mar-rekwiżiti legali, l-Aġenzija bdiet reviżjoni u aġġornament tal-pjanijiet tas-sigurtà għas-SIS, il-VIS u l-Eurodac.

Biex jiġi żgurat li s-sistemi ċentrali tal-Eurodac, tal-VIS u tas-SIS ikomplu jikkonformaw strettament mar-rekwiżiti tal-istrumenti legali tagħhom f'termini ta' protezzjoni tad-data u tas-sigurtà, l-Aġenzija kompliet issaħħaħ u taġġorna l-qafas u l-proċeduri tas-sigurtà għall-organizzazzjoni stess, għas-sistemi u għan-networks ta' komunikazzjoni rilevanti. Il-monitoraġġ u l-ġestjoni kontinwi tar-riskji residwi seħħew matul is-sena biex tiġi pprovduta garanzija li l-kontrolli xierqa tas-sigurtà għas-sistemi tal-IT ġew implimentati u ġestiti kif xieraq. Il-kwistjonijiet kritiċi kollha identifikati ġew indirizzati b'taħlita ta' azzjonijiet korrettivi u kontrolli ta' kumpens. Għall-VIS u s-SIS II, l-Aġenzija tinsab fit-triq it-tajba biex timplimenta r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin mill-eżerċizzji tas-sigurtà tal-2017 u l-2018 (Tabella 3).

Tabella 3: Status ta' implimentazzjoni tal-eżerċizzji dwar is-sigurtà - rakkomandazzjonijiet

	Kompluta	Parzjalment kompluta	Mhux mibdija	Mhux applikabbli
Rakkomandazzjonijiet tal-eżerċizzju tal-VIS	36	28	5	—
Rakkomandazzjonijiet tal-eżerċizzju tas-SIS II	24	30	7	1

Għall-Eurodac, twestaq eżerċizzju operattiv simili fl-2019 bil-parteċipazzjoni tal-eu-LISA u ta' sitt Stati Membri għall-ittestjar tas-sigurtà, il-kontinwità tan-negozju, l-irkupru minn diżastri, il-ġestjoni tal-inċidenti u aspetti oħra relatati mal-operazzjonijiet tal-IT. Ir-rapport tal-eżerċizzju se jiġi ppreżentat għall-adozzjoni lill-Bord tat-Tmexxija fl-2020. Eżerċizzju ta' sigurtà u kontinwità tan-negozju b'diversi sistemi huwa pplanat għall-2020.

F'termini ta' sigurtà tal-informazzjoni, l-2019 rat l-introduzzjoni ta' approċċ fuq tliet saffi biex tittejjeb il-qagħda tas-sigurtà tas-sistemi: 1) sforzi kontinwi biex jiġi aġġornat u mtejjeb il-qafas tal-politika tas-sigurtà tal-Aġenzija; 2) l-iżvilupp tal-approċċ tal-ġestjoni tar-riskju tas-sigurtà; u 3) il-konsolidazzjoni tal-iżvilupp tal-arkitettura teknika tas-sigurtà.

F'konformità mal-istrateġija teknoloġika tal-Aġenzija biex tikkonsolida l-iżvilupp tal-kontrolli tas-sigurtà fil-livell tas-CSI, l-Aġenzija wettqet għadd ta' proġetti, inkluż l-implimentazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar is-Sigurtà u l-Ġestjoni tal-Avvenimenti (SIEM) u l-Infrastruttura tal-Kjavi Pubblika l-ġdida, li nbdiet fl-2019 u hija pplanata li ttitlesta fl-2020. Fl-2019, l-Aġenzija pplanat ukoll li timplimenta titjib tal-kapaċitajiet tal-ġestjoni ta' kapaċità ta' aċċess privileġġat bħala parti minn proġett ta' ġestjoni ta' identità u aċċess. Madankollu, dan il-proġett ma nbediex minħabba l-limitu massimu tal-baġit limitat għall-kuntratt tas-CSI. Minflok, ittiegħdet deċiżjoni komuni biex tiġi kkanċellata t-talba għal servizz u jitfittex mod alternattiv biex jitwettaq dan il-proġett. Bħala soluzzjoni, dan is-servizz se jiġi użat u implimentat fil-programm ta' implimentazzjoni tal-EES.

Aktar implimentazzjoni tal-kontrolli speċifiċi tas-Sistema tal-Ġestjoni tal-Kontinwità tan-Negozju kienet konformi mal-ippjanar. Dan jinkludi l-iżvilupp ta' proċeduri tal-kontinwità tan-negozju korporattiv, regoli ta' implimentazzjoni dwar il-kontinwità tan-negozju u l-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet minn eżerċizzji ta' kontinwità tan-negozju.

Il-kooperazzjoni mal-Istati Membri u ma' aġenziji oħra tal-UE nżammet fil-livell ta' skambju ta' għarfien u tal-aħjar prattika permezz tal-laqqgħa biannwali tan-Network tal-Uffiċjali tas-Sigurtà. Il-grupp ta' esperti, ippresedut mill-eu-LISA,

indirizza suġġetti bħas-sigurtà tas-sistema, il-protezzjoni tad-*data*, il-ġestjoni tal-inċidenti u r-reżiljenza tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira attwali u tal-futur. Fit-tnejn għall-EES, in-Network tal-Uffiċjali tas-Sigurtà kien involut fit-tnejn ta' rakkomandazzjonijiet għall-pjanijiet ta' sigurtà u kontinwità tan-negozju li għandhom jintużaw mill-Istati Membri bħala linja bażi għall-kontrolli tagħhom.

Bħala parti mill-iskambju tal-aħjar prattiki, f'Mejju 2019 l-eu-LISA ospitat ukoll in-Network tal-Kontinwità tan-Negozju, u ġabret esperti tal-kontinwità tan-negozju minn istituzzjonijiet u aġenziji tal-UE. Dan il-forum jimmira soluzzjonijiet għat-titjib tat-tnejn għat-tfixkil permezz ta' eżerċizzji, sensibilizzazzjoni dwar il-kontinwità tan-negozju, u taħriġ. Bl-istess mod, dan jeżamina teknoloġiji ġodda li jistgħu jappoġġaw u jtejbu r-reżiljenza tal-aġenziji u l-istituzzjonijiet tal-UE.

1.1.7 Protezzjoni tad-*data*

L-Aġenzija għandha tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tad-*data* f'konformità mal-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data* u d-dispożizzjonijiet speċifiċi definiti għal kull sistema tal-IT fuq skala kbira (l-Artikolu 2 tar-regolament ta' stabbiliment tal-eu-LISA). Minn Diċembru 2018, l-Aġenzija għandha ssegwi r-Regolament (UE) 2018/1725,²⁷ li jistabbilixxi regoli dwar kif l-aġenziji tal-UE għandhom jitrattaw id-*data* personali li jkollhom fuq l-individwi, speċjalment id-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali u d-dritt għall-privatezza. Dan ir-regolament il-ġdid allinja r-regoli għall-aġenziji tal-UE ma' daww tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (GDPR), li ilhom fis-seħħ minn Mejju 2018.

L-Aġenzija pjanat u bdiet l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti u l-obbligi l-ġodda li jirriżultaw minn dan ir-regolament il-ġdid. Wara t-tlestija ta' analiżi tal-lakuni, twettqu għadd ta' azzjonijiet, li bdew bit-tnejn ta' "Regoli ta' Implimentazzjoni tal-UPD tal-eu-LISA" ġodda, li ġew adottati sussegwentement mill-Bord tat-Tmexxija fid-*g* ta' Ottubru. Sommarju tas-sejbiet ewlenin ta' din l-analiżi tal-lakuni u l-azzjonijiet rakkomandati ġew ippreżentati wkoll matul il-laqgħa tal-Bord tat-Tmexxija f'Novembru 2019.

Il-klawżoli l-ġodda dwar il-protezzjoni tad-*data* ġew inkorporati f'kuntratti ġodda u eżistenti. L-Aġenzija żviluppat mudelli ġodda għar-rekords tal-attivitajiet tal-ipproċessar tad-*data*, għall-kontrolli tal-konformità, l-iskrinjar tar-riskji, il-valutazzjonijiet tal-limiti u l-ksur tad-*data*. Ġie mħejji wkoll mudell komprensiv għar-rapporti tal-Valutazzjoni tal-Impatt fuq il-Protezzjoni tad-*Data* (DPIA). Biex titqajjem sensibilizzazzjoni dwar ir-regolament il-ġdid, l-UPD organizza sessjonijiet ta' informazzjoni għall-persunal tal-eu-LISA u l-kuntratturi fuq il-post u kkomunika regolarment mal-Aġenzija permezz tad-diversi mezz ta' komunikazzjoni interna. Ġew offruti sessjonijiet ta' taħriġ individwali lill-persunal li jeħtieġ pariri u gwida speċifiċi biex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom bħala kontrolluri tad-*data* skont ir-regolament il-ġdid. Mudelli u struzzjonijiet pass pass ġew ippreparati biex jappoġġaw lill-kontrolluri tad-*data* fid-dokumentazzjoni tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar ta' *data*. Bl-istess mod, inħolqot "Lista ta' Kompiti għall-Ksur tad-*Data*". Din tispjega fid-dettall il-passi u l-azzjonijiet li għandhom jiġu segwiti jekk iseħħ ksur tas-*data*.

Minbarra l-implimentazzjoni tar-regolament il-ġdid, l-Aġenzija ddeċidiet li tiffoka r-riżorsi disponibbli fuq l-għoti ta' gwida dwar il-protezzjoni tad-*data* u appoġġ lit-timijiet li jippreparaw l-evoluzzjoni tas-sistemi eżistenti u l-iżvilupp ta' sistemi ġodda. Prijorità oħra kienet l-ispezzjoni tas-sistema ċentrali tal-Eurodac mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (EDPS) matul it-tieni nofs tas-sena. Bħala riżultat tal-eżerċizzju ta' prijoritizzazzjoni mill-ġdid, l-istħarriġ annwali pjanat dwar il-protezzjoni tad-*data* ġie sospiż.

Il-Bord tat-Tmexxija ġie infurmat regolarment dwar l-istatus tal-konformità u l-attivitajiet tal-protezzjoni tad-*data* fl-Aġenzija permezz ta' rapporti interim ippreżentati f'Marzu minn dak li dak iż-żmien kien jaġixxi bħala l-UPD, u f'Novembru mill-UPD li kien għadu kif inħatar. L-UPD huwa meħtieġ iħejji u jippreżenta lill-Bord tat-Tmexxija rapport annwali dwar il-konformità tal-eu-LISA mar-regolamenti applikabbli dwar il-protezzjoni tad-*data*. Ir-Rapport ta' Hídma Annwali tal-UPD 2018 juri x-xogħol imwettaq mill-UPD matul dik is-sena. Eċċezzjonalment, minħabba r-riżenja ta' dak

²⁷ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, ĠU L 295, 21.11.2018, pp. 39–98.

li qabel kien l-UPD, dan ir-rapport tlesta u għe ppreżentat lill-Bord tat-Tmexxija qabel tmiem l-2018. Dan għe ppubblikat sussegwentement fuq is-sit web tal-Aġenzija.

F'Jannar 2019, l-UPD aġent organizza sessjoni ta' sensibilizzazzjoni biex jiċċelebra l-Jum għall-Protezzjoni tad-Data. Din is-sessjoni tat lill-persunal kollu tal-Aġenzija f'arsa ġenerali lejn id-drittijiet tas-suġġetti tad-data, ir-rekords tal-attivitajiet tal-ipproċessar, il-valutazzjonijiet tal-impatt tal-protezzjoni tad-data, il-ksur tad-data u r-rwol tal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.

Fl-24 ta' Mejju, għet organizzata sessjoni għdida ta' taħriġ dwar is-sorveljanza bil-vidjo u aspetti relatati mal-protezzjoni tad-data. L-UPD tal-eu-LISA ppromwova wkoll sessjonijiet ta' taħriġ organizzati mill-EDPS li kienu miftuħa għall-persunal kollu tal-Aġenzija. Saru erba' sessjonijiet ta' taħriġ għall-Kapijiet ta' Unità/Kapijiet ta' Settur fl-2019.

Barra minn hekk, l-informazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data tinqasam fil-bullettin intern ta' kull ġimgħa tal-Aġenzija, li jintbagħat lill-persunal kollu u lill-kuntratturi fuq il-post. Il-bullettin ta' kull ġimgħa jinkludi taqsima dedikata dwar il-protezzjoni tad-data li jipprepara l-UPD. L-għan ta' din it-taqsima huwa li taġġorna lill-persunal dwar l-aħħar linji gwida, is-sessjonijiet ta' taħriġ disponibbli u l-iżviluppi reċenti fil-qasam.

1.1.8 Rapportar u statistika

L-eu-LISA ħejjiet u ppubblikat diversi rapporti dwar il-Eurodac, is-SIS II u l-VIS fl-2019, f'konformità mal-istrumenti legali rispettivi tagħhom. Għal kull rapport ippubblikat, l-Aġenzija ħejjiet skeda informattiva li turi l-fatti u ċ-ċifri ewlenin, biex iżżid it-trasparenza u l-izibbiltà tal-użu tas-sistemi. Ir-rapporti u l-iskedi informattivi huma disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-Aġenzija.²⁸

Eurodac – statistika 2018²⁹

Ir-rapport "Eurodac – statistika 2018" għe ppreżentat f'Marzu 2019 lill-istituzzjonijiet tal-UE u għe ppubblikat fuq is-sit web tal-Aġenzija. L-AG tal-Eurodac adotta r-rapport minn qabel. Dan ir-rapport jippreżenta data statistika dwar il-ħidma tas-sistema ċentrali tal-Eurodac, speċifikament in-numru ta' settijiet ta' data trażmessi u n-numru ta' hits, imqasma skont il-kategorija u skont l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati.

Rapport annwali dwar l-attivitajiet tas-sistema ċentrali tal-Eurodac, inkluż il-funzjonament tekniku u s-sigurtà tagħha³⁰

Dan ir-rapport għe ppreżentat lill-istituzzjonijiet tal-UE f'Ġunju 2019 u għe ppubblikat fuq is-sit web tal-Aġenzija wara l-adozzjoni tiegħu mill-MB fl-14 ta' Ġunju. Ir-rapport jipprovdi għarfien dwar l-iżviluppi ewlenin tas-sistema u f'arsa ġenerali lejn l-istatistika annwali, f'konformità mas-snin preċedenti.

Lista aġġornata tal-awtoritajiet maħtura li għandhom aċċess għad-data rreġistrata fis-sistema ċentrali tal-Eurodac³¹

Id-dokument għe adottat mill-MB fis-17 ta' April u mbagħad għe ppubblikat fuq is-sit web tal-Aġenzija.

SIS II – statistika 2018³²

Ir-rapport "SIS II – statistika 2018" għe ppreżentat lill-istituzzjonijiet tal-UE f'Marzu 2019 u għe ppubblikat fuq is-sit web tal-Aġenzija. L-AG tas-SIS adotta r-rapport minn qabel. Dan ir-rapport jippreżenta l-istatistika tas-SIS II dwar in-numru ta' rekords għal kull kategorija ta' allert, in-numru ta' hits għal kull kategorija ta' allert kemm-il darba għe aċċessat is-SIS II.

It-tielet rapport dwar il-funzjonament tekniku tas-SIS II ċentrali u l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tagħha³³

Ir-rapport għe adottat mill-MB fl-24 ta' Ottubru. Dan għe ppreżentat sussegwentement lill-istituzzjonijiet tal-UE u għe ppubblikat fuq is-sit web tal-Aġenzija. Ir-rapport ikopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2018 u

²⁸ <https://eulisa.europa.eu/our-publications/reports>.

²⁹ <https://www.eulisa.europa.eu/Publications/Reports/Eurodac%20-%202018%20statistics%20-%20report.pdf>.

³⁰ <https://www.eulisa.europa.eu/Publications/Reports/2018%20Eurodac%20Annual%20Report.pdf>.

³¹ <https://www.eulisa.europa.eu/Publications/Reports/2019%20Eurodac%20updated%20list%20of%20authorities%20-%20asylum.pdf>.

³² <https://www.eulisa.europa.eu/Publications/Reports/SIS%202018%20statistics.pdf>.

³³ <https://www.eulisa.europa.eu/Publications/Reports/Central%20SIS%201%20Report%20technical%20functioning%202017-2018.pdf>

jiddeskrivi l-attivitajiet imwettqa biex tiġi żgurata l-ġestjoni operattiva tas-sistema ċentrali tas-SIS II, inkluż is-sigurtà tagħha, flimkien mal-istatistika miġbura kull sena.

Lista aġġornata tal-awtoritajiet kompetenti għas-SIS II, lista aġġornata tal-Uffiċċji Nazzjonali tas-SIS II u tal-Uffiċċju Sirene nazzjonali

Iż-żewġ dokumenti ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, C 222, fit-2 ta' Lulju 2019.

Ir-raba' rapport dwar il-funzjonament tekniku tal-VIS

Lejn l-aħħar tas-sena, l-Aġenzija bdiet tfejji r-rapport il-ġdid, li jkopri l-perjodu minn Ottubru 2017 sa Settembru 2019.

1.1.9 Taħriġ għall-Istati Membri

Matul il-perjodu ta' rapportar, l-eu-LISA bdiet twettaq l-attivitajiet ta' taħriġ ippjanati għall-2019. Ingħataw ħamsa u għoxrin kors ta' taħriġ li jvarjaw fil-kamp ta' applikazzjoni u fil-format. Is-sessjonijiet wiċċ imb wiċċ jirrappreżentaw il-maġġoranza tal-korsijiet ta' taħriġ tal-eu-LISA (64 %), segwiti minn webinars (36 %) u korsijiet ta' taħriġ elettroniku. Il-maġġoranza tal-korsijiet ingħataw fis-SIS (60 %), segwiti mill-VIS (12 %), mill-Eurodac (12 %) u mill-korsijiet ta' taħriġ orizzontali (12 %).

It-tieni ċiklu tal-programm ta' taħriġ għall-iżvilupp tal-VIS għall-operaturi tal-IT kompli bit-tweqqi ta' sessjoni ta' taħriġ ta' livell intermedju (L2) fis-6 ta' Marzu fi Strasburgu. L-għan tal-kors kien li jintroduċi l-prinċipji tas-sistema operattiva u l-aspetti tekniċi tal-VIS u li jipprovi ħarsa ġenerali dettaljata tal-operazzjonijiet lill-udjenza fil-mira ta' manijers u persunal operattiv anzjan. tal-Punt Uniku ta' Kuntatt (SPOC). Il-programm ta' taħriġ għall-iżvilupp tal-VIS għall-operaturi tal-IT intemm b'sessjoni ta' taħriġ ta' livell avanzat (L3), li saret f'Tallinn fit-3-4 ta' April. Ġew organizzati wkoll sessjonijiet ta' taħriġ għal parteċipanti ġodda tal-VIS mill-Bulgarija, ir-Rumanija, il-Kroazja u l-Europol.

Il-programm ta' taħriġ għall-iżvilupp tal-Eurodac għall-operaturi tal-IT 2019 beda bit-tweqqi ta' taħriġ fil-livell ta' dħul (L1) fid-9 ta' April fi Strasburgu, li introduċa l-prinċipji tas-sistema operattiva tal-Eurodac, aspetti tekniċi u li pprova ħarsa ġenerali tal-operazzjonijiet tiegħu. It-taħriġ ta' livell intermedju (L2) sar fis-6 ta' Mejju fi Strasburgu u pprova ħarsa ġenerali komprensiva tal-kanali ta' komunikazzjoni tal-SPOC mal-Uffiċċju tas-Servizzi tal-eu-LISA; dan introduċa l-aħjar prattiki relatati fl-eżerċizzju tar-responsabbiltajiet tal-SPOC u ta' ħarsa ġenerali tar-rwoli tal-entitajiet rispettivi. It-taħriġ ta' livell avanzat (L3) sar fit-12 ta' Ġunju 2019 f'Tallinn, immirat lejn it-titjib tal-użu ġenerali tas-sistema tal-Eurodac billi pprova l-aktar informazzjoni u esperjenza riċenti u dettaljata dwar suġġetti tekniċi/kummerċjali tal-Eurodac.

Fil-kuntest tas-SIS, matul is-sena ngħataw serje ta' webinars li jitrattaw statistika aġġornata u r-riżultati ta' kontrolli tal-konsistenza tad-*data* għal pajjiżi li qed isirulhom evalwazzjonijiet ta' Schengen. Ingħata kors tal-profil dwar l-SPOC tas-SIS II fl-4-5 ta' Ġunju fi Strasburgu u kien maħsub biex jipprovi spjegazzjoni komprensiva tal-kunċetti operattivi li huma meħtieġa biex jitwettaq ir-rwol tas-SPOC fil-livell nazzjonali f'kompiti ta' kuljum. Ingħata wkoll grupp ta' korsijiet dwar is-SIS II għas-SIRENE (il-kors orjentat lejn in-negozju mogħti b'mod konġunt mas-CEPOL u l-kors tekniku). Fl-aħħar nett, matul is-sena ngħatat ukoll serje ta' programmi għal parteċipanti ġodda dwar is-SIS għall-Irlanda, il-Frontex, u l-Europol.

Fit-tagħlim elettroniku, l-eu-LISA għamlet passi importanti fit-tisħiħ tas-sistema ta' ġestjoni tat-tagħlim tagħha u l-komponent tat-tagħlim elettroniku tal-portafoll ta' taħriġ tal-eu-LISA. Ġew żviluppati tna-x il kors elettroniku u ġew aġġornati 11-il kors elettroniku. L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' module ta' tagħlim elettroniku mmexxi għalkollox mill-individwu, Elementi essenzjali tas-SIS u s-SIRENE, kien pass importanti.

Fl-2019, l-Aġenzija kompliet il-kooperazzjoni produttiva tagħha mal-Istati Membri permezz tal-attivitajiet tan-Network tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali, il-Kummissjoni Ewropea u s-sħab mill-Aġenziji tal-ĠAI tal-UE (b'mod partikolari s-CEPOL, il-Frontex u l-Europol). It-tweqqi ta' sessjonijiet ta' taħriġ konġunti tkompla fl-2019, l-aktar bi sħubija mas-CEPOL u l-Frontex. Bħala parti mill-involvement tal-eu-LISA fl-EMPACT,³⁴ l-Aġenzija organizzat sessjoni ta' sensibilizzazzjoni dwar ir-rwoli rilevanti tal-Eurodac u s-SIS II. L-eu-LISA pparteċipat ukoll fil-ħidma tal-Grupp ta' Kuntatt

34 Pjattaforma multidixiplinari Ewropea kontra t-teddid kriminali.

għat-Taħriġ tal-Aġenziji tal-ĠAI li jikkoordina d-definizzjoni u l-ġestjoni tas-sessjonijiet ta' taħriġ futuri dwar l-Interoperabbiltà. L-azzjonijiet proposti se jiġu segwiti matul l-2020.

Fl-aħħar nett, fil-kuntest tal-EES, l-Aġenzija kompliet bit-tnejjiet tagħha għat-taħriġ tal-Istati Membri, b'mod partikolari billi ħadmet lejn it-tfassil ta' skema ta' taħriġ ta' qabel it-tnejja dwar l-użu tekniku tal-EES. F'Marzu 2019 tlesta eżerċizzju ta' analiżi tal-ħtiġijiet ta' taħriġ, li ffoka fuq definizzjoni ta' udjenzi fil-mira, suġġetti ta' taħriġ u riżultati mistennija tat-taħriġ. Wara dan, il-gruppi fil-mira tal-EES ġew specificati u ġew imfassla kurrikuli rilevanti ta' taħriġ. L-ewwel passi fl-iżvilupp tal-kurrikuli tal-ETIAS bdew ukoll matul l-2019. L-ewwel sessjoni ta' taħriġ online dwar l-EES ingħatat f'Diċembru 2019, li ffukat fuq arkitettura ta' livell għoli u pjan direzzjonali ta' implimentazzjoni.

1.1.10 Monitoraġġ tar-riċerka u t-teknoloġija

F'konformità mar-regolament ta' stabbiliment, matul l-2019 l-Aġenzija wettqet attivitajiet monitoraġġ tar-riċerka u t-teknoloġija. Minbarra l-pubblikazzjoni tar-rapport tagħha dwar il-monitoraġġ tar-riċerka u t-teknoloġija, l-Aġenzija kompliet il-ħidma fuq id-definizzjoni tal-pjan direzzjonali, inkluż l-iżvilupp ta' metodoloġija għad-definizzjoni tal-prijoritajiet għall-monitoraġġ tar-riċerka u t-teknoloġija.

Il-funzjoni ta' monitoraġġ tar-riċerka u t-teknoloġija kompliet tesplora żviluppi rilevanti fir-riċerka u t-teknoloġija matul l-2019, skont il-mandat. Uħud mill-prijoritajiet għall-monitoraġġ tar-riċerka u t-teknoloġija ġew trasferiti mis-snin preċedenti minħabba r-rilevanza kontinwa tagħhom, bħall-bijometrika, teknoloġiji ta' reġistru distribwit, l-arkitettura l-ġdida u l-intelliġenza artifiċjali.

Ir-riżultat ewlieni tal-attivitajiet ta' monitoraġġ tar-riċerka u t-teknoloġija għall-2019 kien il-pubblikazzjoni tar-rapport "Distributed Ledger Technologies and Blockchain for Large-Scale IT (Teknoloġiji ta' Reġistru Distribwit u Blockchain għall-IT fuq Skala Kbira. Perspectives for eu-LISA" (Perspettivi għall-eu-LISA) f'Diċembru.³⁵ Għalkemm ir-rapport inbeda fl-2018, il-biċċa l-kbira tax-xogħol, inkluż il-ġbir tad-*data*, l-analiżi u l-abbozzar, twettqet fl-2019.

Twettqu wkoll numru konsiderevoli ta' attivitajiet dwar l-intelliġenza artifiċjali (IA), minħabba r-rilevanza dejjem tikber tagħha fil-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni. B'mod partikolari, l-Aġenzija ppreżentat dokument kunċettwali ta' livell għoli "Artificial Intelligence in the Operational Management of Large-Scale IT Systems (L-Intelliġenza Artifiċjali fil-Ġestjoni Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira. Perspectives for eu-LISA" (Perspettivi għall-eu-LISA) fil-laqgħa tal-Kumitat Permanenti għall-Kooperazzjoni Operattiva dwar is-Sigurtà Interna (COSI) f'Novembru 2019.

Barra minn hekk, rapport dwar il-monitoraġġ tar-riċerka u t-teknoloġija dwar l-IA fil-ġestjoni operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira nbeda fil-Q4 tal-2019, bil-għan li jiġi ppubblikat fil-Q2 tal-2020. Ix-xogħol fuq ir-rapport sar filwaqt li ġie appoġġat ukoll studju dedikat immexxi mid-DĠ HOME dwar l-IA fl-oqsma tal-fruntieri, il-migrazzjoni u s-sigurtà. L-Aġenzija kkontribwiet għall-istudju msemmi hawn fuq billi pparteċipat fid-diskussjonijiet, tat-kontribut rigward każijiet rilevanti ta' użu, kif ukoll billi rrevediet ir-riżultati. Barra minn hekk, mir-rebbiegħa tal-2019, l-Aġenzija appoġġat id-diskussjoni dwar l-IA għas-sigurtà u l-infurzar tal-liġi f'serje ta' workshops ikkoordinati mid-DĠ HOME.

Linja ta' attività importanti oħra kienet li l-partijiet ikkonċernati tal-eu-LISA jiġu informati dwar l-iżviluppi fit-teknoloġija, kif ukoll li jiġi żgurat l-iskambju effettiv ta' informazzjoni meħtieġ għall-bini tal-kapaċitajiet. Għal dan il-għan, il-funzjoni ta' monitoraġġ tar-riċerka u t-teknoloġija kkontribwiet għal għadd ta' avvenimenti mmirati lejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi:

- Żewġ avvenimenti madwar il-mejda tal-industrija, l-ewwel wieħed li sar f'Bucharest bl-appoġġ tal-Presidenza Rumena tal-Kunsill tal-UE u t-tieni wieħed f'Tallinn.
- Il-konferenza annwali tal-Aġenzija, li saret f'Tallinn taħt l-awspiċji tal-Presidenza Finlandiża tal-Kunsill tal-UE.

Barra minn hekk, il-funzjoni ta' monitoraġġ tar-riċerka u t-teknoloġija kkontribwiet għal għadd ta' avvenimenti organizzati mill-partijiet ikkonċernati tal-eu-LISA, inkluż: il-Konferenza dwar is-Sigurtà tal-Fruntiera li saret f'Milan fi

35 <https://www.eulisa.europa.eu/Publications/Reports/DLTs%20%20blockchain%20report.%20Dec%202019.%20Key%20findings.pdf>.

Frar 2019; il-Kungress Ewropew tal-Pulizija li sar f'Berlin fi Frar 2019; il-Konferenza dwar it-Terminali tal-Passiġġieri li saret f'Londra f'Marzu 2019, il-Konferenza Connect:ID li saret f'Washington, D.C. f'April 2019; l-avveniment tal-Ġimgħa tal-Identità tal-Pjaneta Bijometrika li sar f'Londra f'Ġunju 2019; u s-Summit Internazzjonali dwar il-Fruntieri li sar f'Washington, D.C. f'Ġunju 2019.

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-mandat ta' riċerka ġie estiż b'mod sinifikanti bl-adozzjoni tar-regolament ta' stabbiliment rivedut tal-eu-LISA f'Novembru 2018. Il-mandat il-ġdid, flimkien mal-monitoraġġ tat-teknoloġija, jinkludi r-responsabbiltà għall-implimentazzjoni ta' partijiet tal-Programm Qafas (FP) tal-UE għar-Riċerka u l-Innovazzjoni. L-Aġenzija bdiet djalogu mal-unità tal-Kummissjoni (DG HOME) responsabbli għall-koordinazzjoni tal-parti rispettiva tal-FP tal-UE. Id-djalogu se jkompli fl-2020 bil-għan li jiġu esplorati opportunitajiet inizjali għall-Aġenzija biex timpenja ruħha mal-proġetti rilevanti u biex jiġi kkunsidrat kif tikkontribwixxi għad-definizzjoni ta' prijoritajiet tematiċi futuri.

Dawk id-diskussjonijiet se jitwettqu fl-istess ħin tal-elaborazzjoni tal-viżjoni strateġika l-ġdida tal-Aġenzija għar-riċerka u l-innovazzjoni matul l-2020 f'konformità mal-mandat estiż u l-aspettattivi tal-partijiet ikkonċernati.

1.2 Għan strateġiku 2

IŻŻOMM U TESTENDI R-RWOL TAL-AĠENZIJA B'ĦALA ĊENTRU TA' EĊĊELLENZA U FORNITUR TA' SERVIZZ TAL-ICT TAL-UE

1.2.1 Ġestjoni tal-Proġetti tal-Intrapriżi

L-Artikolu 2(a) tar-regolament ta' stabbiliment tal-eu-LISA jipprovdi li l-eu-LISA għandha tiżgura "l-iżvilupp ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira bl-użu ta' struttura adegwata għat-tmexxija tal-proġetti għall-iżvilupp effiċjenti ta' tali sistemi". L-Uffiċċju tal-ġestjoni tal-proġetti tal-intrapriżi (EPMO) tal-eu-LISA ġie stabbilit fl-2017. Il-missjoni tiegħu hija li jintegra u jissorvelja l-proġetti kollha mwettqa mill-Aġenzija, u li jikkontribwixxi għall-governanza interna tagħha biex jiżgura t-trasparenza u r-responsabbiltà.

Fl-2019, l-EPMO kompli l-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali tiegħu, billi indirizza diversi oqsma ewlenin u saħħaħ il-kontrolli interni fuq l-implimentazzjoni tal-metodoloġija tal-ġestjoni tal-proġetti tal-Aġenzija.

Lista tad-Dħul

Fl-2019, l-Aġenzija fformalizzat l-approċċ tagħha għall-proċess tad-dħul għal proġetti ġodda. Wara d-Deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv (ED) li jadotta "Lista tad-Dħul" ta' proġetti, ġiet stabbilita lista inizjali ta' proġetti li għandhom jiġu implimentati mill-eu-LISA fl-2019. Il-Lista tad-Dħul tal-linja bażi ġiet approvata sal-aħħar ta' April 2019.

Il-Lista tad-Dħul tiżgura li kull proġett ikun marbut ma' deċiżjoni ta' finanzjament xierqa. L-emendi għal-Lista tad-Dħul huma possibbli biss bl-approvazzjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija Korporattiva.

Kumitat ta' Tmexxija Korporattiva

Il-Kumitat ta' Tmexxija Korporattiva (CSC) ġie stabbilit fis-17 ta' Ottubru b'Deċiżjoni tal-ED minflok il-Kumitat ta' Tmexxija tal-Programm (PSC). Il-mandat tas-CSC huwa l-governanza tal-portafolli, il-programmi u l-proġetti, filwaqt li l-PSC żgura t-tmexxija u s-sorveljanza tal-programmi u l-proġetti tal-eu-LISA.

Rapporti ta' progress dwar il-programmi ta' żvilupp

Matul il-perjodu ta' rapportar, l-Aġenzija ħejjet rapporti dwar is-sitwazzjoni attwali tal-iżvilupp ta' sistemi ġodda, kif meħtieġ mill-istrumenti legali rispettivi. Dawn ir-rapporti jiġu preparati kull sitt xhur u jintbagħtu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. L-Aġenzija abbozzat ukoll ir-rapporti ta' kull xahar użati mill-PMBs biex jirrapportaw dwar il-progress tal-programmi ta' żvilupp rispettivi lill-MB.

Ġestjoni tal-proġetti

Il-prestazzjoni tal-proġett tiġi segwita fuq bażi regolari permezz tal-analiżi tat-tabelli u l-preżentazzjoni tar-"rapport dwar tmiem il-proġett" mitluba mill-manigġers tal-proġett fl-għeluq tal-proġett.

Il-verifika tal-konformità tal-proġett jiġu organizzati kull sena bħala parti mill-isforz tal-Aġenzija biex tissorvelja kontinwament il-konformità tal-attivitajiet tagħha mal-metodoloġija stabbilita tal-ġestjoni tal-proġetti. Wara l-verifika tal-konformità li saret fi tmiem l-2018 dwar il-prodotti ta' ġestjoni tal-proġetti, ġew stabbiliti azzjonijiet ta' titjib, waħda minnhom kienet sessjonijiet ta' taħriġ u sensibilizzazzjoni dwar l-għodda ta' Ġestjoni tal-Proġetti tal-intrapriżi.

Il-verifika tal-konformità tal-2019 bdiet f'Novembru. Il-verifika tal-konformità tal-proġetti twettqet abbażi tal-informazzjoni tal-proġett disponibbli fl-għodda tal-ġestjoni tal-proġetti tal-intrapriżi, il-lista tad-dħul tal-2019 u l-lista tal-atturi finanzjarji. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-verifika kien jinkludi kemm proġetti attivi kif ukoll magħluqa. Id-*data* ta' output ġiet aggregata u fil-bidu tal-2020 ir-riżultati ġew ippreżentati flimkien ma' pjan ta' azzjoni.

Ġestjoni tal-programm u tal-portafoll

Ir-rwol tal-EPMO huwa li jipprovdi u jżomm ambjent organizzattiv għall-ġestjoni tal-proġetti fil-livell tal-intrapriża. B'appoġġ għal dan l-oġġettiv, l-Aġenzija ddeċidiet li toñloq kapaċità ta' ġestjoni tal-proġetti u tal-portafoll (PPM). Ir-riċerka dwar is-suq twettqet fl-2019 sabiex jiġu identifikati soluzzjonijiet PPM potenzjali. B'riżultat ta' dan, il-“Planview Enterprise One” ġie identifikat bħala l-aktar soluzzjoni tas-software innovattiva għall-ġestjoni tal-portafoll, il-programmi u l-interdipendenzi ma' proġetti oħra. Il-kuntratt ġie ffirmat fil-Q4 tal-2019 u beda l-proġett ta' implimentazzjoni, bi tlestija sal-aħħar tal-2020.

Evalwazzjonijiet ex ante

Ir-Regoli Finanzjarji tal-eu-LISA jistipulaw li l-programmi u l-attivitajiet kollha li jirrikjedu nefqa sinifikanti jiġu soġġetti għal evalwazzjoni *ex ante* qabel ma jiġu approvati u inklużi fil-Programm ta' Ħidma Annwali tal-Aġenzija. Fl-2019, l-EPMO tal-Aġenzija, bħala entità organizzazzjonali indipendenti, wettaq l-evalwazzjonijiet *ex ante*. Barra minn hekk, u skont il-politika *ex ante* stabbilita fl-2017, il-proċedura *ex ante* ġiet riveduta biex tintroduċi approċċ maqsum f'żewġ stadji.

Valutazzjoni tal-opportunità (pass 1): Din il-valutazzjoni għandha titlesta sentejn qabel il-bidu tal-proġett. Il-valutazzjoni tkopri d-dokumentazzjoni tal-metodoloġija, il-ġustifikazzjoni inizjali tan-negożju u d-dokumentazzjoni ta' appoġġ tal-proġett, meta disponibbli.

Valutazzjoni tal-fattibbiltà (pass 2): Din il-valutazzjoni għandha titlesta sena qabel il-bidu tal-proġett. Il-valutazzjoni tkopri d-dokumentazzjoni tal-metodoloġija ewlenija tal-proġett, il-każ finali tan-negożju, l-evidenza miġbura matul l-intervisti mal-partijiet ikkonċernati ewlenin u d-dokumentazzjoni ta' appoġġ tal-proġett għal proposti ta' proġetti kbar. Il-kategorija tal-proġett (żgħir, medju, kbir) hija determinata skont il-kriterji ta' klassifikazzjoni maqbuli.

Wara dan l-approċċ il-ġdid, żewġ proġetti kbar identifikati għall-bidu fl-2020 kienu soġġetti għal valutazzjoni tal-fattibbiltà *ex ante* u 14-il proġett identifikati għall-bidu fl-2021 ikkwalifikaw għal valutazzjoni tal-opportunità *ex ante*. F'Novembru 2019 ġew ippreżentati żewġ rapporti ta' sinteżi lill-Bord tat-Tmexxija.

Awditu tal-kuntrattur tal-EES

Wara workshop dwar l-assigurazzjoni tal-kwalità organizzat f'Awwissu għar-rappreżentanti tal-konsorzju tal-LIA tal-EES (Leonardo, IBM Belgium, Atos Belgium), l-Aġenzija identifikat il-ħtieġa għal verifika tal-applikazzjoni adegwata tal-proċessi ta' governanza tal-proġetti mill-konsorzju tal-LIA. Għalhekk, l-EPMO wettaq verifika tal-konformità fit-tielet kwart tal-2019 dwar il-pakketti ta' ħidma 1 u 2 tal-proġett ta' implimentazzjoni tal-EES, bil-oġġettiv li jverifika t-tweġġ tal-obbligi kuntrattwali relatati ma' tliet proċessi trasversali ewlenin: il-ġestjoni tal-proġetti, il-ġestjoni tal-kwalità u l-ġestjoni tar-reqwiziti. Il-verifika tal-konformità kienet ibbażata fuq evidenza pprovduta mill-konsorzju tal-LIA u wasslet għall-individwazzjoni ta' 36 sejba, li 22 minnhom ġew ikklassifikati bħala kritiċi ħafna. Ir-riżultati ġew rilaxxati f'Janar 2020 u mwassla lill-partijiet ikkonċernati interni tal-eu-LISA.

1.2.2 Manutenzjoni u żvilupp tal-qafas tal-ITSM

Il-qafas tal-ITSM u żvilupp kontinwu lejn ċentru ta' eċċellenza fis-servizzi tal-ICT u l-governanza korporattiva

Biex tkompli ssaħħa l-operazzjonijiet tagħha ulterjorment f'konformità mal-aħjar Prattika Internazzjonali, l-Aġenzija kompliet l-iżvilupp tas-servizz u tal-mudell tal-proċess tagħha fuq il-bażi tal-implimentazzjoni tal-Librerija tal-Infrastruttura tat-Teknoloġija tal-Infommazzjoni (ITIL)/ITSM. Il-Mudell tal-Proċess tal-ITSM tal-eu-LISA, stabbilit fl-2016, jinkludi 12-il proċess diġà fis-seħħ. L-Aġenzija żammet il-katalgu tas-servizzi tagħha, analizzat u aġġornat is-servizzi eżistenti u ddefinit dawk ġodda fejn meħtieġ, bħala parti mill-iżvilupp tas-sistemi l-ġodda.

Il-proġett tal-ITSM ta' fażi 2 ġie ffinalizzat fl-2019 u ddefinixxa b'suċċess il-proċessi li ġejjin: Ġestjoni tad-Disponibbiltà, Ġestjoni tal-Kapaċità, Ġestjoni tal-Għarfien u Ġestjoni tat-Titjib Kontinwu tas-Servizzi. Dawn ġew implimentati gradwalment matul is-sena. Ladarba jiġu implimentati, dawn se jsaħħu b'mod sinifikanti l-Mudell tal-Proċess tal-eu-LISA, u b'hekk iżidu l-kwalità tas-servizzi pprovduti. B'mod parallel mad-definizzjonijiet u l-implimentazzjoni l-ġodda tal-proċess, twettqu awtomatizzazzjoni u integrazzjoni ulterjuri tal-proċessi, immirati lejn aktar kontroll, aktar effiċjenza u titjib kontinwu fit-twassil tas-servizz.

Il-proċess ta' Ġestjoni tat-Titjib Kontinwu tas-Servizzi huwa kruċjali għal ġestjoni effiċjenti tal-kwalità. Dan jistabbilixxi l-mezzi prattiċi biex jiġi identifikat it-titjib. Ir-reġistru tat-titjib kontinwu tas-servizzi (CSI) tnieda u beda jopera sa tmiem l-2019. Dan se jintuża biex jirreġistra l-inizjattivi ta' titjib kollha relatati mas-servizzi u l-proċessi, ir-riżultati tal-valutazzjoni tagħhom, il-livell ta' prijorità tagħhom u r-riżultati rispettivi miftiehma. Is-Siġra tal-Kejl tal-eu-LISA hija parti oħra minn dan il-proċess. Din se tigarantixxi li l-metriċi u l-miri kollha relatati mal-għanijiet u l-obiettivi tal-Aġenzija jkunu allinjati u se tiffaċilita l-kejl u l-monitoraġġ tal-kisbiet.

Il-proċess tal-Ġestjoni tal-Għarfien jintuża biex jiġu strutturati l-artefatti tal-għarfien tal-appoġġ tal-ewwel livell, l-appoġġ tat-tieni livell u dawk tal-Istati Membri. Il-proċess ġie implimentat fl-2019 bl-użu tal-funzjonalità tal-għodda tal-Maniġer tas-Servizzi. Din se tiżgura l-użu mill-ġdid effiċjenti tal-għarfien eżistenti u t-titjib gradwali tal-kwalità tiegħu. Din se tnaqqas ukoll id-dipendenza fuq il-persunal prinċipali.

It-titjib meħtieġ għall-għodda integrata tal-ITSM ġie introdott matul l-2019, u indirizza r-rekwiżiti l-ġodda u aġġornati tal-proċess. L-għodda ġiet aġġornata wkoll biex tiffaċilita l-użu mill-kuntratturi tal-Aġenzija sabiex tiżgura rapportar aktar effiċjenti tal-prestazzjoni tagħhom, u b'mod ġenerali biex tissimplifika n-negozju ta' kuljum.

Inizjalment ipplanat għall-2019, il-proġett ta' soluzzjoni ta' rapportar avanzat u l-integrazzjoni tiegħu bejn il-ġestjoni tal-assi u l-konfigurazzjoni ġew depriorizzati u posposti għall-2020.

1.2.3 Ġestjoni tal-bejjiegħa u tal-kuntratti

Fl-istrateġija fit-tul tagħha, l-Aġenzija identifikat il-kapaċitajiet tal-ġestjoni tal-bejjiegħa u tal-kuntratti bħala qasam partikolari ta' żvilupp. Din tinvolvi l-implimentazzjoni ta' strateġija dwar il-forniment li toffri l-aġilità meħtieġa u t-titjib kontinwu tal-proċessi u l-għodod. Din tinkludi wkoll il-monitoraġġ tal-effiċjenza tal-operazzjonijiet tal-Aġenzija u l-ottimizzazzjoni tal-kost totali tas-sjeda.

Bħala parti mill-programm ta' trasformazzjoni tal-eu-LISA 2.0, inħoloq settur dedikat għall-ġestjoni tal-bejjiegħa u tal-kuntratti u beda jaqdi dmirijietu f'Ottubru 2019. L-ewwel attivitajiet kellhom l-għan li s-settur u l-kompiti tiegħu jiġu ddefiniti b'mod ġust, u li jiġu ddefiniti l-proċessi u l-interkonnessjonijiet ma' partijiet ikkonċernati interni prinċipali oħrajn fi ħdan l-organizzazzjoni l-ġdida. Ir-reklutaġġ għall-persunal rilevanti tnieda u għandu jitlesta sal-Q2 tal-2020. It-tim il-ġdid ikkontribwixxa għad-definizzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-offerta tal-akkwist trasversali tal-inġinerija (ara t-taqsim tal-ETIAS dwar l-akkwist trasversali f'paġna 37) u appoġġa l-unitajiet tad-dipartiment tal-operazzjonijiet dwar suġġetti speċifiċi ta' ġestjoni tal-kuntratti.

1.2.4 L-arkitettura tal-intrapriża

Fl-2019, wara t-tneġġja tal-organizzazzjoni l-ġdida tal-eu-LISA 2.0, l-Aġenzija bdiet ttejjji l-ewwel fażi fl-istabbiliment ta' Arkitettura għall-Intrapriża.

Tejjja dokument ta' definizzjoni tal-Arkitettura tal-Intrapriża (EA), li jiddeskrivi l-proċessi li se jiġu stabbiliti biex jiddefinixxu u jiżviluppaw l-EA tal-eu-LISA. Il-qafas tal-EA huwa deskritt fil-Qafas ta' Governanza tal-EA tal-eu-LISA. Dan jiddeskrivi l-approċċ integrat għall-iżvilupp tal-EA u l-komponenti tal-proċess komuni, u jippromwovi l-użu mill-ġdid ta' artefatti tas-sistema. Dan jinkludi wkoll proċess ta' "talba għall-arkitettura". Tejjja pjan direzzjonali dwar l-evoluzzjoni tal-EA, li jibda mill-bażi, u jasal sa titjib u kontinwazzjoni tal-intrapriża. Dan jinkludi wkoll l-approċċ tal-implimentazzjoni tal-EA (pjan, bini u ħidma) u l-benefiċċji u l-fatturi ta' suċċess tal-EA. Barra minn hekk, tejjja mandat għall-istabbiliment ta' bord ta' rieżami tal-arkitettura interna tal-eu-LISA.

Il-ħidma fuq l-arkitettura tal-EES u l-ETIAS għamlet progress u l-komponenti elenkati għall-użu mill-ġdid u l-istandardizzazzjoni ġew identifikati u proposti u qed jistennew Deċiżjoni ta' ġestjoni. Attwalment, l-Aġenzija qed tistabbilixxi Bord ta' Rieżami tal-Arkitettura u waħda mill-attivitajiet ewlenin tiegħu se tkun li jiddeċiedi dwar l-istandards u l-komponenti użati mill-ġdid u kondiviżi.

1.3 Għan strateġiku 3

TKOMPLI TIKBER BĦALA Ċ-ĊENTRU PRINĊIPALI TAL-ICT TAL-UE

1.3.1 Sħubiji mal-Istati Membri u mal-istituzzjonijiet tal-UE

Matul is-sena, l-eu-LISA pprovdiet kontribut sostanzjali għad-diskussjonijiet li saru fil-Gruppi ta' Ħidma rilevanti tal-Kunsill u pparteċipat fid-diskussjonijiet li saru matul il-laqgħat tal-Kunsill Ġustizzja u Affarjiet Interni. Barra minn hekk, l-Aġenzija ħadmet mill-qrib ħafna mal-Presidenza Rumena u dik Finlandiża tal-Kunsill tal-UE billi pprovdiet l-għarfien espert tagħha meta mitluba u pparteċipat f'diversi konferenzi u workshops organizzati mill-Presidenzi tal-Kunsill.

Il-kontribut tal-Aġenzija għat-ttejjja tad-diversi kumitati, laqgħat tal-esperti, workshops u Forum ta' livell għoli organizzat mill-Kummissjoni Ewropea kien sostanzjali wkoll, speċjalment meta jitqies il-fatt li l-2019 kienet is-sena li fiha ġew implimentati l-inizjattivi leġiżlattivi varji li daħlu fis-seħħ fl-2018 (eż. ir-riformulazzjoni tar-Regolamenti tas-SIS u tal-ETIAS).

L-Aġenzija ħadmet mill-qrib mal-Presidenza Rumena u dik Finlandiża tal-Kunsill tal-UE billi pprovdiet l-għarfien espert tagħha meta mitluba. L-Aġenzija kkonsolidat ir-rwol tagħha bħala konsulent importanti għall-Parlament Ewropew dwar aspetti tekniċi marbuta direttament man-negożjati li għaddejjin dwar proposti leġiżlattivi differenti bħala parti mill-mandat tal-Aġenzija, pereżempju billi pprovdiet l-għarfien espert tagħha lill-koleġiżlaturi matul diskussjonijiet tripartitiċi tekniċi. Barra minn hekk, l-eu-LISA pparteċipat fi, u kkontribwiet għal, laqgħat formali tal-kumitat, pereżempju rapportar regolari dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-EES u l-ETIAS, kif ukoll, b'mod aktar informali, fil-livell ta' laqgħat tekniċi mar-relaturi u max-shadow rapporteurs.

Bħala parti mill-implimentazzjoni tar-riformulazzjoni tas-SIS, l-EES, l-ETIAS u l-interoperabbiltà, l-Aġenzija kontinwament iprovdiet appoġġ lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri bit-ttejjja tal-atti ta' implimentazzjoni u atti delegati, appoġġat diskussjonijiet tekniċi kumplessi fil-livell operazzjonali u kummerċjali, u pparteċipat b'mod attiv fil-laqgħat tal-Kumitat għall-Fruntieri Intelliġenti, il-Kumitat għall-Interoperabbiltà, il-Kumitat tas-SIS-SIRENE u s-Sottogruppi ta' Esperti rispettivi kollha.

Il-Grupp Konsultattiv konġunt tal-EES-ETIAS beda l-laqgħat tiegħu fl-13-14 ta' Marzu 2019. Il-Grupp ta' Ħidma *ad hoc* għas-soluzzjonijiet tal-ICT għall-Istati Membri bi fruntieri esterni tal-art u tal-baħar ikkonkluda l-attivitajiet tiegħu bl-adozzjoni tar-rakkomandazzjonijiet fis-26 ta' Marzu 2019. Il-Grupp ta' Ħidma ġie msejjaħ taħt l-umbrella tal-AG tal-EES-ETIAS. Dan il-taqas ħames darbiet bejn Novembru 2018 u Marzu 2019 bl-għan li jidentifika soluzzjoni vijabbli u arkitettura komuni għall-implimentazzjoni tal-EES fil-fruntieri esterni tal-art u tal-baħar. Wara t-tlestija tal-kompiti ta' dan il-Grupp

ta' Hídma, żewġ gruppi ta' Hídma oħrajn ġew stabbiliti taħt l-umbrella tal-Grupp Konsultattiv tal-EES-ETIAS, wieħed għat-Trasportaturi u wieħed għall-Bijometrija. Il-Grupp ta' Hídma għat-Trasportaturi għandu l-għan li jipprovdi sensibilizzazzjoni lill-komunità tat-trasportaturi dwar l-obbligi tagħhom li jirriżultaw mir-Regolamenti tal-EES u tal-ETIAS kif ukoll mill-Konvenzjoni ta' Schengen. Dan jimmonitorja u jiddiskuti wkoll l-istatus tal-livell ta' tħejjija tat-trasportaturi għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni msemmija hawn fuq, inkluż kwalunkwe kunsiderazzjoni operazzjonali/teknika rilevanti. L-ewwel sessjoni tal-Grupp ta' Hídma saret fl-4 ta' Ġunju fi Brussell u ġiet segwita minn żewġ laqgħat oħra fl-20 ta' Settembru u fid-19 ta' Diċembru. Il-Grupp ta' Hídma dwar il-Bijometrija jipprovdi pjattaforma għal diskussjonijiet tekniċi bejn l-eu-LISA, il-Kummissjoni Ewropea u l-esperti tal-bijometrija tal-Istati Membri biex jaqsmu l-aħjar prattiki u jsibu soluzzjonijiet u standards tekniċi xierqa għas-sistemi ta' tqabbil bijometriku rispettivi u l-BMS kondiviża globali tal-futur. Dan il-grupp ta' hídma kellu żewġ laqgħat, fil-15 ta' Ottubru u fit-13 ta' Diċembru.

L-AGs tal-Eurodac, tas-SIS u tal-VIS kontinwament ipprovdew pjattaformi għall-esperti tal-Istati Membri u għar-rappreżentanti tal-Aġenziji tal-ĠAI u l-Kummissjoni Ewropea, għall-iskambju ta' għarfien espert tekniku u appoġġ dwar diversi kwistjonijiet tekniċi relatati mal-evoluzzjoni ta' dawn is-sistemi. L-Aġenzija kompliet il-prattika stabbilita tagħha li tħejji s-sommarji tal-laqgħat tal-AG u li xxerred dawn is-sommarji lill-partijiet ikkonċernati tagħha. Minn Lulju, is-sommarji qed jiġu ppubblikati wkoll mill-Kunsill fuq il-Portal tad-Delegati. Dawn is-sommarji jipprovdu informazzjoni f'waqtha u rilevanti dwar il-funzjonament tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira lir-rappreżentanti tal-Istati Membri lil hinn mill-membri tal-AGs, u jikkontribwixxu biex iqajmu sensibilizzazzjoni dwar il-ħidma essenzjali tal-AGs.

L-Aġenzija kompliet tappoġġa lill-Kummissjoni bit-tħejjija ta' preżentazzjonijiet rilevanti u parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Forum ta' Livell Għoli dwar l-interoperabbiltà li saru fil-5 ta' Marzu u l-15 ta' Novembru fi Brussell, kif ukoll fiż-żjarat ta' studju ta' tħejjija fl-iblet kapitali tal-Istati Membri. Fl-2019, ġew organizzati żjarat ta' studju ta' tħejjija fid-Danimarka, il-Latvja, il-Litwanja, Ċipru, Malta, ir-Rumanija, ir-Repubblika Ċeka, is-Slovakkja, il-Portugall, l-Iżvizzera, is-Slovenja u l-Kroazja. L-objettiv ta' dawn iż-żjarat kien li jiġi diskuss l-istatus tal-preparazzjonijiet u t-tħejjija fil-livell nazzjonali għall-implimentazzjoni tal-EES, l-ETIAS, ir-riformulazzjoni tas-SIS u l-interoperabbiltà.

F'April, wara l-istedina tal-awtoritajiet Kroati, ir-rappreżentanti tal-eu-LISA u tal-Frontex ipparteċipaw fi żjara fuq il-post fil-Kroazja fil-punti ta' qsim tal-fruntiera (BCPs) ta' Bajakovo u Tovarnik. Iż-żjara kellha l-għan li tivvaluta l-isfidi attwali li qed jiffaċċjaw il-BCPs, tesplora soluzzjonijiet possibbli biex jitnaqqas l-ammont ta' xogħol u fl-istess ħin tħejji għas-sistemi l-ġodda. Il-BCP ta' Bajakovo jinsab fuq l-awtostrada ewlenija bejn Zagreb, il-Kroazja, u Belgrad, is-Serbja, fuq il-kuritur li jgħaqqad l-Ewropa ċentrali mal-Balkani tal-Punent u mal-Ewropa tax-Xlokk. Aktar minn 6 miljun passiġġier u 2 miljun vettura jużaw dan il-BCP fis-sena. Ir-rappreżentanti tal-eu-LISA u tal-Istati Membri marru wkoll fuq żjara ta' studju f'Washington, DC, l-Istati Uniti tal-Amerka, bejn it-3 u t-8 ta' Novembru 2019. L-għan taż-żjara kien li jitgħallmu mill-esperjenza tal-awtoritajiet tal-Istati Uniti bl-implimentazzjoni ta' sistemi simili għall-EES u l-ETIAS. Il-parteeċipanti żaru l-Awtorità għall-Protezzjoni Doganali tal-Fruntieri f'Washington, DC, il-fruntiera tal-baħar fil-port marittimu ta' Miami u l-fruntiera tal-ajru fl-ajruport ta' Washington Dulles.

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-bażi ġuridika tagħha u l-aspettattivi tal-partijiet ikkonċernati tagħha, l-eu-LISA kompliet tikkontribwixxi għall-iżvilupp u t-tiŝiħ tal-istrateġija tas-sigurtà interna tal-UE. Dan kien jinkludi parteċipazzjoni attiva fid-diskussjonijiet attwali dwar il-futur ta' Prüm. L-Aġenzija pparteċipat fi, u tat kontribut għall-workshops ta' Prüm organizzati mill-Kummissjoni Ewropea fi Brussell fis-27 ta' Marzu, fil-25 ta' Ġunju, u fit-12 ta' Diċembru. L-eu-LISA kkontribwiet ukoll b'mod attiv għal diskussjonijiet dwar ir-reviżjoni tad-Direttivi dwar l-Infurmazzjoni Antiċipata dwar il-Passiġġieri (API) u r-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) permezz tal-parteeċipazzjoni fi, u s-segwitu tal-Gruppi ta' Hídma tal-Kunsill (DAPIX) rilevanti kif ukoll billi segwiet il-proċedimenti tat-3et Seminar madwar l-OSKE dwar l-Iskambju tad-Data dwar il-Passiġġieri u l-Grupp ta' Hídma informali (IWG) dwar il-laqgħat tal-PNR li saru fit-18-19 ta' Ġunju u fit-3-4 ta' Settembru.

L-Aġenzija kompliet l-ingaġġ attiv tagħha fi tliet prijoritajiet tal-EMPACT, jiġifieri "Armi tan-nar", "Attakki kontra s-sistemi tal-infurmazzjoni" u "Faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali". L-Aġenzija pparteċipat f'diversi laqgħat, l-aktar

dwar l-Armi tan-nar u l-Faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali (eż. laqgħa annwali ta' tnedija tal-EMPACT Armi tan-nar fid-19-20 ta' Frar, Laqgħa strateġika tal-EMPACT Armi tan-nar fid-19 ta' Lulju u l-EMPACT Faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali – sessjoni ta' abbozzar tal-OAP fil-11-12 ta' Settembru) u kkontribwiet b'mod attiv għad-diskussjonijiet rilevanti. Bħala parti mill-prijorità tal-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali, l-eu-LISA kkontribwiet b'azzjoni operazzjonali billi organizzat attività ta' taħriġ.

Bħala element importanti tal-kollaborazzjoni tal-partijiet ikkonċernati, is-6^{ta} Konferenza Annwali tal-eu-LISA "L-arkitettura l-ġdida ta' informazzjoni bħala xprunatur għall-effiċjenza u l-effettività fis-sigurtà interna" ġiet organizzata bl-appoġġ u l-ingaġġ tal-Presidenza Finlandiża tal-Kunsill tal-UE. Il-konferenza ffukat fuq il-futur tas-sigurtà interna kif ukoll l-oportunitajiet ippreżentati mill-arkitettura l-ġdida ta' informazzjoni għall-komunitajiet tal-infurzar tal-liġi u tal-ġestjoni tal-fruntieri (ara wkoll il-paġna 61 għal aktar dettalji dwar il-konferenza annwali).

Saru avvenimenti oħra tal-partijiet ikkonċernati mas-sħab ta' kooperazzjoni biex jiġi ppreżentat il-mandat tal-Aġenzija, jiġu enfasizzati l-proċessi tan-negozju u jsir skambju ta' fehmiet dwar l-attivitajiet u l-pjanijiet tal-Aġenzija. Dawn l-avvenimenti inkludew b'mod partikolari l-laqgħat mal-kapijiet tal-missjonijiet diplomatiċi fit-18 ta' Marzu f'Tallinn, mal-kunsillieri tal-ĠAI fit-2 ta' April fi Brussell u mal-membri tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) fit-18 ta' Settembru fi Strasburg u fid-29-30 ta' Ottubru f'Tallinn. Minbarra ż-żjarat u l-briefings ippjanati, l-eu-LISA organizzat ukoll diversi laqgħat ta' livell għoli, bħal-laqgħa mad-Direttur taċ-Ċentru ta' Eċċellenza għaċ-Ċiberdifiża Kooperattiva tan-NATO, il-Kumitat dwar id-Dimensjoni Ċivili tas-Sigurtà tal-Assemblea Parlamentari tan-NATO, is-Segretarju Ġenerali tal-Istat tal-Ministeru Rumen tal-Affarijiet Interni, is-Segretarju Parlamentari tal-Istat tal-Ministeru Federali tal-Intern tal-Ġermanja, il-Ministru tal-Intern tal-Estonja, id-delegazzjoni tal-Parlament Estonjan, id-Direttur Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-UE u l-Ministru tal-Intern tal-Ungerija.

Evalwazzjonijiet ta' Schengen

Fl-2019, l-eu-LISA pparteċipat f'10 valutazzjonijiet ta' Schengen:

- Sitt evalwazzjonijiet ta' Schengen għas-SIS/SIRENE.
- Evalwazzjonijiet ta' Schengen għall-Politika Komuni dwar il-Viżi inkluż il-VIS.
- Evalwazzjoni waħda mhux imħabbra ta' Schengen għall-Politika Komuni dwar il-Viżi inkluż il-VIS immirata lejn erba' Stati Membri.

L-Aġenzija appoġġat lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fil-missjonijiet ta' evalwazzjoni tas-SIS/SIRENE għar-Repubblika Ċeka f'Marzu, l-evalwazzjoni tal-Polonja f'April, l-evalwazzjoni tas-Slovenja f'Ġunju, iż-żjara mill-ġdid għall-evalwazzjoni ta' Franza f'Ġunju, l-evalwazzjoni tal-Ungerija f'Ottubru, u l-evalwazzjoni tas-Slovakkja f'Novembru.

Fir-rigward tal-Politika Komuni dwar il-Viżi inklużi l-evalwazzjonijiet tal-VIS, l-Aġenzija pparteċipat fl-evalwazzjonijiet li ġejjin:

- L-evalwazzjoni tar-Repubblika Ċeka f'Jannar li saret f'Abu Dabi u Chengdu (iċ-Ċina).
- L-evalwazzjonijiet mhux imħabbra ta' Spanja, tan-Netherlands, ta' Franza u tal-Iżvizzera li saru f'Settembru fil-Marokk.
- L-evalwazzjoni tal-Ungerija li saret f'Almaty (il-Każakistan) u Mumbai (l-Indja) f'Ottubru.
- L-evalwazzjoni tas-Slovakkja li saret f'Minsk (il-Belarus) u tal-istanbul (it-Turkija) f'Diċembru 2019.

1.3.2 Sħubiji ma' Aġenziji oħra tal-UE

Matul l-2019, kompliet il-kooperazzjoni mill-qrib mal-aġenziji sħab, b'mod partikolari fil-komunità tal-ĠAI. Thejiew pjanijiet ta' kooperazzjoni bilaterali għall-perjodu tal-2019-2021 mal-Europol u s-CEPOL. Tfasslu abbozzi ta' pjanijiet ta' kooperazzjoni għall-2020-2022 mal-FRA u l-EASO u dawn se jiġu konklużi fl-2020. Il-pjanijiet jipprovdu ħarsa ġenerali lejn il-kooperazzjoni bilaterali attwali u l-inizjattivi futuri.

Twettqet kooperazzjoni mill-qrib fil-livell operattiv mal-Europol u l-Frontex biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tar-regolamenti tal-EES u tal-ETIAS, li jwittu t-triq għall-implimentazzjoni b'suċċess tar-regolamenti tal-interoperabbiltà. Tnediet kooperazzjoni fil-qasam tat-taħriġ mal-Frontex, il-Europol, is-CEPOL, u l-FRA biex jiġi żgurat it-taħriġ ta' firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati fil-livell nazzjonali. Aġenziji oħra se jkunu involuti kif meħtieġ.

L-eu-LISA estendiet l-appoġġ tagħha lill-Europol u fetħet aċċess għas-SIS u l-allerti rilevanti, wara l-istabbiliment tal-Uffiċċju SIRENE tal-Europol. L-eu-LISA assistiet lill-Europol ukoll fil-preparazzjoni tal-konnessjonijiet tagħha mal-VIS. Barra minn hekk, l-eu-LISA kkooperat mal-Frontex fl-istabbiliment tal-konnessjoni tagħha mas-SIS u fl-iżgurar li t-timijiet rilevanti skjerati fl-operazzjonijiet ikunu jistgħu jikkonsultaw lis-SIS.

Fid-9-10 ta' Lulju, l-Aġenziji tal-ĠAI, il-Kummissjoni Ewropea u l-Eurostat iltaqgħu għal laqgħa tal-eu-LISA f'Tallinn dwar l-implimentazzjoni tar-regolamenti tal-interoperabbiltà, u ddiskutew is-sitwazzjoni attwali tal-iżvilupp tal-komponenti differenti tal-arkitettura tal-interoperabbiltà, b'enfasi fuq l-istabbiliment tas-CRRS.

Il-Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz tal-eu-LISA-Frontex dwar is-Sit ta' Rkupru minn Diżastri tal-Frontex daħal fis-seħħ fl-10 ta' Ottubru 2019. L-eu-LISA issa qiegħda tospita s-siti ta' rkupru ta' żewġ aġenziji, l-EASO u l-Frontex, fiċ-ċentru ta' data tagħha fi Strasburgu, bl-għan li jinħolqu sinerġiji u jiġu ffrankati l-ispejjeż fost l-aġenziji tal-ĠAI.

Matul l-2019, l-eu-LISA attendiet għal-laqqgħat tal-Bord tat-Tmexxija tal-Frontex b'mod regolari. L-eu-LISA pparteċipat ukoll fil-Jum Ewropew annwali għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta 2019 organizzat mill-Frontex fil-Polonja. Il-Europol stieden lill-eu-LISA għall-Grupp ta' Ħidma tal-Bord tat-Tmexxija tiegħu dwar il-Ġestjoni tal-Infurmazzjoni fuq bażi regolari, biex jipprovdni aġġornamenti dwar l-implimentazzjoni tar-regolamenti dwar l-interoperabbiltà. Fil-25-26 ta' Ġunju 2019, l-eu-LISA pparteċipat fil-laqgħa annwali tal-Punti ta' Kuntatt għat-Taħriġ tal-aġenziji tal-ĠAI, organizzata mis-CEPOL, u fil-Laqqgħa Annwali tal-Partijiet Ikkonċernati tas-CEPOL, li t-tnejn li huma saru f'Budapest. Il-laqqgħat taw aġġornamenti dwar inizjattivi ta' kooperazzjoni bilaterali u multilaterali fost l-aġenziji tal-ĠAI u kkontribwew għall-ippjanar konġunt ta' sessjonijiet ta' taħriġ għall-Istati Membri dwar l-EES, l-ETIAS u l-interoperabbiltà.

L-Aġenzija kompliet il-kooperazzjoni tagħha mal-ENISA wara l-iffirmar ta' Arranġament ta' Ħidma fl-2018 u l-konklużjoni ta' Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz f'April 2019 li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet għall-appoġġ tal-ENISA għall-eżerċizzju tas-sigurtà u l-kontinwità tan-negozju tal-eu-LISA dwar il-Eurodac li sar f'Novembru 2019.

Fil-kuntest ta' sistemi, teknoloġiji u leġiżlazzjoni ġodda, in-Network tal-Uffiċċjali tas-Sigurtà tal-eu-LISA u l-Kumitat tas-Sigurtà tal-Europol kellhom laqgħa konġunta fl-20 ta' Novembru biex jiddiskutu aspetti ta' sigurtà u kontinwità tan-negozju. L-esperti tas-sigurtà skambjaw l-aħjar prattiki u għarfien.

L-eu-LISA kkontribwiet b'mod attiv għall-attivitajiet tan-Network tal-Aġenziji tal-ĠAI, ippresedut mill-Europol fl-2019. L-Aġenzija kkontribwiet għal diskussjonijiet bejn l-aġenziji dwar suġġetti varji, bħall-interoperabbiltà, l-innovazzjoni u s-sigurtà tal-ICT. Fl-okkażjoni tal-10ar Anniversarju tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, il-Kapijiet tal-Aġenziji tal-ĠAI approvaw Dikjarazzjoni Konġunta fil-Konferenza ta' Livell Għoli "Making the EU Charter of Fundamental Rights a reality for all: 10th anniversary of the Charter becoming legally binding" (Nagħmlu il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE realtà għal kulħadd: l-10ar anniversarju minn meta l-Karta saret legalment vinkolanti) organizzata mill-FRA fit-12 ta' Novembru fi Brussell. Fit-22 ta' Novembru f'The Hague, il-Kapijiet tal-Aġenziji tal-ĠAI ddiskutew il-kooperazzjoni attwali u futura tagħhom b'enfasi fuq l-implimentazzjoni tal-Aġenda Strateġika l-ġdida tal-UE għall-2019-2024, il-QFP għall-2021-2027 u l-interoperabbiltà tas-sistemi tal-IT u l-innovazzjoni. Dawn adottaw ukoll "Dikjarazzjoni Konġunta dwar id-Diversità u l-Inklużjoni".

Fl-2019, l-eu-LISA kkontribwiet ukoll b'mod attiv għall-attivitajiet tan-Network tal-Aġenziji tal-UE u pparteċipat f'laqqgħat tematiċi fil-qasam tal-komunikazzjoni, l-affarijiet legali, l-ippjanar strateġiku, ir-riżorsi umani u l-ICT. Saru żewġ laqqgħat ta' livell għoli tal-Kapijiet tal-Amministrazzjoni u l-Kapijiet tal-Aġenziji, fi Brussell fi Frar u fi Stokkolma f'Ottubru, rispettivament.

1.3.3 Sħubija mal-industrija

L-industrija hija parti ikkonċernata ewlenija għall-Aġenzija, u tappoġġa l-ħidma tagħha fit-twettiq ta' soluzzjonijiet tekniċi ta' kwalità għolja. Barra minn hekk, il-monitoraġġ tal-isforzi tal-industrija fir-riċerka jirrappreżenta element importanti fl-isforzi ġenerali ta' monitoraġġ tar-riċerka tal-Aġenzija, f'konformità mar-regolament ta' stabbiliment tagħha. L-isforzi biex dan il-grupp jiġi involut komplew fl-2019 bħal fis-snin preċedenti, filwaqt li l-prinċipji tal-komunità, tat-trasparenza u tal-kostruttività ggwidaw il-ħidma.

Simili għas-snin ta' qabel, l-Aġenzija ospitat żewġ avvenimenti madwar il-mejda tal-industrija fl-2019. L-10ar avveniment madwar il-mejda tal-industrija tal-eu-LISA li saret fit-24 ta' April f'Bucharest (ir-Rumanija), b'appoġġ qawwi mill-Presidenza Rumena tal-Kunsill tal-UE, iffukat fuq ir-rekwiżiti għal soluzzjonijiet integrati tal-fruntieri għall-fruntieri tal-art u tal-baħar. Wara l-pubblikazzjoni tar-rapport tal-Grupp ta' Ħidma dwar is-soluzzjonijiet tal-ICT għall-fruntieri esterni tal-art u tal-baħar, l-Aġenzija talbet lill-industrija biex tikkontribwixxi billi tidentifika soluzzjonijiet vijabbli u arkitettura komuni għall-implimentazzjoni tal-EES fil-fruntieri esterni tal-baħar u tal-art tal-UE. L-avveniment laqqa' flimkien kważi 100 rappreżentant mill-ġestjoni globali tal-fruntieri u mill-industrija tas-sigurtà biex jiddiskutu r-rekwiżiti leġiżlattivi, il-proċess u t-teknoloġiji.

Il-11-il avveniment madwar il-mejda tal-industrija sar fis-17 ta' Ottubru f'Tallinn u ffoka fuq l-aspetti prattiċi tal-implimentazzjoni tal-arkitettura l-ġdida tal-informazzjoni tal-ĠAI. L-għan ewleni tal-avveniment kien li jkun hemm involviment mal-industrija fid-diskussjoni ta' proposti konkreti għall-implimentazzjoni tal-arkitettura l-ġdida tal-interoperabbiltà, allinjati mar-rekwiżiti legali, funzjonali u tekniċi. Wara l-pubblikazzjoni ta' estratt tal-istudju ta' fattibbiltà "Elaboration of a future architecture for interoperable IT systems at eu-LISA" (Elaborazzjoni ta' arkitettura futura għas-sistemi tal-IT interoperabbli fl-eu-LISA), l-Aġenzija talbet lill-industrija għall-kontribut tagħha. L-avveniment laqqa' aktar minn 100 parteċipant minn 51 organizzazzjoni differenti fi 19-il pajjiż, li jirrappreżentaw l-industrija globali tal-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà, l-Istati Membri tal-UE, l-Istati Uniti tal-Amerka, il-Kanada, l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Aġenziji tal-ĠAI, kif ukoll l-akkademja.

1.4 Għan strateġiku 4

TIŻVILUPPA ORGANIZZAZZJONI MODERNA, EFFIĊJENTI U AĠILI

1.4.1 Programm ta' trasformazzjoni organizzattiva: eu-LISA 2.0

Fl-2019, l-Aġenzija nediet programm ta' trasformazzjoni bil-għan li twassal struttura organizzattiva ġdida, li tkun adattata għall-mandat il-ġdid tal-eu-LISA. Dan il-programm, eu-LISA 2.0, tfassal biex jiżgura li l-proċess ta' riorganizzazzjoni jkun miftuħ, trasparenti u jinvolvi lill-persunal tal-Aġenzija.

Permezz ta' din it-trasformazzjoni organizzattiva, l-Aġenzija qed tirsisti għal:

- Proċessi aktar effiċjenti u aktar rapidi għat-teħid tad-deċiżjonijiet.
- Aktar mobiltà fix-xogħol, inkluż kamp ta' applikazzjoni akbar għall-innovazzjonijiet.
- Aktar setgħa u sjieda permezz ta' funzjonijiet ċentralizzati ġodda u profili armonizzati.
- Pożizzjonament aħjar tal-Aġenzija, li jwassal għal suċċess sostnut tal-organizzazzjoni.

Sabiex tiżgura s-suċċess ta' din it-trasformazzjoni, l-Aġenzija daħħlet pjan ta' ġestjoni tat-tibdil fis-seħħ. Matul il-perjodu ta' rapportar, dan il-programm mexxa 'l quddiem b'mod sinifikanti. L-organigramma l-ġdida tal-Aġenzija ġiet iffinalizzata. Din tinkludi b'mod partikolari struttura kompletament ġdida kemm għad-Dipartiment tal-Operazzjonijiet kif ukoll għad-Dipartiment tal-Governanza Korporattiva (dik li qabel kienet l-Unità Ġenerali ta' Koordinazzjoni), b'setturi bbażati fuq il-funzjoni mmappjati b'mod ċar.

Ix-xogħol tat-trasformazzjoni organizzattiva kien maqsum f'erba' flussi ta' xogħol:

- It-trasferiment tal-persunal eżistenti fl-istruttura organizzattiva l-ġdida.

- Ir-reklutaġġ ta' persunal ġdid.
- L-implimentazzjoni tal-mudell ta' kompetenza ġdid tal-eu-LISA.
- Ir-reviżjoni tad-deskrizzjonijiet funzjonali tal-unitajiet u d-dipartimenti u tal-mudell operattiv tal-Aġenzija.

Aktar taġġir dwar il-programm ta' trasformazzjoni organizzattiva huwa disponibbli hawn taħt fit-taqsimha 2.2.1.

1.4.2 L-ippjanar u r-rapportar strateġiku u operazzjonali

L-Aġenzija qed taġġmel sforzi sostanzjali fl-iżvilupp kontinwu tal-proċessi ta' ppjanar intern u programmazzjoni taġġha, inkluż l-ippjanar strateġiku, il-programmazzjoni u r-rapportar pluriennali u dak annwali. Din qiegħda kontinwament ittejjeb l-ġħodod tal-ippjanar tal-IT korporattivi taġġha u tipprovdi is-sessjonijiet ta' taħriġ rilevanti. Fl-2019, id-dokumenti tar-rapportar korporattiv u d-dokumenti tal-ipprogrammar kollha ġew adottati u ppubblikati fil-qafas ta' żmien stipulat fl-istrumenti legali.

Ir-Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività 2018 ġie adottat mill-MB fis-26 ta' Ġunju 2019, wara konsultazzjoni minn qabel mal-AGs, u sussegwentement intbagħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri. Dan ġie ppubblikat ukoll fuq is-sit web tal-Aġenzija u ġie tradott fi 22 lingwa uffiċjali (minbarra l-verżjoni adottata bl-Ingliż).

Ir-Rapport interim dwar l-implimentazzjoni tad-Dokument ta' Programmazzjoni 2019-2021 tal-eu-LISA ġie adottat mill-MB fit-30 ta' Awwissu, wara konsultazzjoni mal-Gruppi Konsultattivi, u sussegwentement intbagħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Skont id-Deċiżjoni tal-MB dwar id-delega tas-setgħat lid-Direttur Eżekuttiv biex jagħmel emendi mhux sostanzjali għall-Programm ta' Ħidma Annwali, fid-29 ta' Marzu, id-Direttur Eżekuttiv iddeċieda li fil-Programm ta' Ħidma Annwali tal-2019 tal-PD 2019-2021 jinkludi attività ġdida relatata mal-implimentazzjoni tar-regoli ta' traslitterazzjoni tal-ICAO tal-2015 għas-SIS II. Id-deċiżjoni segwiet rakkomandazzjoni mill-Grupp tal-Ġestjoni tat-Tibdil tas-SIS II, sussegwentement approvata mill-Kumitat tal-VIS tas-SIS. Din ir-rakkomandazzjoni rċeviet ukoll opinjoni pożittiva mill-AG tas-SIS, u kienet awtorizzata mill-Bord tat-Tmexxija fit-12 ta' Diċembru 2018.

Fid-19 ta' Novembru 2019, il-MB adotta emenda biex jinkludi studju dwar l-implimentazzjoni ta' proċess tal-ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-applikazzjoni (ALM) fil-Programm ta' Ħidma Annwali tal-2019 tal-PD 2019-2021.

L-abbozz tad-Dokument ta' Programmazzjoni Uniku tal-eu-LISA 2020-2022 ġie adottat mill-Bord tat-Tmexxija fit-30 ta' Jannar 2019 u ntbagħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni għall-opinjoni formali taġġhom. Il-verżjoni finali mbagħad ġiet adottata mill-Bord tat-Tmexxija fid-19 ta' Novembru 2019.

L-Aġenzija ssottomettiet l-ewwel abbozz tad-Dokument ta' Programmazzjoni Uniku taġġha għall-2021-2023 lill-Gruppi Konsultattivi f'Ottubru u lill-Bord tat-Tmexxija f'Novembru 2019, biex jirrieżaminawh. L-abbozz tad-Dokument ta' Programmazzjoni Uniku għall-2021-2023 ġie adottat mill-Bord tat-Tmexxija fil-31 ta' Jannar 2020 u mbagħad ġie kondiviż mal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni.

Wara t-tnedija tal-organizzazzjoni l-ġdida (eu-LISA 2.0), l-Aġenzija bdiet reviżjoni tal-proċessi ta' ppjanar taġġha.³⁶

F'Ġunju 2019, kif mitlub mill-MB, l-Aġenzija bdiet ir-reviżjoni tal-KPIs korporattivi taġġha u ġie ppreżentat sett aġġornat ta' KPIs korporattivi lill-MB f'Novembru. Sussegwentement, l-Aġenzija ttestjat is-sett il-ġdid ta' KPIs bid-*data* tal-2019 u ppreżentat is-settijiet il-ġodda bid-*data* għall-adozzjoni fl-2020.³⁷

Matul l-2019, l-Aġenzija wettqet reviżjoni estensiva tal-istimi taġġha tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali filwaqt li qieset il-bidla fl-iskeda ta' żmien globali għall-implimentazzjoni tas-sistemi l-ġodda u l-ħtiġijiet operattivi taġġhom. It-talba totali tal-Aġenzija għall-QFP għall-2021-2027 li jmiss tammonta għal EUR 1 955 miljun. Dawn l-appropriazzjonijiet se jkun meħtieġa biex tiġi ffinalizzata l-implimentazzjoni tal-EES, l-ETIAS, l-interoperabbiltà u r-riformulazzjonijiet tas-sistemi

³⁶ L-approċċ il-ġdid ġie ttestjat fl-2020 għall-abbozzar tad-Dokument ta' Programmazzjoni Uniku tal-Aġenzija għall-2022-2024.

³⁷ Is-sett aġġornat ta' KPIs korporattivi ġie adottat mill-MB f'April 2020.

eżistenti; biex tevolve l-arkitettura tas-sistemi eżistenti biex tiġi żgurata d-disponibbiltà għolja tagħhom; biex jiġu estiżi l-kapaċitajiet operazzjonali tal-Aġenzija; biex is-sistemi eżistenti jiġu emigrati u integrati fl-arkitettura l-ġdida tal-interoperabbiltà; biex jiġi implimentat in-network sigur il-ġdid u biex jiġi żgurat il-funzjonament stabbli tal-Aġenzija.

1.4.3 Qafas ta' governanza

Qafas ta' Kontroll Intern

Fid-19 ta' Marzu 2019, il-MB adotta l-Qafas ta' Kontroll Intern rivedut tal-eu-LISA.³⁸ Fid-deċiżjoni tiegħu, il-MB inkariga lid-Direttur Eżekuttiv bl-impilmentazzjoni tal-prinċipji u l-karatteristiċi tal-kontroll intern u biex jiddefinixxi l-kriterji tal-monitoraġġ tal-kontroll intern. L-MB inkariga lill-ED ukoll bil-ħatra ta' Maniġer biex ikun inkarigat mill-ġestjoni tar-riskju u l-kontroll intern. Wara din id-deċiżjoni, il-Maniġment tal-Aġenzija ħejja l-Kriterji għall-Monitoraġġ tal-Kontroll Intern, li ġew adottati b'deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv u li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2020, flimkien man-nomina tal-Maniġer inkarigat mill-ġestjoni tar-riskju u l-kontroll intern. L-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-ewwel valutazzjoni tal-QKI huma deskritti hawn taħt fit-taqsim 3 (paġna 90).

Korpi ta' governanza

F'termini tal-korpi ta' governanza tagħha, l-Aġenzija kompliet tipprova appoġġ amministrattiv u loġistiku ta' kwalità għall-funzjonament b'suċċess tal-Bord tat-Tmexxija, il-Bordijiet tal-Ġestjoni tal-Programm u l-Gruppi Konsultattivi.

L-Aġenzija għandha tim dedikat bis-sħiħ għall-attivitajiet tal-korpi ta' governanza (is-Segretarjat tal-Bord tat-Tmexxija). Dan is-Segretarjat jappoġġa lill-Presidenti biex jiżguraw il-funzjonament bla xkiel tal-gruppi. Ir-responsabbiltajiet ewlenin tagħhom huma li jiżguraw li l-laqqha ikunu organizzati u dokumentati b'mod effiċjenti, li jirreġistraw, iżommu rendikont u jsegwu d-deċiżjonijiet u d-deliberazzjonijiet kollha tal-gruppi, li jivverifikaw il-konformità legali tad-deċiżjonijiet u li jimmonitorjaw l-obbligi legali u li jiżguraw il-komunikazzjoni u l-korrispondenza permanenti mal-membri tal-gruppi.

L-Aġenzija appoġġat bis-sħiħ il-ħolqien u t-tħaddim tal-korpi relatati mal-ġestjoni tas-sistemi l-ġodda. Mill-bidu tal-2019, il-Bord ta' Ġestjoni tal-Programmi tal-ETIAS sar funzjonali. F'Marzu 2019, il-mandat tal-Grupp Konsultattiv tal-EES ġie estiż biex ikopri l-ETIAS (il-Grupp Konsultattiv tal-EES-ETIAS).

F'konformità mar-regolamenti tal-EES, il-Bord ta' Ġestjoni tal-eu-LISA ta mandat lill-BĠP tal-EES biex iwettaq il-valutazzjoni tat-TTS (speċifikazzjonijiet tekniċi tal-offerta) tas-Sistema Ċentrali tal-EES (inkluża l-arkitettura fiżika u l-Infrastruttura tal-NUIs). Il-BĠP tal-EES ikkonferma li t-TTS tal-EES huma konformi mad-dispożizzjonijiet legali, li kkontribwew għall-mitigazzjoni tar-riskji relatati mal-proċedura ta' akkwist.

Barra minn hekk, l-Aġenzija ħejjiet bil-quddiem sew l-istrutturi u l-proċessi ta' governanza relatati mal-formazzjonijiet il-ġodda li waslu biex jibdeu l-attività tagħhom, jiġifieri l-Bord ta' Ġestjoni tal-Programm ta' interoperabbiltà, il-Bord ta' Ġestjoni tal-Programm tal-ECRIS-TCN, il-Grupp Konsultattiv dwar l-Interoperabbiltà u l-Grupp Konsultattiv tal-ECRIS-TCN.

Fl-istess ħin, l-Aġenzija kompliet issaħħaħ ir-relazzjoni tagħha mal-Gruppi Konsultattivi eżistenti (il-Eurodac, is-SIS u l-VIS), billi involviethom fil-proċessi tal-ippjanar u operattivi sabiex tiżdied it-trasparenza u biex tibbenefika mill-esperjenza u l-għarfien estensivi tagħhom.

Ġestjoni tal-kwalità totali

Wara l-ewwel implimentazzjoni tal-eżerċizzju ta' awtovalutazzjoni tal-Qafas Komuni ta' Valutazzjoni (CAF) fl-2017, tfejja pjan ta' azzjoni. L-istatus tal-implimentazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet ġie rivedut fl-2019, u ġie ppreparat u sussegwentement adottat rapport ta' tmiem iċ-ċiklu mill-Kumitat tal-Ġestjoni tal-Aġenzija fil-Q4 tal-2019. Minn 12-il azzjoni elenkata, 6 azzjonijiet tlestew jew tlestew parzjalment, 5 għadhom għaddejjin u 1 ġiet posposta. Ir-rapport ikkonferma wkoll it-triq 'il quddiem lejn implimentazzjoni ulterjuri tas-CAF.

³⁸ Deċiżjoni Nru 2019-042 tad-19.03.2019 aċċessibbli fuq <https://eulisa.europa.eu/About-Us/access-to-documents/public-register>

1.4.4 Finanzi u akkwist

L-Aġenzija żviluppat u saħħet kontinwament il-proċessi u l-proċeduri finanzjarji interni tagħha biex tiżgura l-ġestjoni trasparenti u effettiva tar-riżorsi finanzjarji disponibbli tagħha.

Saru wkoll haġna sforzi biex jiġu diġitalizzati ċerti proċessi sinifikanti tal-offerti, permezz tal-pjattaforma ta' sottomissjoni elettronika. Bl-appoġġ tal-Kummissjoni, l-Aġenzija se tkun f'pożizzjoni li tuża bis-siġħ il-pjattaforma tas-sottomissjoni elettronika, li tirriżulta f'bidla definittiva minn flussi ta' xogħol fuq il-karta għal dawk elettroniċi fil-proċessi tal-offerti.

L-eu-LISA għamlet sforz imġedded biex tippjana għall-futur, speċjalment fl-oqsma tal-baġit u tal-akkwist, u biex tħaddan il-bidla fil-proċessi tagħha: l-2019 rat bidla progressiva minn flussi tax-xogħol fuq il-karta għal dawk elettroniċi — permezz tas-Sistema Avanzata ta' Rekords (ARES) madwar l-UE — għall-maġġoranza tal-proċessi fl-oqsma tal-finanzi, tal-baġit, tal-assi u tal-akkwist. Il-proċessi ta' t'fassil mill-ġdid huwa fattur ewleni biex jiġi żgurat is-suċċess kontinwu tal-Aġenzija, peress li qed isir ċar li l-kompiti l-ġodda u konsegwentement iż-żieda fil-volum tax-xogħol mhux dejjem se jirriżultaw f'żieda korrispondenti fil-persunal, speċjalment fir-rigward tal-funzjonijiet korporattivi.

L-elementi meħtieġa għall-użu futur tal-ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività ġew stabbiliti, flimkien mal-monitoraġġ u mal-iżvilupp kontinwi tal-proċeduri finanzjarji u tal-akkwist tal-Aġenzija.

1.4.5 Riżorsi umani

Fl-2019, l-attivitajiet tal-ġestjoni tar-riżorsi umani ffukaw fuq tliet oqsma ewlenin: l-ottimizzazzjoni u l-ġestjoni korretta tal-HR, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-ġħodod tal-IT għall-HR u t-taħriġ tal-persunal relatat mal-operazzjonijiet.

Ottimizzazzjoni u ġestjoni korretta tar-riżorsi umani

Il-prijorità ewlenija tal-Unità tar-Riżorsi Umani fl-2019 kienet li tappoġġa l-organizzazzjoni fl-implimentazzjoni tal-programm ta' trasformazzjoni organizzattiva tal-eu-LISA 2.0. Tlieta mill-erba' flussi ta' ħidma relatati mal-programm kienu direttament marbuta mar-Riżorsi Umani. Fl-2019, l-Aġenzija nediet il-programm ta' trasformazzjoni bil-għan li twassal struttura organizzattiva ġdida, f'konformità mal-mandat il-ġdid eu-LISA, li jiżgura li n-nies it-tajba jkunu fil-post it-tajjeb.

L-Unità tar-Riżorsi Umani żgurat li, matul il-programm ta' trasformazzjoni, ġew organizzati konsultazzjonijiet mal-persunal u l-progress ġie kkomunikat regolarment permezz ta' diversi mezzi, inkluż spazju dedikat. Barra minn hekk, ingħata żmien u sforz sinifikanti biex wieħed jisma' u jindirizza t-tħassib potenzjali li tqajjem. Dan inkoraġġixxa l-ingaġġ tal-persunal fil-proċess ta' trasformazzjoni u kkontribwixxa għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-istruttura l-ġdida. Il-membri kollha tal-persunal milquta direttament mit-trasformazzjoni rċewew ukoll deskrizzjonijiet aġġornati tal-impjegili infurmawhom dwar il-kompiti u r-responsabbiltajiet ġodda tagħhom.

L-iżvilupp tal-ġħodod tal-IT għall-HR u l-implimentazzjoni tagħhom

Fl-2019, proġett biex l-aġenziji tal-UE jiġu konnessi mas-Sysper mexxa mill-iżvilupp u l-analiżi tal-ħtiġijiet tal-utenti għall-fażi ta' implimentazzjoni. F'Ġunju 2019, l-ewwel modulu bażiku dwar l-istruttura organizzattiva (ORG) beda jopera u t-tieni module dwar il-persunal u d-data tagħhom relatata mal-karriera (CAR) beda jopera f'Ottubru. It-trasferiment tad-data tal-persunal ġie ffinalizzat u l-bidla fl-istruttura organizzattiva tal-eu-LISA ġiet implimentata wkoll.

L-ġħodda ta' Reklutaġġ elettroniku bbażata fuq is-sistema Allegro ġiet implimentata u aġġornata bis-siġħ għas-sottomissjoni u għar-reġistrazzjoni tal-applikazzjonijiet tal-kandidati. Dan ikkontribwixxa għall-effiċjenza tat-tim tar-Reklutaġġ u għar-rapportar dwar l-applikazzjonijiet li waslu. Minħabba l-ammont ta' xogħol estrem relatat mar-reklutaġġ, kwalunkwe bidla futura fis-sistema tkun teħtieġ riżorsi addizzjonali. Madankollu, it-tim ta' Reklutaġġ irnexxielu jimmodernizza l-proċess tal-għażla billi juża ġħodod ta' intervisti online u possibbiltajiet ta' ttestjar online. Dan huwa qasam li se jkompli jiġi żviluppat fil-futur.

Is-Sistema ta' Ġestjoni tat-Tagħlim tal-eu-LISA (i-Learn) ġiet żviluppata aktar u l-proċessi marbuta mat-tagħlim u l-prestazzjoni ġew issimplifikati aħjar permezz tal-ġhodka. Barra minn hekk, it-talbiet għat-taħriġ fid-diġitizzazzjoni laħqu livell matur u t-tnedija hija mmirata għall-bidu tal-2020. Inħoloq module ġdid għat-tagħlim elettroniku dwar il-prevenzjoni tal-fastidju u huwa disponibbli għall-persunal kollu tal-Aġenzija.

Taħriġ tal-persunal relatat mal-operazzjonijiet

Minn Settembru, ġew organizzati diversi sessjonijiet ta' integrazzjoni għall-impjegati l-ġodda kollha, li jkopru s-suġġetti kollha ta' importanza għall-Aġenzija (eż. sistemi, relazzjonijiet kummerċjali, etika u kodiċi ta' kondotta).

Aktar taħrif dettaljat dwar l-attivitajiet, il-kisbiet u l-indikaturi fil-qasam tal-Ġestjoni tar-Riżorsi Umani huwa deskritt hawn taħt fit-taqsim 2.4.

1.4.6 Servizzi u faċilitajiet korporattivi

Servizz Ġenerali

Il-kwartieri ġenerali tal-Aġenzija jinsabu f'Tallinn, l-Estonja, is-sit tekniku ewlieni tagħha fi Strasburgu, Franza, is-sit tekniku ta' backup tagħha f'St Johann im Pongau, l-Awstrija, u l-uffiċċju ta' kollegament tagħha fi Brussell, il-Belġju. Iffaqċjata b'żieda sinifikanti fl-ġhadd ta' persunal u kuntratturi fuq il-post, li kienu diġà bdew fl-2019 u li se jkomplu sa mill-inqas l-2021, l-Aġenzija ilha għal bosta snin tinvolvi ruħha fi proġetti sinifikanti biex tkabbar id-daqs tal-faċilitajiet tagħha. L-objettivewlieni tal-eu-LISA huwa li tiżgura li kull min jaħdem għal u mal-Aġenzija jgawdi minn ambjent ta' xogħol funzjonali, effiċjenti u pjaċevoli.

It-tim tas-Servizzi Ġenerali effettivament iqabbel id-domanda għal, u l-provvista ta', akkomodazzjoni funzjonali u servizzi ta' appoġġ assoċjati biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti operattivi. Barra minn hekk, dan iżomm interess kostanti u kontinwu fit-titjib tal-prestazzjoni tas-saħħa u s-sikurezza (H&S) okkupazzjonali u fuq it-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' Pjan ta' H&S. Ġie introdott KPI ambjentali ġdid biex jappoġġa l-ġestjoni tajba tal-enerġija u biex jissorvelja l-marka tal-karbonju tal-Aġenzija.

Barra minn hekk, l-Aġenzija qed testernalizza l-loġistika u servizzi ta' provisti lil fornituri kwalifikati, effiċjenti u kompetenti. Is-servizzi kollha jingħataw fil-ħin, bħala riżorsa tan-negozju biex jiġi appoġġat it-twettiq tal-objettivi tan-negozju.

Ġie stabbilit kuntratt ta' manutenzjoni ġdid għas-sit operattiv fi Strasburgu biex jiżgura infrastruttura tal-bini sikura, effiċjenti u funzjonali f'konformità mar-rekwiżiti tan-negozju. It-tagħmir u l-assi kollha jinżammu skont programm ta' manutenzjoni ottimizzat kontinwament.

Barra minn hekk, l-Aġenzija ddeċidiet li testendi s-sit attwali tagħha fi Strasburgu. Wara verifika *ex ante* mal-Kummissjoni Ewropea u mar-rappreżentant Franċiż tal-Bord tat-Tmexxija, ġie maqbul li Franza, bħala pajjiż ospitanti, se tappoġġa lill-Aġenzija għat-tfassil u għall-implimentazzjoni tal-proġett. Fi tmien l-2019, l-Aġenzija ffirmat kuntratt għal servizz ta' programmaturi għall-preperazzjoni tar-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet tekniċi għal servizz ta' disinn li huwa mistenni li jibda fl-aħħar tal-2020. L-l-MB ġie wkoll infurmat regolarment u, flimkien mal-Aġenzija, segwa mill-qrib il-proġett għat-tieni estensjoni tas-sit tekniku ta' Strasburgu u r-riskju assoċjat man-nuqqas ta' faċilitajiet biex jiġu ospitati sistemi ġodda, persunal u kuntratturi fuq il-post. L-informazzjoni preliminari dwar il-proġett ġiet ippreżentata lill-awtoritajiet baġitarji fit-2 ta' April 2019. Sadanittant, l-Aġenzija segwiet il-kiri ta' spazju għal uffiċċji temporanji u l-istabbiliment ta' infrastruttura temporanja fuq il-post għall-estensjoni taċ-ċentru tad-*data* primarja biex jitnaqqas b'mod kosteffettiv ir-riskju assoċjat man-nuqqas ta' faċilitajiet biex jiġu ospitati sistemi ġodda, persunal u kuntratturi fuq il-post. L-ispażju għal uffiċċji temporanji huwa mistenni li jkun okkupat fil-Q4 tal-2020.

Is-servizz ta' ġestjoni tal-missjonijiet tjeib bl-introduzzjoni ta' żewġ flussi ta' xogħol tal-ARES, waħda għat-talbiet ta' vjaġġar u oħra għar-rimborż tal-ivvjaġġar, li għenu lill-Aġenzija timxi lejn ambjent mingħajr karti.

Servizzi tal-ġestjoni tad-dokumenti

Wara r-rekwiżit li tinholq strateġija fit-tul għall-konservazzjoni tal-arkivji, f'Awwissu 2019 l-Aġenzija rreklutat Uffiċjal għall-Ġestjoni tad-Dokumenti. Dan iffaċilita l-ħolqien ta' "politika ta' konservazzjoni fit-tul tal-eu-LISA" u "proċeduri ta' konservazzjoni fit-tul tal-eu-LISA". L-implimentazzjoni ta' din il-politika flimkien mal-proċeduri tigarantixxi l-konformità tal-Aġenzija ma' kwalunkwe obbligu legali u regolatorju, kif ukoll tiżgura li r-rekords tal-eu-LISA jiġu protetti u kkonservati matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tagħhom.

Servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT)

Is-servizzi tal-ICT tal-Aġenzija jiżguraw li s-sistemi u l-applikazzjonijiet kollha tal-ICT joperaw f'parametri ottimali, ikunu affidabbli u disponibbli għall-utenti tal-Aġenzija kif meħtieġ, jipprovdu appoġġ għall-utent finali u jiġġestixxu l-proġetti kollha tal-ICT skont il-ħtiġijiet tal-Aġenzija.

Matul l-2019, sabiex jiġu appoġġati l-ħtiġijiet interni tal-Aġenzija, is-servizzi tal-ICT għamlu titjib fl-Applikazzjonijiet korporattivi tal-IT u l-iżvilupp tal-infrastruttura fin-networks, is-sistemi, il-virtwalizzazzjoni u t-teknoloġija ġdida tal-ħżin.

B'mod partikolari, il-kisbiet ewlenin fl-oqsma tas-sistemi tal-ICT kienu s-sostituzzjoni tas-software ta' vidjokonferenza/telekonferenza fi tmiem il-ħajja, li joffri esperjenza aħjar tal-utent, il-migrazzjoni għal Windows 10 u Office 2016, li jiżgura prestazzjoni u sigurtà konsistenti fl-ambjent tagħna, l-iskjerament ta' sistema ġdida ta' ħżin biex tiġi appoġġata d-domanda akbar mill-utenti tal-eu-LISA, l-implimentazzjoni ta' servizzi CERT-EU sabiex tiżdied is-sigurtà tan-networks tal-eu-LISA u software ġdid ta' backup li ġie kkonfiguratur biex jagħmel backup tal-komponenti kollha tal-ICT, filwaqt li tiżdied funzjonalità, effiċjenza u skalabbiltà ġdida fl-operazzjonijiet ta' backup tal-Aġenzija.

Barra minn hekk, l-applikazzjonijiet korporattivi kienu mtejba bil-flussi tax-xogħol għall-proċeduri interni, titjib u funzjonalitajiet addizzjonali fil-pjattaforma SharePoint, b'appoġġ għall-ippjanar u r-rapportar korporattiv, u bil-ħolqien ta' għodda għall-monitoraġġ tal-kuntratti. Barra minn hekk, il-kontinwità tas-servizz ta' tagħlim elettroniku għall-persunal u l-Istati Membri ġiet salvagwardjata matul is-sena billi nżammet l-infrastruttura tat-tagħlim elettroniku skont il-politika ta' sigurtà tal-IT tal-eu-LISA.

Fl-aħħar nett, fl-2019, l-uffiċċju tas-servizzi tal-ICT irċieva 7 824 biljett, li jaġixxi bħala l-punt uniku ta' kuntatt għall-mistoqsijiet u t-talbiet kollha relatati mat-teknoloġija għall-utenti kollha fi ħdan l-Aġenzija.

1.4.7 Komunikazzjoni

Komunikazzjoni Esterna

L-oġġettivi tal-komunikazzjoni korporattiva tal-eu-LISA 2019 kienu li tiżdied il-viżibbiltà, tiġi żgurata l-kredibbiltà u jitrawmu relazzjonijiet ta' benefiċċju reċiproku bejn l-Aġenzija u l-partijiet ikkonċernati tagħha. L-Aġenzija għamlet diversi passi lejn it-titjib tal-għodod tal-informazzjoni pubblika tagħha, inkluża analiżi fil-fond tal-ħtiġijiet tas-sit web, li tinkludi miżuri biex jiġi żgurat li l-iżviluppi futuri tal-web ikunu konformi kemm mar-rekwiżiti tal-affidabbiltà kif ukoll dawk tas-sigurtà li jirriżultaw mill-istrumenti legali tal-EES u l-ETIAS. Il-proġett biex tiġi aġġornata l-identità viżwali tal-Aġenzija nbeda fl-2019 bil-ħsieb li jiġu aġġornati u ssimplifikati l-elementi kollha relatati mad-disinn u wkoll li jiġi kkunsidrat il-forniment ta' sottomarkar għas-sistemi tal-IT fuq skala kbira ġestiti mill-eu-LISA bħala parti mit-tnedija futura tal-EES u l-ETIAS, li se jipprovdi esponiment pubbliku ħafna akbar għall-Aġenzija milli kien hemm fil-passat. Qed jiġi żviluppat ukoll sit web mikro awtonomu bi stil infografiku biex juri s-sistemi, il-programm ta' interoperabbiltà u l-oqsma li kibru fil-prominenza mal-mandat usa' tal-Aġenzija – it-taħriġ, ir-riċerka u r-rapportar u l-istatistika. It-tnedija hija skedata għall-Q2 tal-2020. Fl-2019, is-sit web pubblika tal-Aġenzija żamm medja annwali ta' madwar 100 000 viżitatur, b'tul ta' żjara medja ta' 2 minuti. Ir-rata ta' tkabbir kienet ta' madwar 41 %, minħabba n-natura speċifika ħafna tal-attività tal-Aġenzija, iżda turi xejra ta' tkabbir definittiva. Il-paġni relatati ma' opportunitajiet ta' xogħol qajmu l-aktar interess. Ġie miżjud kontenut ġdid dwar l-AGs li nħolqu l-aktar reċentement, dwar il-Grupp ta' Ħidma għat-Trasportaturi u dwar l-Aċċess għad-Dokumenti Pubbliċi. Dawn iż-żidiet ġodda ġġeneraw interess pubbliku

u servew biex jenfasizzaw id-dedikazzjoni tal-Aġenzija għat-trasparenza. L-Aġenzija ffukat b'mod proattiv fuq sforzi biex taqşam il-punti ewlenin u tipprovdi trasparenza permezz tal-mezzi tal-midja soċjali, li kollha wrew tkabbir konsiderevoli fin-numri ta' segwaċi (+ 33 % fuq Twitter, + 58 % fuq Facebook u + 99 % fuq LinkedIn). Dan huwa relatat mal-akkwist tar-riżorsi u l-għodod meħtieġa, li huma meħtieġa għal azzjonijiet ippjanati u mmirati, disponibbli għal attivitajiet ta' komunikazzjoni regolari.

Il-komunikazzjoni tal-eu-LISA għamlet sforzi notevoli biex ittejjeb il-viżibbiltà tal-eu-LISA, tqajjem sensibilizzazzjoni u tikkondividi informazzjoni rilevanti ma' gruppi differenti ta' partijiet ikkonċernati. Il-punti l-għolja kienu s-6tt Konferenza Annwali tal-eu-LISA u ż-żewġ Diskussjonijiet madwar il-mejda tal-Industrija. Il-Konferenza Annwali — The New Information Architecture as a Driver for Efficiency and Effectiveness in Internal Security“(L-Arkitettura Ġdida ta' Informazzjoni bħala Xprunatur għall-Effiċjenza u l-Effikaċja fis-Sigurtà Interna) — ġiet organizzata taħt l-awspiċi tal-Presidenza Finlandiża tal-Kunsill tal-UE u laqgqgħet qrib 200 delegat li jirrappreżentaw l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet u l-Aġenziji tal-UE kif ukoll prattikanti mill-industrija u l-akkademja. Ir-rata għolja ta' sodisfazzjon espressa mill-parteċipanti (96.6 %) kienet indikatur definit tas-suċċess. Iż-żewġ diskussjonijiet madwar il-mejda tal-industrija, organizzati fir-rebbiegħa u fil-ħarifa, b'total ta' aktar minn 190 parteċipant li attendew, iprovdew fora siewja għal diskussjonijiet iffukati (aktar dettalji dwar id-diskussjonijiet madwar il-mejda ta' hawn fuq f'paġna 55). L-Aġenzija kienet attiva wkoll f'aktar minn tnax-il konferenza u seminar, bħall-Kongress Ewropew tal-Pulizija, il-Wirja u l-Konferenza dwar it-Terminali tal-Passiġġieri u l-Konferenza dwar il-Frontieri Internazzjonali u s-Sigurtà, biex insemmu biss ftit.

Komunikazzjoni interna

Fl-2019, l-oġġla qasam ta' prijorità għall-komunikazzjoni interna ġie derivat mit-trasformazzjoni organizzattiva, eu-LISA 2.0. Matul is-sena, ġew maqsuma aġġornamenti regolari dwar il-proċess ta' trasformazzjoni. Dawn kienu jinkludu l-assemblaġġi tal-personal biex isaħħu l-komunikazzjoni bejn iż-żewġ naħat u jippermettu lill-impjegati jindirizzaw it-tfassil tagħhom u jistaqsu direttament lill-maniġment superjuri, sit web dedikat, taqsuma speċjali fil-bullettin ta' kull ġimgħa u mezzi oħra ta' komunikazzjoni online u offline. L-Aġenzija tat attenzjoni partikolari biex tiżgura t-trasparenza u tagħmel l-informazzjoni aġġornata aċċessibbli faċilment għall-impjegati kollha. Total ta' 79 laqgħa u avveniment kienu koperti mit-tim tal-komunikazzjoni interna (b'artikli u ġabriet ta' ritratti). Fl-2019, ġew ippubblikati 44 ħarġa ta' News and Info ta' kull ġimgħa, sors primarju ta' informazzjoni għal 89 % tal-impjegati.³⁹ Barra minn hekk, inkitbu 74 post tal-intranet u ġew organizzati 6 assemblaġġi tal-personal (laqgħat ġenerali u speċifiċi għas-suġġett ta' "Siegħa mad-Direttur Eżekuttiv"), li fihom, il-maniġment indirizza madwar 100 mistoqsija miġbura mill-personal.

L-Aġenzija espandiet il-Pjan ta' Komunikazzjoni tagħha dwar il-Kriżi, u b'hekk ikkontribwiet għall-iżvilupp ulterjuri tal-Pjan ta' Ġestjoni u Rispons għall-Kriżijiet, bħala parti mill-Pjan ta' Kontinwità tan-Negożju.

Ġiet prodotta u distribwita pubblikazzjoni speċjali ta' tmiem is-sena lill-impjegati kollha, 'Il-Punti Ewlenin tal-eu-LISA 2019', biex tgħin fil-bini ta' kultura organizzattiva fi ħdan l-organizzazzjoni trasformata l-ġdida.

Skont l-istħarriġ annwali tal-2019 dwar il-komunikazzjoni interna, ir-rata ta' sodisfazzjon ġenerali b'mezzi u azzjonijiet ta' komunikazzjoni interna kienet ta' 94 %. L-għadd ta' risponenti sodisfatti ħafna żdied b'5 % u r-rata ta' nuqqas ta' sodisfazzjon naqset b'6 % meta mqabbla mal-2018.

1.4.8 Awditjar intern

Il-Kapaċità tal-Awditjar Intern (IAC) tal-Aġenzija tipprovdi assigurazzjoni indipendenti u oġġettiva u servizzi ta' konsulenza lid-Direttur Eżekuttiv u lill-MB. L-Aġenzija kompliet tikkooopera mal-Qorti Ewropea tal-Awdituri u mas-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea, billi ospitat il-missjonijiet tal-awditjar tagħhom u ħadet miżuri biex tirrispondi għar-rakkomandazzjonijiet li rriżultaw, fejn meħtieġ. L-IAC ikkoordinat il-ħidma f'dan il-qasam, inkluż it-

³⁹ Stħarriġ dwar is-Sodisfazzjon tal-Komunikazzjoni Interna 2019.

tħejjija ta' rapporti, missjonijiet u attivitajiet ta' segwitu, u billi qajmet ukoll sensibilizzazzjoni ġenerali fost il-maniġment u l-persunal tal-Aġenzija dwar il-prinċipji, l-oġġettivi u l-proċeduri tal-awditjar intern u estern.

Ir-risultati tal-indikaturi tal-prestazzjoni tal-IAC għall-2019 huma ppreżentati fit-Tabella 4.

Tabella 4: Indikaturi tal-prestazzjoni tal-IAC għall-2019

Indikatur	2019	2018	2017
Rata ta' implimentazzjoni tal-pjan tal-awditjar intern annwali. Mira > 80 %	89 %	91 %	90 %
Sigħat ta' taħriġ tal-persunal kull sena vs. il-baġit. Mira: il-linja bażi (il-baġit tat-taħriġ tal-IAC huwa ta' 64 siegħa fis-sena għal kull impjegat).	53 %	mhux applikabbli	mhux applikabbli
Suġġetti tal-awditjar ppreżentati fil-ħin. Mira > 80 %	42 %	70 %	67 %

Ir-risultat ta' 42 % tal-indikatur tal-prestazzjoni "Suġġetti tal-awditjar ppreżentati fil-ħin" jissuġġerixxi li l-IAC teħtieġ li ttejjeb id-dewmien taż-żmien bejn l-abbozz tar-rapport u l-komunikazzjoni finali lid-Direttur Eżekuttiv u lill-Bord tat-Tmexxija. Għal dan il-għan, sa Ġunju 2020, l-IAC se tintroduċi mudell ta' rapportar u fluss tax-xogħol standard ta' komunikazzjoni mal-maniġment rispettivi, filwaqt li tenfasizza l-għoti ta' input f'waqtu għall-proċeduri tal-awditjar (jiġifieri validazzjoni tas-sejbiet u kummenti għar-rapport tal-awditjar).

Is-suġġetti li ġejjin ġew miżjuda mal-pjan inizjali ta' awditjar intern, li ġie adottat mill-Bord tat-Tmexxija⁴⁰ f'Novembru 2018, u ġew ppreżentati:

- Stħarriġ dwar l-effettività tal-Kumitat ta' Tmexxija tal-Programm (konsultazzjoni).
- Awditjar tal-prestazzjoni tal-QEA fuq Aġenziji tal-UE (koordinazzjoni).

Is-suġġetti li ġejjin ġew ippreżentati fil-ħin:

- Awditjar tal-QEA dwar il-legalità u r-regolarità tal-Kontijiet tal-2018 tal-eu-LISA – finali (koordinazzjoni).
- Awditjar tal-QEA dwar il-legalità u r-regolarità tal-Kontijiet tal-2019 – interim (koordinazzjoni).
- Il-monitoraġġ u s-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar (assigurazzjoni u koordinazzjoni mal-IAS).
- Il-preżentazzjoni ta' sessjonijiet ta' sensibilizzazzjoni dwar l-etika u l-integrità (f'koordinazzjoni mal-HRU).
- Stħarriġ dwar l-effettività tal-Kumitat ta' Tmexxija tal-Programm (konsultazzjoni).

Is-suġġetti li ġejjin ġew ippreżentati (jiġifieri r-rapport finali tal-awditjar ikkomunikat lill-Bord tat-Tmexxija u lid-Direttur Eżekuttiv) b'dewmien:

- L-implimentazzjoni tal-istruttura organizzattiva ġdida tal-Aġenzija (konsultazzjoni).
- Il-faċilitazzjoni tal-użu tal-Qafas ta' Kontroll Intern rivedut tal-eu-LISA (konsultazzjoni).
- Awditjar tal-prestazzjoni tal-QEA dwar il-Kontroll fuq il-Fruntiera – Sistemi ta' informazzjoni għas-Sigurtà Interna (koordinazzjoni).
- Il-monitoraġġ u r-rapportar dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-Aġenzija kontra l-Frodi (konsultazzjoni).

⁴⁰ Deċiżjoni 2018-168, il-punt B.6.

Is-suġġetti li ġejjin ġew posposti u se jiġu ppreżentati fl-ewwel parti tal-2020:

- Ir-reviżjoni tal-IAC dwar il-proġett tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES): L-Allinjament tan-Negozju u tal-IT (assigurazzjoni).
- L-awditjar tal-IAS dwar ir-Reklutaġġ, il-Ġestjoni tas-SSPs, l-Etika (koordinazzjoni).
- L-Awditjar tal-Prestazzjoni tal-QEA dwar l-Aġenziji tal-UE (koordinazzjoni).

L-IAC ikkontribwiet b'mod regolari għall-aġenda u l-valutazzjonijiet tal-Kumitat tal-Awditjar, il-Konformità u l-Finanzi (ACFC) tal-Bord tat-Tmexxija, kif mitlub.

2 Ġestjoni

2.1 Bord tat-Tmexxija

Fl-2019, l-Aġenzija kompliet il-kollaborazzjoni mill-qrib ħafna, trasparenti u kostruttiva tagħha mal-Bord tat-Tmexxija tagħha. Minbarra l-elementi approvati mill-MB skont il-funzjonijiet tagħha, l-Aġenzija ppreżentat lill-MB ir-riskji u l-kwistjonijiet sinifikanti kollha identifikati matul il-perjodu ta' rapportar b'mod regolari, flimkien mal-miżuri ta' mitigazzjoni implimentati.

L-istatus tal-implimentazzjoni u r-rapporti mill-AGs u l-BĠP tal-EES u l-ETIAS ġew ippreżentati regolarment lill-MB. Dawn inkludew il-preżentazzjoni tar-riskji u l-kwistjonijiet tal-programmi. B'mod partikolari, f'diversi okkażjonijiet il-MB indirizza l-ħtieġa għall-involvement qawwi tal-Istati Membri biex jiżguraw il-preżentazzjoni fil-ħin tal-programmi. Il-MB approva wkoll it-tnedija mill-ġdid tal-akkwist tal-BMS tal-EES biex jinkludi s-sBMS.

L-AGs tas-SIS, tal-VIS u tal-Eurodac irrapportaw lill-MB dwar l-istatus tal-ħidma tagħhom, inklużi r-riskji u l-kwistjonijiet assoċjati mal-ġestjoni operattiva tas-sistemi u l-proġetti ta' evoluzzjoni.

Il-MB ġie aġġornat regolarment dwar l-istatus tan-negozjati mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) il-ġdid għall-2021-2027. F'Ġunju 2019, il-MB esprima t-tħassib tiegħu li, jekk ir-riżorsi finanzjarji allokatu lill-Aġenzija ma jkunux biżżejjed, l-eu-LISA tista' ma tkunx f'pożizzjoni li twettaq il-kompiti kollha, u b'hekk tipperikola l-kapaċità tagħha li tiggarrantixxi l-istabbiltà u d-disponibbiltà tas-sistemi. Il-MB segwa mill-qrib ukoll il-proġett għat-tieni estensjoni tas-sit tekniku ta' Strasburgu u r-riskju assoċjat man-nuqqas ta' faċilitajiet biex jiġu ospitati sistemi ġodda, il-persunal u l-kuntratturi fuq il-post. Il-MB ġie aġġornat regolarment dwar l-istatus tal-implimentazzjoni tal-programm ta' trasformazzjoni tal-Aġenzija (eu-LISA 2.0), li huwa marbut mill-qrib ma' riskju korporattiv identifikat (instabbiltà organizzattiva). L-Aġenzija ippreżentat ir-Rapport ta' Monitoraġġ dwar l-istatus tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar lill-MB b'mod konsistenti.

Fit-12 ta' Frar, il-MB ħatar Uffiċjal ġdid tal-Protezzjoni tad-Data. Fl-20 ta' Marzu, il-MB adotta l-Qafas ta' Kontroll Intern tal-eu-LISA u l-Istrateġija tal-eu-LISA kontra l-Frodi għall-2019-2021. Fit-28 ta' Awwissu 2019, il-MB adotta r-Regoli finanzjarji aġġornati tal-eu-LISA. Fl-20 ta' Novembru, il-MB ħatar lis-Sur Luca Tagliaretti bħala Deputat Direttur Eżekuttiv tal-eu-LISA għal perjodu ta' ħames snin.

2.2 Żviluppi ewlenin

2.2.1 eu-LISA 2.0

Kif imsemmi fit-taqsimha 1.4.1, fl-2019, l-Aġenzija nediet programm ta' trasformazzjoni bil-għan li twassal struttura organizzattiva ġdida, adattata għall-mandat il-ġdid tal-eu-LISA. Dan il-programm, eu-LISA 2.0, tfassal biex jiżgura li l-proċess ta' riorganizzazzjoni jkun miftuħ, trasparenti u jinvolvi lill-persunal tal-Aġenzija.

Sabiex tiġi żgurata sjieda sħiħa tal-eu-LISA 2.0 fi ħdan l-Aġenzija, ġiet stabbilita Task Force 2.0 biex taħdem fuq id-deskrizzjoni tad-dmirijiet u l-funzjonijiet ġodda tas-setturi u l-unitajiet fl-Aġenzija trasformata. It-Task Force aġġornat ukoll proċessi ewlenin korporattivi u operattivi, u pprovdiet stampa sħiħa lill-Maniġment u kkontribwiet għad-definizzjoni tal-mudell operattiv il-ġdid tal-Aġenzija. Il-proċedura tal-għażla għall-kapijiet ta' unitajiet li kienu għadhom kif ġew maħluqa ġiet konkluża f'Mejju għad-Dipartiment tal-Operazzjonijiet u f'Novembru għad-Dipartiment tal-Governanza Korporattiva.

Mill-1 ta' Settembru 2019, l-organizzazzjoni kellha struttura organizzattiva ġdida, bil-ħsieb li ssir organizzazzjoni l-aktar tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u li tikseb mod ġdid ta' ħsieb u operat.

Matul il-programm ta' trasformazzjoni, ġew organizzati konsultazzjonijiet u l-progress ġie ppreżentat regolarment lill-persunal tal-Aġenzija, kemm fil-livell individwali kif ukoll fil-livell tal-Aġenzija. Dan inkoraġġixxa l-ingaġġ tal-persunal


fil-proċess ta' trasformazzjoni u kkontribwixxa għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-istruttura l-ġdida. Għet stabbilita pjattaforma ta' informazzjoni dedikata msejħa "eu-LISA 2.0" biex tospita l-komunikazzjoni u d-diskussjonijiet. Din għet aġġornata u promossa kontinwament fost il-persunal. L-assemblaġġi dedikati tal-persunal dwar it-trasformazzjoni tal-Aġenzija ġew regolament imsejħa biex jirrapportaw dwar l-istatus u l-progress tal-ħidma mwettqa. Il-mistoqsijiet u t-tħassib li tqajmu mill-persunal ġew imwieġba, u b'hekk għet iffaċilitata komunikazzjoni bejn iż-żewġ naħat mat-tim tal-Ġestjoni.

L-Aġenzija organizzat sessjonijiet ta' taħriġ dwar il-ġestjoni tat-tibdil fuq is-suġġett ta' "nirrispondu b'mod pożittiv għall-bidla", kemm f'Tallinn kif ukoll fi Strasburgu. Il-persunal tal-Aġenzija kiseb informazzjoni dwar kif għandu jirrispondu għall-bidla, l-importanza ta' approċċ pożittiv għal sitwazzjoni li qed tinbidel u l-ħtieġa li jiġi identifikat ir-rwol tagħhom fil-proċess tal-bidla. Ġew organizzati sessjonijiet simili għall-persunal fi rwol maniġerjali sabiex jitgħallmu kif imexxu l-bidla b'suċċess, jużaw mudelli rilevanti biex jimplimentaw il-bidla, jesploraw raġunijiet potenzjali ta' reżistenza u jgħinu lill-individwi jaħdmu b'mod kostruttiv fil-bidla.

Barra minn hekk, l-Aġenzija ħolqot markar ibbażat fuq it-trasformazzjoni organizzattiva (eu-LISA 2.0), appoġġat minn metodi sempliċi u li jħallu l-impatt bħal vidjos, oġġetti tad-ditta jew workshops ma' kelliema esperjenzata. Dan għen biex jiġi żgurati li l-maġġoranza tal-persunal tal-Aġenzija ħassewhom tajbin dwar il-bidla li jmiss. Fl-istħarriġ dwar il-komunikazzjoni interna tal-2019, 72 % tar-rispondenti wieġbu li kienu rċevew informazzjoni u aġġornamenti regolari dwar it-trasformazzjoni tal-Aġenzija, 73 % ħassew li l-kanali ta' komunikazzjoni użati biex jinfurmawhom dwar it-trasformazzjoni kienu jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom u 65 % wieġbu li l-kwalità u l-frekwenza tal-informazzjoni relatata mal-proċess ta' trasformazzjoni tal-eu-LISA kienu jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom.

Il-Bord tat-Tmexxija wkoll ġie infurmat regolament dwar il-progress tal-programm ta' trasformazzjoni.

Grafika 11 turi l-istadji importanti u l-iskeda taż-żmien tal-programm ta' trasformazzjoni tal-eu-LISA. Intlaħqu l-istadji kollha dovuti matul il-perjodu ta' rapportar.



Grafika 11: eu-LISA 2.0 - L-iskeda ta' żmien tal-istadji importanti

Filwaqt li l-bidla għebet sfidi ġodda għall-Aġenzija, din qed tagħti lill-organizzazzjoni l-opportunità li tfassal mill-ġdid u terġa' toħloq lilha nnifisha. Il-bidla minn mudell "silo" għal mudell ta' operazzjoni trasversali teħtieġ modi ġodda ta' ħsieb

u ħidma. Il-momentum mill-eu-LISA 2.0 se jintuża biex tinstiga trasformazzjoni tal-kultura korporattiva, u b'hekk titrawwem l-attitudni "flimkien b'ħala wieħed— qed nagħmluha realtà".

2.2.2 Leġiżlazzjoni ġdida

Fl-2019 saru bidliet sinifikanti fl-ambjent legali li fih topera l-eu-LISA.

Fl-11 ta' Diċembru 2018, daħal fis-seħħ ir-regolament ta' stabbiliment ġdid tal-eu-LISA. Bit-tiġid tal-mandat tagħha, l-Aġenzija issa għandha responsabbiltajiet akbar għat-tfassil, l-iżvilupp, l-interoperabbiltà u l-ġestjoni operattiva ta' sistemi eżistenti u ġodda fil-qasam tas-sigurtà, il-ġestjoni tal-fruntieri, il-migrazzjoni u l-ażil. Il-mandat il-ġdid iwessa' l-ambitu tax-xogħol tal-Aġenzija, billi jipprovdiha bi rwol akbar fil-qasam tar-riċerka, l-assigurazzjoni tal-kwalità tad-*data* fis-sistemi kif ukoll proġetti pilota, provi tal-kunċett u attivitajiet ta' ttestjar relatati direttament mal-mandat tagħha.

Tliet regolamenti ġodda li għandhom l-għan li jsaħħu aktar is-SIS daħlu fis-seħħ fit-28 ta' Diċembru 2018, li jstabbilixxu r-rekwiżiti għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet varji fi żmien sena, sentejn jew tliet snin mid-dħul fis-seħħ tal-atti legali rispettivi. Il-qafas legali rivedut huwa mmirati wkoll lejn l-iżgurar tal-interoperabbiltà sħiħa tas-SIS ma' sistemi oħra tal-UE għall-migrazzjoni, il-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà. Il-funzjonalità tal-AFIS kompliet tissaħħaħ ukoll.

Fil-11 ta' Ġunju 2019, daħal fis-seħħ ir-Regolament tal-ECRIS-TCN. L-eu-LISA hija responsabbli għall-iżvilupp u l-ġestjoni operattiva tal-ECRIS-TCN, l-ewwel sistema tal-IT fuq skala kbira mfassla u żviluppata mill-eu-LISA li hija primarjament għal finijiet ta' ġustizzja.

Fl-istess *data*, żewġ regolamenti ta' stabbiliment għal qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE fl-oqsma ta' (1) kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni; u (2) fruntieri u viżi daħlu fis-seħħ. L-iżvilupp ta' komponenti tekniċi tal-interoperabbiltà, jiġifieri r-Repożitorju Komuni tal-identità (CIR), il-Portal Ewropew tat-Tfittxija (ESP), is-Servizz kondiviż ta' Tqabbil Bijometriku (SBMS), id-Detettur ta' Identitajiet Multipli (MID) u r-Repożitorju Ċentrali għar-Rapportar u għall-Istatistika (CRRS), huwa proċess iterattiv u qabel ma jkun jista' jiġi stabbilit bis-sħiħ, jeħtieġ li jiġu implimentati l-EES u l-ETIAS.

2.2.3 L-impatt tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea

Wara l-iffirmar tal-ftehim dwar l-abbozz tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea f'Novembru 2018, l-Aġenzija mmonitorjat is-sitwazzjoni b'mod kostanti sabiex jiġu identifikati obbligi ġodda potenzjali. Fir-rigward tal-infurzar tal-liġi u s-sigurtà interna, wara l-ħruġ fil-31 ta' Jannar 2020 u l-perjodu ta' tranżizzjoni sussegwenti li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020, ir-Renju Unit mhux se jibqa' jkollu aċċess għal kwalunkwe sistema ta' informazzjoni tal-Unjoni taħt it-tmexxija operattiva tal-eu-LISA, b'mod aktar speċifiku s-SIS u l-Eurodac. Minħabba li kienet qed tistenna li l-ħruġ isir fl-2019, l-eu-LISA għamlet il-preparamenti kollha meħtieġa biex tiskonnettja r-Renju Unit u possibbilment tħassar id-*data* tar-Renju Unit mis-SIS u l-Eurodac kif u meta meħtieġ mill-qafas legali. L-Aġenzija ddiskutiet b'mod regolari d-dettalji tekniċi mal-Kummissjoni Ewropea u l-AGs rispettiv u pparteċipat f'sessjoni ta' ħidma ddedikata dwar il-Brexit organizzata mill-Kummissjoni għall-Aġenziji tal-UE fil-5 ta' Settembru. L-Aġenzija għamlet il-preparamenti meħtieġa għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar il-ħruġ u l-linji gwida rispettivi tal-Kummissjoni rigward il-parteeċipazzjoni tar-Renju Unit fil-korpi ta' governanza tal-Aġenzija, il-ġestjoni tar-riżorsi umani, ir-rapporti statistiċi u kwistjonijiet rilevanti oħra.

2.3 Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

2.3.1 Ġestjoni finanzjarja

Il-baġit tal-eu-LISA huwa ffinanzjat minn sorsi ta' finanzjament differenti.⁴¹ Id-dħul ewlieni jirriżulta minn sussidju tal-UE, li jasal fuq bażi annwali mill-baġit tal-UE — taqsima tal-Kummissjoni, Kapitolu 18 o2 "Sigurtà Interna" — kif adottat mill-awtorità baġitarja.⁴² Jaslu kontribuzzjonijiet addizzjonali minn pajjiżi assoċjati.

Bħala parti mill-qafas tar-rapportar annwali tagħha, l-Aġenzija tippubblika r-rati ta' eżekuzzjoni tal-baġit u l-indikaturi tal-prestazzjoni tagħha, li juru l-effiċjenza u l-effikaċja fil-ġestjoni tal-infiq matul il-perjodu ta' rapportar.

2.3.2 Implimentazzjoni baġitarja

Ir-rapport finali tad-dħul u n-nefqa tal-2019 ġie adottat mill-Bord tat-Tmexxija⁴³ tal-eu-LISA fil-21 ta' Diċembru 2018.

L-Aġenzija kellha rata għolja ta' implimentazzjoni tal-baġit tagħha fl-aħħar tal-2019:

- 99.7 % għall-appropriazzjonijiet ta' impenn, b'kunsiderazzjoni tar-riport mhux awtomatiku tal-appropriazzjonijiet tal-impenn awtorizzati mill-Bord ta' Tmexxija fi Frar 2020 kif miġbur fil-qosor fit-Tabella 5;
- 99.3 % għall-appropriazzjonijiet ta' pagament, inkluż ir-riport tan-nefqa amministrattiva għall-2020.

Tabella 5: Appropriazzjonijiet ta' impenn (ammonti f'miljuni ta' EUR)

implimentazzjoni tal-baġit tal-2019 fil-31/12/2019			Implimentazzjoni tal-baġit b'riport permezz ta' deċiżjoni	
baġit finali adottat tal-2019	Impenji eżegwiti	Implimentati (%)	Riport mhux awtomatiku	Implimentati b'kunsiderazzjoni tar-riport mhux awtomatiku (%)
288.403	128.370	44.5 %	159.076	99.7 %

Mill-baġit totali, proporzjon kien soġġett għall-adozzjoni ta' bażi ġuridika u/jew atti ta' implimentazzjoni għal kompiti ġodda assenjati lill-Aġenzija, kif indikat f'Tabella 6.

Tabella 6: Appropriazzjonijiet ta' impenn għal kompiti ġodds (f'miljuni ta' EUR)

Kompiti/sistemi ġodda	Appropriazzjonijiet ta' impenn
LFS dwar ir-riformulazzjoni tas-SIS dwar il-kooperazzjoni fil-fruntieri/tal-pulizija	2.261
LFS dwar ir-riformulazzjoni tas-SIS dwar ir-ritorn	0.517
LFS dwar l-ECRIS-TCN	4.116
LFS dwar l-Interoperabbiltà	5.830
Baġit totali soġġett għal bażi ġuridika ġdida	12.724

L-ammonti ta' tabella 6 jinkludu l-infiq amministrattiv, li għandu jiġi allokat f'konformità man-nomenklatura baġitarja fit-Titolu 1, "nefqa fuq il-persunal", u fit-Titolu 2, "nefqa infrastrutturali u operazzjonali".

Baġit Emendatorju Nru 1

Il-baġit tal-Aġenzija għall-2019 kien jinkludi appropriazzjonijiet kif ġej:

- Għall-iżvilupp tas-sistemi ġodda (ir-Riformulazzjoni tal-Eurodac, l-Allokazzjoni ta' Dublin), l-użu tal-baġit kien jiddependi fuq l-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ tal-baży ġuridika rilevanti.

⁴¹ F'konformità mal-Artikolu 46(3) tar-Regolament (UE) Nru 2018/1726.

⁴² Ara l-Artikolu 45(5) u (6) tar-Regolament (UE) Nru 2018/1726. Dan is-sussidju jirreferi għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament C1 (kreditu vvutati tas-sena finanzjarja attwali).

⁴³ F'konformità mal-Artikolu 45(7) tar-Regolament (UE) Nru 2018/1726.

- b) Għall-iżvilupp tal-EES, l-ETIAS, l-interoperabbiltà, ir-riformulazzjoni tas-SIS u l-ECRIS-TCN: il-bażi ġuridika ġiet adottata iżda ma kienx meħtieġ baġit f'dan l-istadju, peress li l-akkwist kien għadu għaddej.
- c) Approprijazzjonijiet ta' pagament riċevuti matul il-proċedura baġitarja tal-UE li jistabbilixxu l-baġit tal-Aġenzija iżda li ma kinux mitluba mill-Aġenzija.

Il-Bord tat-Tmexxija approva emenda waħda għall-baġit li tindirizza l-kwistjonijiet enfasizzati hawn fuq billi:

- Irritorna EUR 8.289 miljun f'approprijazzjonijiet ta' impenn.
- Irritorna EUR 66.051 miljun f'approprijazzjonijiet ta' pagament.

It-Tabella 7 tipprovdi tqassim dettaljat tal-baġit emendatorju skont it-titolu baġitarju.

Tabella 7: Tqassim tal-baġit emendatorju tal-2019 (f'miljuni ta' EUR)

Titolu tal-baġit	Sistema/kompitu		Baġit emendatorju	
			Approprijazzjonijiet ta' impenn	Approprijazzjonijiet ta' pagament
A01	Nefqa tal-persunal		-2.554	-2.554
	li minnu	Interoperabbiltà	-2.006	-2.006
		Riformulazzjoni tal-Eurodac	-0.268	-0.268
		ECRIS-TCN	-0.280	-0.280
B03	Nefqa operattiva		-5.735	-63.497
	li minnu	Interoperabbiltà		-1.688
		Riformulazzjoni tas-SIS		-0.299
		Riformulazzjoni tal-Eurodac	-5.600	-3.920
		Allokazzjoni ta' Dublin	-0.135	-0.135
		EES		-23.523
		ETIAS		-6.643
		ECRIS-TCN		-3.766
		Approprijazzjonijiet ta' pagament addizzjonali mhux mitluba mill-eu-LISA		-23.523
Baġit emendatorju totali għall-2019			-8.289	-66.051

Riport permezz ta' deċiżjoni

L-akkwist li għaddej bħalissa għall-EES, l-ETIAS, l-Interoperabbiltà, ir-riformulazzjoni tas-SIS u l-ECRIS-TCN ippermetta lill-Aġenzija li għorr 'il quddiem EUR 159 076 miljun f'approprijazzjonijiet ta' impenn mill-2019 għall-2020 permezz ta' deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija sabiex tippreserva dawn il-fondi għall-użu fis-snin ta' wara (Tabella 8)⁴⁴

Tabella 8: Tqassim tar-riport tal-2019 (f'miljuni ta' EUR)

Titolu tal-baġit	Sistema/kompitu	Riport mhux awtomatiku tal-approprijazzjonijiet ta' impenn għall-2019
B03 Nefqa Operattiva	Interoperabbiltà tal-kooperazzjoni tal-pulizija/fil-fruntieri	2.818
	Riformulazzjoni tas-SIS	7.328
	EES	131.415
	ETIAS	9.983
	ECRIS-TCN	7.532
B03 total		159.076

⁴⁴ F'konformità mal-Artikolu 12(3) tar-regolament finanzjarju tal-Aġenzija. Id-deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija ġiet adottata qabel il-15 ta' Frar 2020.

Mal-preżentazzjoni ta' proposta legali lill-awtorità baġitarja, l-appropriazzjonijiet rispettivi jiġu mnaqqxa fil-baġit. Bħala riżultat tad-dewmien fl-adozzjoni tal-proposti legali tal-kompiti l-ġodda kollha fdati lil eu-LISA, l-Aġenzija kellha tagħmel riport tal-baġit korrispondenti.

Eżekuzzjoni tal-appropriazzjoni ta' impenn

Il-krediti ta' impenn (C1) ivvutati għall-2019 kienu diviżi fost it-titoli differenti kif ġej:

- 87.13 % għall-baġit operattiv (Titolu 3);
- 5.07% għan-nefqa infrastrutturali u operattiva (Titolu 2);
- 7.8 % għan-nefqa fuq il-persunal (Titolu 1).

Figura 12 u Figura 13 juru l-implimentazzjoni tal-baġit skont it-titolu fi tmiem is-sena.




Figura 12: Konsum ta' appropriazzjonijiet ta' impenn C1




Figura 13: Xejriet fil-konsum tal-fondi impenjati u bbaġitjati

Fir-rigward tat-Titolu 3, minħabba n-natura pluriennali tal-kuntratti użati b'appoġġ għal operazzjonijiet fundamentali, EUR 78.7 miljun ta' appropriazzjonijiet ta' impenn miftuħa tal-2019 ġew awtomatikament riportati u se jiġihallsu fl-2020 u fis-snin li ġejjin. EUR 159.1 miljun f' appropriazzjonijiet ta' impenn relatati ma' kompiti ġodda ġew riportati permezz ta' deċiżjoni mill-Bord tat-Tmexxija.⁴⁵ Fl-Anness II jingħata tqassim aktar dettaljat.

Mill-baġit operattiv, 100 %, li jammontaw għal EUR 251.3 miljun, ġie implimentat (EUR 159.1 miljun riportati u EUR 92.2 miljun ta' appropriazzjonijiet ta' impenn eżegwiti). Il-figura 14 turi t-tqassim tal-baġit operattiv skond il-kapitolu, esklużi l-ammonti riportati, kif elenkati fit-Tabella 8.




Figura 14: Appropriazzjonijiet ta' impenn eżegwiti tat-Titolu 3 (miljuni ta' EUR)

⁴⁵ Deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija 2020-19 tas-07/02/2020.

Fl-2019, l-Aġenzija kkanċellat EUR 4.818 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn riportati mis-snin preċedenti, li jirrappreżentaw 2.1 % tat-total tal-approprjazzjonijiet riportati fit-titolu 3 – nefqa operattiva. It-tabella 9 tiġbor fil-qosor id-diżimpenji skont is-sena tal-orijini tal-impenn legali sottostanti.

Tabella 9: Diżimpenji tal-impenni baġitarji fl-2019 skont is-sena tal-orijini (f'miljuni ta' EUR)

Kapitolu tal-Baġit	Artikolu tal-Baġit	2016	2017	2018	2019	Total
Infrastruttura	Infrastruttura ta' sistema kondiviża/Network fuq żona wiesgħa	—	—	-3.317	-0.586	-3.903
Applikazzjonijiet	SIS II	-0.183	-0.123	-0.040	—	-0.346
	VIS	—	-0.036	—	—	-0.036
	EURODAC	—	—	-0.002	—	-0.002
	EES	—	-0.030	-0.060	—	-0.090
Sostenn operazzjonali	Sostenn operazzjonali	-0.072	-0.107	-0.261	—	-0.440
Total		-0.255	-0.296	-3.681	-0.586	-4.818

80.3 % tal-kanċellazzjonijiet jirreferu għall-approprjazzjonijiet trasferiti lill-Aġenzija bħala impenni globali fil-kamp ta' applikazzjoni tat-trasferiment tan-networks ta' VIS u SIS mid-DĠ HOME. Dawn l-approprjazzjonijiet ġew trasferiti mingħajr obbligi legali sottostanti u ma kinux meħtieġa matul is-sena ta' rapportar. It-tabella 10 tipprovdi ħarsa ġenerali dettaljata tal-impenni globali rispettivi:

Tabella 10: Diżimpenji ta' impenni globali għall-2019 (L1) (ammonti f'miljuni ta' EUR)

Artikolu tal-Baġit	Impenn globali (L1)	Sena ta' orijini	L-ammont riportat	L-ammont ta' konsum	L-ammont ta' diżimpenn
Infrastruttura ta' sistema kondiviża	Trasferiment tar-responsabbiltà kuntrattwali u finanzjarja relatata man-network tal-VIS mid-DĠ HOME għall-eu-LISA	2018	5.695	-2.411	-3.284
Network fuq żona wiesgħa	Trasferiment tar-responsabbiltà kuntrattwali u finanzjarja relatata man-network tas-SIS mid-DĠ HOME għall-eu-LISA	2019	2.451	-1.865	-0.586
Total					-3.870


EUR 0.948 miljun jirreferu għal kanċellazzjonijiet ta' approprjazzjonijiet ta' impenn baġitarju li għalihom id-data tat-tmiem tal-kuntratt tkun intlaħqet, u ma kinux meħtieġa dispożizzjonijiet previsti kuntrattwalment (eż. diżimpenji li jirreferu għal kuntratti ta' appoġġ estern, li kienu jinkludu spejjeż żejda għas-sahra; id-diżimpenji pendenti tal-laqqgħat tal-AG u taħriġ relatati mas-sistemi u l-Istati Membri; diżimpenji dovuti għal danni likwidati applikati).

Eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament

Il-baġit totali approvat għall-approprazzjonijiet ta' pagament kien jammonta għal EUR 138.1 miljun.

Fi tmiem l-2019, l-eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament għall-krediti C1 laħqet id-99.3 %, inkluż ir-riport tan-nefqa amministrattiva għall-2020. Figura 15 u Figura 16 juru t-tqassim tal-baġit totali skont it-titolu u l-konsum ġenerali tal-fondi u l-approprjazzjonijiet ta' pagament matul l-2019.

Konsum ta' approprazzjonijiet ta'



Evoluzzjoni tal-konsum Imħallsa / Baġitjata




Figura 15: Konsum tal-appropriazzjonijiet ta' pagament C1

Figura 16: Xejriet fil-konsum tal-fondi mħallsa u bbaġitjati

Ġie eżegwit total ta' 87.4 % tal-appropriazzjonijiet ta' pagament riportati mill-2018 għall-2019 f'nefqa amministrattiva.

L-appropriazzjonijiet ta' impenn fit-Titolu 1 (nefqa fuq il-pesuna)⁴⁶ li jammontaw għal EUR 0.5 miljun u fit-Titolu 2 (nefqa għall-infrastruttura u nefqa operazzjonali) li jammontaw għal EUR 9.2 miljun, li kienu għadhom ma ġewx imħallsa fl-2019 u li għalihom jeżisti impenn legali validu, ġew riportati għall-2020, flimkien mal-appropriazzjonijiet ta' pagament korrispondenti.

Fi ħdan it-Titolu 3, l-akbar sehem ta' appropriazzjonijiet ta' pagament intefaġ għal VIS/BMS. Il-figura 17 turi t-tqassim tal-kreditu ta' pagament eżegwiti għall-baġit operattiv.




Figura 17: Appropriazzjonijiet ta' pagament eżegwiti tat-Titolu 3 (miljuni ta' EUR)

Indikatur tal-prestazzjoni: żmien għall-ħlas

B'kolloxx twettqu total ta' 3 138 tranżazzjoni ta' pagament fl-2019, żieda ta' 17.53 % iktar mill-2018.

Minn dawn:

- 2 957 tranżazzjoni kellha żmien massimu ta' ħlas ta' 30 jum.
- Tranżazzjoni 1 kellha żmien massimu ta' ħlas ta' 35 jum.
- 132 kellhom żmien massimu ta' ħlas ta' 60 jum.
- 48 kellhom żmien massimu ta' ħlas ta' 45 jum.

Iż-żmien medju għall-ħlas għat-tipi kollha ta' pagamenti baqa' ferm taħt il-limiti ta' żmien stipulati: 17.6 jum għal pagamenti ta' 30 jum; u 38.3 jum għal pagamenti ta' 60 jum.

⁴⁶ L-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament relatati mar-remunerazzjonijiet mhumiex riportati.




Figura 18: Pagamenti fi ħdan limitu ta' żmien ta' 30 jum




Figura 19: Pagamenti fi ħdan limitu ta' żmien ta' 60 jum

B'mod ġenerali, 92.8% tat-tranżazzjonijiet kollha saru fi ħdan il-limitu ta' żmien kuntrattwali. Kienu ttardjati 226 pagament, li 12 minnhom wasslu għall-ħlas ta' mgħax tard, li jammonta għal EUR 5 075.01 pagabbli għall-kuntratturi.

2.3.3 Proċeduri ta' akkwist

It-tabella 11 turi r-riżultati ta' analiżi sinottika tal-volum imwettqa billi ġie eżaminat l-għadd ta' tranżazzjonijiet (jiġifieri kuntratti) fil-perjodu tal-2014-2019. L-analiżi tal-volum tenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu l-funzjonijiet tal-akkwist fl-Aġenzija kollha.

Tabella 11: Volum ta' kuntratti (2014–2019)

Kuntratti	2014	2015	2016	2017	2018	2019
Kuntratti diretti	16	12	5	17	9	12
Kuntratti qafas tal-eu-LISA (mhux relatati mas-sistemi)	3	5	3	—	6	11
Kuntratti qafas tal-eu-LISA (mhux relatati mas-sistemi) — emendi	—	—	—	2	16	0
Kuntratti qafas tal-eu-LISA (relatati mas-sistemi)	2	—	1	1	1	1
Ordnijiet ta' xiri	76	49	55	54	54	56
Kuntratti speċifiċi / formoli tal-ordni skont il-kuntratti qafas	118	195	278	337	476	558
Total	215	261	342	411	562	638

2.4 Ġestjoni tar-Riżorsi Umani

Fl-2019, il-kisbiet ewlenin fil-qasam tal-Ġestjoni tar-Riżorsi Umani inkludew l-implimentazzjoni ta' "eu-LISA 2.0" deskritta hawn fuq fit-taqsim 2.2.1, l-iskjerament tal-ewwel moduli bażiċi ta' Sysper (għodda tal-IT tal-HR), l-użu effiċjenti u aktar titjib tal-għodda ta' Reklutaġġ elettroniku u t-titjib tas-Sistema ta' Ġestjoni tat-Tagħlim (i-Learn).

2.4.1 Ir-reklutaġġ

Ir-reklutaġġ kien attività ewlenija fl-2019, wara l-evoluzzjoni tal-Aġenzija. Is-sejnhiet għal 20 post vakanti esterni ngħalqu għall-applikazzjonijiet fl-2019 u ġew iffirmati 84 kuntratt ġdid. L-għadd totali ta' applikazzjonijiet li waslu kien ta' 1 751, b'medja ta' 88 applikazzjoni għal kull sejħa, u varja minn 44 sa 196 applikazzjoni għal kull sejħa. L-Aġenzija intervistat 385 kandidat għall-karigi ta' TA u CA.

Ir-reklutaġġ tal-persunal addizzjonali mogħti lil eu-LISA fl-2019 ħoloq sfida minħabba l-kamp ta' applikazzjoni tagħha, il-profilu speċifiku, iż-żmien (bil-bażi ġuridika adottata fi tmiem is-sena) u l-involvement meħtieġ tal-persunal tal-Aġenzija fil-proċess. L-eu-LISA kellha tinvesti fit-tkabbir tat-tim tar-reklutaġġ u tagħti prijorità lir-reklutaġġ għall-ETIAS, l-ECRIS-TCN, is-SIS, ir-regolament ta' stabbiliment il-ġdid u l-Interoperabilità, kif ukoll għas-sostituzzjoni tal-persunal li telaq mill-eu-LISA matul is-sena minħabba d-dawran normali tal-impjegati jew it-tmiem tal-kuntratt. Diversi proċeduri tal-għażla li nbdew fl-2019 ġew konklużi f'Q1 tal-2020, u l-Aġenzija qed tistenna li tilħaq il-mira ta' reklutaġġ tagħha fl-2020.

Fejn kien possibbli, ir-raggruppament ta' profili u l-listi ta' riżerva itwal intużaw biex ikopru diversi karigi fi f'dan proċedura waħda ta' reklutaġġ. F'każijiet oħra, l-Aġenzija użat listi ta' riżerva validi diġà stabbiliti għall-istess grad/grupp ta' funzjonijiet u profil. L-użu ta' dawn il-metodi ġġenera kisbiet sinifikanti fl-effiċjenza. Fl-2019, ġew rekrutati 7 TAs u 10 CAs (inklużi offerti ta' impjeg aċċettati sal-31/12/2019) minn listi ta' riżerva eżistenti għall-perjodu tal-2016 sal-2018.

L-Aġenzija nnutat żieda fin-numru ta' applikazzjonijiet wara l-introduzzjoni tal-pjattaforma tar-Reklutaġġ elettroniku f'Diċembru 2018 u l-inizjattiva biex jiġu ppubblikati postijiet vakanti b'mod aktar wiesa' (eż. fuq is-sit web tal-EPSo, EuroBrussels, LinkedIn, eċċ.). L-Aġenzija qed tippjana li tkompli b'din ir-rotta.

2.4.2 Tagħlim u żvilupp

Biex tappoġġa t-trasformazzjoni organizzattiva, l-eu-LISA pprovdiet serje ta' opportunitajiet ta' taħriġ, workshops u diskussjonijiet. L-attivitajiet kienu jinkludu seminars wiċċ imb wiċċ, eżerċizzji ta' logħob f'tim biex iħeġġu l-ingaġġ u t-tibdil effettiv fl-organizzazzjoni, għażla ta' kelliema mistiedna ta' motivazzjoni għolja, vidjos promozzjonali u animazzjonijiet marbuta mal-valuri ewlenin tal-eu-LISA.

Il-valuri tal-eu-LISA jixprunaw u jsostnu l-attivitajiet operattivi tagħha u kwalunkwe żvilupp strateġiku. Ġie introdott kors imfassal apposta dwar il-fastidju sesswali u forom oħra ta' fastidju, imħejji f'kooperazzjoni ma' konsulenti kunfidenzjali u persunal tal-eu-LISA.

Bit-trasformazzjoni organizzattiva, inħolqu setturi, unitajiet u dipartimenti ġodda. In-nies marru f'pożizzjonijiet differenti internament u nħolqu funzjonijiet ġodda. Barra minn hekk, il-forza tax-xogħol se tkompli tikber matul is-snin li ġejjin. Sabiex titrawwem din it-trasformazzjoni, kien hemm attivitajiet ta' żvilupp tat-tim, fejn it-timijiet iddeskrivew il-missjoni/l-iskop, ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tagħhom, ir-relazzjonijiet fit-tim, ir-relazzjonijiet bejn it-timijiet u l-KPIs żviluppanti u l-pjanijiet ta' azzjoni tagħhom.

Barra minn hekk, total ta' madwar 40 attività ta' taħriġ kienu organizzati internament, f'konformità mal-analiżi annwali tal-ħtiġijiet ta' taħriġ, li involviet aktar minn 600 parteċipant, b'rata medja ġenerali ta' sodisfazzjon ta' 80%. Ġew ipproċessati wkoll total ta' 185 talba ta' taħriġ individwali, u ntlagħu b'sodisfazzjon, dwar suġġetti speċjalizzati relatati mal-operazzjonijiet, l-IT, l-iżvilupp individwali, it-tmexxija u l-lingwa.

Fi tmiem l-2019, tnieda servizz ta' concierge għat-tagħlim fi sforz biex jagħti s-setgħa u jipprovi pariri personali lill-persunal dwar kif jindirizzaw l-isfidi tagħhom stess għall-iżvilupp u l-prestazzjoni bil-mod li jaħdem l-aħjar għalihom.

Il-librerija ta' korsijiet speċjalizzati fuq il-pjattaforma tkompli tikber sabiex takkomoda t-tagħlim mill-membri tal-persunal skont il-konvenjenza tagħhom.

Qafas ta' kompetenza

L-eu-LISA kompliet tevolvi lejn approċċ ibbażat fuq il-kompetenza fil-proċessi ewlenin tagħha tal-HR. F'konformità mal-Pjan ta' Implimentazzjoni tal-Qafas ta' Kompetenza, il-qafas ġie inkluż fil-proċessi ta' reklutaġġ u ġie integrat ukoll fil-attivitajiet ta' ġestjoni tal-prestazzjoni, bħall-evalwazzjoni ta' 360 grad u l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tat-tagħlim.

Il-ġestjoni tal-prestazzjoni

Filwaqt li mexxin lejn approċċ ibbażat fuq il-kompetenza, kien hemm attivitajiet biex ikomplu jiġu diġitalizzati l-proċessi kollha tal-istabbiliment tal-oġġettivi u l-evalwazzjoni. L-istabbiliment tal-oġġettivi u l-evalwazzjonijiet issa ġew inkorporati sabiex jippromwov u t-tlestija f'waqtha tal-proċess kollu. Dan jippermetti wkoll lill-HR jimmonitorjaw il-proċess ferm aktar mill-qrib.

Fl-2019, l-eu-LISA kompliet bl-inizjattiva tagħha ta' premji mhux finanzjarji 'Kollega tas-Sena'. L-inizjattiva ġiet stabbilita biex tirrikonoxxi u tiċċelebra lil dawk il-kollegi u t-timijiet li l-kontribut tagħhom lill-Aġenzija huwa apprezzat ħafna minn sħabhom. Il-persunal tal-eu-LISA għe mitlub jidentifika l-aħjar kollegi u timijiet f'kategoriji differenti bbażati fuq il-valuri tal-eu-LISA.

Żvilupp ta' Tmexxija

Twettqet evalwazzjoni analitika ta' 360 grad tal-livelli kollha ta' ġestjoni bil-għan li jiġi vvalutat il-livell attwali ta' tmexxija u l-oqsma potenzjali ta' titjib. L-istħarriġ kellu rata ta' parteċipazzjoni ta' 88 % u l-Qafas ta' Kompetenza ntuża bħala l-bażi.

Minbarra r-rapporti tal-istatistika li jirriżultaw, l-HR offrew sessjonijiet ta' taħriġ individwali lill-manigġers kollha biex jappoġġawhom biex jirriflettaw aktar fuq ir-riżultati u jagħtuhom parir dwar kif jużaw dawk is-sejbiet għall-benefiċċju tat-tim tagħhom. L-informazzjoni miġbura tistabbilixxi l-bażi għall-fażi ta' analiżi u disinn tal-Programm ta' Żvilupp tat-Tmexxija tal-eu-LISA. Din il-fażi tlestiet b'suċċess, li wasslet għal deskrizzjoni ta' livell għoli tal-Programm ta' Żvilupp tat-Tmexxija, li se jiġi implimentat fl-2020.

Integrazzjoni

Għe stabbilit programm unifikat dwar l-integrazzjoni għall-persunal il-ġdid kollu permezz ta' approċċ imħallat b'sessjonijiet wiċċ imb wiċċ imwassla minn esperti differenti tas-suġġett, li jkopru kemm is-suġġetti korporattivi kif ukoll dawk tas-sistemi. Is-sessjonijiet wiċċ imb wiċċ huma kkombinati ma' moduli ta' taġġim elettroniku dwar il-governanza, l-istruttura u r-regoli tal-organizzazzjoni, u huma mmexxija fuq bażi rikorrenti biex jiżguraw li persunal ġdid jikseb l-għarfien meħtieġ f'waqt u effettiv. Il-programm kellu impatt pożittiv kbir fuq l-għoti ta' merħba lil membri ġodda tal-persunal.

2.4.3 Pjan ta' stabbiliment u għadd ta' ħaddiema

Fl-2019, il-karigi awtorizzati tal-eu-LISA kienu jinkludu li ġejjin: 172 Aġent Temporanju (TAs), 88 Aġent Kuntrattwali (CAs) u 11-il Espert Nazzjonali Sekondarji (SNEs), għal total ta' 271 kariga awtorizzata.

In-numru ta' karigi fil-pjan ta' stabbiliment żdied b'36 meta mqabbel mal-2018. L-Anness IV juri l-Pjan ta' Stabbiliment tal-2019. In-numru ta' karigi tas-CA żdied b'47, minn 41 għal 88 kariga, minħabba l-awtorizzazzjoni tal-baġit għall-kompiti l-ġodda fdati lill-Aġenzija. In-numru ta' karigi ta' SNE żdied bi 2, minn 9 għal 11-il kariga.

Fl-2019, ir-rata ta' okkupanza kienet ta' 89.5 % għall-għadd ta' impjegati tal-pjan ta' stabbiliment u 92.4 % inklużi offerti ta' impjieg maħruġa. Ir-rata ta' okkupanza għat-tipi kollha ta' karigi kienet ta' 82.3 % u 85.6 %, rispettivament. Dan il-livell ta' okkupanza nkiseb minħabba li r-reklutaġġ għall-karigi awtorizzati fil-pjan ta' stabbiliment u l-baġit għall-2020 seta' jitwettaq biss wara l-adozzjoni tar-regolamenti l-ġodda (ir-regolament ta' stabbiliment, l-ETIAS, l-interoperabbiltà, ir-riformulazzjonijiet tas-SIS), u f'perjodu ta' żmien relattivament qasir minn għadd żgħir ta' uffiċjali tal-HR. Barra minn hekk, ir-riformulazzjoni tal-Eurodac, li għaliha l-pjan ta' stabbiliment tal-eu-LISA żdied b'żewġ karigi, ma ġietx adottata fl-2019, li kellha impatt negattiv fuq ir-rata ta' okkupanza.

F'termini ta' għadd ta' impjegati, fl-aħħar ta' Diċembru 2019, l-eu-LISA kellha 223 membru tal-persunal full-time: 154 TA, 61 CA u 8 SNEs. Erba' interns ġew offruti internships fl-Aġenzija. It-tabella 12 turi l-għadd ta' membri tal-persunal għal kull tip ta' kuntratt, diviż bejn is-siti tal-Aġenzija.

Tabella 12: Distribuzzjoni tal-persunal skont is-siti u t-tipi ta' kuntratti

31 ta' Diċembru 2019	TA	CA	SNE	TOTAL
Tallinn	45	23	5	73
Strasburgu	109	36	2	147
Brussell	0	2	1	3
TOTAL	154	61	8	223

Terz tal-persunal ġie impjegat fil-Kwartieri Ġenerali tal-Aġenzija f'Tallinn u żewġ terzi fis-sit tekniku tagħha fi Strasburgu (Figura 20). L-Uffiċċju ta' Kollegament fi Brussell jirrappreżenta 1 % tal-persunal tal-Aġenzija. Tliet interns huma bbażati f'Tallinn u intern wieħed huwa bbażat fi Brussell.




Figura 20: Distribuzzjoni tal-persunal bejn is-siti (għadd u sehem tal-persunal totali)

Il-persunal tal-Aġenzija kien magħmul minn 21 nazzjonalità. 29 % tal-persunal tal-aġenzija (65) kienu nisa, filwaqt li 71 % (158) kienu rġiel. Dan juri titjib notevoli (6 %) fil-bilanċ bejn is-sessi meta mqabbel mal-2018.

Struttura organizzattiva

Fl-2018, il-Bord tat-Tmexxija adotta proposta għall-istruttura organizzattiva ġdida b'antiċipazzjoni għat-tkabbir tal-Aġenzija, minħabba ż-żieda fil-kompiti wara l-adozzjoni ta' Regolamenti ġodda u l-persunal addizzjonali mogħti biex iwettquhom. Bħala parti mill-programm tal-eu-LISA 2.0, l-Aġenzija kkonkludiet bidla fl-istruttura organizzattiva tagħha fil-1 ta' Settembru 2019. L-organigramma tal-eu-LISA li turi l-istatus fil-31 ta' Diċembru 2019 hija ppreżentata fl-Anness III.

Indikaturi tal-prestazzjoni fil-qasam tal-HR

L-Aġenzija stabbiliet indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) għal oqsma relatati mal-Ġestjoni tar-Riżorsi Umani, li jintużaw biex titkejje l-rata tal-assenteiżmu, id-dawran tal-impjegati, l-indiċi tal-prestazzjoni tal-persunal u l-ingaġġ tal-persunal.

Ir-rata tal-assenteiżmu kienet ta' 23 %, li tilħaq il-mira ta' inqas minn 25 %. Ir-rata ta' attrizzjoni tal-persunal kienet ta' 3.14 % hekk kif seba' impjegati ħallew l-organizzazzjoni fl-2019. Dan huwa taħt il-mira tal-fatturat ta' 5 %. Il-kwartieri ġenerali ta' Tallinn kienu affettwati b'mod aktar qawwi hekk kif id-dawran tal-impjegati laħaq il-5.26 %. L-indiċi tal-

prestazzjoni tal-persunal laħaq 99 % tal-evalwazzjonijiet li tlestew, xi ftit dewmien kien ikkawżat minn membri tal-persunal li kienu assenti fit-tul minħabba raġunijiet mediċi. Ir-riżultati kollha tal-evalwazzjonijiet kienu pożittivi.

L-ingaġġ tal-persunal tkejjel billi ġie evalwat il-perċentwal tal-persunal li wieġeb għall-Istħarriġ ta' Evalwazzjoni ta' 360 grad bħala segwitu għall-Istħarriġ tal-Ingaġġ tal-Persunal tal-2018. Ir-rata ta' rispons kienet ta' 88 % b'valur fil-mira ta' 80 %.

Skemi ta' liv kumpensatorju

L-Aġenzija hi meħtieġa, skont il-paragrafu 28 tar-Rapport ta' Kwittanza tal-Parlament "Kwittanza 2011: Prestazzjoni, ġestjoni u kontroll finanzjarju tal-aġenziji tal-UE",⁴⁷ tirrapporta n-numru ta' ġranet ta' liv awtorizzat lil kull grad taħt l-iskemi tal-ħin flessibbli u tal-liv kumpensatorju.

Il-ħin flessibbli huwa mudell ta' ħidma prestabbilit applikat b'analoġija f'eu-LISA f'konformità mar-Regola ta' Implimentazzjoni dwar il-ħin tax-Xogħol.⁴⁸ L-Aġenzija għandha mandat li toffri s-servizzi tagħha lill-Istati Membri fuq bażi kontinwa (24/7); dan ifisser li l-persunal jaħdem xiftijiet jew xogħol ta' stand-by. Interventi fuq is-sistemi tal-IT ġestiti mill-Aġenzija minn żmien għall-ieħor jeħtieġu li x-xogħol jitwettaq barra mill-ħinijiet regolari tal-uffiċċju, inkluż billejl jew fi btajjel pubbliċi. Għalhekk, il-kumpens għas-sahra maħdum taħt il-ħin flessibbli jew waqt interventi ta' xogħol stand-by hu karatteristika inerenti fl-operat tal-organizzazzjoni.

Il-figura 21 turi l-għadd totali ta' ġranet ta' liv kumpensatorju għas-sahra (CO), interventi matul xogħol stand-by (SBD) u l-ħin flessibbli (FT) għal kull sit tal-eu-LISA.⁴⁹




Figura 21: L-għadd ta' jiem ta' ħin flessibbli, xogħol stand-by u kumpens tas-sahra fl-2019, għal kull sit

47 P7_TA(2013) 0134.

48 Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-ħin tax-Xogħol tal-15 ta' April 2015, C(2014) 2502 adottata mill-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA fil-15 ta' April 2015.

49 BRU tirreferi għal Brussell, SXB tirreferi għal Strasburg u TLL tirreferi għal Tallinn.

It-tabella 13 turi n-numru ta' ġranet ta' liv mogħtija bħala kumpens għas-sahra, maqsum skont il-grupp ta' funzjonijiet, il-grad tal-membri tal-persunal, u n-numru medju ta' ġranet minn dawk kkompensati.

Grupp ta' funzjonijiet u grad	Sahra kkompensata	Xogħol stand-by ikkompensat	Fin flessibbli kkompensat
AD5	0.5	0.0	113.0
AD6	0.0	0.0	23.5
AD7	2.0	0.0	258.5
AD8	0.0	0.0	94.5
AD9	2.0	0.0	75.5
AD10	3.0	0.0	53.0
AD11	0.0	0.0	3.0
AD12	1.0	0.0	0.0
AD13	0.0	0.0	0.0
AD14	0.0	0.0	0.0
AD15	1.0	0.0	0.0
AD16	0.0	0.0	0.0
AST1	0.0	0.0	0.0
AST2	0.0	0.0	0.0
AST3	0.0	0.0	18.5
AST4	0.0	0.0	10.5
AST5	4.0	0.0	54.5
AST6	0.0	0.0	11.0
AST7	0.0	0.0	32.5
AST8	0.0	0.0	43.5
AST9	0.0	0.0	4.0
AST10	0.0	0.0	0.0
AST11	0.0	0.0	0.0
Numru totali ta' ġranet	13.5	0.0	795.5
Numru ta' persuni	11	0	109
Numru medju ta' ġranet fuq liv	1.23	0	7.30
GFIII09	1.0	0.0	40.0
GFIII10	0.0	0.0	17.0
GFIV13	0.0	0.0	12.5
GFIV14	0.0	0.0	108.5
GFIV15	4.0	0.0	39.5
GFIV16	0.0	0.0	51.0
GFIV17.	0.0	0.0	4.0
GFIV18.	0.0	0.0	3.0
Numru totali ta' ġranet	5.0	0.0	275.5
Numru ta' persuni	2.0	0.0	52.0
Numru medju ta' ġranet fuq liv	2.50	0	5.30
SNE	0.0	58.0	68.0

Numru totali ta' ġranet	0.0	58.0	68
Numru ta' persuni	0	4	10
Numru medju ta' ġranet fuq liv	6.80	14.50	6.80
Numru TOTALI ta' ġranet	18.5	58.0	1139.0
Numru TOTALI ta' persuni	13.0	4.0	171.0
Medja globali	1.42	14.50	6.66

Tabella 13: Tqassim tal-liv kumpensatorju skont it-tip ta' liv u l-grad tal-persunal

Deskrizzjoni tar-riżultati tal-eżerċizzju ta' skrinjar/eżerċizzju ta' benchmarking

Skont ir-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju Qafas (FFR) u l-metodoloġija maqbula mill-Kapijiet ta' Amministrazzjoni tal-Aġenzija Ewropej, l-eu-LISA wettqet l-eżerċizzju ta' benchmarking annwali tagħha biex tidentifika l-proporzjon ta' persunal amministrattiv għal persunal operattiv.

L-Aġenzija tqis li proporzjon "b'saħħtu" għandu jibqa' fl-livell ta' madwar 70 % tal-karigi operattivi u 20 % għall-karigi ta' appoġġ amministrattiv u ta' koordinazzjoni (10 % ikunu newtrali).

Ir-riżultati tal-benchmarking tal-2019 juru tnaqqis żgħir (0.6 %) fil-perċentwal tal-karigi operattivi (minn 73 % għal 72.4 %) minħabba l-eżerċizzju ta' riorganizzazzjoni, li fih diversi karigi operattivi addizzjonali miżjuda mal-pjan ta' stabbiliment tiegħu ġew allokatu għal funzjonijiet orizzontali. Fl-istess ħin u għall-istess raġuni, perċentwal ta' karigi amministrattivi u ta' koordinazzjoni żdied bi ftit bl-istess ċifra (0.6 %) minn 16 % għal 16.6 %. Il-perċentwal tal-pożizzjonijiet newtrali baqa' fl-istess livell.

Tqassim ulterjuri tat-tip ta' karigi f'kategoriji juri li f'karigi operazzjonali kien hemm żieda żgħira fil-perċentwal ta' karigi operazzjonali ġenerali (minn 59 % għal 62.6 %), filwaqt li karigi ta' ġestjoni tal-programm u karigi ta' koordinazzjoni fl-oġġla livell naqsu (rispettivament minn 6 % għal 3.1 % u minn 8 % għal 6.7 %).

Il-proporzjon ta' karigi tat-tip ta' appoġġ amministrattiv u karigi tat-tip operattiv applikati għall-appoġġ estern, li kien kważi daqs tas-sena l-oħra (47.5 % u 48.5 %, rispettivament), juri bidla notevoli. Aktar servizzi ta' appoġġ amministrattiv u ta' koordinazzjoni ġew esternalizzati, b'żieda minn 47.5 % għal 51.2 %, filwaqt li għal attivitajiet operattivi dan naqas minn 48.5 % għal 43.5 %. Is-sehem ta' karigi newtrali fis-servizzi esterni żdied minn 4 % għal 5.2 %.

It-tabelli fl-Anness IV juru r-riżultati tal-eżerċizzju ta' skrinjar tal-2019 u jipprovdu paragun tar-riżultati tal-eżerċizzju ta' benchmarking imwettqa mill-eu-LISA fl-2018 u fl-2019 kemm għall-membri tal-persunal kif ukoll għall-kuntratturi fuq il-post.

2.5 Valutazzjoni tar-riżultati tal-awditjar u tal-evalwazzjoni *ex post*

2.5.1 Servizz tal-Awditjar Intern (IAS)

Awditjar tar-Reklutaġġ tal-Persunal tal-eu-LISA, tal-Ġestjoni u l-Ingaġġ tal-Fornituri tas-Servizzi Strutturali (SSPs) u tal-Etika Organizzattiva

L-oġġettiv tal-awditu kien li tiġi vvalutata l-adeqwatezza tas-sistemi ta' kontroll intern stabbiliti mill-eu-LISA għal (1) l-għażla u r-reklutaġġ tal-persunal, (2) il-ġestjoni tal-fornituri ta' servizzi strutturali u (3) l-etika organizzattiva. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-awditu kopra l-oqsma, il-proċessi u l-attivitajiet li ġejjin fl-2018 u l-2019.

- Il-proċeduri tal-għażla u tar-reklutaġġ u l-għodod li huma fis-seħħ, inklużi l-politiki kollha relatati mar-reklutaġġ u t-tlestija tal-valutazzjonijiet bħall-analiżi tad-diskrepanza fil-kompetenza li għandhom impatt fuq id-deċizzjonijiet tar-reklutaġġ.

- Il-ġestjoni operattiva tal-kuntratti tas-SSPs (il-ġestjoni finanzjarja tal-kuntratti hija barra mill-kamp ta' applikazzjoni), inkluż il-proċess ta' ppjanar u l-proċeduri li jirregolaw l-użu effettiv tas-SSPs (kif indikat fil-qafas u kuntratti speċifiċi għall-kiri ta' SSPs). Dawn il-proċeduri jistgħu jinkludu l-użu ta' għodod ta' ġestjoni bħall-iskedi ta' ħin li jappoġġaw il-fatturar ta' servizzi tas-SSP u l-monitoraġġ effettiv tagħhom mill-maniġment. Il-proċeduri ta' akkwist relatati mar-reklutaġġ tas-SSPs mhumiex fil-kamp ta' applikazzjonitagħhom.
- Il-qafas etiku, il-politiki u l-proċeduri li huma fis-seħħ u l-applikazzjoni tagħhom.

Saru intervisti preliminari fil-kwartieri ġenerali tal-Aġenzija f'Ġunju 2019. Saru żjarat ta' fieldwork fil-kwartieri ġenerali u fis-sit tekniku f'Settembru 2019.

L-IAS wassal konklużjoni tal-awditu u identifika żewġ kwistjonijiet "importanti ħafna" fil-qasam ta' (1) l-ippjanar tar-riżorsi umani u (2) il-valutazzjoni legali dwar l-użu tal-fornituri tas-servizzi strutturali.

L-Aġenzija, bi qbil mal-IAS, se timplimenta pjan ta' azzjoni li jindirizza s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-awditu.

2.5.2 Kapaċità tal-Awditjar Intern (IAC)

Sommarju tal-awditi interni mwettqa mill-IAC.

Rapport dwar il-kontribut tal-IAC għar-reviżjoni tad-deskrizzjonijiet funzjonali tal-unitajiet u d-dipartimenti u l-mudell operattiv tal-Aġenzija⁵⁰

L-objettiv kien li l-Unità tar-Riżorsi Umani tiġi appoġġata u tingħata pariri fl-implimentazzjoni ta' struttura organizzattiva ġdida fl-eu-LISA.

Dan kien jinkludi r-reviżjoni tad-deskrizzjonijiet funzjonali tal-unitajiet u tad-dipartimenti u l-mudell operattiv tal-Aġenzija (fluss tax-xogħol #3).

L-IAC ippreżenta r-risultati li ġejjin:

- Kontribut għad-deskrizzjonijiet funzjonali tas-setturi għall-Unità tat-Twettiq tal-Programmi u l-Proġetti.
- Kontribut għad-deskrizzjoni funzjonali tal-Unità tal-Governanza u l-Kapaċitajiet.
- Kontribut dwar l-ippjanar għad-definizzjoni ta' proċessi kritiċi.
- Kontribut dwar il-ġestjoni tal-kuntratti għad-definizzjoni ta' proċessi kritiċi.
- Parir lill-maniġment dwar l-abbozz ta' struttura organizzattiva ġdida.

Rapport dwar il-kontribut tal-IAC għall-iskjerament tal-Qafas ta' Kontroll Intern rivedut tal-eu-LISA (Suġġett #2)⁵¹

L-objettiv kien li jiġi ffaċilitat l-iskjerament tal-Qafas ta' Kontroll Intern (QKI) rivedut fl-eu-LISA f'konformità mar-rekwiżiti ddikjarati fid-deċiżjoni tal-MB.

Dawn li ġejjin kienu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ingaġġ:

- Li jiġu identifikati u vvalidati l-Kriterji ta' Monitoraġġ tal-Kontroll Intern mal-unitajiet tan-negozju tal-eu-LISA, inklużi l-indikaturi tal-prestazzjoni u l-linji bażi.
- Li titqajjem sensibilizzazzjoni dwar il-prinċipji, il-karatteristiċi u l-implimentazzjoni prattika tal-QKI madwar l-Aġenzija kollha.
- Li jiġu provduti pariri dwar il-governanza tal-QKI.

⁵⁰ Rapport tal-IAC, ref. Ares (2019)7399609 - 02/12/2019.

⁵¹ Rapport tal-IAC, Ref. Ares (2020)1058524 - 19/02/2020.

- Li jsir kontribut għat-tnejn tad-Deċiżjoni tal-ED dwar l-Adozzjoni ta' Kriterji tal-Monitoraġġ tal-Kontroll Intern u l-ħatra temporanja tal-Maniġer inkarigat mill-Ġestjoni tar-Riskju u l-Kontroll Intern (MRMIC).

L-IAC ippreżenta r-risultati li ġejjin:

- Il-Kriterji tal-Monitoraġġ tal-Kontroll Intern identifikati u vvalidati mal-maniġment tal-eu-LISA, inklużi l-indikaturi tal-prestazzjoni u l-linji bażi.
- Sensibilizzazzjoni dwar il-ġestjoni fir-rigward tal-prinċipji u l-karatteristiċi tal-kontroll intern tal-QKI.
- Appoġġ mogħti lid-Direttur Eżekuttiv biex jieħu d-deċiżjoni li jaħtar Maniġer inkarigat mill-Ġestjoni tar-Riskju u l-Kontroll Intern (MRMIC), flimkien mar-rekwiżiti tad-definizzjoni tal-kompiti u l-kooperazzjoni.
- Appoġġ mogħti lid-Direttur Eżekuttiv dwar it-teħid tad-deċiżjoni li tadotta l-Kriterji tal-Monitoraġġ tal-Kontroll Intern (inklużi l-indikaturi tal-prestazzjoni u l-linji bażi).

2.5.3 Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA)

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri wettqet l-awditu tas-soltu dwar il-Kontijiet Annwali tal-eu-LISA għas-sena finanzjarja 2019.

Il-Qorti awditjat dan li ġej:

- a) Il-kontijiet annwali tal-Aġenzija, li jinkludu d-dikjarazzjonijiet finanzjarji⁵² u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit⁵³ għas-sena finanzjarja li tintemm fil-31 ta' Diċembru 2019.
- b) Il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

Opinjoni dwar l-affidabilità tal-kontijiet

Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-Aġenzija fil-31 ta' Diċembru 2019, ir-risultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha, u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni. Dawn huma bbażati fuq standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

Fl-opinjoni tal-Qorti, id-dħul u l-pagamenti li huma l-bażi tal-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019 huma legali u regolari f'kull rispett materjali.

Il-Qorti għamlet tliet osservazzjonijiet preliminari⁵⁴, li ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti. Żewġ osservazzjonijiet kienu dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet u waħda dwar il-ġestjoni baġitarja.

2.6 Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet u l-pjanijiet ta' azzjoni għall-awditi

Ir-rata ta' implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar (KPI 24) għas-sena 2019⁵⁵ hija ta' 62 % (jiġifieri 21 rakkomandazzjoni implimentata u 34 rakkomandazzjoni pendenti).

⁵² Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u d-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni finanzjarja, it-tabella tal-fluss tal-flus, id-dikjarazzjoni tal-bidliet fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti ta' spjegazzjoni oħrajn.

⁵³ Dawn jinkludu l-kont tal-eżitu baġitarju u l-anness għall-kont tal-eżitu baġitarju.

⁵⁴ L-osservazzjonijiet għadhom preliminari fiż-żmien li fih qed jinkiteb dan ir-rapport. Hu possibbli li l-Qorti u l-Aġenzija jkollhom jaqblu dwar it-test finali qabel il-pubblikazzjoni uffiċjali tar-rapport tal-awditjar, li huwa ppjanat għall-Q4 tal-2020.

⁵⁵ Ir-Rapport tal-IAC lill-Bord tat-Tmexxija dwar l-istatus tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar fil-31 ta' Diċembru 2019, ref. 2020-055.

Sabiex jikkonfermaw l-għeluq (ara l-intestatura “magħluqa” fit-tabella 14 fil-qosor), l-IAC⁵⁶ u l-IAS⁵⁷ wettqu s-segwitu annwali għal dawk il-pjanijiet ta’ azzjoni ddikjarati bħala “implimentati” (jiġifieri l-valutazzjoni mill-awditur tal-evidenza hija pprovduta u miġbura). Il-QEA segwiet ukoll l-osservazzjonijiet li kienet ħarġet f’awditi preċedenti⁵⁸.

L-istatus tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar fil-31 ta’ Diċembru 2019 huwa miġbur fil-qosor fit-Tabella 14.

Tabella 14: Status tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar

Rakkomandazzjoni jiet tal-IAS, tal-IAC u tal-QEA skont il-klassifikazzjoni	Total miftuħ għall-2019	Għaddejja	Implimentata	Skaduta	Magħluqa fl-2019	Total miftuħ fi tmiem l-2019
Kritiċi	0	0	0	0	0	0
Importanti ħafna	36	10	16	10	13	23
Importanti	12	4	5	3	3	9
Total	48	14	21	13	16	32

Noti:

Għall-fini ta’ monitoraġġ, ir-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-QEA huma klassifikati bħala “Importanti ħafna”

Għaddejja: L-implimentazzjoni tkompli għaddejja skont il-pjan. Skadenza mhix dovuta jew pjan ta’ azzjoni ġdid / skadenza maqbula mal-awditur.

Implimentata: Din hija affermazzjoni minn sid ir-rakkomandazzjoni. Il-kwistjoni hija lesta għas-segwitu tal-awditur bil-ħsieb li tingħalaq.

Skaduta: L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni għadha għaddejja iżda ma ntlaħqitx sal-iskadenza maqbula.

Magħluqa: L-awditur għalaq formalment il-kwistjoni.

Kritiċi: Nuqqas fundamentali fil-proċess awditjat li hu ta’ detriment fil-livell ta’ entità.

Importanti ħafna: Nuqqas fundamentali fil-proċess awditjat li hu ta’ detriment għall-proċess kollu.

Importanti: Nuqqas sinifikanti fil-proċess sħiħ awditjat jew nuqqas fundamentali f’parti sinifikanti tal-proċess awditjat.

Rakkomandazzjonijiet miftuħa, imdewma b’mod sinifikanti, importanti ħafna u importanti - l-IAS⁵⁹

- Rakkomandazzjoni 2.3: L-ippjanar u l-allokkazzjoni tar-Riżorsi Umani (HR) (sottoazzjoni: tiġi aċċertata l-implimentazzjoni tal-proġett Allegro) (Importanti ħafna).
- Rakkomandazzjoni 1: Proċeduri ta’ akkwist – definizzjoni u formalizzazzjoni tal-kontrolli (Importanti ħafna).
- Rakkomandazzjoni 2: L-istima tal-valur tal-kuntratt, l-offerta finanzjarja u l-kontrolli relatati (Importanti ħafna).
- Rakkomandazzjoni 3: Kontrolli qabel ma jiġu stabbiliti kuntratti speċifiċi (Importanti).
- Rakkomandazzjoni 4: Appoġġ estern fil-proċess ta’ akkwist (Importanti).

⁵⁶ Riżultati ta’ segwitu għas-sena 2019 – Memo tal-IAC, ref. Ares(2020)1230716 - 27/02/2020.

⁵⁷ Nota tal-IAS dwar is-Segwitu ta’ rakkomandazzjoni waħda pendenti tal-awditjar, ref. Ares(2020)1778243 - 26/03/2020.

⁵⁸ Ir-Rapport Annwali tal-QEA dwar l-Aġenzija tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, il-paragrafu 3.26. L-Aġenzija Ewropea għall-ġestjoni operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-isparju ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja (eu-LISA), Anness - paġna 221.

⁵⁹ Rapport dwar rakkomandazzjonijiet imdewma b’mod sinifikanti, importanti ħafna u importanti tas-Servizz tal-Awditjar Intern 2019, ref Ares(2020)1714318 - 23/03/2020.

Rakkomandazzjonijiet miftuħa, imdewma b' mod sinifikanti, importanti ħafna u importanti - IAC⁶⁰

- Rakkomandazzjoni #2015100924 - Definizzjoni u organizzazzjoni tal-Ġestjoni tal-Kuntratti (Importanti ħafna).
- Rakkomandazzjoni #2018090562 - Governanza tal-Ġestjoni tal-Assi tal-IT (Importanti ħafna).
- Rakkomandazzjoni #2018090563 - Riċeviment tal-assi u l-ħażna (Importanti ħafna).
- Rakkomandazzjoni #2018090564 - Responsabbiltajiet tal-persunal relatati mal-Ġestjoni tal-Assi tal-IT (importanti ħafna).
- Rakkomandazzjoni #2018090565 - Il-kapaċità li jiġihaddmu l-Assi tal-ABAC (Importanti ħafna).
- Rakkomandazzjoni #2018090566 - Il-fluss tal-informazzjoni u l-konformità mal-proċedura tad-dekummissjonar (Importanti ħafna).
- Rakkomandazzjoni #2018090567 - Il-Ġestjoni tal-Konfigurazzjoni u r-Reġistru tas-Software fid-Dipartiment tal-Operazzjonijiet (Importanti ħafna).
- Rakkomandazzjoni #2018090569 - L-immaniġġjar ta' oġġetti mill-punt ta' twassil sal-maħżen (Importanti ħafna).
- Rakkomandazzjoni #2018090570 - Proċedura ta' manutenzjoni Prattika fis-sit tal-kontinwità tan-negozju f'SJP (Importanti).

L-Aġenzija se żżomm l-IAS u l-IAC infurmati dwar il-progress bl-implimentazzjoni ta' dawn il-pjanijiet ta' azzjoni. L-Aġenzija se tieħu azzjonijiet sodi u urġenti biex tindirizza d-dewmien fir-rakkomandazzjonijiet, inkluż billi ttiprovdi dati ta' implimentazzjoni fil-mira riveduti.

2.7 Segwitu tal-osservazzjonijiet mill-awtorità tal-kwittanza

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. *L-Awtorità tal-Kwittanza tinnotta li l-isforzi ta' monitoraġġ tal-baġit matul is-sena finanzjarja 2018 irriżultaw f'rata ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 75.18 %; tosserva li r-rata baxxa ta' implimentazzjoni hija dovuta għal impenji pendenti, prinċipalment relatati man-nefqa operattiva, li hija soġġetta għall-adozzjoni tal-bażi ġuridika ta' għom; jinnota barra minn hekk li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-approprijazzjonijiet ta' pagament kienet ta' 94.08 %, li tirrappreżenta żieda ta' 2.55 % meta mqabbla mal-2017.*

Madankollu, ir-regolament ta' stabbiliment tal-eu-LISA jeħtieġ li l-Aġenzija taġġusta l-baġit ta' għom biex jirrifletti l-livell ta' sussidju approvat fil-baġit ġenerali tal-UE. L-iskrizzjoni tar-riżorsi fil-baġit tal-Aġenzija għal-leġislazzjoni li għadha ma ġietx adottata tintroduċi riskji sinifikanti għal ġestjoni finanzjarja tajba; tali riskji ġew irrapportati sistematikament lill-Bord tat-Tmexxija. L-Aġenzija kienet qiegħda tippromwovi l-adozzjoni ta' approċċ aktar elastiku għall-ippjanar tar-riżorsi finanzjarji relatati ma' kompiti ġodda, kif ukoll għal konsultazzjoni aktar f'waqtha u kkoordinata fit-tnejn tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji leġislativi.

2. *L-Awtorità tal-Kwittanza tinnotta li l-Aġenzija ppreżentat dikjarazzjonijiet ta' difiża lill-Qorti Ġenerali fi Strasburgu fil-15 ta' Mejju 2018 u fil-15 ta' Frar 2019, u li d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali għadha ma nħarġitx; barra minn hekk, tinnotta li t-taħditiet bil-għan li tintlaħaq soluzzjoni alternattiva reġġu bdew f'April 2019; din tistieden lill-Aġenzija biex tinforma lill-Awtorità tal-Kwittanza mingħajr dewmien fil-każ li tinstab soluzzjoni alternattiva jew, inkella, hekk kif tinħareġ is-sentenza tal-Qorti Ġenerali.*

L-Aġenzija tieħu nota tal-osservazzjonijiet tal-Awtorità tal-Kwittanza. L-Aġenzija tenfasizza l-fatt li d-diskussjonijiet dwar is-soluzzjoni li nbdew f'April 2019 ma wasslux għal soluzzjoni alternattiva. F'dan il-kuntest, fit-12 ta' Novembru 2019, l-eu-LISA talbet l-iskeda ta' seduti għaż-żewġ proċedimenti li għaddejjin quddiem il-Qorti Amministrattiva ta' Strasburgu (pretensjoni finanzjarja u talba għat-teħid tal-pussess ġudizzjarju). Sussegwentement, il-Qorti Amministrattiva infurmat lill-partijiet dwar il-possibiltà li jippreżentaw tveġiba jew dokumenti ġodda,

⁶⁰ Riżultati ta' segwitu għas-sena 2019 – Memo tal-IAC, ref. Ares(2020)1230716 - 27/02/2020.

minħabba, b'mod partikolari, modifika tal-elementi taż-żewġ każijiet. B'hekk, bejn Diċembru 2019 u April 2020, sar skambju ieħor ta' noti fiż-żewġ każijiet.

Fl-20 ta' Mejju 2020, il-Qorti Amministrattiva stabbiliet data possibbli għas-seduta għall-kawżi msemmija hawn fuq, u l-Qorti kkonfermat li l-fażijiet ta' qabel il-proċess kienu ntemmu għaż-żewġ proċedimenti.

L-Aġenzija tintrabat li tinforma lill-awtorità tal-kwittanza immedjatament malli tinħareġ is-sentenza fl-ewwel istanza tal-Qorti Amministrattiva.

- L-Awtorità tal-Kwittanza tinnotta bi tħassib li, skont ir-rapport tal-Qorti, ir-rata ta' implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija kienet inqas minn dik ipplanata minħabba d-dewmien tal-adozzjoni jew tad-dħul fis-seħħ tal-atti legali (kwistjoni li mhijiex fil-kontroll tal-Aġenzija), li affettwat kemm l-evoluzzjoni kif ukoll l-iżvilupp ta' sistemi eżistenti u ġodda; tinnotta li, b'reazzjoni għal dan, l-Aġenzija rritornat lill-Kummissjoni EUR 74 000 000 f'appropriazzjonijiet ta' pagament u riportat EUR 49 000 000 f'appropriazzjonijiet ta' impenn, u b'hekk tqajjem dubji dwar is-suppożizzjonijiet ta' ppjanar li jinsabu fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji leġiżlattivi mħejjija mill-Kummissjoni; tenfasizza l-fatt li l-introduzzjoni tar-riżorsi baġitarji fil-baġit ivvutat tal-Aġenzija fir-rigward tal-atti legali li għadhom ma ġewx adottati jintroduċi riskji sinifikanti għal ġestjoni finanzjarja tajba; tistieden lill-Kummissjoni, flimkien mal-Aġenzija, biex ittejjeb l-allinjament tal-ippjanar baġitarju maż-żmien tal-adozzjoni jew tad-dħul fis-seħħ tal-atti legali.*

Kif enfasizzat skont l-osservazzjoni Nru 1, ir-regolament ta' stabbiliment tal-eu-LISA jeftieġ li l-Aġenzija taġġusta l-baġit tagħha biex jirrifletti l-livell ta' sussidju approvat fil-baġit ġenerali tal-UE. L-iskrizzjoni tar-riżorsi fil-baġit tal-Aġenzija għal-leġiżlazzjoni li għadha ma ġietx adottata tintroduċi riskji sinifikanti għal ġestjoni finanzjarja tajba; tali riskji ġew irrapportati sistematikament lill-Bord tat-Tmexxija. L-Aġenzija kienet qiegħda tippromwovi l-adozzjoni ta' approċċ aktar elastiku għall-ippjanar tar-riżorsi finanzjarji relatati ma' kompiti ġodda, u għal konsultazzjoni aktar f'waqtha u kkoordinata fit-tnejn tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji leġiżlattivi.

Prestazzjoni

- L-Awtorità tal-Kwittanza tinnotta, fid-dawl tal-osservazzjonijiet u l-kummenti li saru fl-2018 mill-Awtorità tal-Kwittanza, li l-Aġenzija tamministra tliet sistemi tal-IT separati, mhux integrati u fuq skala kbira skont l-istrumenti legali rispettivi li jirregolaw dawn is-sistemi, u li l-iskedi ta' żmien ta' żvilupp u r-restrizzjonijiet differenti li jirriżultaw minn dawn l-oqfsa legali kkwaww li s-sistemi tal-IT jinbnew separatament u b'mod mhux integrat; tinnotta li l-Aġenzija tirrikonoxxi li dan l-approċċ la huwa sostenibbli u lanqas effiċjenti minn perspettiva operattiva jew baġitarja; tilqa' l-fatt li l-Aġenzija bdiet inizjattiva biex tissimplifika l-arkitettura u t-tfassil tas-sistema bl-inizjattiva tal-Kummissjoni dwar l-interoperabbiltà bħala l-ixprunatur ewlieni; thegħeġ lill-Aġenzija biex tesplora aktar il-possibilitajiet li jiġu stabbiliti proċeduri komuni u sistemi kondiviżi.*

L-Aġenzija, fl-isforzi tagħha biex issegwi l-effiċjenza u l-ekonomiji ta' skala, ħejjiet għal tluq radikali mill-mudell tal-forniment deskritt fl-osservazzjoni. Dawn it-tnejn irriżultaw fit-tnedija tal-offerta tal-Qafas Trasversali tal-Inġinerija (TEF), li kienet qed tiġi evalwata meta nkiteb dan ir-rapport (Ġunju 2020).

It-TEF huwa mistenni li jwassal għal żieda sinifikanti fl-effiċjenza u fl-ekonomiji ta' skala, kif ukoll jillimita l-possibbiltà ta' "intrappolament tal-bejjiegħa". Bħala mudell tal-forniment, dan jirrifletti wkoll aktar mill-qrib l-istruttura organizzattiva l-ġdida tad-Dipartiment tal-Operazzjonijiet.

L-offerta tat-TEF hija organizzata f'erba' lottijiet:

- Lott 1: disinn ġeneriku, assigurazzjoni tal-kwalità u appoġġ għall-integrazzjoni, li jkopru d-disinn ta' livell għoli tas-sistemi u assistenza lill-Aġenzija bl-iskedar u l-assigurazzjoni tal-kwalità.
- Lott 2: proviżjonament tal-iżvilupp, li jinkludi l-attivitajiet dettaljati ta' disinn, żvilupp u evoluzzjoni għas-sistemi tan-negozju ewlenin kif ukoll għall-komponenti kondiviżi u riutilizzabbli (inklużi l-komponenti tal-interoperabbiltà).
- Lott 3: proviżjonament ta' infrastruttura u pjattaformi.

- Lott 4: servizzi ta' ttestjar, li jindirizzaw l-ittestjar fis-sistemi kollha.

Bħala komplement għall-viżjoni tal-forniment tat-TEF, it-tieni sejħa għall-offerti se tinkludi l-operazzjonijiet ta' kuljum u l-manutenzjoni korrettiva fis-sistemi kollha (Qafas Operattiv Trasversali).

7. *L-Awtorità tal-Kwittanza tfakkar (b'mod partikolari fid-dawl tal-fatt li l-Aġenzija tittratta l-interoperabbiltà ta' data sensittiva) l-importanza tal-ġestjoni tad-data u tas-servizzi tal-ipproċessar u l-ħtieġa li dawn is-servizzi jiġu internalizzati; tenfasizza f'dan ir-rigward l-importanza tal-protezzjoni u l-kunfidenzjalità ta' tali data, u r-riskji potenzjali li tinvolvi s-sistema ta' ġestjoni esterna tas-servizzi tal-IT attwali.*

L-Aġenzija tixtieq tenfasizza li, sa mill-bidu tal-istabbiliment tagħha, is-sistemi taħt ir-responsabbiltà tal-ġestjoni tagħha jiġihaddmu b'mod li ma jipprovdi l-ebda kuntrattur ta' parti terza b'aċċess għal kwalunkwe data tal-produzzjoni. F'dan il-kuntest ir-referenza għal "ġestjoni esterna tas-servizzi tal-IT" hija qarrieqa u ma tirriflettix il-mudell operattiv tal-eu-LISA.

9. *L-Awtorità tal-Kwittanza tilqa' l-progress li sar fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti mis-snin preċedenti; tinnota, madankollu, li l-Aġenzija għadha ma tippubblikax avviżi dwar postijiet vakanti fuq is-sit web tal-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO); tistieden, għalhekk, lill-Aġenzija tieġu passi biex tiżgura l-pubblikazzjoni tal-postijiet vakanti permezz tas-sit web tal-EPSO.*

Mill-bidu tal-2019, l-Aġenzija ppubblikat avviżi dwar il-postijiet vakanti fuq is-sit web tal-EPSO.

11. *L-Awtorità tal-Kwittanza tenfasizza l-importanza li tiġi pprovduta data bbażata fuq is-sessi sabiex tkun tista' tanalizza l-evoluzzjoni tal-bilanċ bejn il-ġeneri fi ħdan il-persunal tal-Aġenzija u l-korpi governattivi tagħha.*

Il-bilanċ bejn il-ġeneri tjebe bejn l-2018 u l-2019, meta l-perċentwal tan-nisa impjegati fl-eu-LISA żdied minn 22 % għal 29 %. L-istatistika hija inklużiva fis-SPD fuq bażi annwali (Tabella 15).

Tabella 15: Il-bilanċ bejn il-ġeneri tal-persunal tal-Aġenzija

31.12.2019	Amministraturi			Assistenti		
Ġeneru	TA	CA	SNE	TA	CA	Total
Raġel	88	27	7	29	7	158
Mara	24	15	1	13	12	65
Total	112	42	8	42	19	223

Politika dwar il-persunal

13. *L-Awtorità tal-Kwittanza tinnota bi tħassib in-nuqqas tal-bilanċ bejn il-ġeneri fil-Bord tat-Tmexxija (40 raġel u 6 nisa).*

L-eu-LISA tieġu nota ta' din ir-rakkomandazzjoni. Madankollu, l-Aġenzija ma tistax tinfluwenza n-nomini tal-membri, is-supplenti u l-osservaturi tal-Bord tat-Tmexxija. Skont ir-regolament ta' stabbiliment tal-Aġenzija, l-Istati Membri, il-Pajjiżi Assoċjati u l-Kummissjoni għandhom jaħtru r-rappreżentanti tagħhom fuq il-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA.

14. *L-Awtorità tal-Kwittanza tinnota, fid-dawl tal-kummenti u l-osservazzjonijiet li saru fl-2018 mill-Awtorità tal-Kwittanza li l-Aġenzija tirrikonoxxi r-riskji sinifikanti għall-kontinwità tal-operazzjonijiet tagħha li jkollha numru żgħir ta' persunal; tenfasizza l-fatt li l-Aġenzija talbet għal persunal addizzjonali fid-dokumenti ta' programmazzjoni tagħha; tirrikonoxxi li żieda bħal din fil-persunal hija soġġetta għall-approvazzjoni mill-Parlament u mill-Kunsill, u li l-Aġenzija qed tipprova ttaffi r-riskju permezz ta' prijoritizzazzjoni mill-ġdid tal-kompiti u reklutaġġ mgħaġġel; tirrimarka li l-prattika attwali li jiġi rreklutat il-persunal meħtieġ għall-implimentazzjoni ta' att legali biss ladarba att legali bħal dan ikun fis-seħħ timplika dipendenza fuq il-persunal eżistenti biex iwettaq miżuri preparatorji għall-implimentazzjoni ta' tali att legali, li jestendu l-kapaċitajiet tat-tim ewlieni tal-Aġenzija u, għalhekk, li jgħorru r-riskju li jaffettwa l-prestazzjoni*

tal-Aġenzija tal-attivitajiet tagħha ta' kuljum; tistieden lill-Kummissjoni biex tippermetti li xi wħud mill-persunal previst fi proposta għal att legali jiġu antiċipat sabiex l-Aġenzija tkun tista' tħejji b'mod effiċjenti għall-implimentazzjoni ta' att legali bħal dan.

L-eu-LISA tieħu nota ta' din ir-rakkomandazzjoni u tikkonferma li l-antiċipazzjoni tal-persunal relatat ma' kompiti ġodda jew l-estensjoni ta' kompiti eżistenti assenjata lill-Aġenzija se ttejjeb sostanzjalment il-mobilità tal-organizzazzjoni u se tindirizza xi wħud mir-riskji ewlenin relatati maż-żieda fl-ammont ta' xogħol tal-persunal tal-Aġenzija.

15. *L-Awtorità tal-Kwittanza tinnota li, skont ir-rapport tal-Qorti fir-rigward ta' proċedura partikolari ta' reklutaġġ, il-kumitat tal-għażla tal-Aġenzija, għad-detriment tat-trasparenza tal-proċedura, iddevja mill-avviż ippubblikat ta' post vakanti u applika punteġġ minimu oġhla minn dak ippubblikat, biex l-applikanti jitqiegħdu fuq il-lista ta' riżerva; tinnota mir-risposta tal-Aġenzija l-impenn li sar biex jintuża kliem aktar strett fl-avviżi ta' postijiet vakanti li għandhom jiġu ppubblikati fil-futur; tilqa' l-fatt li l-Aġenzija aġġustat mill-ġdid immedjatament il-prattika tagħha għall-proċeduri li għaddejjin, u li l-linji gwida dwar il-proċeduri ta' reklutaġġ se jinkludu l-prinċipju li l-limitu għal-lista ta' riżerva għandu jkun stabbilit ex ante; tistieden lill-Aġenzija tiżgura li l-kriterji ppubblikati tal-għażla jiġu rispettati.*

L-Aġenzija tikkonferma li l-prattika ġiet aġġustata mill-ġdid u l-kliem tal-avviżi ta' postijiet vakanti huwa aktar strett biex jiġu evitati interpretazzjonijiet differenti.

Akkwist

17. *L-Awtorità tal-Kwittanza tinnota bi tħassib li, skont ir-rapport tal-Qorti, żewġ pagamenti awditjati għall-forniment ta' "manutenzjoni korrettiva f'kundizzjoni funzjonali tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen" (MWS) kienu parzjalment irregolari fis-sens li l-Aġenzija emendat kuntratt speċifiku wieħed billi żiedet l-imposti ta' manutenzjoni ta' kull xahar mingħajr ma emendat il-kuntratt qafas ta' MWS biex tipprovdri għaż-żieda fil-prezz, u sussegwentement estendiet dan il-kuntratt b'1.5 xhur wara d-data ta' skadenza tal-kuntratt qafas tal-MWS; tenfasizza li l-ammont addizzjonali mħallas fir-rigward tal-manutenzjoni ta' kull xahar u l-ħlas għall-manutenzjoni wara d-data ta' skadenza tal-kuntratt qafas huwa parzjalment irregolari; tinnota t-tweġiba tal-Aġenzija li seħħ dewmien fit-tnedija tal-kuntratt qafas suċċessur, li passi addizzjonali meħuda matul il-proċess tal-għoti rriżultaw fir-reqwizit li tiġi żgurata l-kontinwità tal-manutenzjoni għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen f'konformità mal-obbligi legali tal-Aġenzija, u li l-proċess biex jiġi ffinalizzat is-sett ta' listi ta' kontroll u mudelli għall-proċeduri ta' akkwist u l-ħolqien ta' kapaċitajiet għall-ippjanar tal-appoġġ ta' attivitajiet operattivi u l-akkwist sottostanti għadu għaddej; tistieden lill-Aġenzija biex tiżgura konformità mad-dispożizzjonijiet tal-akkwist pubbliku.*

L-Aġenzija tirrikonoxxi l-osservazzjoni. Dewmien imġarrab fit-tnedija tal-kuntratt qafas suċċessur, u passi addizzjonali meħuda matul il-proċess tal-għoti, irriżultaw fir-reqwizit li tiġi żgurata l-manutenzjoni kontinwa tas-sistema b'konformità mal-obbligi legali tal-Aġenzija. L-Aġenzija diġà ħadet passi biex ittaffi r-riskju enfasizzat fl-osservazzjoni billi saħħet il-kapaċitajiet tal-ġestjoni tal-kuntratti u tal-bejjiegħa u billi assenjat mill-ġdid lill-persunal responsabbli għat-tħejjija u l-evalwazzjoni tal-offerta għal irwoli operattivi oħra.

18. *L-Awtorità tal-Kwittanza tinnota wkoll li, skont ir-rapport tal-Qorti, il-formula stipulata fl-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta għall-identifikazzjoni tal-offerta tal-aħjar kwalità għall-kuntratt MWS kienet differenti minn dik ikkomunikata fid-dokument mistoqsija u tweġibiet għall-offerenti, u li ġew identifikati nuqqasijiet oħra fil-kwalità, fil-kompletezza u fil-konsistenza tal-informazzjoni pprovduta; tinnota li l-Aġenzija tirrikonoxxi l-ħtieġa li ttejjeb u tiddokumenta l-verifiki ta' konsistenza u l-komparabbiltà bejn l-ippjanar tal-offerti u l-kuntratti attwali biex tippermetti valutazzjoni ex post (xi ħaġa li attwalment mhijjex implimentata fi ħdan il-proċess tal-akkwist minħabba nuqqas ta' riżorsi umani); tistieden lill-Aġenzija biex issaħħaħ il-kontroll intern relatat mal-akkwist.*

L-Aġenzija tirrikonoxxi l-osservazzjoni. Il-verifiki tal-konsistenza u l-komparabbiltà bejn l-ippjanar tal-offerti u l-kuntratti attwali se jiġu mtejjba u dokumentati biex jippermettu valutazzjoni ex-post.

Fil-preżent il-valutazzjoni *ex post* ma tintużax bħala funzjoni fil-proċess ta' akkwist, minħabba n-nuqqas ta' riżorsi umani allokati. L-Aġenzija diġà ħadet passi biex issaħħaħ il-kapaċitajiet tal-ġestjoni tal-kuntratti u tal-bejgħ u tassenja mill-ġdid lill-persunal responsabbli għat-tnejn u l-evalwazzjoni tal-offerta għal rwoli operattivi oħrajn.

It-tnejn tal-kuntratt suċċessur kienet teħtieġ supervizzjoni f'waqtha u kompetenti minn persunal operattiv fdat b'dawn ir-responsabbiltajiet. Dewmien sostanzjali fit-tnejn tal-komponenti ewlenin tas-sejħa għall-offerti rriżulta fi kwistjonijiet ta' kwalità.

19. *L-Awtorità tal-Kwittanza tinnota bi tħassib li, skont ir-rapport tal-Qorti, fil-każ ta' kuntratt għall-forniment ta' servizzi ta' telekomunikazzjoni, l-Aġenzija tat kuntratt lill-operatur ekonomiku uniku li kien ippreżenta offerta bil-valur tal-kuntratt mogħti li jammonta għal EUR 144 000 kif ippubblikat fl-avviż ta' kuntratt inizjali; tinnota, madankollu, li l-offerta finanzjarja sottomessa mill-operatur kienet ta' EUR 45 700 biss, li rriżultat fl-għoti ta' kuntratt għal ammont li jaqbeż l-offerta, xi ħaġa li mhijiex konformi mar-regoli tal-akkwist pubbliku; tinnota t-tweġiba tal-Aġenzija li l-offerta finanzjarja kienet maħsuba sempliċement bħala xenarju mhux vinkolanti għall-iskop ta' evalwazzjoni tal-offerti u l-pagamenti attwali ta' kull xahar huma bbażati fuq il-forniment attwali ta' servizzi skont il-prezzijiet unitarji offruti inizjalment; tistieden lill-Aġenzija biex ma tagħtix kuntratti għal prezzijiet li jaqbzū l-offerti tal-offerenti.*

L-Aġenzija tirrikonoxxi l-osservazzjoni. Madankollu, l-Aġenzija tindika li l-offerta finanzjarja kienet maħsuba biss bħala xenarju mhux vinkolanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-offerti. Il-pagamenti attwali ta' kull xahar huma bbażati fuq il-forniment attwali tas-servizzi skont il-prezzijiet tal-unità offruti inizjalment, u għalhekk jeskludu l-infiq żejjed.

20. *L-Awtorità tal-Kwittanza tinnota li, skont ir-rapport tal-Qorti, l-Aġenzija estendiet it-tul ta' żmien ta' kuntratt dirett għall-forniment ta' servizzi ta' sigurtà u akkoljenza minn erba' sa sitt snin, u żiedet il-valur tal-kuntratt bi 73 % (li mhuwiex konformi mar-Regolament Finanzjarju), b'hekk jagħmel il-pagamenti li saru wara l-perjodu inizjali irregolari; tinnota t-tweġiba tal-Aġenzija li s-sitwazzjoni seħħet f'ċirkostanzi eċċezzjonali li ġew irrappurtati fil-ħin u analizzati fir-reġistru tal-eċċezzjonijiet; tirrikonoxxi li d-deċiżjonijiet saru sabiex jiġi żgurat il-forniment kontinwu tas-servizzi tas-sigurtà; tistieden lill-Aġenzija tiżgura l-konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku.*

L-Aġenzija tirrikonoxxi l-osservazzjoni. L-Aġenzija ma kellha l-ebda alternattiva ħlief li tiżgura li s-servizzi tas-sigurtà ma kinux interrotti. Iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li kienu jeħtieġu l-estensjoni tal-kuntratt kienu kkawżati minn tħassib dwar il-kunfidenzjalità, li potenzjalment jipperikolaw ir-regolarità tal-proċedura tal-offerti.

L-Aġenzija tejbet il-proċess tal-ippjanar, timmonitorja b'mod kostanti l-konsum tal-kuntratt qafas, u b'mod f'waqtu qed tibda kwalunkwe sejħa ġdida għal proċeduri tal-offerti sabiex tipprevjeni kwalunkwe estensjoni irregolari (lil hinn minn perjodu jew valur). Skont il-kuntratt il-ġdid għas-servizzi ta' sigurtà u akkoljenza, ma saret l-ebda eċċezzjoni.

21. *L-Awtorità tal-Kwittanza tilqa' l-fatt li, fid-dawl tal-kummenti u l-osservazzjonijiet mill-Awtorità tal-Kwittanza relatati mal-użu estensiv ta' kuntratturi esterni għall-iżvilupp u l-manutenzjoni ta' proġetti tal-IT, l-Aġenzija qed taħdem fuq strateġija dwar il-forniment biex tiżgura l-aħjar użu tar-riżorsi tagħha stess; tenfasizza l-fatt li l-Qorti identifikat xejra orizzontali fost l-aġenziji fl-użu ta' persunal estern impjegat bħala konsulenti tal-IT; tenfasizza li d-dipendenza tal-Aġenzija fuq ir-reklutaġġ estern f'dan il-qasam jeħtieġ li tiġi indirizzata b'mod urġenti; tirrikonoxxi li d-deċiżjoni li jiġu allokati biżżejjed riżorsi tal-persunal hija tal-Parlament u tal-Kunsill bħala awtoritajiet baġitarji.*

Sabiex tindirizza l-osservazzjonijiet tal-Qorti, l-Aġenzija ħejjiet "strateġija dwar il-forniment" li tirrifletti l-għażliet attwali ta' forniment, kif ukoll analiżi legali tal-aspetti kuntrattwali tal-użu ta' fornituri esterni tas-servizzi fil-pajjiżi fejn tinsab l-Aġenzija.

Is-soluzzjoni mixtieqa tkun li jiżdied l-għadd ta' persunal u jitnaqqas l-għadd ta' fornituri esterni tas-servizzi li joffru servizzi li għandhom jitwettqu minn membri tal-persunal fuq bażi fit-tul. L-implimentazzjoni ta' soluzzjoni bħal din tkun teħtieġ il-qbil koordinat tal-awtoritajiet baġitarji tal-Aġenzija u tal-Kummissjoni Ewropea.

22. *L-Awtorità tal-Kwittanza tħeġġeġ lill-Aġenzija tesplora l-possibiltajiet għall-kondiviżjoni tar-riżorsi fuq kompiti li jikkoinċidu ma' aġenziji oħrajn b'attivitajiet simili; tinkoraġġixxi lill-Aġenzija biex tibda tfittex modi kif tikkondividi l-*

persunal mhux espert foqasma bħall-ICT u l-kontabilità, b'mod partikolari mal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi bbażat f'Riga u l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi bbażata f'Helsinki.

L-Aġenzija tinnota l-osservazzjonijiet tal-Awtorità tal-Kwittanza. L-Aġenzija tinforma li hija diġà tikkollabora ma' Aġenziji oħra tal-UE fl-ICT bħala parti mill-Kumitat Konsultattiv tal-ICT tal-Aġenziji tal-UE. L-Aġenzija se tesplora modi ulterjuri ta' kollaborazzjoni mal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi u l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi. Madankollu, l-Aġenzija tindika n-nuqqas ta' persunal tal-ICT fil-kwartieri ġenerali tagħha f'Tallinn, fejn żewġ membri tal-persunal biss huma allokat i għal din il-funzjoni.

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u trasparenza

23. *Madankollu, l-Awtorità tal-Kwittanza tesprimi dispjaċir dwar il-mudell il-ġdid ta' dikjarazzjoni ta' interess li ma ġiex applikat ukoll għat-tmexxija eżekuttiva; jinnota b'dispjaċir li dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' kunflitt ta' interess hija disponibbli biss għad-direttur eżekuttiv.*

F'Ġunju 2020, il-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija se jadotta r-regoli l-ġodda dwar il-Kunflitt ta' Interess skont l-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal. Dawn ir-regoli se japplikaw għall-membri kollha tal-persunal tal-Aġenzija, inkluż il-maniġment superjuri tagħha.

L-Awtorità tal-Kwittanza tinnota li skont it-tweġiba tal-Aġenzija ma hemm l-ebda obbligu legali li jiġu ppubblikati s-CVs tal-membri tal-bord tat-tmexxija tagħha; tenfasizza f'dan ir-rigward li l-aġenziji tal-Unjoni għandhom jistabbilixxu mudell f'termini ta' trasparenza u tistieden lill-membri tal-bord tat-tmexxija jipubblikaw is-CVs tagħhom fuq is-sit web tal-Aġenzija.

M'hemm l-ebda obbligu legali għal din it-talba u għalhekk il-membri/supplenti/osservaturi tal-Bord tat-Tmexxija ma jistgħux jiġu obbligati jipprovdu s-CVs tagħhom għal pubblikazzjoni ulterjuri. Madankollu, l-Aġenzija se tkompli tħeġġeġ ġir-rappreżentanti tal-Bord tat-Tmexxija biex jiprovdu s-CVs tagħhom sabiex tiżdied it-trasparenza tal-grupp.

24. *L-Awtorità tal-Kwittanza tinnota, fid-dawl tal-kummenti u l-osservazzjonijiet mill-Awtorità tal-Kwittanza relatati mar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar miftuħ, li r-rata ta' implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni li ġew stabbiliti wara diversi rakkomandazzjonijiet tal-awditjar kellha tendenza li tonqos fl-2018, u li l-Aġenzija adottat u skjerat il-qafas ta' kontroll intern rivedut kmieni fl-2019; tinnota li s-servizz tal-awditjar intern stabbilixxa pjan ta' awditjar strateġiku għall-perjodu 2019-2021, ibbażat fuq ir-riżultati ta' eżerċizzju ta' valutazzjoni tar-riskju mwettaq fi Frar 2018 kemm fil-kwartieri ġenerali f'Tallinn kif ukoll fis-sit tekniku fi Strasburgu, li jkopri l-proċessi amministrattivi u operattivi ewlenin tal-Aġenzija; tistieden lill-Aġenzija tirrapporta lill-Awtorità tal-Kwittanza dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar.*

L-Aġenzija tissorvelja kontinwament u tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar. Ir-rapport ta' monitoraġġ mill-31 ta' Diċembru 2019 juri li ma kien hemm l-ebda rakkomandazzjoni tal-awditjar "kritika" miftuħa. Ir-rapport juri wkoll li 21 rakkomandazzjoni tal-awditjar ġew implimentati mill-34 mistennija, rata ta' implimentazzjoni ta' 62 %. Ir-riżultat (għalkemm għadu taħt il-mira stabbilita ta' 80 %) huwa titjib ċar meta mqabbel mar-rata ta' implimentazzjoni ta' 42 % irreġistrata fl-aħħar tal-2018. Madankollu, fl-2020 l-Aġenzija ħadet azzjonijiet sodi u urġenti bil-għan li tindirizza r-rakkomandazzjonijiet posposti, inkluż l-għoti ta' dati ta' implimentazzjoni fil-mira riveduti. L-Aġenzija hija fiduċjuża li se żżomm ix-xejra pożittiva u se timplimenta r-rakkomandazzjonijiet pendenti kollha mingħajr aktar dewmien.

Kummenti oħrajn

26. *L-Awtorità tal-Kwittanza tistieden lill-Aġenzija tiffoka fuq it-tixrid tar-riżultati tar-riċerka tagħha lill-pubbliku, u biex tilħaq lill-pubbliku permezz tal-midja soċjali u mezzi oħra tal-midja.*

L-Aġenzija ppubblikat diversi rapporti relatati mar-riċerka permezz tas-sit web korporattiv tagħha u għamlet sforzi notevoli biex tilħaq lill-pubbliku permezz tal-midja soċjali.

Minħabba s-sensittività ta' xi wħud mis-sejbiet tar-riċerka, mhux ir-rapporti kollha jistgħu jsiru disponibbli pubblikament iżda l-Aġenzija xerrdet ir-rapporti kollha li fihom informazzjoni pubblika dwar is-sejbiet tar-riċerka. Dawn huma li ġejjin:

- Ir-Rapport tal-Istudju tat-Test Ottiku tal-Immaġni Multispettrali (MSI) tal-Eurodac.
- It-Teknoloġiji ta' Regjistru Distribwit u l-Blockchain: Sejbiet Ewlenin.
- L-elaborazzjoni ta' Arkitettura Futura għal Sistemi tal-IT Interoperabbli fl-eu-LISA.
- Rapport tal-Grupp ta' Ħidma dwar is-Soluzzjonijiet tal-ICT għall-Fruntieri Esterni (baħar/art).

L-Aġenzija ffukat b'mod proattiv fuq sforzi biex taqşam il-punti ewlenin u tipprovdi trasparenza permezz tal-kanali tal-midja soċjali, li kollha juru tkabbir konsiderevoli fl-udjenzi (+33 % fuq Twitter, +58 % fuq Facebook, +99 % fuq LinkedIn, +125 % fuq YouTube). L-Aġenzija bdiet taħdem ukoll fuq punti ta' sensibilizzazzjoni online ġodda bil-għan li tilħaq udjenzi saħnsitra usa' u tipprovdi viżibbiltà għall-kompiti u r-responsabbiltajiet tal-Aġenzija.

2.8 Valutazzjoni mill-maniġment

Il-maniġment tal-Aġenzija għandu assigurazzjoni raġonevoli li hemm fis-seħħ kontrolli interni xierqa u li dawn qegħdin jiffunzjonaw kif maħsub; matul is-sena, ir-riskji ewlenin ġew identifikati u ġestiti b'mod xieraq. Din l-assigurazzjoni hi kkonfermata ulterjorment mir-riżultati tal-awditi interni u esterni mwettqa matul is-sena.

2.9 Evalwazzjonijiet esterni

F'konformità mar-regolament ta' stabbiliment tal-eu-LISA, il-Kummissjoni wettqet l-ewwel evalwazzjoni tal-Aġenzija fi żmien tliet snin mill-bidu tal-operazzjonijiet tagħha, bl-appoġġ ta' kuntrattur estern. L-evalwazzjoni twettqet b'kooperazzjoni mill-qrib mal-MB u mal-Aġenzija nnifisha. L-evalwazzjoni twettqet tul perjodu ta' sena (minn Marzu 2015 sa Marzu 2016) u kopriet il-perjodu mill-1 ta' Diċembru 2012 sat-30 ta' Settembru 2015.

L-evalwazzjoni eżaminat il-mod kif eu-LISA implimentat il-mandat tagħha, kif stipulat fir-regolament ta' stabbiliment tagħha, billi ħarset lejn erba' oqsma: l-effiċjenza, l-effettività, il-valur miżjud u l-koerenza. Din eżaminat ukoll il-kontribut tal-Aġenzija għall-istabbiliment ta' ambjent tal-IT ikkoordinat, effettiv u koerenti għall-ġestjoni tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira li jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-politiki tal-ĠAI.

L-evalwazzjoni waslet għall-konklużjoni li l-Aġenzija twettaq il-mandat tagħha b'mod effettiv. Abbażi tal-evalwazzjoni, il-Kummissjoni, wara li kkonsultat mal-Bord tat-Tmexxija, ħarġet rakkomandazzjonijiet rigward il-bidliet fir-regolament ta' stabbiliment tal-Aġenzija. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet, flimkien mal-opinjoni tal-Bord tat-Tmexxija, ġew pprovduti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.

Fl-20 ta' Novembru 2019, l-Aġenzija ppreżentat l-istatus ta' implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet lill-MB, għall-perjodu ta' Novembru 2018 sa Ottubru 2019. Minn 30 rakkomandazzjoni elenkata, 26 ġew implimentati, tnejn ġew parzjalment implimentati (R 4.1a: Approċċ ta' ġestjoni bbażat fuq l-attività biex jittejbu l-kapaċitajiet ta' ppjanar tal-eu-LISA u jissaħħu t-trasparenza u r-responsabbiltà, R 3.12: L-Aġenzija għandha tkompli bl-isforzi ta' min ifaħħarhom tagħha sabiex issaħħaħ il-proċessi u l-proċeduri interni skont l-aħjar prattiki tal-ITIL v3). Żewġ rakkomandazzjonijiet skadew fil-kuntest tal-mandat rivedut tal-Aġenzija u mhux se jiġu implimentati (R 3.26: L-impatt tat-twettiq tal-kompiti relatati mad-DubliNet fuq ir-riżorsi għandu jiġi vvalutat formalment, R 6.4: L-Aġenzija għandha tiżgura l-adozzjoni ta' programm ta' ħidma pluriennali, kif ukoll tiggarrantixxi l-allinjament tal-attivitajiet tal-Aġenzija mal-istrateġija pluriennali fis-seħħ).

Ir-rata ġenerali ta' implimentazzjoni tal-pjan għall-perjodu ta' rapportar żdiedet minn 75 % għal 93 %. It-tabella 16 tipprovdi tqassim ulterjuri tal-istatus tal-implimentazzjoni skont l-importanza tar-rakkomandazzjonijiet individwali. L-Aġenzija għamlet progress tajjeb fl-implimentazzjoni ulterjuri tal-pjanijiet fil-perjodu ta' rapportar. Il-biċċa l-kbira tal-attivitajiet ipplanati ġew implimentati filwaqt li żewġ rakkomandazzjonijiet biss huma parzjalment implimentati.

Tabella 16: Status ta' implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet mill-evalwazzjoni tal-Aġenzija

	Kritiku	Importanti ħafna	Importanti	Minuri	Total	Sehem
Implimentati	3	5	16	2	26	93 %
Parzjalment implimentati	1	—	1	—	2	7 %
<i>Ma għadhomx rilevanti</i>	—	—	(1)	(1)	(2)	—
Total	4	5	17	2	28	100 %

3 Valutazzjoni tal-effettività tal-qafas ta' kontroll intern (QKI)

3.1 L-effettività tal-QKI

3.1.1 Il-metodoloġija użata biex tiġi vvalutata l-effettività tal-QKI

Il-kontroll intern huwa proċess li jgħin lil organizzazzjoni tikseb l-oġġettivi tagħha u ssoġni l-prestazzjoni operattiva u finanzjarja, filwaqt li jirrispetta r-regoli u r-regolamenti, u jappoġġja t-teħid sod ta' deċiżjonijiet, inaqas ir-riskji għal livelli aċċettabbli permezz ta' kontrolli kosteffettivi. Id-Deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA Nru 2019-042 tad-19 ta' Marzu 2019 tirrikjedi li d-Direttur Eżekuttiv jimplementa l-prinċipji u l-karatteristiċi tal-kontroll intern u jstabbilixxi struttura organizzattiva u sistema ta' kontroll intern li tkun f'konformità mal-prinċipji u l-karatteristiċi adottati Mill-Bord tat-Tmexxija.

Il-komponenti tal-kontroll intern fl-eu-LISA huma l-ambjent tal-kontroll, il-valutazzjoni tar-riskju, l-attivitajiet tal-kontroll, l-informazzjoni u l-komunikazzjoni u l-attivitajiet ta' monitoraġġ. Il-ħames komponenti huma marbutin ma' xulxin u għandhom ikunu preżenti u jaħdmu sew fil-livelli kollha tal-organizzazzjoni sabiex il-kontroll intern fuq l-operazzjonijiet jiġi meqjus bħala effettiv. Il-qafas jispeċifika wkoll il-prinċipji għal kull komponent u l-karatteristiċi sussegwenti ta' kull prinċipju li huma definiti biex iqisu l-arranġamenti speċifiċi ta' governanza fl-Aġenzija. Il-prinċipji u l-karatteristiċi tal-kontroll intern stabbiliti jikkostitwixxu l-istandards minimi msemmija fl-Artikolu 44(2) tar-Regolament Finanzjarju tal-eu-LISA.

Id-Direttur Eżekuttiv ħatar il-Kap tal-Unità tal-Governanza u l-Kapaċitajiet biex iservi bħala Maniġer interim inkarigat mill-Ġestjoni tar-Riskju u l-Kontroll Intern (MRMIC) biex jappoġġjah fl-istabbiliment, fil-monitoraġġ, fl-implimentazzjoni, fil-valutazzjoni u fir-rapportar dwar il-Qafas ta' Kontroll Intern. Id-Direttur Eżekuttiv għandu l-mandat li jwettaq valutazzjoni ġenerali tal-effiċjenza tal-Qafas ta' Kontroll Intern tal-eu-LISA kull sena. L-ewwel valutazzjoni annwali bħal din saret fil-Q1 tal-2020 u pprovdiet inputs għar-Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività dwar l-effettività tal-kontrolli interni fl-eu-LISA fl-2019.

L-ewwel valutazzjoni annwali kienet tinkludi l-istabbiliment ta' linja bażi għal kull prinċipju, fejn fattibbli, valutazzjonijiet fil-livelli ta' prinċipju u komponenti u valutazzjoni ġenerali. Il-linji bażi u l-indikaturi tal-prinċipju tal-QKI ġew definiti fl-Anness 2 tad-Deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv dwar l-Adozzjoni tal-Kriterji ta' Monitoraġġ tal-Kontroll Intern u l-ħatra temporanja tal-MRMIC. Sabiex jagħmlu l-valutazzjoni, il-MRMIC u l-Koordinatur tal-Kontroll Intern fl-eu-LISA ġabru u analizzaw *data* bbażata fuq kriterji ta' monitoraġġ definiti minn sorsi ta' *data* varji fl-Aġenzija, inkluż l-istħarriġ tal-persunal, ir-reġistru ta' eċċezzjonijiet u avvenimenti ta' nuqqas ta' konformità, rapporti tal-awditjar intern u estern, dokumentazzjoni dwar l-iżvilupp u l-monitoraġġ ta' proċessi varji tan-negozji fl-Aġenzija u oħrajn.

3.1.2 Ir-riżultati tal-valutazzjoni tal-effettività tal-QKI

Ambjent ta' kontroll

L-ambjent tal-kontroll huwa stabbilit sew fl-Aġenzija. L-istandards ta' kondotta, il-proċessi u l-istrutturi huma fis-seħħ u ġew aġġornati f'waqthom minkejja t-trasformazzjoni organizzazzjonali riċenti sinifikanti. Il-MB, id-Direttur Eżekuttiv u maniġers oħra jeżerċitaw ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tagħhom b'mod effettiv.

Il-prinċipju 1: l-eu-LISA turi impenn favur l-integrità u l-valuri etiċi.

Status: implimentat bis-sħiħ

L-Aġenzija wettqet għadd ta' azzjonijiet fl-2019 biex taġġorna l-qafas intern tagħha relatat mal-istandards ta' kondotta u biex tiżgura li persunal ġdid ikun konxju tagħhom b'mod adegwat. Awditjar intern dwar ir-reklutaġġ tal-persunal, il-

ġestjoni u l-ingaġġ tal-fornituri tas-servizzi strutturali u l-etika organizzattiva kkonkluda li, fil-kuntest ta' sfida tat-tkabbir rapidu tal-Aġenzija, is-sistemi ta' kontroll intern għall-etika organizzattiva huma ġeneralment adegwati. Ir-regoli dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' kunflitt ta' interess fir-rigward tal-persunal tal-eu-LISA ġew emendati, u l-proċess ta' awtodikjarazzjoni mill-persunal twettaq b'suċċess.

Il-prinċipju 2: Il-MB għandu jkun indipendenti mill-maniġment u għandu jissorvelja l-iżvilupp u l-prestazzjoni tal-kontroll intern.

Status: parzjalment implimentat

Il-proċessi u l-proċeduri huma fis-seħħ għall-MB biex jissorvelja l-governanza tal-Aġenzija u biex jieħu r-responsabbiltà politika ġenerali għall-ġestjoni mwettqa mill-ED. Bl-implimentazzjoni l-ġdida tal-QKI u l-ħatra tal-MRMIC, ir-rwol tal-MB fir-rigward tal-ġestjoni tar-riskju u l-prattiki ta' kontroll intern se jkompli jissaħħaħ. Ir-rwol tal-ED huwa stabbilit sew għall-iżvilupp u l-prestazzjoni tal-kontroll intern. Il-ħatra tal-MRMIC se tappoġġa lill-ED u mill-2020 se tipprovdi assigurazzjoni addizzjonali dwar il-kompletezza u l-affidabbiltà tar-rapportar dwar il-ġestjoni u r-rapportar dwar il-prestazzjoni operattiva. L-ED, bl-appoġġ tal-MRMIC, se jieħu passi ulterjuri biex jiżgura li l-QKI jinftiehem u li l-kontrolli jiġu segwiti fil-livelli kollha, inkluż mill-kapijiet tad-dipartiment, il-kapijiet tal-unitajiet u l-manigjers tal-proġetti.

Il-prinċipju 3: Bis-sorveljanza tal-MB, il-Maniġment jistabbilixxi strutturi, linji ta' rapportar, u awtoritajiet u responsabbiltajiet xierqa fit-twettiq tal-oġġettivi

Status: parzjalment implimentat

L-istruttura tal-ġestjoni tal-Aġenzija hija stabbilita sew u ġiet ristrutturata b'suċċess matul it-trasformazzjoni organizzattiva fl-2019. Inħolqu unitajiet ġodda u l-manigjers tagħhom inħatru b'suċċess bi rwoli definiti sew. L-awtoritajiet, ir-responsabbiltajiet u l-linji tar-rapportar huma stabbiliti sew. Il-ġestjoni tal-kuntratti u l-ġestjoni tal-assi jibqgħu oqsma li jeħtieġu sforzi addizzjonali biex l-Aġenzija tkun tista' tiżviluppa, tadotta u timplimenta proċessi, proċeduri u kontrolli ġodda.

Il-prinċipju 4: l-eu-LISA turi impenn li tattira, tiżviluppa u żżomm individwi kompetenti fi proporzjon mal-oġġettivi

Status: implimentat

Rapport tal-awditjar intern ikkonferma li matul ir-reklutaġġ intensiv fl-2019, il-kwalità tal-proċessi relatati ġiet aċċettata.

Il-prinċipju 5: l-eu-LISA żżomm lill-individwi responsabbli għar-responsabbiltajiet ta' kontroll intern tagħhom fl-ilħuq tal-oġġettivi

Status: implimentat

L-evalwazzjoni u l-promozzjoni tal-persunal jitwettqu skont proċessi u proċeduri stabbiliti, li jinvolvu gruppi ta' revizzjoni u li joffru lill-persunal l-oportunità li jikkummenta jew jappella lil individwi jew entitajiet interni jew esterni indipendenti.

Valutazzjoni tar-riskju

L-eu-LISA għandha mekkaniżmi ta' governanza u proċeduri robusti għall-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskju. Miżuri bħal dawn jeżistu f'livelli differenti u jiġu aġġornati u riveduti regolarment.

Il-prinċipju 6: l-eu-LISA tispeċifika oġġettivi b'ċarezza suffiċjenti biex tippermetti l-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskji relatati mal-oġġettivi

Status: implimentat

L-oġġettivi huma definiti b'mod konsistenti f'kull livell u jiġu riveduti regolarment. L-oġġettivi u l-indikaturi tal-prestazzjoni huma definiti għall-attivitajiet kollha elenkati fis-SPD u l-kisbiet tagħhom huma rrapportati fil-CAAR. L-għadd kbir ta' aktivitajiet elenkati jagħmel l-attivitajiet ta' ppjanar u rapportar għaljin ħafna u jkun jibbenefika minn revizzjoni. Il-programm u l-kapaċità tal-portafoll se jgħinu biex dan jinkiseb ladarba jiġi implimentat. L-istruttura ta' governanza għall-ġestjoni tal-programm u tal-portafoll ġiet aġġornata bil-proċedura tal-lista tad-dħul u l-istabbiliment tal-Kumitat tat-Tmexxija Korporattiva.

Il-prinċipju 7: L-eu-LISA tidentifika r-riskji għall-ilħuq tal-obiettivi tagħha fi f̄ndan l-organizzazzjoni kollha u tanalizza r-riskji b̄ħala bażi sabiex tiddetermina kif ir-riskji għandhom jiġu ġestiti

Status: implimentat

Ir-riskji huma identifikati għall-attivitajiet kollha f̄diversi livelli u fi stadji differenti, mill-ippjanar sat-twettiq. Attivitajiet sinifikanti, b̄mod partikolari proġetti kbar, isegwu l-metodoloġija tal-ġestjoni tal-proġetti tal-Aġenzija, li teħtieġ l-valutazzjoni u l-monitoraġġ regolari tar-riskji tal-proġett. Għal programmi ta' żvilupp kbar u ġodda, ir-riskji huma rrapportati mill-Bordijiet tal-Ġestjoni tal-Programm rispettivi. Ir-riskji korporattivi huma identifikati u riveduti kull sena (ara t-taqsimi 3.1.3).

Il-prinċipju 8: L-eu-LISA tqis il-potenzjal ta' frodi fil-valutazzjoni tar-riskji għall-ilħuq tal-obiettivi

Status: implimentat

L-istrateġija riveduta kontra l-frodi għall-2019-2021 ġiet adottata mill-Bord tat-Tmexxija f̄Marzu 2019. Din tinkludi pjan ta' azzjoni u indikaturi dwar il-kisba tal-obiettivi. Id-dettalji dwar l-implimentazzjoni tagħha huma stabbiliti f̄taqsimi 3.1.4. Ir-regoli dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' kunflitt ta' interess fir-rigward tal-persunal tal-eu-LISA ġew emendati u ġie introdott b̄suċċess proċess ta' awtodikjarazzjoni mill-persunal.

Il-prinċipju 9: L-eu-LISA tidentifika u tivvaluta bidliet li jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq is-sistema ta' kontroll intern

Status: parzjalment implimentat

Ir-riskji li jirriżultaw mill-ħafna bidliet tqiesu kif xieraq, b̄mod partikolari fil-prijoritajiet operattivi relatati ma' leġiżlazzjoni ġdida. Il-bidliet ġew implimentati wara proċeduri identifikati fil-mekkaniżmi ta' governanza tal-programmi differenti (AG, BĠP, MB). Il-bidla minn standards ta' kontroll intern għall-qafas ta' kontroll intern kienet bidla sinifikanti, b̄riskju ta' diskontinwità. L-impatt tal-bidla fuq il-kontroll intern ma ġiex ivvalutat bis-sħiħ.

Attivitajiet ta' kontroll

L-attivitajiet ta' kontroll twettqu f̄livelli differenti b̄ħala parti minn proċessi, proċeduri u mekkaniżmi ta' governanza eżistenti fid-diversi dipartimenti u unitajiet.

Il-kontrolli fuq is-sistemi tal-IT jitwettqu b̄mod indipendenti għas-sistemi tan-negożju ewlenin u għas-sistemi korporattivi. L-Aġenzija qed tagħti attenzjoni konsiderevoli lis-sigurtà tas-sistema, inklużi l-kontinwità tan-negożju u l-irkupru minn diżastri. L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar relatati mal-ġestjoni tal-kuntratti u l-integrazzjoni tal-ġestjoni tal-assi mal-ġestjoni tal-konfigurazzjoni jsaħħu l-kontroll tal-Aġenzija fuq l-akkwist u l-manutenzjoni tas-sistemi u l-infrastruttura tagħhom.

Il-prinċipju 10: L-eu-LISA tagħżel u tiżviluppa attivitajiet ta' kontroll li jgħinu biex riskji għall-ilħuq tal-obiettivi jiġu mmitigati għal livelli aċċettabbli

Status: parzjalment implimentat

Twettqu attivitajiet ta' kontroll. Madankollu, mhumiex integrati fi strateġija ta' kontroll, riskju u konformità, peress li dawn għad iridu jiġu żviluppati. L-integrazzjoni tal-kontrolli fi strateġija tgħin ukoll biex jiġu vvalutati l-effikaċja u l-kostijiet u l-benefiċċji tagħhom, kif meħtieġ mir-Regoli Finanzjarji.

Il-prinċipju 11: L-eu-LISA tagħżel u tiżviluppa kontroll ġenerali fuq it-teknoloġija sabiex issostni l-ilħuq tal-obiettivi

Status: parzjalment implimentat

Il-kontrolli fuq is-sistemi tal-IT huma attivitajiet ewlenin għall-Aġenzija. Dawn jitwettqu b̄mod indipendenti għas-sistemi tan-negożju ewlenin u għas-sistemi korporattivi. L-Aġenzija qiegħda tagħti attenzjoni konsiderevoli wkoll lis-sigurtà tas-sistema, inklużi l-kontinwità tan-negożju u l-irkupru minn diżastri. Għadhom ma ġewx implimentati rakkomandazzjonijiet sinifikanti tal-awditjar (eż. ġestjoni tal-kuntratti, integrazzjoni tal-ġestjoni tal-assi mal-ġestjoni tal-konfigurazzjoni). Dawn il-proċessi jsaħħu l-kontroll tal-Aġenzija fuq l-akkwist u l-manutenzjoni tas-sistemi u l-infrastruttura tagħhom.

Il-prinċipju 12: L-eu-LISA tuża attivitajiet ta' kontroll permezz ta' politiki korporattivi li jistabbilixxu dak li hu mistenni u fi proċeduri li jqiegħdu l-politiki fl-azzjoni

Status: parzjalment implimentat

Id-devjazzjonijiet u t-talbiet għal kontrolli prevalenti ġew irrappurtati u rreġistrati f'reġistru permezz ta' proċeduri li jinvolvu diversi funzjonijiet u livelli ta' ġestjoni. L-analiżi u r-reviżjoni tar-reġistru ġew ippreżentati lill-ED u lill-Kumitat ta' Tmexxija. Saru l-valutazzjoni tal-impatt u l-evalwazzjonijiet u r-riżultati tagħhom intużaw biex tittejjja l-lista tad-dħul tal-proġetti u l-programm ta' ħidma annwali.

Informazzjoni u komunikazzjoni

L-attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni tal-Aġenzija qed isegwu proċeduri u proċessi stabbiliti sew li jappoġġaw il-kisba ta' objettivi organizzattivi usa'. Dawn il-proċeduri u l-proċessi jistgħu jiġu mobilizzati biex jipromwovu s-sensibilizzazzjoni tal-persunal dwar ir-responsabbiltajiet tagħhom fir-rigward tal-kontroll intern u jrawmu l-fehim tal-proċessi u l-approċċi relatati. Ġew adottati proċessi ġodda u l-Aġenzija qed ittejjeb l-informazzjoni u l-ġestjoni tad-dokumenti tagħha.

Il-prinċipju 13: L-eu-LISA tikseb jew tiġġenera u tuża informazzjoni ta' kwalità rilevanti biex tappoġġa l-funzjonament tal-kontroll intern

Status: parzjalment implimentat

Ġew adottati proċessi ġodda u l-Aġenzija qed ittejjeb l-informazzjoni u l-ġestjoni tad-dokumenti tagħha. L-implimentazzjoni ta' dan il-prinċipju tibbenefika mill-adozzjoni tal-istrateġija ta' kontroll, li tista' telenka d-data meħtieġa għall-funzjonament tal-kontroll intern.

Il-prinċipju 14: L-eu-LISA tikkomunika l-informazzjoni internament, inklużi l-objettivi u r-responsabbiltajiet għall-kontroll intern, li huma meħtieġa biex jappoġġaw il-funzjonament tal-kontroll intern

Status: parzjalment implimentat

Hemm firxa wiesgħa ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni interna fis-seħħ, li jwasslu messaġġi dwar l-objettivi u l-isfidi, fost l-oħrajn. Il-komunikazzjoni ddedikata għall-kontroll intern u l-elementi relatati għadha mhix operattiva.

Il-prinċipju 15: L-eu-LISA tikkomunika ma' partijiet esterni dwar kwistjonijiet li jaffettwaw il-funzjonament tal-kontroll intern

Status: parzjalment implimentat

Hemm firxa wiesgħa ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni esterna fis-seħħ, li jsegwu strateġiji u pjanijiet ta' azzjoni stabbiliti. Il-komunikazzjoni ddedikata għall-kontroll intern u l-elementi relatati għadha mhix operattiva.

Attivitajiet ta' monitoraġġ

L-Aġenzija twestaq valutazzjonijiet kontinwi u speċifiċi tal-kontrolli interni tagħha, ibbażati fuq awtovalutazzjonijiet mill-persunal fil-qasam tar-responsabbiltà tagħhom, billi tirrapporta l-attivitajiet, ir-reġistrazzjoni tal-eċċezzjonijiet u l-avvenimenti ta' nuqqas ta' konformità, l-implimentazzjoni tal-istrateġija kontra l-frodi u s-sejbiet tal-awditi interni u esterni. Ir-riżultati ta' dawn il-valutazzjonijiet huma kondiviżi mal-livelli ta' ġestjoni rilevanti u jwasslu għal rakkomandazzjonijiet u pjanijiet ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tagħhom bi rwoli, responsabbiltajiet u skedi ta' żmien speċifiċi.

Il-prinċipju 16: L-eu-LISA tagħżel, tiżviluppa u twestaq valutazzjonijiet kontinwi u/jew separati biex taċċerta jekk il-komponenti tal-kontroll intern humiex preżenti u humiex qed jiffunzjonaw

Status: implimentat

L-Aġenzija qed tuża entitajiet interni u esterni indipendenti biex tivvaluta b'mod regolari l-effettività tal-mekkaniżmi, proċeduri u proċessi ta' governanza, inklużi l-kontrolli. Ir-riżultati ta' dawn il-valutazzjonijiet huma kondiviżi mal-livelli

ta' ġestjoni rilevanti u jwasslu għal rakkomandazzjonijiet u pjanijiet ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tagħhom bi rwoli, responsabbiltajiet u skedi ta' żmien speċifiċi.

Il-prinċipju 17: L-eu-LISA tivvaluta u tikkomunika n-nuqqasijiet fil-kontroll intern fil-ħin lil dawk il-partijiet responsabbli għat-teħid ta' azzjoni korrettiva, inkluż il-maniġment u l-Bord tat-Tmexxija, kif xieraq

Status: parzjalment implimentat

L-Aġenzija wettqet l-ewwel valutazzjoni tat-test tagħha dwar l-effikaċja tal-QKI fl-2020.

3.1.3 Riskji korporattivi kbar matul il-perjodu ta' rapportar

Tabella 17: Riskji korporattivi kbar

Klassifikazzjoni	Deskrizzjoni tar-riskju
RISKJU 1	<p>Il-miżuri li diġà ttieħdu jistgħu ma jkunux biżżejjed sabiex jiżguraw li d-daqs tal-kapaċità taċ-ċentru tad-<i>data</i> jippermetti lill-Aġenzija tospita sistemi futuri.</p> <p>L-impronta taċ-ċentru tad-<i>data</i> tista' tkun limitazzjoni fuq l-ospitar ta' pjattaformi addizzjonali biex jiġu appoġġati proġetti ġodda, bħall-EES u l-ETIAS, u b'hekk l-Aġenzija tkun imxekkla fl-eżekuzzjoni ta' attivitajiet ġodda.</p> <p>Probabilità ta' Analiżi Kwalitattiva: 3.9 Impatt ta' Analiżi Kwalitattiva: 2.8 Rispons għar-Riskju: Mitigazzjoni</p>
RISKJU 2	<p>Instabbiltà organizzattiva li tirriżulta mir-ristrutturar tal-Aġenzija.</p> <p>Ir-riorganizzazzjoni, filwaqt li tfittex li ttejjeb il-kapaċitajiet tal-Aġenzija biex tittratta l-isfidi tal-futur, toħloq bidla sinifikanti fuq medda qasira ta' żmien li tirriskja li toħloq instabbiltà f'termini ta' riżorsi umani u proċessi organizzattivi.</p> <p>Probabilità ta' Analiżi Kwalitattiva: 3 Impatt ta' Analiżi Kwalitattiva: 2.9 Rispons għar-Riskju: Mitigazzjoni</p>
RISKJU 3	<p>Theddida ta' żieda sinifikanti fil-kost tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni.</p> <p>Peress li l-Aġenzija hija marbuta bil-kuntratt qafas ta' DIGIT, TESTA-ng, hemm riskju sinifikanti ta' żieda fil-kostijiet minħabba l-estensjoni ta' TESTA-ng, li dalwaqt se jiġi nnegożjat.</p> <p>Din l-estensjoni hija meħtieġa biex jitnaqqas id-distakk mal-kuntratt suċċessur, l-FPEN (in-Network pan-Ewropew Futur).</p> <p>Probabilità ta' Analiżi Kwalitattiva: 2.7 Impatt ta' Analiżi Kwalitattiva: 3.1 Rispons għar-Riskju: Mitigazzjoni</p>

RISKJU 4	<p>L-allokazzjoni u l-ibbilanċjar xieraq tar-riżorsi jistgħu jkunu mxejnkla min-nuqqas ta' persunal, proċeduri u għodod. Barra minn hekk, hemm riskju dejjem akbar ta' diskrepanza bejn l-għadd ta' persunal statutorju u l-attivitajiet li għandhom jitwettqu, li jista' jaffettwa b'mod negattiv il-ħidma tal-Aġenzija u possibbilment il-kontinwità tan-negożju tagħha.</p> <p>L-implimentazzjoni/kanċellazzjoni tal-baġit tal-appropriazzjonijiet għas-sena n-1.</p> <p>Nuqqas ta' għodda u proċedura għall-ġestjoni tar-riżorsi maturi u effiċjenti biex ilaħħqu mal-ammont ta' proġetti. Nuqqas ta' riżorsi jista' jwassal għal dewmien sinifikanti fl-attivitajiet u jista' jżid il-ħidma mill-ġdid tal-ippjanar.</p> <p>Barra minn hekk, skont ir-regolament finanzjarju, il-baġit għandu jikkonforma mal-prinċipju tal-annwalità. Ir-riport tal-appropriazzjonijiet ta' impenn (permezz ta' impenji globali) għall-infiq operattiv u r-riport tal-appropriazzjonijiet ta' pagament għan-nefqa amministrattiva mill-baġit tas-sena preċedenti (n-1) jassorbi r-riżorsi (fil-forma ta' FTEs) meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-baġit tas-sena kurrenti (n) u jżid ir-riskju ta' kanċellazzjoni tal-appropriazzjonijiet.</p> <p>Probabilità ta' Analiżi Kwalitattiva: 2.9 Impatt ta' Analiżi Kwalitattiva: 2.8 Rispons għar-Riskju: Mitigazzjoni</p>
RISKJU 5	<p>Telf temporanju potenzjali ta' xi funzjonijiet ta' appoġġ estern minħabba t-tranżizzjoni għal kuntratt qafas ġdid.</p> <p>Il-kuntratti qafas li bihom kuntratturi esterni ta' appoġġ jiġu pprovduti lill-Aġenzija se jintemmu fil-perjodu ta' 12-il xahar li ġej. Il-kuntratti tal-biċċa l-kbira tal-kuntratturi jintemmu f'dan iż-żmien, u dan iwassal għal tluq probabbli sinifikanti tal-kuntratturi kollha fl-istess ħin. Skont l-arranġamenti għal kuntratt qafas futur, jista' jkun hemm perjodu li fih is-servizzi ta' appoġġ ipprovduti minn dawn il-kuntratturi ma jiġux ipprovduti. Minħabba r-rwol ewlieni li għandhom ħafna (ara l-kwistjoni tad-dipendenza fuq persunal mhux statutorju), hemm riskju ta' impatt sinifikanti fuq il-kontinwità tan-negożju.</p> <p>Probabilità ta' Analiżi Kwalitattiva: 2.9 Impatt ta' Analiżi Kwalitattiva: 2.5 Rispons għar-Riskju: Mitigazzjoni</p>
RISKJU 6	<p>Ksur tal-kunfidenzjalità: esponiment aċċidentali pubbliku ta' informazzjoni sensittiva dwar l-akkwist.</p> <p>L-esponiment aċċidentali ta' informazzjoni sensittiva dwar l-akkwist li jista' jwassal għall-ħolqien ta' vantaġġ kompetittiv u jiffaċilita sitwazzjonijiet ta' immanuvrar tal-offerti, jista' jdgħajjef ir-reputazzjoni tal-Aġenzija u jwassal għal kanċellazzjoni ta' offerti jew kwistjonijiet ta' litigazzjoni <i>ex post</i>.</p> <p>Probabilità ta' Analiżi Kwalitattiva: 3.4 Impatt ta' Analiżi Kwalitattiva: 1.8 Rispons għar-Riskju: Mitigazzjoni</p>

RISKJU 7	<p>L-inkapaċità tal-Aġenzija li tikkombina x-xogħol orjentat lejn il-futur u x-xogħol kurrenti ta' manutenzjoni tas-sistema mal-istrutturi u l-proċeduri diġà fis-seħħ (tagħlim, integrazzjoni, eċċ.).</p> <p>L-Aġenzija qed tiffaċċja perjodu li ġej li fih huwa previst żvilupp estensiv tas-sistemi. Dan se jkollu jinkiseb flimkien ma' dedikazzjoni kontinwa għall-manutenzjoni u l-evoluzzjoni tas-sistema attwali. Minkejja li x-xogħol huwa differenti, iż-żewġ fergħat se jkollhom jiġu integrati u l-għarfinen miksub permezz tax-xogħol tal-ġestjoni operattiva użat għall-iżvilupp ta' sistemi ġodda. Dan iqajjem sfidi fir-rigward tal-integrazzjoni ta' persunal ġdid, it-taħriġ tal-persunal attwali, u l-adattament għal proċessi ġodda, eċċ.</p> <p>Probabilità ta' Analiżi Kwalitattiva: 2.2</p> <p>Impatt ta' Analiżi Kwalitattiva: 1.8</p> <p>Rispons għar-Riskju: Mitigazzjoni</p>
RISKJU 8	<p>Esternalizzazzjoni tal-IT Korporattiva.</p> <p>Il-pjan ta' esternalizzazzjoni antiċipat tal-IT Korporattiv jinkludi livell ta' kunfidenzjalità, integrità u riskji ta' disponibbiltà li potenzjalment jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv il-prestazzjoni, is-sigurtà u l-kwalità tas-servizzi, eż. distanza ġeografika kbira bejn is-sit tal-forniment tas-servizz u eu-LISA jew nuqqas ta' kontroll fuq utenti privileġġati ta' livell għoli.</p> <p>Probabilità ta' Analiżi Kwalitattiva: 2</p> <p>Impatt ta' Analiżi Kwalitattiva: 1.5</p> <p>Rispons għar-Riskju: Mitigazzjoni</p>

Is-sors għar-riskji korporattivi għas-sena 2019 kien il-fażi annwali tal-ġbir u l-valutazzjoni tar-riskju, imwettqa mit-tielet kwart tal-2018 mill-maniġment tal-eu-LISA (membri tal-kumitat tal-maniġment u kapijiet tas-settur). Ir-riskji li tqajmu ġew ivvalutati mill-partijiet ikkonċernati permezz ta' analiżi kwalitattiva (l-eżitu huwa l-probabbiltà u l-impatt medju) u analiżi kwantitattiva, meta possibbli (il-valur tar-riskju mistenni). Ir-riskji korporattivi ġew diskussi u kkonfermati matul il-workshop annwali dwar ir-riskji korporattivi fi tmiem l-2018 u ġie nominat sid ir-riskju.

Il-pjanijiet ta' rispons maqbula għar-riskji identifikati fl-2018 ġew segwiti matul l-2019 u nżammu sakemm ir-riskju ingħalaq.

Il-workshop annwali dwar ir-riskji korporattivi sar fit-28 ta' Novembru 2019. Ġie deċiż li jinżammu miftuħa r-riskji kollha identifikati fl-2018, minbarra r-riskju 7, li ġie amalgamat ma' riskju identifikat matul l-eżerċizzju tal-2019.

3.1.4 Rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Istrateġija Kontra l-Frodi⁶¹

L-Istrateġija riveduta Kontra l-Frodi tinkludi tliet objettivi strateġiċi għall-perjodu 2019-2021:

- it-tisħiħ tal-kultura kontra l-frodi fl-Aġenzija;
- l-istabbiliment u ż-żamma ta' livell għoli ta' etika f'konformità mal-attivitajiet tal-eu-LISA;
- l-iżvilupp ta' intelliġenza għal skopijiet ta' prevenzjoni u detezzjoni.

L-IAC immonitorjat regolarment l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni meħmuż mal-istrateġija. Ir-rapport jiġbor fil-qosor ir-risposti li waslu mis-sidien tal-azzjoni wara diversi laqgħat bejn l-IAC u s-sidien tal-azzjoni. L-IAC, abbażi tad-dikjarazzjonijiet tas-sidien tal-azzjoni, wettqet proċedura ta' assigurazzjoni u ġabret evidenza sabiex tiddefinixxi l-istatus tal-implimentazzjoni.

⁶¹ Rapport tal-IAC, ref. Ares(2020)1109829 - 21/02/2020.

Il-pjan ta' azzjoni inizjalment kellu 12-il azzjoni, kull waħda minnhom immirata biex jitnaqqas wieħed jew ħafna mir-riskji ta' frodi identifikati. L-Aġenzija implimentat sitta minn tnax-il azzjoni ppjanata, li tagħti rata ta' implimentazzjoni ta' 50 %. Dan ir-riżultat jista' jiġi kkwalifikat b'ħala suffiċjenti għas-sena 2019. Madankollu, fis-snin li ġejjin huma mistennija sforzi intensifikati mis-sidien tal-azzjoni sabiex tinkiseb implimentazzjoni sħiħa.

L-IAC għamlet ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin biex ittejjeb l-effikaċja tal-monitoraġġ.

- L-iżgurar li d-data meħtieġa għall-kalkolu tal-indikaturi tal-prestazzjoni tal-istrateġija tkun disponibbli.
- F'Novembru 2019, matul l-eżerċizzju annwali tal-ġestjoni tar-riskju korporattiv, l-Aġenzija identifikat żewġ riskji potenzjali ġodda ta' frodi. Il-pjan ta' azzjoni għandu jiġi aġġornat b'azzjonijiet ta' mitigazzjoni li jindirizzaw dawn iż-żewġ riskji (li diġà saru).
- Minħabba l-kumplessità tal-pjanijiet ta' azzjoni mmarkati b'ħala "Għadejjin", qed jiġu proposti skadenzi riveduti għall-implimentazzjoni ta' dawn il-pjanijiet ta' azzjoni.

3.2 Konklużjonijiet tal-valutazzjoni tal-effettività tal-QKI

Is-sejbiet tal-ewwel valutazzjoni tal-effettività tal-kontroll intern fl-eu-LISA jindikaw li l-qafas ta' kontroll intern tal-aġenzija qed jaħdem b'mod effettiv. Fl-istess ħin, l-iskeda ta' żmien intensiva ta' implimentazzjoni tal-inizjattivi ewlenin tal-Aġenzija u l-ġestjoni relatata ta' riżorsi finanzjarji u umani sostanzjali se jeħtieġu titjib kontinwu fil-livell u l-effettività tal-kontrolli. F'dan ir-rigward, l-Aġenzija tibbenefika mill-integrazzjoni espliċita u dettaljata tal-oġġettivi, ir-riskji u l-kontrolli, inkluża d-definizzjoni ta' aptit għar-riskju fil-livelli rilevanti biex jiġi definit livell xieraq ta' kontrolli. Sforzi bħal dawn jgħinu fil-valutazzjoni tal-effettività tal-kontroll, l-identifikazzjoni ta' lakuni possibbli u l-prijoritizzazzjoni ta' azzjonijiet ta' segwitu, kif ukoll jappoġġaw ir-responsabbiltà tal-persunal, u jippromwovu t-trasparenza fl-implimentazzjoni, fil-monitoraġġ u fl-attivitajiet ta' rapportar.

3.3 Dikjarazzjoni mill-Maniġer responsabbli għall-Ġestjoni tar-Riskju u l-Kontroll Intern

Jien, is-sottoskritt,

Il-Maniġer responsabbli għall-Ġestjoni tar-Riskju u l-Kontroll Intern fi ħdan l-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA),

Fil-kapaċità tiegħi b'ħala Maniġer responsabbli għall-Ġestjoni tar-Riskju u l-Kontroll Intern,

Niddikjara li, skont il-Qafas ta' Kontroll Intern tal-eu-LISA, jiena rrapportajt il-pariri u r-rakkomandazzjonijiet tiegħi dwar l-istat ġenerali tal-kontroll intern fl-Aġenzija lid-Direttur Eżekuttiv.

Jien hawnhekk niċċertifika li l-informazzjoni pprovduta dwar is-sistema ta' kontroll intern fir-Rapport Annwali tal-Attività preżenti u l-annessi tiegħu hija, sa fejn naf jien, preċiża, affidabbli u kompleta.

Tallinn, 17 ta' Ġunju 2020



ANNA PLATONOVA

Anna Platonova

4 Assigurazzjoni tal-maniġment

4.1 Rieżami tal-elementi li jappoġġaw l-assigurazzjoni

L-elementi kostitwenti tal-assigurazzjoni jsejso l-assigurazzjoni raġonevoli mill-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni fid-dikjarazzjoni tiegħu ta' assigurazzjoni fir-Rapport Annwali tal-Attività. Dawn huma miġburin fil-qosor hawn taħt.

Element kostitwenti 1: Valutazzjoni mill-maniġment

Valutazzjoni mill-maniġment

Il-maniġment tal-Aġenzija għandu fiduċja raġonevoli li, b'mod ġenerali, hemm fis-seħħ kontrolli xierqa u dawn qegħdin jaħdmu kif suppost; ir-riskji qegħdin jiġu mmonitorjati u mitigati b'mod xieraq u qegħdin jiġu implimentati t-titjib u r-rinforzi neċċessarji.

Barra minn hekk, il-maniġment tal-Aġenzija jirrikonoxxi l-ftieġa li jinżamm livell għoli ta' effiċjenza fil-qafas ta' kontroll intern tagħha u li jitkompla l-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-prinċipji u l-komponenti tal-QKI sabiex jiġi żgurat li jintlaħqu l-oġettivi stabbiliti fir-regolament ta' stabbiliment u fl-Istrateġija fit-Tul tal-Aġenzija.

Reġistru ta' eċċezzjonijiet

L-Aġenzija kellha fis-seħħ proċedura għar-reġistrazzjoni tal-eċċezzjonijiet mill-2013. Fil-bidu tal-2015, għet adottata proċedura formali għar-reġistrazzjoni u l-ġestjoni tal-eċċezzjonijiet. L-oġettiv ġenerali tagħha huwa li tistabbilixxi arranġamenti xierqa sabiex ikun assigurat li kwalunkwe ċirkostanza eċċezzjonali jew każijiet sinifikanti ta' qbiż tal-kontrolli jew devjazzjonijiet mill-qafas regolatorju stabbilit tiġi spjegata bir-reqqa, irreġistrata u rrapportata skont il-prinċipju tat-trasparenza. Kwalunkwe eċċezzjoni għandha tiġi dokumentata, iġġustifikata u approvata fil-livell xieraq qabel ma tittieħed kwalunkwe azzjoni.

Fl-2019, ġew irreġistrati 25 eċċezzjoni u 8 avvenimenti ta' nuqqas ta' konformità. Saret reviżjoni tar-reġistru tal-eċċezzjonijiet u tal-avvenimenti ta' nuqqas ta' konformità u għet ippreżentata lill-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni f'Jannar 2020. L-uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni ddetermina li dawn l-eċċezzjonijiet ma jeħtiġux riżerva formali fid-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni abbażi ta' materjalità. Fid-dawl tal-implimentazzjoni tal-QKI u abbażi tal-konklużjonijiet tar-reviżjoni tar-reġistru tal-eċċezzjonijiet, il-proċedura operattiva standard għall-eċċezzjonijiet u l-avvenimenti ta' nuqqas ta' konformità se tiġi aġġornata fl-2020.

Element kostitwenti 2: Riżultati tal-awditu estern

Opinjoni tal-IAS

Fl-2019, is-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS) tal-Kummissjoni wettaq awditu ta' assigurazzjoni wieħed dwar ir-Reklutaġġ tal-Persunal tal-Aġenzija, il-Ġestjoni u l-Ingaġġ tal-Fornituri tas-Servizzi Strutturali (SSPs), u l-Etika Organizzattiva. L-IAS ikkonkluda li, fil-kuntest diffiċli ta' tkabbir rapidu, b'mod ġenerali l-proċeduri ta' reklutaġġ tal-Aġenzija jikkonformaw mal-oqfsa regolatorji fis-seħħ, u s-sistemi ta' kontroll intern għall-ġestjoni tal-għażla u r-reklutaġġ ta' persunal u etika organizzattiva huma adegwati. L-Aġenzija tamministra wkoll il-fornituri tas-servizz strutturali tagħha f'konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fil-kuntratti qafas ta' servizz rispettivi. Madankollu, għadhom jeżistu nuqqasijiet kbar fir-rigward tal-proċessi għall-valutazzjoni tar-rekwiżiti tar-riżorsi umani u n-nuqqas ta' assigurazzjonijiet legali (nazzjonali) dwar l-ingaġġ tal-fornituri tas-servizzi strutturali.

L-opinjoni tal-QEA (Osservazzjonijiet preliminari bil-ħsieb ta' rapportar dwar il-kontijiet annwali tal-eu-LISA għas-sena finanzjarja 2019)

Opinjoni dwar l-affidabilità tal-kontijiet

